p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inkluż l-aġenziji, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, lill-EFSD.

Skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovi approprazzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw l-ispiża li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p.1).

6 3 6 **Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kontribuzzjonijiet għall-Fond ta' garanzija tal-FEIS skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/1017.

F'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, att bażiku jista' wkoll jassenja d-dħul li huwa jipprevedi għal partiti speċifiċi tan-nefqa. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-att bażiku, tali dħul għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern.

KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET TAĦT FTEHIM SPEĊIFIĊI (ikompli)**6 3 6** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu..

6 3 7 **Fond għall-Innovazzjoni - Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.		

*Kummenti**Artikolu ġdid*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul tal-Fond għall-Innovazzjoni (FI) iġġenerat mill-irkant ta' kwoti skont l-Artikoli 10 u 10a(8), tad-Direttiva 2003/87/KE għall-kompiti kollha ta' implimentazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni f'ġestjoni diretta soġġetta għad-deċiżjoni finali dwar id-delegazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni.

Għas-sena baġitarja 2020, huwa stmat b'mod proviżorju li ammont ta' bejn EUR 2,5 u 3,0 miljun se jkun meħtieġ biex tiġi ffinanzjata l-kontribuzzjoni għan-nefqa tal-persunal u l-amministrazzjoni tal-INEA mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni ffinanzjat mill-partita tal-baġit 34 01 06 01.

Dan se jippermetti t-tħejjija tal-ewwel sejħa għal proposti fl-2020, li mistennija titnieda fil-bidu tat-tieni nofs tal-2020, fil-medda ta' EUR 1,0-1,5 biljun.

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għal din is-sejħa se jiġu ġġenerati mid-dħul li ġej mill-irkant f'Jannar 2020 tal-ewwel porzjon tal-50 miljun kwota tal-emissjonijiet allokatu għall-Fond ta' Innovazzjoni mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq u l-ammonti mhux minfuqa millfond preċedenti NER300. Il-pagamenti għal proġetti magħżula mill-ewwel sejħa huma mistennija li jsiru mill-2021 'il quddiem.

Bażi ġuridika

Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET TAĦT FTEHIM SPEĊIFIĊI (ikompli)**6 3 7 (ikompli)**

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 tas-26 ta' Frar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tal-Fond għall-Innovazzjoni (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 6.)

KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI**6 4 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat****6 4 1 0 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji (Dħul) — Dħul Assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	43 664 382,70

Kummenti

Id-dħul, inklużi dividendi, qligħ kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self u fuq ammonti f'kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħin għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont xi strument finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 209(3) tiegħu.

6 4 1 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji (Ripagamenti) — Dħul Assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	56 539 343,84

Kummenti

Rimborżi annwali, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborżi tal-kapital ta' self, imħallsa lura lill-Kummissjoni jew f'kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont strument finanzjarju, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jintużaw għall-istess strumenti finanzjarji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 215(5) ta' dak ir-Regolament, għal perjodu li ma jaqbiżx il-perjodu tal-impenn tal-appropriazzjonijiet b'żieda ta' sentejn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-att bażiku rilevanti.

KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI (ikompli)**6 4 1** (ikompli)

6 4 1 1 (ikompli)

Din il-Partita tintuża wkoll biex jiġu rreġistrati r-ripagamenti li jirriżultaw minn tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012(ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 209(3) tiegħu.

6 4 2 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji – Dħul mhux assenjat

6 4 2 0 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji – Dħul

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
25 000 000	25 000 000	11 546 742,65

Kummenti

Dħul, inklużi dividendi, qligħ kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self u fuq ammonti f'kontijiet fiduċjarji mħallsin lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħin għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont xi strument finanzjarju, għandhom jiddaħħlu fil-baġit wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u t-tariffi tal-maniġment.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012(ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 209(3) tiegħu.

6 4 2 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Ripagamenti

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
25 000 000	25 000 000	52 855 791,19

KAPITOLU 6 4 — KONTRIBUZZJONIJIET MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI (ikompli)**6 4 2** (ikompli)

6 4 2 1 (ikompli)

Kummenti

Ir-ripagamenti annwali, inklużi ripagamenti kapitali, garanziji rilaxxati, u ripagamenti tal-kapital ta' selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni jew kontijiet fiduċjarji miftuħa għal strumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fil-qafas ta' xi strument finanzjarju, jekk ikun speċifikat hekk f'att bażiku, ma jistgħux jitqiesu bħala dħul intern assenjat.

Din il-partita hija maħsuba wkoll biex tinkludi l-ammonti mhux użati ddefiniti bħala ammonti mħallsa mill-Unjoni (b'hekk trasferiti fil-kont fiduċjarju tal-istrumenti) – abbażi ta' obbligu legali – li jaqbzū l-ammonti impenjati mill-entità fdata iżda mhux użata.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 209(3) tiegħu.

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**6 5 1** **Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodi tal-ipprogrammar qabel l-2000**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	279 717,07

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jilqa' korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) Taqsima ta' Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), b'rabta mal-perjodi tal-ipprogramm ta' qabel l-2000.

L-ammonti allokatu għal dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (*ikompli*)**6 5 1** (*ikompli*)

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' assistenza kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/88, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-assistenza jew il-proġetti konċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinament tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investimenti u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4256/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar it-Taqsima Gwida tal-FAEGG (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2080/93 tal-20 ta' Diċembru 1993 li jstipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar l-istrument finanzjarju tal-gwida tas-sajd (ĠU L 193, 31.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jstabilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mingħand il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (FEGGA) (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (*ikompli*)**6 5 1** (*ikompli*)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p.1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

6 5 2 **Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2000-2006 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	12 825 552,43

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (EAGGF) Taqsima ta' Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (Sapard), relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 u l-Istrument ta' Tranżizzjoni tal-Iżvilupp Rurali (TRDI) iffinanzjati mit-Taqsima Garanzija tal-FAEGG.

L-ammonti allokatu għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' assistenza kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/88, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-assistenza jew il-proġetti konċernati sat-tmiem tagħhom.

Fkonformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mingħand il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola (FEGGA) (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (*ikompli*)**6 5 2** (*ikompli*)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p.1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004 tat-28 ta' Jannar 2004 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali tranżitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 24, 29.1.2004, p.25).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (*ikompli*)**6 5 2** (*ikompli*)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 3 **Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	4 639 723,19

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' fil-*il-korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA I), marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013.*

L-ammonti allokatu għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p.82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI (ikompli)**6 5 4 Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-perjodu tal-ipprogrammar 2014-2020 — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020.

L-ammonti allokati għal dan l-artikolu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, se jintużaw biex jipprovdu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11, 13 u 18 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA**6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra****6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet oħra u restituzzjonijiet magħmulha — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	617 388 442,16

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA (ikompli)**6 6 0** (ikompli)

6 6 0 0 (ikompli)

Kummenti

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' kwalunkwe dħul mhux kopert f'partijiet oħrajn tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

Il-Parlament Ewropew	p.m.
Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	p.m.
L-Ombudsman Ewropew	p.m.
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
Total	p.m.

6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet oħra u rifużjonijiet assenjati

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
80 000 000	80 000 000	1 623 615,04

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħrajn tat-Titolu 6 li ma jintużax f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

il-Parlament Ewropew	p.m.
Kummissjoni	80 000 000
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
Total	80 000 000

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI**6 7 0** ***Dħul li jirrigwarda l-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura***

6 7 0 1 Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	861 884 003,55

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (*ikompli*)**6 7 0** (*ikompli*)6 7 0 1 (*ikompli*)*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni rigward nefqa finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsimha Garanzija) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettiva Finanzjarja 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 f'konformità mal-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Din tinkludi korrezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi tal-pagamenti skont l-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament.

Din il-partita hija maħsuba wkoll sabiex tilqa' ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni rigward nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 320/2006, u li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovi approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taħt il-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsimha III "Il-Kummissjoni".

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li huwa ta' EUR 944 000 000 inklużi EUR 352 000 000 stmati li għandhom jiġu riportati mill-2019 għall-2020, skont il-punt (b) tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2020, l-ammont ta' EUR 150 000 000 kien ikkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri skont l-Artikolu 05 02 08 (il-Partita 05 02 08 03) u l-bqija tal-ammont ta' EUR 794 000 000 kien ikkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri skont l-Artikolu 05 03 01 (il-Partita 05 03 01 10).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (ikompli)

6 7 0 (ikompli)

6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agricoltura — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	131 592 394,89

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti rkuprati wara irregolarotajiet jew negliġenza, inkluż l-imgħax relatat, b'mod partikolari ammonti riċevuti f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u imgħax riċevut, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji ċeduti li jikkonċernaw nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsimha Garanzija) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 b'konformità mal-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hija maħsuba wkoll sabiex tilqa' ammonti rkuprati wara irregolarotajiet jew żbalji, inklużi imgħax, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 320/2006, u li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Hi maħsuba wkoll biex tilqa' l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif previst fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikoli 43 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taħt il-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsimha III "Il-Kummissjoni".

Id-dħul taħt din il-partita kien stmat li huwa EUR 127 000 000. Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2020, dan l-ammont ittieded f'konsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri fl-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10)..

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIGWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (*ikompli*)

6 7 0 (*ikompli*)

6 7 0 3 Imposta speċjali mill-produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	3 884 635,12

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' fiha ammonti li jkunu relatati mal-imposta fuq is-surplus li tapplika għas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li jinġabru jew jiġu rkuprati skont it-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali għal kwalunkwe partita baġitarja taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Il-Kummissjoni".

L-imposta speċjali fuq il-ħalib inġabret u ġiet iddikjarata mill-Istati Membri għall-aħħar darba fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2016 wara tmiem is-sistema tal-kwoti tal-ħalib fis-sena kalendarja 2015. Kull dħul taħt din il-partita jkun jikkonċerna biss ir-regolarizzazzjoni ta' ċerti fajls, li ma jistgħux isiru stimi dwarhom minn qabel, u jintuża għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri skont l-Artikolu 05 03 01 (il-Partita 05 03 01 10).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

6 7 1 ***Dħul li jirrigwarda il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali***

6 7 1 1 Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	250 426 539,98

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (ikompli)

6 7 1 (ikompli)

6 7 1 1 (ikompli)

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tilqa' fiha l-ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti marbuta mar-ripagament ta' ħlasijiet akkont taħt il-FAEŻR jiġu wkoll irreġistrati f'din il-partita.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Id-dħul taħt din il-partita kien stmat li huwa EUR 341 000 000. Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2020, dan l-ammont kien ikkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri FAEŻR fil-Kapitolu 05 04 (il-Partita 05 04 60 01).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	198 800 557,47

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex tilqa' ammonti rkuprati li jirriżultaw minn irregolaritajiet u negliġenza, inkluż l-imġhax relatat, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u imġhax riċevut kif ukoll titoli ċeduti fil-kuntest ta' żvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR b'konformità mal-Artikolu 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta kien qed jitħejja l-baġit għall-2020, l-ebda ammont speċifiku ma kien previst għall-partiti tal-baġit FAEŻR fil-Kapitolu 05 04.

KAPITOLU 6 7 — DĦUL LI JIRRIĠWARDA L-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (*ikompli*)

6 7 1 (*ikompli*)

6 7 1 2 (*ikompli*)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

TITOLU 7

MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MULTI

KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI

KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 7 0				
7 0 0	L-imgħax ta' inadempjenza				
7 0 0 0	L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jirrappurtaw l-Istati Membri	5 000 000	5 000 000	30 801 259,92	616,03
7 0 0 1	Mgħax ta' inadempjenza ieħor	p.m.	p.m.	588 255,15	
	<i>Artikolu 7 0 0 — Total</i>	5 000 000	5 000 000	31 389 515,07	627,79
7 0 1	L-imgħax konness mal-multi u mal-pagamenti ta' penali	10 000 000	10 000 000	54 501 323,69	545,01
7 0 2	Mgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
7 0 9	Mgħax ieħor	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 7 0 — TOTAL	15 000 000	15 000 000	85 890 838,76	572,61
	KAPITOLU 7 1				
7 1 0	Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u multi oħrajn b'raba mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	100 000 000	100 000 000	1 149 104 530,22	1 149,10
7 1 1	Il-pagamenti tal-penali u ta' ammoniti f'daqqa imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li l-Istat Membru ma jkunx issodisfa obbligu fit-Trattat	p.m.	p.m.	192 647 201,15	
7 1 2	Multi imposti minħabba frodi u minħabba irregolaritajiet li jkunu ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni	p.m.	p.m.	0,—	
7 1 3	Multi fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	45 750 000,—	
7 1 9	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn				
7 1 9 0	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
7 1 9 1	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 7 1 9 — Total</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 7 1 — TOTAL	100 000 000	100 000 000	1 387 501 731,37	1 387,50
	Titolu 7 — Total	115 000 000	115 000 000	1 473 392 570,13	1 281,21

TITOLU 7

MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MULTI

KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI

7 0 0 *L-imgħax ta' inadempjenza*

7 0 0 0 L-imgħax ta' inadempjenza rigward ir-riżorsi proprji li jirrapportaw l-Istati Membri

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
5 000 000	5 000 000	30 801 259,92

Kummenti

Kwalunkwe dewmien minn Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ fisem il-Kummissjoni, imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jagħti lok għall-ħlas tal-imgħax mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, l-irkupru ta' ammonti ta' imgħax li jkunu inqas minn EUR 500 għandu jiġi rrinunzjat.

Għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING, l-imgħax għandu jkun pagabbli biss fir-rigward ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Fil-każ ta' Stati Membri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun applika għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid fl-ewwel jum tax-xahar li fih tkun ħabtet id-data dovuta, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Fil-każ ta' Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata applikata mill-banek ċentrali fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni għall-operazzjonijiet ewlenin tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Għall-Istati Membri li ma jkollhomx disponibbli r-rata tal-banek ċentrali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata l-aktar ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni fis-suq monetarju tal-Istat Membru, jew 0 fil-mija, skont liema tkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien.

Iż-żieda totali ma għandhiex taqbeż is-16-il punt perċentwali. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	5 000 000
Total	5 000 000

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas- 26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)**7 0 0** (ikompli)**7 0 0 1** Mgħax ta' inadempjenza ieħor

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	588 255,15

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat l-imgħax ta' inadempjenza fuq l-intitolamenti minbarra r-riżorsi proprji.

il-Kunsill	p.m.
il-Kummissjoni	p.m.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
	p.m.
Totali	p.m.

Bażi ġuridika

Ftehma dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006 p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu.

7 0 1 *L-imgħax konness mal-multi u mal-pagamenti ta' penali*

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
10 000 000	10 000 000	54 501 323,69

KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)**7 0 1** (ikompli)*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi l-imgħax provenjenti minn konti speċjali għall-multi u l-imgħax ta' inadempjenza marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali, inklużi l-pagamenti ta' penali marbutin mal-Istati Membri.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu.

7 0 2 **Mgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi l-imgħax fuq id-depożiti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

Bi qbil mal-punt (c) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi fejn kien hemm l-ewwel nefqa li wasslet għad-dħul korrispondenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

7 0 9 **Mgħax ieħor**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 7 0 — MGĦAX TA' INADEMPJENZA U MGĦAX FUQ IL-MULTI (ikompli)**7 0 9** (ikompli)*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jilqa' kull mgħax ieħor possibbli b'rabta ma' pagament tardiv u mhux elenkat fil-Kapitolu 70 li jkun dovut biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali meta ma jkunx iġġustifikat li tinholq linja baġitarja speċifika.

Il-Kunsill	p.m.
Il-Kummissjoni	p.m.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	p.m.
Totali	p.m.

KAPITOLU 7 1 — MULTI U PENALI**7 1 0** **Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u multi oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
100 000 000	100 000 000	1 149 104 530,22

Kummenti

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux jkunux qed jirrispettaw il-projbizzjonijiet jew iwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti taħt jew fuq l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Normalment il-multi għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tiġborx l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Sad-data finali għall-pagament, l-impriża trid jew tagħti pagament proviżorju lill-Kummissjoni, inkella tagħtiha garanzija finanzjarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew il-ħlas addizzjonali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.1.2003, p. 1).

- appoġġ tekniku għal dawk is-sistemi, u xogħol tekniku meħtieġ biex ikun żgurat li joperaw b'mod sodisfaċenti.

Taħriġ ieħor u taħriġ manġerjali:

- nefqa fuq taħriġ ġenerali maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:
 - tariffi li jitħallsu lill-esperti mqabbda biex jidentifikaw il-bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,
 - tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, manġment, strateġija, garanzija tal-kwalità u mmaniġġar tal-persunal,

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 02 (ikompli)

XX 01 02 11 (ikompli)

- nefqa mġarrba fid-disinn, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-għalliem/kelliema fil-kors tal-ivvjaġġar u s-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),
- in-nefqa biex wieħed jattendi għal taħriġ estern u biex jingħaqad ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta ma' aspetti prattiċi biex ikunu organizzati dawn l-ispejjeż, u l-użu ta' bini u trasport u l-ispiża tal-ikel u akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-internet relatati u x-xiri ta' tagħmir ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għat-teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,
- l-iffinanzjar ta' apparat li jiffaċilita t-tagħlim.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-ispejjeż ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji konċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa smat li jilħaq is-EUR 672 000.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet addizzjonali, skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat ibbażat fuq id-*data* disponibbli skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat li hu ta' EUR 13 395 970.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 02 (ikompli)

XX 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
XX 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 12 01	Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentazzjonijiet	5,2	5 870 000	5 620 000	5 700 000,—
XX 01 02 12 02	Taħriġ ulterjuri għall-persunal fid-delegazzjonijiet	5,2	485 000	485 000	369 682,70
	Partita XX 01 02 12 — Total		6 355 000	6 105 000	6 069 682,70

Kummenti

Fir-rigward tal-partiti 19 01 02 12, 20 01 02 12, 21 01 02 12 u 22 01 02 12 dwar persunal tal-Kummissjoni f' delegazzjonijiet tal-Unjoni f' pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

- spejjeż u gratifiki mixxelanji dwar persunal ieħor, inklużi konsultazzjonijiet ġuridika,
- nefqa provenjenti minn proċeduri ta' reklutaġġ ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi kostijiet ta' pubblikazzjoni, vjaġġar u spejjeż ta' sussistenza u assigurazzjoni għall-aċċidenti għal kandidati li jkunu msejħa għal eżamijiet u intervisti, kostijiet konnessi mal-organizzazzjoni ta' testijiet għal reklutaġġ ta' gruppi u eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ,
- spejjeż relatati mal-kost ta' eżamijiet mediċi annwali ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi analiżijiet u testijiet imwettqa bħala parti minn eżamijiet bħal dawn, attivitajiet kulturali u inizjattivi biex jitħeġġu l-kuntatti soċjali,
- l-ispejjeż relatati mal-kostijiet mediċi tal-persunal lokali impjegati taħt id-dritt kuntrattwali lokali, il-kost tal-konsulenti mediċi u dentisti u l-kostijiet fir-rigward tal-politika dwar l-AIDS fuq il-post tax-xogħol,
- il-gratifika fissa mogħtija lill-uffiċjali li regolarment iġarrbu spejjeż ta' rappreżentazzjoni minħabba l-inkarigi tagħhom, u r-rimborż ta' spejjeż imġarrba minn uffiċjali awtorizzati biex jirrappreżentaw il-Kummissjoni jew l-Unjoni fl-interess tas-servizz u minħabba l-inkarigi tagħhom (fil-każ ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni, parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jiġu koperti mill-gratifika fissa għar-rappreżentazzjoni),
- nefqa għall-ivvjaġġar, gratifika ta' sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet u spejjeż incidentalijiet jew eċċezzjonali li jsiru b'konnessjoni ma' missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħrajn,
- nefqa għall-ivvjaġġar tat-trasport u gratifika ta' sussistenza ta' kuljum relatati ma' evakwazzjonijiet għal raġunijiet mediċi,

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 02 (ikompli)

XX 01 02 12 (ikompli)

- nefqa ġeġja minn sitwazzjonijiet ta' kriżi, fosthom l-ivvjaġar, akkomodazzjoni u gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum,
- nefqa fuq taħriġ ġenerali kif ukoll lingwistiku maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:
 - tariffi għall-esperti mqabba biex jidentifikaw bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,
 - tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, maniment, strateġija, garanzija tal-kwalità u mmaniġġar tal-persunal,
 - nefqa mġarrba għat-tfassil, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni jew SEAE fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-ghallie/kellie fil-korsijiet u l-ispejjeż tas-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),
 - nefqa relatata mal-aspetti prattiċi u loġistiċi tal-organizzazzjoni ta' korsijiet, inkluż il-kiri tal-post, tat-trasport u tal-apparat għat-taħriġ u għal seminars lokali u reġjonali kif ukoll kostijiet mixellanji b'rabta ma' dan, bħal ma hu fuq xarbi u ikel,
 - il-kost tal-parteċipazzjoni f'konferenzi u simpożja, u l-abbonament f'assoċjazzjonijiet professjonali u xjentifiċi,
 - nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u ta' tagħrif, siti tal-Internet relatati u x-xiri ta' ta' tagħmir ta' ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għal teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

XX 01 03 **Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u binjiet**

XX 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
XX 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni				
XX 01 03 01 03	Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	58 912 000	67 696 000	81 182 195,77
XX 01 03 01 04	Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	86 392 000	75 644 000	84 279 829,94
	Partita XX 01 03 01 — Total		145 304 000	143 340 000	165 462 025,71

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (*ikompli*)**XX 01 03** (*ikompli*)XX 01 03 01 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija intiża biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territoru tal-Unjoni:

- faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefont, sistemi awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari,
- netwerks ta' *data* (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
- ix-xiri, il-kiri jew lokazzjoni ta' kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew kiri fit-tul ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju, magni tal-faks, fotokopjatriċi u skeners,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, iż-żamma, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dak l-apparat,
- il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u l-bażijiet tad-*data* esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi, it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ għall-aċċess għal din l-informazzjoni,
- it-tariffi ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (it-telefonijiet fissi u ċellulari, it-televiżjoni, it-telekonferenzi u l-videokonferenzi), l-ispejjeż ta' netwerks dwar it-trażmissjoni tad-*data*, il-kost tal-links tat-telefon u tad-*data* bejn binjiet differenti tal-linji ta' trażmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat tal-kompjuter u softwer, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk stampat jew f'forma elettronika, eċċ., persunal li jaħdem barra, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq il-garanzija tas-sigurtà u l-kwalità dwar apparat tal-kompjuter u softwer,
- l-ispejjeż għaċ-Ċentru tad-*Data*:
 - ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' kompjuters, apparat periferali u softwer għaċ-Ċentru tad-*Data*, u l-kostijiet ta' faċilitajiet ta' back-up,
 - manutenzjoni, appoġġ, studji, dokumentazzjoni, taħriġ u provvisti relatati ma' dan l-apparat u persunal estern,

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA (ikompli)

XX 01 03 (ikompli)

XX 01 03 01 (ikompli)

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni, taħt kuntratt, tas-softwer meħtieġ għall-ħidma taċ-Ċentru tad-Data.

L-appropriazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa magħmula fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għall-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 10 785 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

XX 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
XX 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 03 02 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	5,2	27 859 000	27 915 000	25 229 257,—
XX 01 03 02 02	Apparat, għamara, provvisti u servizzi	5,2	353 000	667 000	315 513,—
	Partita XX 01 03 02 — Total		28 212 000	28 582 000	25 544 770,—

Kummenti

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 03 02, 20 01 03 02, 21 01 03 02 u 22 01 03 02, dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-appropriazzjoni maħsuba li tkopri:

— allokkazzjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u sussistenza ta' kuljum,

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)***XX 01 03** *(ikompli)*XX 01 03 02 *(ikompli)*

- għall-bini kollu jew partijiet tal-bini għall-uffiċjali allokatu barra mill-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, primjums ta' assigurazzjoni, nefqa tar-rinnovament u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina marbuta mas-sigurtà tal-persuni,
- għall-binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċjali fit-territorju tal-Unjoni: rimborż tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-akkomodazzjoni,
- ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' materjal tekniku bħal ġeneraturi u tagħmir għall-arja kundizzjonata għall-bini għall-Uffiċjali,
- in-nefqa kollha għall-għamara u tagħmir għall-akkomodazzjoni disponibbli għall-uffiċjali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

TITOLU 01

AFFARIJJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

TITOLU 01
AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2020 u 2019) u eżitu (2018)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01 01	NEFQA AMMINIS- TRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL- "AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"	85 582 462	85 582 462	84 398 938	84 398 938	83 592 299,39	83 592 299,39
01 02	UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA	13 100 000	11 850 000	12 802 400	12 620 000	32 229 342,74	32 095 068,54
01 03	AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTER- NAZZJONALI	278 375 757	285 375 757	52 000 000	52 000 000	473 105 342,—	467 902 855,42
01 04	OPERAZZJONIJJIET U STRUMENTI FINANZJARJI	173 852 000	1 118 566 000	186 879 000	1 054 600 000	2 097 291 006,51	2 088 051 917,10
	Titolu 01 — Total	550 910 219	1 501 374 219	336 080 338	1 203 618 938	2 686 217 990,64	2 671 642 140,45

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

TITOLU 01

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
01 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"					
01 01 01	<i>Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"</i>	5,2	71 340 664	70 205 554	67 898 642,16	95,18
01 01 02	<i>Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"</i>					
01 01 02 01	Persunal estern	5,2	3 474 883	3 353 018	4 045 633,96	116,43
01 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	5 535 557	5 633 727	5 722 011,56	103,37
	Artikolu 01 01 02 — Subtotal		9 010 440	8 986 745	9 767 645,52	108,40
01 01 03	<i>Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"</i>					
01 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa speċifika	5,2	4 731 358	4 706 639	5 436 012,15	114,89
01 01 03 04	Nefqa b'rabta ma' b'żonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunikazzjoni u informazzjoni	5,2	500 000	500 000	489 999,56	98,00
	Artikolu 01 01 03 — Subtotal		5 231 358	5 206 639	5 926 011,71	113,28
	Kapitolu 01 01 — Total		85 582 462	84 398 938	83 592 299,39	97,67

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" (ikompli)

01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
71 340 664	70 205 554	67 898 642,16

01 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"

01 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
3 474 883	3 353 018	4 045 633,96

01 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
5 535 557	5 633 727	5 722 011,56

01 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"

01 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni, u nefqa speċifika

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
4 731 358	4 706 639	5 436 012,15

01 01 03 04 Nefqa b'rabta ma' bżonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunikazzjoni u informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
500 000	500 000	489 999,56

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" (ikompli)

01 01 03 (ikompli)

01 01 03 04 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mgħarrba fit-territorju tal-Unjoni:

- in-nefqa biex il-binjiet ikunu attrezzati b'telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari x-xiri, il-kera, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' swiċċboards u distributori tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, interfonija u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
- ix-xiri, il-kiri, jew il-lokazzjoni, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju, kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer neċessarju,
- il-kost tal-abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u d-databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),
- it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni bħal din,
- debiti ta' abbonamenti u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, telex, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), in-nefqa fuq in-networks tad-datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost tal-konnessjoni man-netwerks tat-telekomunikazzjoni, pereżempju SWIFT (interbank) u CoreNet (network sigur stabbilit mill-BĊE), u infrastruttura u servizzi relatati,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, l-evalwazzjonijiet, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dak it-tip ta' apparat.

Bażi ġuridika

2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 02	UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA								
01 02 01	<i>Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l- unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro</i>	1,1	12 000 000	11 000 000	11 730 000	11 500 000	12 305 166,71	11 893 135,95	108,12
01 02 02	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal- pagamenti</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 02 03	<i>Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal- mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 02 04	<i>Protezzjoni ta' karti tal- flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat</i>	1,1	1 100 000	850 000	1 072 400	980 000	993 388,74	800 562,10	94,18
01 02 05	<i>Rikavati mis-sorveljanza baġitarja infurzata biex jiġu ttrasferiti lill- Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà</i>	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	18 930 000,—	18 930 000,—	
01 02 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
01 02 77 01	Azzjoni Preparatorja — Żvilupp ta' kapaċitajiet u bini ta' istituzzjonijiet b'sostenn għall-impli- mentazzjoni ta' riformi ekonomiċi	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	140 000	787,29	471 370,49	
	Artikolu 01 02 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	140 000	787,29	471 370,49	
	Kapitolu 01 02 — Total		13 100 000	11 850 000	12 802 400	12 620 000	32 229 342,74	32 095 068,54	270,84

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)

01 02 01 **Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	11 000 000	11 730 000	11 500 000	12 305 166,71	11 893 135,95

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tat-twettiq tal-Programm Konġunt Armonizzat tal-UE ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati. Il-programm inbeda b'deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Novembru 1961 u ġie modifikat permezz ta' deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill u l-Kummissjoni. Huwa ġie approvat l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (97) 2241 tal-15 ta' Lulju 1997 u ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2006 (COM(2006) 379 final, ĠU C 245, 12.10.2006, p. 5).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet ta' studji, laqgħat ta' ħidma, konferenzi, analiżi, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databases; softwer tal-kompjuter, tagħmir u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri relatati ma':

- politika fiskali inkluż il-monitoraġġ ta' pożizzjonijiet fiskali,
- valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas ta' governanza fiskali tal-Unjoni li jappoġġja l-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM),
- monitoraġġ ekonomiku, analiżi abbażi ta' makro u mikro tal-kombinazzjoni tal-miżuri u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika,
- l-aspetti esterni tal-UEM,
- l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro,
- il-monitoraġġ ta' riformi strutturali u titjib tal-operazzjoni tas-swieq fl-UEM u fl-Unjoni,
- koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u analiżi u żvilupp tas-swieq finanzjarji, u operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self li jinvolvu lill-Istati Membri,
- il-faċilità li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-bilanċ ta' pagamenti tal-Istati Membri u l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja,
- kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u min jieħu d-deċiżjonijiet fl-oqsma hawn fuq imsemmija,
- tisħiħ u espansjoni tal-UEM,
- xiri ta' tagħmir, żvilupp tas-sofwer, manutenzjoni u taħriġ relatat għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)**01 02 01** (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri prijoritarji ta' informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tar-regoli u l-funzjonament tal-UEM, kif ukoll dwar il-benefiċċji li jiġu minn koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika u tar-riformi strutturali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' partijiet interessati ewlenin u taċ-ċittadini b'rabta mal-UEM.

Din il-miżura hija maħsuba biex tkun kanal effikaċi ta' komunikazzjoni u djalogu bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, fejn ikun xieraq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat Membru. Tingħata wkoll importanza lit-thejjja taċ-ċittadini għall-introduzzjoni tal-euro fl-Istati Membri li jkunu qed iħejju għall-introduzzjoni tiegħu.

Din tinkludi:

- l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell ċentrali (kotba ta' preżentazzjoni, fuljetti, bulettini, tfassil, żvilupp u manutenzjoni tal-websajts, midja soċjali, wirjiet, apparat tal-wiri, konferenzi, seminars, prodotti awdjoviżivi, stħarriġ tal-fehma pubblika, studji, materjal promozzjonali, kompetizzjonijiet tad-disinn tal-muniti, programmi ta' ġemellaġġ, taħriġ, eċċ.), u attivitajiet simili fil-livell nazzjonali u reġjonali implimentati b'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni,
- ftehimiet ta' sħubija mal-Istati Membri li jixtiequ jipprovdu informazzjoni dwar l-euro jew dwar l-UEM,
- kooperazzjoni u netwerking mal-Istati Membri fil-fora xierqa,
- inizzjattivi ta' komunikazzjoni f'pajjiżi terzi, partikolarment biex jispjegaw ir-rwol internazzjonali tal-euro u l-utilità tal-integrazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, għandha tqis sew l-eżiti tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI).

L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssir f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni tadotta strateġija u pjan ta' ħidma annwali abbażi tal-orjentazzjonijiet imfissra fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Awwissu 2004 (COM(2004) 0552 final) u tħejji rapporti b'mod regolari lill-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm u dwar l-ippjanar għas-sena ta' wara.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri jew biex tiffinanzja minn qabel b'mod temporanju l-kostijiet imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-tweqqif tal-operazzjonijiet marbuta ma' operazzjonijiet ta' teħid u għoti ta' self għal għajjnuna makro-finanzjarja, Euratom, bilanċ ta' ħlas u mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti huwa stmat għal EUR 1 660 000.

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)

01 02 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti ta' l-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti ta' l-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/861/KE tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' muniti foloz tal-euro (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(97) 2241 tal-15 ta' Lulju 1997 li tapprova l-Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Sħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi, flimkien mal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-29 ta' Novembru 2000 (COM(2000) 770 finali), tat-12 ta' Lulju 2006 (COM (2006) 379 finali), tal-4 ta' April 2012 (SEC(2012) 227) u tal-20 ta' Ottubru 2016 (C(2016) 6634), li jservu biex jaġġornaw id-deċiżjoni inizjali *inter alia* f'termini tal-ambitu ġeografiku tagħha.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/37/KE tad-29 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u tistipula l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tekniċi bil-għan li tħares il-muniti tal-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 19 21.1.2005, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 6968 finali tad-19 ta' Ottubru 2015 li twaqqaf il-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalsifikar tal-Muniti dwar il-politika tal-Kummissjoni u r-Regolamenti li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar (ĠU C 347, 20.10.2015, p. 4).

01 02 02 **Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal-pagamenti**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Il-garanzija tal-Unjoni Ewropea hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont f'kapital ta' self li mbagħad jista' jinħareġ lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)**01 02 02** (ikompli)

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. F'dak il-każ japplika l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsimha jaġti sommarju tal-operazzjonijiet għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li ttiprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawżjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

01 02 03 **Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-Artikolu 122 (2) tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedd minn diffikultajiet serji kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)

01 02 03 (ikompli)

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 407/2010, l-ammont ta' self jew linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lil Stati Membri taħt dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. F'dak il-każ japplika l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsimha jagħti sinjali tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

Atti ta' referenza

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikolu 122(2) tiegħu.

01 02 04 **Protezzjoni ta' karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 100 000	850 000	1 072 400	980 000	993 388,74	800 562,10

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)**01 02 04** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 bl-għan li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, inklużi, fejn adatt pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE, 2001/924/KE, 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768 tal-11 ta' Mejju 2015 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

01 02 05 **Rikavati mis-sorveljanza baġitarja infurzata biex jiġu ttrasferiti lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà***Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	18 930 000,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri l-allokkazzjoni lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ta' multi miġbura b'applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011, skont l-Artikolu 10 tiegħu. Kull dħul minn multi imdaħħal fl-Artikolu 7 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet.

Is-sistema ta' sanzjonijiet prevista fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 ittejjeb il-kwalità tal-infurzar tal-partijiet preventivi u korrettivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fiż-żona tal-euro.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (ikompli)

01 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

01 02 77 01 Azzjoni Preparatorja — Żvilupp ta' kapaċitajiet u bini ta' istituzzjonijiet b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' riformi ekonomiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	140 000	787,29	471 370,49

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 03	AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTER- NAZZJONALI								
01 03 01	Parteċipazzjoni fil- kapital ta' isti- tuzzjonijiet finanzjarji inter- nazzjonali								
01 03 01 01	Bank Ewropew għar- Rikostruzzjoni u l- Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt	4	—	—	—	—	0,—	0,—	
01 03 01 02	Bank Ewropew għar- Rikostruzzjoni u l- Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 01 03 01 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 02	Assistenza makrofi- nanzjarja	4	20 000 000	27 000 000	27 000 000	27 000 000	10 304 620,—	5 102 133,42	18,90
01 03 03	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 04	Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal- impjanti tal-enerġija nukleari f'pajjiżi terzi	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 05	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet u garanziji fuq self tal-Bank Ewropew ta' Investiment għal operazzjonijiet f'pajjiżi terzi	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 03 06	Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni	4	233 375 757	233 375 757	p.m.	p.m.	137 800 722,—	137 800 722,—	59,05
01 03 07	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 08	Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli	4	25 000 000	25 000 000	25 000 000	25 000 000	325 000 000,—	325 000 000,—	1 300,00
Kapitolu 01 03 — Total			278 375 757	285 375 757	52 000 000	52 000 000	473 105 342,—	467 902 855,42	163,96

01 03 01 *Parteċipazzjoni fil-kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali*

01 03 01 01 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jstabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tippredvi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskritt mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1).

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI (ikompli)**01 03 01** (ikompli)

01 03 01 02 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Il-bażi kapitali sottoskritta kurrenti tal-BERŻ tammonta għal EUR 29 723 070 000, filwaqt li t-total tal-kapital tal-ishma sottoskritt mill-Unjoni jammonta għal EUR 900 440 000 (3 %). L-ishma mħallsa tal-kapital sottoskritt jammontaw għal EUR 187 810 000, u jħallu porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt li jammonta għal EUR 712 630 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tippredvi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżded dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1).

01 03 02 Assistenza makrofinanzjarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 000 000	27 000 000	27 000 000	27 000 000	10 304 620,—	5 102 133,42

Kummenti

L-Assistenza Makrofinanzjarja (AFM) hija forma ta' għajnuna finanzjarja estiża mill-Unjoni lil pajjiżi sħab li qed jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti. L-AFM hija ddisinjata għall-pajjiżi ġeografikament, ekonomikament u politikament qrib tal-Unjoni. Dawn jinkludu pajjiżi kandidati u pajjiżi li huma kandidati potenzjali, pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u, f'ċerti ċirkostanzi, pajjiżi terzi oħra. Fil-prinċipju, l-AFM hija disponibbli biss għall-pajjiżi li jibbenefikaw minn programm tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

KUMMISSJONI

TITOLU 01 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI (*ikompli*)01 03 02 (*ikompli*)

L-AFM hija eċċezzjonali fix-xorta tagħha u tiġi mmobilizzata fuq bażi ta' każ b'każ sabiex tgħin lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet gravi ta' bilanċ ta' pagamenti. L-għan tagħha huwa li tirrestawra sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli, filwaqt li tinkoraġġixxi l-aġġustamenti ekonomiċi u r-riformi strutturali.

Filwaqt li l-AFM tista' tiegħu l-forma ta' self jew għotjiet fuq perjodu medju/twil, jew taħlita ta' dawn, dan l-artikolu jkopri biss l-element ta' għotja tal-operazzjonijiet tal-AFM.

L-appropriazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Artikolu jintużaw ukoll biex ikopru l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-operazzjonijiet tal-AFM, u b'mod partikolari: (i) l-ispejjeż imġarrba biex jitwettqu valutazzjonijiet operattivi fil-pajjiżi benefiċjarji sabiex jinkisbu assigurazzjonijiet raġjonevoli dwar il-funzjonament tal-proċeduri amministrattivi u taċ-ċirkwiti finanzjarji, (ii) l-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-linji gwida "Regolamentazzjoni Aħjar", b'mod partikolari l-ewalwazzjonijiet *ex-post* tal-operazzjonijiet tal-AFM, u (iii) l-ispejjeż li jkopru r-reqwiziti ta' komitoloġija.

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-awtorità tal-baġit regolarment dwar il-qagħda makrofinanzjarja tal-pajjiżi benefiċjarji u se tirrapporta estensivament dwar l-implimentazzjoni tal-AFM fuq bażi annwali.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (ĠU L 218, 14.08.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lit-Tuneżija (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 9)

Id-Deċiżjoni Nru 2015/601/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' April 2015 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 100, 17.4.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1112 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija (ĠU L 186, 9.7.2016, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-L-Erbgħa, 18 ta' April 2018 dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġorġja (ĠU L 103, 23.4.2018, p. 8).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 171, 6.7.2018, p. 11).

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI (ikompli)

01 03 03 **Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti, jekk meħtieġ, tagħmel tajjeb għad-dejn (rimborż tal-kapital, l-imgħax u spejjeż oħra) jekk debitur jonqos fuq selfiet maħruġa skont id-Deċiżjonijiet imsemmija isfel.

02 02 77 40	Proġett pilota — Access għall-internet b'banda wiesgħa bis-satellita mill-iskejjel mhux konnessi għal kontenuti multi-medjali edukattivi	1,1	p.m.	490 000	980 000	490 000			
02 02 77 41	Azzjoni preparatorja — Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ Global / Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities	1,1	2 200 000	550 000					
02 02 77 42	Proġett pilota — Destinazzjonijiet "Intelliġenti"	1,1	1 000 000	250 000					
	Artikolu 02 02 77 — Subtotal		3 550 000	5 796 716	3 400 000	6 669 000	7 867 787,08	4 495 979,59	77,56
	Kapitolu 02 02 — Total		408 008 400	364 696 716	357 869 000	213 482 000	385 685 660,05	243 032 893,29	66,64

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 01 **Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
135 298 400	143 261 000	130 039 000	100 813 000	128 046 666,56	77 369 196,36

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li ssaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u li thegġegħ kultura ta' intrapriża filwaqt li tippromwovi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs.

Il-miżuri li se jiġu implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

- netwerks li jgħaqqdu diversi partijiet involuti,
- proġetti tal-ewwel applikazzjoni kummerċjali,
- azzjonijiet ta' analiżi, produzzjoni u koordinazzjoni ta' politiki mal-pajjiżi parteċipanti,
- politiki għall-promozzjoni tal-intraprenditorija,
- il-qsim tat-tagħrif, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u s-servizzi konsultattivi biex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs u jiġu megħjuna jipparteċipaw fis-suq uniku u lil hinn minnu,
- l-appoġġ għal azzjonijiet konġunti tal-Istati Membri jew ir-reġjuni, kif ukoll miżuri oħra previsti fil-programm għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME).

L-Unjoni se tappoġġa inizjattiva bħan-“Netwerk Enterprise Europe” u l-azzjonijiet ta' promozzjoni tal-ispirtu ta' intrapriża. Se tipprovdi appoġġ ukoll għal proġetti marbutin mal-ewwel applikazzjoni jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' tekniki, prattiki jew prodotti (ngħidu aħna fil-qasam tal-kunċetti ġodda ta' intrapriża għall-prodotti ta' konsum) li jippreżentaw interess għall-Unjoni, u li diġà għaddew minn testijiet mil-lat tekniku, iżda li, minħabba riskju residwali, għad m'għandhomx preżenza sinifikanti fis-suq. Dawn il-proġetti se jiġu kkonċepiti b'mod li jippromwovu użu usa' fil-pajjiżi parteċipanti, u li jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq.

Il-proġetti se jfittxu wkoll li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-qafas inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità fi clusters u netwerks tan-negozju oħrajn b'mod speċjali fir-rigward tas-sostenn tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, biex ikun żgurat li l-intrapriżi tal-Unjoni jkunu kompetittivi u sostenibbli, inkluż fis-settur tat-turiżmu, billi jsostnu l-koerenza u l-konsistenza fl-implimentazzjoni, kif ukoll it-tfassil informat tal-politika fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-proġetti se jiddaħħlu fis-seħħ biex isostnu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Suq Uniku u l-Inizjattiva għan-Negozji l-Ġodda. L-azzjonijiet ta' sostenn, marbuta direttament mal-kisba ta' dawn l-oġġettivi huma wkoll ikkunsidrati għall-finanzjament: laqgħat (inklużi workshops), studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet u parteċipazzjoni fi gruppi ta' studju.

L-attivitajiet turistiċi sostenibbli għandhom jirċievu enfasi speċjali bi prijorità inizjali li għandha tingħata lill-mobilità ratba, netwerks għar-roti, eko-turiżmu u ħarsien tan-natura. L-aċċessibilità għal kulħadd b'mod partikolari għal persuni b'mobilità mnaqqsa u għal persuni żvantaġġati soċjalment hu ukoll ta' importanza għolja f'dan il-kuntest.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 01 (ikompli)

L-Unjoni tikkoordina, tippromwovi u tappoġġja azzjonijiet għat-turiżmu sostenibbli, bħal pereżempju:

- il-preservazzjoni tar-riżorsi tat-turiżmu sostenibbli fit-tul permezz tal-protezzjoni tal-patrimonju naturali, kulturali, storiku u industrijali,
- il-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-aċċess għall-informazzjoni u s-servizzi ta' turiżmu sostenibbli għaċ-ċittadini żvantaġġjati li qed jgħixu fil-faqar, kif ukoll għall-persuni b'mobilità mnaqqsa,
- il-koordinazzjoni transfruntiera tan-netwerks taċ-ċikliżmu Ewropej flimkien ma' informazzjoni u servizzi ferrovjarji u tax-xarabanks fuq distanzi twal.

Il-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ" jimmira li jixpruna l-intraprenditorija Ewropea, l-iskambju tat-tagħrif u tal-prassi tajbin, kif ukoll il-ħolqien ta' netwerks, sħubijiet, kumpaniji u impjiegi siewja.

Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika attwali diffiċli, huwa indispensabbli li jiġu appoġġati l-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari n-negozji innovattivi li jkunu għadhom qed jifitħu ta' żgħażaġh u l-intraprendituri nisa, u li titrawwem l-intraprenditorija billi jiġu assenjati biżżejjed fondi għal programmi bħalma hu l-Programm COSME. Speċifikament huwa importanti li jiġu appoġġjati u iċċentivati s-setturi l-aktar innovattivi u moderni, bħalma huma l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija diġitali. L-Unjoni Ewropea se tappoġġja lill-impredituri żgħażaġh li huma attivi f'dawn is-setturi u tiżviluppa u tistabilixxi strumenti li jippermettu lill-intrapriżi innovattivi li għadhom qed jifitħu jikkompetu fuq skala globali mal-kontropartijiet tagħhom minn pajjiżi terzi. L-appoġġ se jingħata wkoll biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku.

Il-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ", b'mod partikolari, kellu eżitu pożittiv ħafna u kkontribwixxa b'mod effiċjenti u effikaċi għall-ġlieda kontra l-qgħad u fl-appoġġ lin-negozji li għadhom jifitħu b'saħħithom fl-Ewropa kollha.

Il-mezzi finanzjarji għall-programm "Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ" għandhom jinżammu b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

- il-programm jgħin fit-trawwim tal-intraprenditorija Ewropea, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki kif ukoll joħloq netwerks u sħubijiet prezjużi,
- il-programm kellu ħafna suċċess u wera għadd ta' parteċipanti li f'dawn l-aħħar snin żdied u li hu mistenni li jkompli jiżdied,
- il-programm jindirizza b'mod effikaċi l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażaġh peress li jgħin liż-żgħażaġh bla xogħol jibdeu jaħdmu għal rashom u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju eżistenti joħolqu l-impjiegi u jżidu l-fatturat tagħhom billi jespandu jew jinternazzjonalizzaw in-negozju tagħhom,
- il-għadd ta' applikazzjonijiet hu ferm oltre l-possibilitajiet li tista' twettaq il-Kummissjoni bil-mezzi finanzjarji attwalment disponibbli.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet previsti f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' tagħrif, daww l-ammonti jitnissu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA previsti għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness Żona Ekonomika Ewropea għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 01** (ikompli)

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent, għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq għestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-appropriazzjonijiet imdaħħla għall-programm skont l-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti huwa stmat għal EUR 4 815 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żġġhar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu.

02 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żġġhar u medji fil-forma ta' ekwità u dejn

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
269 160 000	215 000 000	224 430 000	106 000 000	249 771 206,41	160 687 572,89

Kummenti

Din l-appropriazzjoni għandha tintuża biex ittejjeb l-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żġġhar u medji (SMEs), inklużi l-kumpaniji tal-impreditriċi nisa, fil-forma ta' ekwità u dejn fil-fażijiet tagħhom ta' bidu, ta' tkabbir u ta' trasferiment.

Faċilità ta' garanzija fuq is-self (LGF) tipprovdi kontrogaranzji, garanzji diretti u arranġamenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji għal finanzjament tad-dejn li se jnaqqas id-diffikultajiet speċifiċi li l-SMEs vijabbli jaffaċċjaw meta jiġu biex jaċċessaw il-finanzi, minħabba l-perċezzjoni ta' riskju ogħla jew minħabba li ma jkollhomx biżżejjed kollateral disponibbli u għal it-titolizzazzjoni tal-portafolji tal-finanzjament tad-dejn tal-SMEs.

Faċilità ta' ekwità għat-tkabbir (EFG) tippermetti investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jinvestu fl-SMEs fl-istadju tal-espansjoni u t-tkabbir, filwaqt li jieħdu approċċ sensitiv għall-ġeneri u mhux diskriminatorju, u b'mod partikolari f'dawk li joperaw b'mod transfruntier. Se jkun possibbli li tinvesti f'fondi ta' stadju bikri flimkien mal-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. F'każijiet ta' investimenti konġunti f'fondi b'diversi stadji, l-investimenti se jingħataw fuq bażi *pro rata* mill-EFG tal-programm COSME u mill-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. L-appoġġ mill-EFG se jingħata direttament mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) jew minn entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni fisem il-Kummissjoni jew minn fondi ta' fondi jew minn strumenti ta' investment li jinvestu b'mod transfruntier.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 02 (ikompli)**

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent, għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm skont l-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe ripagament mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-ripagamenti kapitali, il-garanziji rilaxxati u r-ripagament tal-prinċipali tas-selfiet, imħallas lura lill-Kummissjoni u mdaħħal fil-Partita 6 4 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) u l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti ta' dħul assenjat huwa stmat għal EUR 27 300 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu.

02 02 51 Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	639 000	p.m.	p.m.	0,—	480 144,45

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 51** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/490/KEE tat-28 ta' Lulju 1989 dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żġġar u medji, fil-Komunità (ĠU L 239, 16.8.1989, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/179/KEE tal-25 ta' Marzu 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini tar-riferenza tal-Grupp Internazzjonali tal-Istudju tar-Ram (ĠU L 89, 10.4.1991, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/319/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 li tirrevedi l-programm dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żġġar u medji, fil-Komunità (ĠU L 175, 4.7.1991, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/537/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini ta' referenza tal-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar in-Nikil (ĠU L 293, 24.10.1991, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/278/KEE tat-18 ta' Mejju 1992 li tikkonferma l-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KE-Ġappun għall-kooperazzjoni Industrijali (92/278/KEE) (ĠU L 144, 26.5.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/379/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar programm multiannwali għal miżuri Komunitarji sabiex jiġu intensifikati l-oqsma prijoritarji u sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsolidament tal-politika għall-intrapriża, partikolarment l-intrapriżi żġġar u medji, fil-Komunità (ĠU L 161, 2.7.1993, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/413/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea (96/413/KE) (ĠU L 167, 6.7.1996, p. 55).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/15/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar it-tielet programm multiannwali għall-intrapriżi żġġar u medji (SMEs) fl-Unjoni Ewropea. (mill-1997 sal-2000) (ĠU L 6, 10.1.1997, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żġġar u ta' daqs medju (IŻM) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/221/KE tat-12 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar iċ-Ċomb u ż-Żingu (2001/221/KE) (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/651/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 215, 10.8.2002, p. 13).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għal intrapriżi żġġar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni Nru 1776/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) (2001-2005) (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 14).

Id-Deċiżjoni 2006/77/KE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività, l-Enerġija u l-Ambjent (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

02 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

02 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażaġħ

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 10 Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 10 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 16 Proġett pilota — Il-Futur tal-manifattura

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	200 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 17 Proġett pilota — Trasferiment ta' negozji għall-impjegati u mudell ta' kooperattivi: l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-SMEs

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	181 232,42

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 17 (ikompli)

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 18 Proġett pilota — Investituri privati nisa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	636 000	0,—	0,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 19 Proġett Pilota — Turiżmu li jgħaqqad id-dinja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	411 999,50

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 19 (ikompli)

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 21 Azzjoni Preparatorja — Prodott tat-turiżmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	600 000	0,—	148 440,44

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

02 02 77 23 Proġett pilota — Youth on the SPOT - Shubija Speċjali dwar it-Turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	228 527,24

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 24 Proġett pilota — Il-Marka Destinazzjoni Ewropa - Il-promozzjoni tal-Ewropa fis-settur tat-turiżmu

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	585 400	0,—	184 395,55

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

02 02 77 25 Proġett pilota — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għal migranti żgħażaġh

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	531 206	p.m.	883 400	0,—	900 086,66

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

02 02 77 26 Proġett pilota — Inizjattiva għall-Impriżi Start-up fil-Qasam tal-Ekonomija Kollaborattiva — Finanzjament tal-futur tal-imprenditorija Ewropea

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	566 300	p.m.	p.m.	0,—	329 700,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 27 Proġett pilota — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-istabbiliment ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	217 588,63

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

02 02 77 28 Proġett pilota — “L-istrument tal-SMEs li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa”

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	150 200	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

02 02 77 29 Azzjoni Preparatorja — Il-Belt Kapitali Ewropea tat-Turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	740 700	p.m.	974 000	0,—	640 703,10

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejjja.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 29 (ikompli)

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 30 Proġett pilota — (Kisba ta' Tmexxija fl-Imprenditorija u Opportunitajiet ta' Kooperazzjoni) (ALECO)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	p.m.	p.m.	0,—	524 568,97

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 31 Azzjoni Preparatorja — Ewropa kulturali: promozzjoni tat-teżori Ewropej

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 100 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 77** (ikompli)

02 02 77 31 (ikompli)

L-ikkapitalizzar mis-Sena Ewropea tal-Patrimonju Kulturali fl-2018, din l-azzjoni għandha l-għan li tippreżenta u tippromwovi d-diversità u r-rikkezza tal-patrimonju u tal-manifestazzjonijiet kulturali Ewropej (siti tal-patrimonju dinji tal-UNESCO, festivals tal-mużika u gastronomiċi, folklor u spiritwalità) biex tħajjar lil dak li jkun iżur l-Ewropa, il-kontinent tal-kultura u tal-kreattività.

L-attivitajiet mwettqa skont din l-azzjoni preparatorja jistgħu jintrabtu mat-tema Ewropa kulturali – Nippromwovi t-teżori Ewropej li, fejn pajjiżi, reġjuni jew makroreġjuni individwali jippreżentaw il-patrimonju tagħhom u l-beni kulturali partikolari tagħhom lil pubbliku internazzjonali wiesa'.

L-azzjoni preparatorja tibni fuq u tkompli taħdem fuq il-proġett pilota "Il-Marka Destinazzjoni Ewropa", iżda tippromwovi li ambitu mwessa' u baġit miżjud. L-azzjoni għandha tinkludi wkoll il-promozzjoni tal-postijiet u tas-siti turistiċi inqas magħrufa, iżda xorta waħda interessanti, bl-għan aħħari jkun li tkun diversifikata l-firxa tad-destinazzjonijiet Ewropej, billi jinħolqu prodotti turistiċi ġodda u jkunu sostnuti r-reġjuni l-inqas żviluppata.

Il-portal VisitEurope.com, żviluppata bl-għajnuna tal-Unjoni, jista' jkun pjattaforma adatta għall-attivitajiet ta' promozzjoni u ta' marketing. Barra minn hekk, l-applikazzjoni 60° European Wonders ippreżentata mill-Kummissjoni kmieni fl-2017 tista' tkun integrata fi strateġija ta' promozzjoni u ta' marketing.

Fl-aħħar, l-azzjoni ser tissensibilizza dwar żvilupp responsabbli u sostenibbli f'dak li huwa l-patrimonju kulturali u l-protezzjoni tar-riżorsi għall-ġenerazzjoni tal-ġejjieni.

L-oġġettivi u l-azzjonijiet ewlenin jinkludu:

- iż-żamma tal-pożizzjoni favorita tal-Ewropa tinżamm fost id-destinazzjonijiet turistiċi dinjin permezz tal-promozzjoni tal-patrimonju kulturali Ewropej;
- li-żviluppar u l-approvazzjoni ta' kanali ta' promozzjoni u ta' marketing (online u offline) li se jippermettu lid-destinazzjonijiet jimmassimizzaw il-portata tal-offerta turistika tagħhom;
- id-diversifikazzjoni tal-firxa tad-destinazzjonijiet Ewropej bil-promozzjoni tad-destinazzjonijiet sekondarji inqas viżibbli (l-hekk imsejħa "teżori moħbija") bħala prodotti turistiċi ġodda;
- ir-riċerka u l-identifikazzjoni ta' numru ta' destinazzjonijiet turistiċi oħrajn aċċessibbli u żviluppata tajjeb, kapaċi li jiġġeneraw domanda għolja u li jħajru ħafna kemm is-suq intern kif ukoll dak estern tal-UE;
- l-involvement mad-diversi partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri biex tiżdied il-viżibilità tas-siti tal-patrimonju kulturali;
- is-sostenn lis-sħab tas-settur, partikolarment lill-SMEs fis-setturi tal-ospitalità u tat-trasport, biex jiżviluppaw prodotti turistiċi li jintegraw dawn id-destinazzjonijiet differenti fil-pakketti tal-vjaġġi tagħhom.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 31 (ikompli)

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 32 Azzjoni preparatorja — Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	720 000	p.m.	540 000	1 800 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Il-proġett pilota Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja tnieda fil-Baġit 2015. L-għan ewlieni tal-proġett kien li jiżgura li l-Ewropa għandha tibbenefika mit-turiżmu li jgħaqqad id-dinja biż-żieda tal-PDG tas-settur turistiku. Fl-istess ħin, kellu jgħib miegħu tkabbir ekonomiku notevoli, inkluż il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjiegi sostenibbli.

L-azzjoni preparatorja tiffoka fuq iċ-Ċina, peress li hi s-suq ta' sors turistiku bl-aktar ritmu mgħaġġel ta' tkabbir fid-dinja. Kif indikat fil-proġett pilota, il-ħajra tat-turisti Ċiniżi li jsiefru hija mistennija tkompli tikber fid-deċennji li ġejjin. Barra minn hekk, lil hinn mill-Asja u l-Paċifiku, l-Ewropa hija l-akbar destinazzjoni reġjonali għall-vjaġġaturi Ċiniżi. Billi l-Ewropa għandha post prominenti fil-lista ta' destinazzjoni mixtieqa taċ-Ċiniżi, hemm bżonn naħsbu dwar kif l-Istati Membri jistgħu jilqgħu lit-turisti Ċiniżi b'mod aktar effettiv. Din tinvolvi fehim reċiproku kif ukoll taħriġ kontinwu u sostenibbli tal-impjegati fis-settur tat-turiżmu madwar l-Ewropa kollha.

L-azzjoni preparatorja se żżid il-flussi ta' turisti Ċiniżi billi taġevola r-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-fornituri turistiċi Ewropej u x-xerrejja Ċiniżi.

L-2018 kienet s-Sena tat-Turiżmu UE-Ċina, u matul il-perjodu preparatorju l-proġett Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja żvolġa rwol kruċjali.

L-obiettivi u l-azzjonijiet ewlenin jinkludu:

- l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u l-analizzar tar-riżultati tal-proġett pilota;
- titkompla l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni fost l-operaturi u l-aġenziji turistiċi;

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 32 (ikompli)

- il-parteċipazzjoni attiva fis-Sena tat-Turiżmu UE-Ċina 2018;
- it-twessigħ tal-ambitu tal-proġett bil-parteċipazzjoni tal-Istituti Ċiniż tal-Kultura (pereżempju l-Istitut Konfuċju) u ta' partijiet interessati oħrajn li jilħqu liċ-ċittadini;
- it-*tkabbir* tal-involvement tan-netwerks soċjali u konċentrazzjoni fuq id-diġitalizzazzjoni u l-provviżjoni ta' inċentivi sabiex il-prodotti u s-servizzi turistiċi jiġu allinjati mal-bżonnijiet tat-turisti Ċiniżi, inkluż l-istrumenti tal-marketing (siti web, fuljetti biċ-Ċiniż) u l-promozzjoni tagħhom fuq in-netwerks soċjali Ċiniżi (pereżempju Weibo).

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 33 Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għall-migranti żgħażaġh

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	366 010	p.m.	p.m.	1 168 765,08	489 030,08

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

L-għarfien u l-ħiliet huma kruċjali mhux biss għall-benessri personali ta' kull ċittadin, iżda anke għall-iżvilupp sostenibbli u t-*tkabbir* ekonomiku. Għaldaqstant huwa importanti li tiġi offruta prospettiva lill-persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi fi kriżi ekonomika u soċjali, speċjalment iż-*żgħażaġh*, sabiex ikollhom opportunità li joħlqu valur miżjud mhux għalihom infushom biss, iżda għall-pubbliku ġenerali wkoll.

Għalhekk huwa importanti li l-migranti u r-rifuġjati *żgħażaġh* jingħataw il-kapaċità li jiksbu aċċess għall-għarfien u li jiżviluppaw ħiliet li jkunu jistgħu jużaw u jisfruttaw meta jkunu lura fil-pajjiżi tagħhom.

Dan jagħmilha possibbli għalihom biex mhux biss jistabbilixxu għajxien, iżda li potenzjalment jsiru imprendituri, jibnu n-negozji tagħhom stess u joħlqu l-impjiegi.

Il-parti prinċipali ta' din l-inizjattiva tikkostitwixxi programmi mmirati ta' mentoring minn organizzazzjonijiet differenti, bħalma huma s-servizzi tal-protezzjoni ċivili u s-servizzi komunitarji, kif ukoll il-kumpaniji (inklużi l-fornituri lokali). Elementi ta' sistema ta' taħriġ doppju jkunu ta' għajna għall-benefiċjarji biex jidentifikaw il-*ħtiġijiet* speċifiċi tal-organizzazzjonijiet jew il-kumpaniji fil-prattika.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 33 (ikompli)

Is-sitwazzjoni ġuridika rigward il-perjodu ta' stennija biex wieħed jibda attività ekonomika tvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor. Għalhekk, biex din l-azzjoni preparatorja tkun suċċess, ikun meħtieġ ukoll li jitwettaq rieżami tal-oqfsa ġuridiċi nazzjonali attwali u jiġu identifikati l-aħjar prattiki li jistgħu jiġu promossi sabiex jitħaffu l-proċeduri, ħalli l-migranti żgħażaġh ikunu jistgħu jisfruttaw il-programmi proposti mill-aktar fis possibbli wara l-wasla tagħhom.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 34 Proġett pilota — Tisħiħ tal-kapaċità ta' internazzjonalizzazzjoni permezz ta' networks Ewropej ta' SMEs

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 35 Azzjoni preparatorja — Tħaffif tal-modernizzazzjoni industrijali bit-titjib tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni pan-Ewropea – l-istampar 3D

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	p.m.	400 000	799 022,—	239 707,—

KAPITOLU 02 02 — KOMPETTITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 77** (ikompli)

02 02 77 35 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejjja.

Il-modernizzazzjoni industrijali hija fundamentali biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u għalhekk hi pedament assolut tal-politika tagħha. F'dan ir-rigward mhux biss l-iżvilupp, iżda anke l-ħila tal-kumpaniji industrijali li jassorbu u jimplementaw b'suċċess teknoloġiji ġodda, huma kruċjali. Madankollu din tibqa' sfida kbira għal ħafna kumpaniji.

Jistgħu jiġu identifikati diversi stadji fil-proċess ta' żvilupp u implementazzjoni ta' teknoloġiji ġodda. Hemm evidenza dejjem akbar li falliment tas-suq iseħħ fl-istadju ta' dimostrazzjoni (TRL 6-8) tal-proċess ta' innovazzjoni: bejn ir-riċerka applikata, il-prototipar u d-dħul fis-suq. L-ittestjar u l-validazzjoni ta' prototipi f'ambjent industrijali u ċ-ċertifikazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għadhom jiswew ħafna flus u huma inċerti ferm. F'ħafna każijiet, dan jimpedixxi jew tal-inqas idewwem b'mod sostanzjali l-adozzjoni mis-suq ta' innovazzjonijiet promettenti ħafna mir-riċerka u mill-industrija, inklużi dawk li qabel kienu ffinanzjati mill-Unjoni. Minn naħa, kumpaniji industrijali ħafna drabi ma jkollhomx it-tagħmir u l-ħiliet kollha meħtieġa biex iwettqu aktar attivitajiet ta' prototipar, testijiet ta' validazzjoni, proċeduri ta' ċertifikazzjoni, tqabbil tal-ispejjeż u attivitajiet oħra post prototipar meħtieġa qabel il-produzzjoni sħiħa u t-tnedija fis-suq. Dawn l-attivitajiet ġeneralment huma kkategorizzati bħala l-hekk imsejħa spejjeż mhux rikorrenti u jikkontribwixxu għal dik li hi magħrufa l-Valley of Death. Min-naħa l-oħra, numru żgħir ħafna ta' reġjuni għandhom fis-seħħ il-kapaċitajiet ta' dimostrazzjoni kollha biex jgħinu lill-kumpaniji jwettqu l-firxa sħiħa ta' attivitajiet post prototipar f'qasam speċifiku tat-teknoloġija.

Hemm ħtieġa u raġuni qawwija biex tiġi stabbilita struttura ta' innovazzjoni interreġjonali, b'faċilitajiet ta' dimostrazzjoni komuni pan-Ewropej "industry commons" aċċessibbli mill-industrija u li kapaċi tħaffef l-implimentazzjoni tat-teknoloġija fil-kumpaniji industrijali u minnhom stess. Faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi jistgħu jiġu stabbiliti permezz tal-konnessjoni u t-titjib ta' faċilitajiet komplementari li diġà jeżistu fir-reġjuni, jew billi jinħolqu faċilitajiet ġodda kondiviżi jekk ikun meħtieġ.

Fil-passat, u fattivitajiet li għaddejjin fil-qafas tal-proġetti pilota tal-Inizjattiva Vanguard (VI) (www.s3vanguardinitiative.eu), bosta reġjuni sabu li t-twaqqif ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi sikwit jinkludi komponent li ma fihx qligħ. Din id-diskrepanza fil-finanzjament isseħħ fl-istabbiliment ta' faċilitajiet kondiviżi u fl-indirizzar tal-ewwel spejjeż operattivi. Ladarba din id-diskrepanza fil-finanzjament tingħalaq, jistgħu jsiru attivitajiet ta' dimostrazzjoni industrijali. Jekk dawn ikunu ta' suċċess, il-kumpaniji jistgħu jtejbju l-produzzjoni tagħhom, jiġġeneraw dħul fis-suq u b'hekk jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjiegi. Sabiex jitħaffu l-implimentazzjoni tat-teknoloġija u l-modernizzazzjoni industrijali, għalhekk hemm ħtieġa ta' intervent pubbliku aktar b'saħħtu biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' innovazzjoni u ta' tkabbir. Sal-lum, m'hemm l-ebda strument transreġjonali pan-Ewropew biex jiġu appoġġjati l-investimenti tant meħtieġa fl-infrastruttura tal-innovazzjoni.

F'dan il-kuntest, l-azzjoni preparatorja se tikkomplementa u tkompli tespandi l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa taħt l-Inizjattiva Vanguard u l-Pjattaforma Tematika ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għall-Modernizzazzjoni Industrijali (TSSPIM). Billi t-TSSPIM u l-kollaborazzjonijiet interreġjonali tagħha, bħall-VI, huma strumentali biex tiġi identifikata u tinbeda kollaborazzjoni interreġjonali għall-użu tat-teknoloġija, din l-azzjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' investimenti, operazzjonijiet u servizzi, u biex jitħallsu l-ispejjeż tal-koordinazzjoni għal faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi li jservu klijentela ta' organizzazzjonijiet industrijali madwar l-Ewropa.

Din l-azzjoni preparatorja tkun partikolarment importanti biex tiġġenera input għat-tfassil (mill-ġdid) ta' diversi politiki tal-Unjoni, inklużi l-innovazzjoni (Id-Disa' Programm Kwadru), l-investment (Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi) u l-politika ta' koeżjoni. L-azzjoni tidentifika l-ambitu u l-limitazzjonijiet tal-fondi u l-istrumenti finanzjarji eżistenti biex, fl-aħħar mill-aħħar, tistimola l-adozzjoni ta' teknoloġiji li joħolqu s-swieq u l-promozzjoni ta' investimenti ta' segwitu mis-settur privat, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib, jew aktar mill-qrib, mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija, b'hekk jingħata input utli lil min ifassal il-politika.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 35 (ikompli)

Din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq il-proġett pilota VI speċifiku ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni kondiviżi għal Produzzjoni bi Prestazzjoni Għolja permezz tal-Istamper 3D (3DP). Il-Proġett Pilota 3DP huwa fost l-aktar avvanzati iżda qed jiffaċċa l-isfida ta' investiment f'diversi mill-applikazzjonijiet industrijali tiegħu. L-istamper 3D għie identifikat ukoll bħala teknoloġija rivoluzzjonarja b'impatt sinifikanti fuq firxa wiesgħa ta' setturi industrijali.

B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin:

(1) twaqqif ta' pjattaforma operattiva ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni konnessi bejn ir-reġjuni, permezz ta' *inter alia*:

- il-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni biex tiġi stabbilita pjattaforma ta' appoġġ virtwali;
- il-monitoraġġ tal-provvista ta' għarfien, tagħmir u servizzi li għandhom jiġu offruti lill-industrija biex tiġi żgurata kopertura settorjali wiesgħa;
- jekk meħtieġa, l-espansjoni tan-netwerk ta' faċilitajiet konnessi biex titjeb il-kopertura industrijali u/jew ġeografika;
- il-ħolqien ta' netwerk ta' fornituri ta' servizz akkreditat fl-Ewropa kollha (għal appoġġ, taħriġ, ċertifikazzjoni, eċċ. fil-qafas tan-netwerk ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni);

(2) l-attrazzjoni ta' proġetti ta' dimostrazzjoni industrijali permezz tal-pjattaforma, permezz ta' *inter alia*:

- l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin;
- promozzjoni tal-pjattaforma u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet;
- l-iżvilupp ulterjuri ta' każijiet ta' dimostrazzjoni u ta' użu ta' 3DP, għall-ħolqien ta' ktajjen tal-valur ġodda;
- l-identifikazzjoni tal-ispejjeż ta' koordinazzjoni speċifiċi u tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-investiment;
- il-komunikazzjoni u l-ħidma ma' udjenza usa', li tinkludi ukoll l-użu tat-TSSP IM;
- il-ħidma fuq is-sinerġiji bejn il-proġett pilota rilevanti u l-inizjattivi relatati;
- il-kisba ta' għarfien speċifiku dwar kwistjonijiet ta' finanzjament biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' investiment;

(3) Il-provvista ta' sommarju ta' propositi konkreti għal bidliet fil-politiki differenti tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Għal implimentazzjoni u evalwazzjoni xierqa jinħtieġ perjodu ta' żmien ta' 3 snin (2018-2020), inkluż aġġornament annwali tal-pjan direzzjonali minn Bord ta' Strateġija li jkun jinkludi wkoll Membri tal-Parlament Ewropew.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 35 (ikompli)

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 36 Azzjoni preparatorja — Cir©Lean: Network favorevoli għan-negozju biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-Unjoni jużaw l-opportunitajiet kummerċjali tal-ekonomija ċirkolari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	p.m.	p.m.	1 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-azzjoni preparatorja se toħloq network li jiffavorixxi n-negozju għall-SMEs biex jaħtfu l-opportunitajiet ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari. Hi se tipproponi tip ġdid ta' industrija li tirrispetta l-ambjent, fejn oġġett bla valur jinbidel f'oġġett ta' valur billi jsir użu sħiħ mill-materjal kollu, inklużi l-flussi sekondarji u l-iskart.

L-industrija ewlenin li jagħmlu użu minn sustanzi kimiċi, kif ukoll in-negozji u l-ktajjen ta' provvista assoċjati f'partijiet differenti tal-Ewropa (b'mod partikolari l-Finlandja, Franza, in-Norveġja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) jippruvaw joħlqu negozju ġdid mill-flussi sekondarji u mill-iskart. Flussi sekondarji jistgħu jiġu rkuprati u użati bħala materja prima f'industrija ġodda. Bl-irfinar tal-materja prima fl-Unjoni, il-parti l-kbira tal-ħolqien tal-valur jinholq fis-Suq Uniku, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-ekonomija Ewropej. Dan se johlq impjegji u se jkun ta' benefiċċju għall-ambjent.

Il-grupp fil-mira ta' Cir©Lean huma l-SMEs tas-servizz industrijali orjentati lejn l-esportazzjoni u li għandhom ir-rieda, il-kapaċità u perspettiva internazzjonali. Cir©Lean se tibni network sistematiku u fit-tul li jiffavorixxi n-negozju għal SMEs ibbażati fl-Unjoni, bl-użu tal-għarfien transfruntier, intersettorjali u transindustrijali u bl-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi tal-ekonomija ċirkolari. L-azzjoni se tgħin lil SMEs isibu modi biex iżidu l-valur tal-iskart u l-fdalijiet (li bħalissa mhumiex identifikati) billi jbidduhom fi prodotti ta' valur li jinbiegħu fis-suq domestiku u fis-suq internazzjonali. L-azzjoni se ttejjeb s-simbjożi industrijali billi żżid il-livell tal-ipproċessar tal-iskart residwu u l-miżblijiet u tiġġenera negozju ġdid ta' skart residwu.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 36 (ikompli)

Mudelli kummerċjali ġodda se jinħolqu f'Workshops Miftuħa ta' Innovazzjoni tan-Negozju transfruntiera, intersettorjali u transindustrijali fejn l-SMEs, l-industriji primarji, l-iżviluppaturi tan-negozju, l-edukaturi, ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet u l-finanzjaturi jiġbru l-ħiliet tagħhom. F'dan ix-xogħol se tiġi applikata l-għodda għall-Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà żviluppata fil-Finlandja. Il-workshops se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' għarfien ġdid għall-parteċipanti kollha, biex b'hekk jinħolqu prodotti kummerċjali ġodda u servizzi li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali.

Madwar 20 SME se jipparteċipaw fl-azzjoni preparatorja Cir©Lean. Bħala parti importanti mill-azzjoni, 100 SME se jipparteċipaw fattivitajiet ta' żvilupp professjonali u, bħala parti tal-azzjoni, jiksbu kuntatti ġodda u jstabbilixxu kooperazzjoni transfruntiera. Meta l-azzjoni tkun tlestiet, se jiżiedu l-esportazzjoni u l-għadd ta' SMEs b'mudelli kummerċjali ġodda. B'riżultat ta' dan jiġu stabbiliti kuntatti ġodda u sostenibbli fuq medda twila ta' żmien u sħubiji ma' strutturi ta' kooperazzjoni permanenti.

Cir©Lean se twaqqaf netwerk ta' ekonomija ċirkolari favorevoli għan-negozju li se jkompli wara li tintemm l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 38 Azzjoni preparatorja — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ — twaqqif ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	2 000 000	1 000 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ għadu sfida sinifikanti għall-Istati Membri. Minn Frar 2018, ir-rata relatata kienet ta' 15,9% fl-UE28 u 17,7% fiż-żona tal-euro. L-għan tal-proġett pilota inizjali kien li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ permezz ta' kooperattivi tal-ħaddiema li jgħidli opportunitajiet imprenditorjali u ta' xogħol sostenibbli għaż-żgħażaġħ sew biex jaħdmu sew biex, fl-istess ħin, isiru sidien ta' parti mill-kumpanija, kif ukoll li jstabbilixxi l-aħjar prattika fil-qasam għall-UE kollha kemm hi.

Il-proġett pilota tnieda fl-aktar tliet pajjiżi tal-UE li għandhom esperjenza f'dan il-qasam u kien jinkludi objettivi bħal titjib fl-għarfien tal-kunċett ta' negozju kooperattiv, gwida lill-istudenti relatata mal-implimentazzjoni tal-ideat tagħhom u għajjnuna indirizzata lilhom biex jibdew negozji fil-forma ta' kooperattiva, mal-għoti ta' taħriġ u internships/apprendistati f'kooperattivi kif ukoll mal-eżami tal-mod kif jinħolqu sinerġiji ma' programmi relatati tal-UE.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 38 (ikompli)

L-azzjoni preparatorja tkompli tiżviluppa fuq l-impatt tal-proġett pilota f'dawn it-tliet Stati Membri u testendi l-azzjonijiet lil Stati Membri oħra li għadhom qed jissiltu ma' livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, bħall-Greċja u Spanja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 39 Proġett pilota — Il-kwalità tas-servizzi fit-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	207 500	420 000	210 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

It-turiżmu huwa settur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjegi fl-Ewropa. L-entitajiet tat-turiżmu qegħdin f'diskussjoni ma tispiċċa qatt dwar sistema unifikata ta' klassifikazzjoni ta' lukandi, ristoranti u faċilitajiet oħra. Peress li l-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-klijenti evolwew, u b'hekk ġie stimulat l-iżvilupp tal-offerta tal-lukandi, saret essenzjali r-regolamentazzjoni tas-settur ta' attività, billi jiġu adottati miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-konsumaturi.

Madankollu, il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi spiss ma jaqblux ma' dak li jirċievu minħabba raġunijiet ta' komunikazzjoni insuffiċjenti u ineffikaċi.

Dan il-proġett se jelabora:

- qafas għall-immappjar komprensiv tal-inizjattivi eżistenti pubbliċi u privati (sistemi tal-istilel, skemi ta' ċertifikazzjoni, eċċ.) għat-turiżmu li se jarmonizza s-sistema ta' klassifikazzjoni f'termini ta' preċiżjoni u tal-mod kif din l-informazzjoni tiġi aġġornata, u jiġib trasparenza u konsistenza għall-evalwazzjoni u għall-prestazzjoni tal-kwalità tas-servizz;
- qafas għall-kontenut tal-informazzjoni pprovduta mill-aġenziji tal-ivvjaġġar, mill-operaturi turistiċi u mis-siti ta' prenotazzjoni u reċensjoni online; l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi għandha tiġi eżaminata u mqabbla biex tkun kompatibbli mal-kriterji fil-livell tal-Unjoni għall-inizjattivi inkwistjoni;

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 39 (ikompli)

- qafas għall-kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-industrija sabiex jittejjeb il-kontenut tal-“kundizzjonijiet ġenerali” u jiġi żgurat “ftehim” ġust bejn il-fornitur tas-servizz u t-turist; il-ftehim għandu jispeċifika, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet ta' pagament u d-drittijiet tat-turist, speċjalment f'każijiet li fihom is-servizzi kkuntrattati ma jingħatawx b'mod adegwat;
- il-fattibilità li jiġu stabbiliti prinċipji tal-Unjoni dwar il-kwalità tas-servizzi fit-turiżmu, inklużi l-kompetenza, il-valur miżjud u l-validità teknika fil-livell tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom)2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 40 Proġett pilota — Access għall-internet b'banda wiesgħa bis-satellita mill-iskejjel mhux konnessi għal kontenuti multi-medjali edukattivi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	490 000	980 000	490 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni huwa li jtejjbu l-koordinament tal-politiki fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu tal-ICTs fis-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tat-tagħlim. Waħda mill-kundizzjonijiet għall-integrazzjoni tal-ICTs hija ż-żieda tad-disponibilità u tal-kwalità tal-konnettività mas-servizzi tal-internet b'banda wiesgħa għall-iskejjel u għall-klassijiet tal-iskola, speċjalment fiż-żoni rurali u b'densità demografika baxxa, bis-saħħa tal-adozzjoni ta' politiki speċifiċi.

Il-Kummissjoni allokat riżorsi biex tittejjeb il-konnettività tal-iskejjel mal-internet billi tippromwovi l-koordinament tal-politiki bejn id-diversi inizjattivi. Waħda minn dawn l-inizjattivi ġiet definita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2013 bl-isem “Niftħu l-Edukazzjoni: Tagħlim innovattiv għal kulħadd permezz ta' Teknoloġiji ġodda u Riżorsi Edukattivi Miftuħa” (COM(2013) 654 final), li fiha jiġi affermat b'mod ċar li “[i]t-titjib tal-infrastruttura tal-ICT lokali (broadband, kontenut, għodod) għadu meħtieġ fxi partijiet tal-Ewropa...” u li “[l]-Istati Membri qed jinvestu fl-aġġornament tal-infrastruttura edukattiva nazzjonali tagħhom (ICT, riżorsi edukattivi diġitali, broadband) iżda l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' koerenza fost l-Istati Membri tal-UE għadha tippersisti. Bħala medja, 93 % tal-istudenti tal-UE jaċċessaw l-internet fi darhom, iżda huma biss 72 % li għandhom aċċess għalih fil-post tal-edukazzjoni, u xi kultant mhux fil-klassi.”

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 77** (ikompli)**02 02 77 40** (ikompli)

L-innovazzjoni fis-settur tal-edukazzjoni tibqa' prijorità essenzjali għall-Kummissjoni, kif turi b'mod ċar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bl-isem "Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv — Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits" (COM(2016) 587 final). Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar il-konnettività tal-internet għat-tkabbir, il-kompetittivà u l-koeżjoni: is-soċjetà Ewropea tal-gigabits u l-5G (ĠU C 307, 30.8.2018, p. 144) laqa' l-pjan ambizzjuż biex jiġi pprovdut internet ultraveloċi fl-iskejjel primarji u f'dawk sekondarji, fl-universitajiet u fil-libreriji sal-2025, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-prinċipju tal-proporzjonalità. Enfasizza wkoll li konnettività aktar veloċi u aħjar tagħti opportunitajiet enormi biex jittejjbu l-metodi tat-tagħlim, sabiex titrawwem ir-riċerka u biex jiġu żviluppatti servizzi edukattivi ta' kwalità għolja fuq l-internet kif ukoll biex jinħolqu opportunitajiet aħjar għat-tagħlim mill-bogħod.

Il-Parlament Ewropew enfasizza wkoll li, sabiex l-oġettiv tal-gigabits iħalli l-impatt sħiħ tiegħu fuq l-ekonomija tal-Unjoni tagħna u biex ma jintilfux opportunitajiet, huwa importanti li jingħalaq id-distakk diġitali u jiġi pprevenut il-bidu ta' distakki ġodda, u għal dan il-għan għandhom jiġu esplorati opportunitajiet ta' finanzjament mill-Istati Membri u l-Kummissjoni b'appoġġ għall-kisba għall-muturi soċjoekonomiċi ewlenin (skejjel, universitajiet, amministrazzjonijiet pubbliċi).

Fl-2016, ħafna skejjel tal-Unjoni għad ma għandhomx aċċess għall-banda wiesgħa (speċjalment l-iskejjel primarji, li minnhom 25 % ma kellihomx aċċess għall-banda wiesgħa jew saħansitra l-ebda aċċess għall-internet). Din is-sitwazzjoni grat prinċipalment minħabba:

- sensibillizzazzjoni skarsa fost l-iskejjel u l-awtoritajiet lokali dwar l-għażliet tekniċi disponibbli għall-aċċess għall-internet b'banda wiesgħa;
- numru limitat ta' programmi ta' appoġġ istituzzjonali nazzjonali kbar iddedikati;
- nuqqas ta' għarfien dwar l-għażliet ta' finanzjament possibbli, inklużi l-iskemi ta' vouchers, u l-mod ta' kif jiġu attwati.

Fl-2025, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għall-offerti għal studju ta' fattibbiltà dwar il-forniment ta' banda wiesgħa bis-satellita fl-iskejjel li jinsabu f'żoni rurali u li mhuma koperti mill-ebda banda wiesgħa fissa bil-fili jew mingħajrhom.

F'Settembru 2017 ġie ppubblikat dak l-istudju "Satellite broadband for schools: Feasibility study" (SMART 2015/0061). L-istudju kkonferma li l-użu tal-aċċess u d-distribuzzjoni abbażi tas-satellita huwa soluzzjoni effiċjenti biex l-internet b'banda wiesgħa u l-kontenuti multimedjali edukattivi jkunu immedjatament disponibbli għall-iskejjel li fil-preżent jinsabu mhux konnessi jew konnessi ħażin, u li jafu jibqgħu f'din is-sitwazzjoni fiż-żmien li ġej.

Objettiv tal-proġett pilota

L-oġettiv tal-proġett pilota kien li jibni fuq ir-riżultati tal-istudju ta' fattibbiltà bi provi fuq il-post fir-reġjuni tal-Unjoni bi skejjel f'żoni kkaratterizzati minn distakk diġitali. B'mod partikolari, hu għen fil-valutazzjoni tal-vantaġġi ta' konnettività immedjata permezz tal-banda wiesgħa b'satellita fl-iskejjel ikkaratterizzati minn distakk diġitali, bl-appoġġ tal-awtoritajiet reġjonali jew nazzjonali, qabel il-vantaġġi saħansitra akbar li s-soċjetà Ewropea tal-gigabits se tagħmel disponibbli fuq skala usa' sussegwentement.

Konsegwentement, il-proġett pilota, li jdum sentejn:

- (i) identifika r-reġjuni tal-Unjoni b'numru għoli ta' skejjel (partikolarment primarji) ikkaratterizzati minn distakk diġitali fit-tul;
- (ii) applika skemi ta' vouchers sempliċi, effiċjenti u effikaċi f'termini ta' spejjeż biex jissussidjaw l-akkwist tal-banda wiesgħa bis-satellita għall-aċċess għall-kontenut multimedjali edukattiv u għad-distribuzzjoni tagħhom per eżempju ħolqien ta' libreriji diġitali, kif jirrakkomanda l-istudju ta' fattibbiltà; u
- (iii) rawwem il-kuntatt u l-komunikazzjoni per eżempju permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)

02 02 77 (ikompli)

02 02 77 40 (ikompli)

F'dan il-proċess, il-proġett pilota involva lill-partijiet interessati Ewropej rilevanti fil-katina tal-provvista ICT u żgura koordinament adegwat mal-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni (Ministeri tal-Edukazzjoni, il-Kummissjoni, eċċ.).

Il-proġett pilota jista' jsir permezz ta' għotja konċessa mingħajr sejħa għall-proposti lin-Netwerk tar-Reġjuni Ewropej li Jużaw it-Teknoloġiji tal-Ispazju "NEREUS", li hija pjattaforma dinamika għar-reġjuni kollha tal-Ewropa li jixtiequ jużaw it-teknoloġiji spazjali biex itejbu l-politiki pubbliċi tagħhom għall-ġid taċ-ċittadini tar-reġjuni tagħhom. Il-proġett pilota opera għal sentejn (2018-2019) abbażi ta' dik l-għotja.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 41 Azzjoni preparatorja — Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ Global / Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 200 000	550 000				

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq is-suċċess tal-proġett pilota Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ Globali (EYE Global)/Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities (ALECO). Tikkontribwixxi għall-oġġettivi fil-qasam tal-intraprenditorija u t-tkabbir ekonomiku permezz ta' appoġġ għall-ħolqien ta' negozji ġodda fl-Unjoni kollha.

L-azzjoni hija skema ta' mobilità unidirezzjonali għal imprendituri ġodda tal-Unjoni li tippredvi massimu ta' tliet xhur fl-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, Singapore u l-Korea t'Isfel. Id-destinazzjonijiet intgħażlu abbażi tal-progress magħmul mill-proġett pilota atwali, ir-rilevanza kummerċjali (inkluża l-eżistenza ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles) u l-eżistenza ta' ekosistemi avvanzati ta' appoġġ għal negozji ġodda.

Mill-grupp fil-mira se jintgħażlu sa 350 kandidat mill-Istati Membri, li se jingħataw l-opportunità jimmaturaw esperjenza minn imprendituri ospitanti ta' suċċess u ta' esperjenza kif ukoll jinteraġixxu mal-ekosistema ta' negozji ġodda ospitanti.

Il-grupp tal-parteċipanti fil-mira jinkludi profili bil-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin: (a) imprendituri futuri li jkollhom pjani ta' attività lesti għall-implimentazzjoni kif ukoll impenn vinkolanti li jistabbilixxu kumpanija; (b) imprendituri li jkunu bdew negozju fl-aħħar tliet snin, sew għal rashom u sew bi sħab.

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (ikompli)**02 02 77** (ikompli)

02 02 77 41 (ikompli)

Il-baġit tal-Unjoni jkun qed jgħin lill-imprendituri parteċipanti billi jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza fid-destinazzjonijiet magħżula għat-tul tas-soġġorn tagħhom u jiffinanzja wkoll il-miżuri meħtieġa biex jiġu identifikati l-imprendituri ospitanti u ssir promozzjoni tal-programm fid-destinazzjonijiet.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-azzjoni jibnu fuq l-arranġamenti eżistenti għall-proġett pilota EYE Global u jinkludu — fejn applikabbli — delega lill-aġenzija eżekuttiva rilevanti u aġġustament tar-riżorsi f'każ ta' bżonn.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 02 77 42 Proġett pilota — Destinazzjonijiet "Intelliġenti"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Destinazzjoni intelliġenti hija r-riżultat ta' diversi fatturi, inklużi teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jippromwovu territorju innovattiv, il-kooperazzjoni u l-kokreazzjoni, prinċipalment mill-viżitaturi. Abbażi tal-fehim ta' dan l-aspett, l-aċċessibbiltà hija waħda mill-fatturi ta' destinazzjoni turistika intelliġenti, kemm fiżikament kif ukoll virtwalment. L-intelliġenza tas-sistema ssaħħaħ il-kwalità tal-esperjenza fid-destinazzjoni kemm għall-viżitaturi u għar-residenti.

Belt intelliġenti tista' titqies bħala spazju urban li jieħu vantaġġ mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u x-xjenza tad-data biex tindirizza l-isfidi tal-lum, jiġifieri biex issir aktar effiċjenti fis-servizzi u l-ġestjoni tal-infrastruttura u biex tagħti kwalità ta' ħajja mtejba lill-persuni li jgħixu jew jaħdmu fil-belt jew jgħixu fiha, inkluż l-appoġġ għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet jinsabu taħt pressjoni u għaddejnin minn proċess ta' trasformazzjoni diġitali li ġew riflessi fil-proliferazzjoni ta' inizjattivi ta' bliet intelliġenti madwar id-dinja. Din hija parti mir-reazzjoni strateġika għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tkabbir tal-urbanizzazzjoni u t-tibdil fil-klima flimkien mal-ħolqien ta' bliet bħala spazju għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku mfassal minn hteġa uргenti għal sostenibbiltà globali.

Studju dwar ibliet intelliġenti se jkopri kunċett ta' intelliġenza urbana u l-elementi kostitwenti tiegħu li jirriżultaw mill-proċess ta' trasformazzjoni diġitali tal-belt, li se jwassal għal bidla fundamentali li tittrasforma l-belt bħala pjattaforma fejn l-ippjanar u l-ġestjoni urbani għas-sostenibbiltà jkunu appoġġati minn analitika urbana u data f'ħin reali.

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (*ikompli*)**02 02 77** (*ikompli*)02 02 77 42 (*ikompli*)

Fid-dawl ta' dan, se jitwettaq studju abbażi ta' pjan ta' implimentazzjoni f'belt/reġjun speċifiku bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm:

- data kwantitattiva u kwalitattiva dwar it-turiżmu u d-destinazzjonijiet intelliġenti;
- għarfien aħjar tal-impatt tat-turiżmu;
- l-iżvilupp u l-ħolqien ta' metodoloġija Ewropea ta' analiżi tat-turiżmu bbażata fuq il-big data applikata fil-livell tal-Unjoni għal destinazzjonijiet intelliġenti;
- riċerka u żvilupp aħjar għal soluzzjonijiet imfassla fil-livell tal-Unjoni;
- skop għall-ittestjar lokali u l-applikabbiltà futura (pjan ta' implimentazzjoni f'belt speċifika)

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 03	SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI								
02 03 01	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	1,1	31 027 000	25 810 000	23 553 000	23 500 000	24 201 862,35	19 705 846,86	76,35
02 03 02	Standardizzazzjoni u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni								
02 03 02 01	Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI	1,1	19 520 000	17 500 000	19 854 000	17 430 000	18 450 887,75	16 766 265,70	95,81
02 03 02 02	Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni	1,1	4 246 000	4 000 000	4 256 000	3 500 000	4 074 991,53	3 743 561,89	93,59
	Artikolu 02 03 02 — Subtotal		23 766 000	21 500 000	24 110 000	20 930 000	22 525 879,28	20 509 827,59	95,39
02 03 03	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	1,1	58 827 657	58 827 657	58 356 886	58 356 886	24 984 412,—	24 984 412,—	42,47
02 03 04	Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern	1,1	3 675 000	3 600 000	3 675 000	3 600 000	3 761 694,99	3 682 315,12	102,29
02 03 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
02 03 77 05	Proġett pilota — Żvilupp dinamiku tal-kummerċ elettroniku transfruntier permezz ta' soluzzjonijiet effiċjenti ta' twassil ta' pakketti	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	247 600	0,—	247 600,—	
02 03 77 07	Proġett pilota — Ittestjar indipendenti emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq	1,1	p.m.	1 071 460	580 000	290 000	1 600 000,—	0,—	0
02 03 77 08	Proġett pilota — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku	1,1	p.m.	715 000	630 000	715 000	800 000,—	400 000,—	55,94
02 03 77 09	Proġett pilota — Eliminazzjoni tal-lakuni fid-data u l-istabbiliment ta' miżuri pan-Ewropej għas-sikurezza kontra n-nirien	1,1	p.m.	630 000	630 000	315 000			
02 03 77 10	Azzjoni preparatorja — Ittestjar indipendenti tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq	1,1	1 000 000	250 000					
02 03 77 11	Proġett pilota — Valutazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda u l-katina tal-provvista diġitali	1,1	300 000	75 000					
	Artikolu 02 03 77 — Subtotal		1 300 000	2 741 460	1 840 000	1 567 600	2 400 000,—	647 600,—	23,62
	Kapitolu 02 03 — Total		118 595 657	112 479 117	111 534 886	107 954 486	77 873 848,62	69 530 001,57	61,82

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 01 Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
31 027 000	25 810 000	23 553 000	23 500 000	24 201 862,35	19 705 846,86

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu:

- miżuri maħsuba li jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effettiv u biex jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji għandhom aċċess għad-drittijiet u għall-opportunitajiet l-aktar estensivi li jirriżultaw mill-ftuħ u l-appfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jieħdu vantaġġ ta' dawk l-opportunitajiet bis-sħiħ; u miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni marbuta mal-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u n-negozji tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom bil-ħsieb li tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostakolu li jista' jkun qed ixekkilmillhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ;
- l-approssimazzjoni tal-istandards u l-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni għal standards u regolamenti tekniċi, l-eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tal-abbozz tar-regolamenti tekniċi u tat-testi finali relatati;
- l-iffinanzjar ta' koordinazzjoni amministrattiva u teknika u ta' kooperazzjoni bejn korpi notifikati, għotjiet li jsostnu l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA), u tal-proġetti ta' interess tal-Unjoni li jsiru minn korpi esterni;
- l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tat-tessuti, is-sustanzi kimiċi, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi u t-taħlitiet, il-vetturi bil-mutur, il-ġugarelli, il-metroloġija legali, l-imballaġ minn qabel u l-kwalità tal-ambjent, id-dispensuri tal-ajrusols, u l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għal sensibilizzazzjoni akbar dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
- ir-rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikacija tal-miżuri meħuda, biex ikomplu l-operazzjoni tajba fis-suq intern u evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tiegħu;
- l-approssimazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-“approċċ il-ġdid”, speċjalment l-estensjoni tal-“approċċ il-ġdid” f'setturi oħra;
- miżuri tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastrutturi kif ukoll għas-sorveljanza tas-suq, u r-Regolament (KE) Nru 764/2008, għall-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor, u l-implimentazzjoni tal-parti korrispondenti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2017 intitolata l-“Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiducia fis-Suq Uniku” (COM (2017) 787 final), inkluża t-tnejja għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2019/515 u (UE) 2019/1020;
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-suq uniku għall-prodotti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 u d-Direttivi 85/374/KEE u 2014/60/UE;

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)**02 03 01 (ikompli)**

- l-iżvilupp ta' qasam unifikat għas-sigurtà u d-difiża, b'miżuri li jimplementaw id-Direttiva 2009/43/KE li jissimplifikaw t-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti marbuta mad-difiża fl-Unjoni u azzjonijiet li jaħdmu lejn il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal dawn il-prodotti fil-livell tal-Unjoni; kif ukoll, fejn xieraq, it-tfassil tal-istudji u l-miżuri ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata;
- il-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, sostenn għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-*acquis* tal-Unjoni;
- miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, speċjalment dawk li jirriżultaw mill-evalwazzjoni REACH REFIT tal-2017 kif ukoll mir-rieżami tar-REACH tal-2013 (Rapport tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2013 (COM(2013) 49 final));
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku speċjalment fir-rigward tat-traspożizzjoni (il-kompletezza u l-konformità) tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;
- l-azzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE;
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejħiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawn il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawn il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri;
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz, fost l-oħrajn, tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), l-approfondiment tal-għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern fl-Istati Membri u l-applikazzjoni tajba ta' dik il-leġiżlazzjoni minnhom, u s-sostenn għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-suq intern;
- parti minn din l-appropriazzjoni se tintuża biex jinkiseb livell simili ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minn korpi nazzjonali għall-għieda kontra t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u biex tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi;
- it-tisħiħ tal-għodod tas-Suq Uniku jagħmlu lill-konsumaturi u lin-negozji iktar konxji mir-regoli tas-suq intern u jiffaċilita l-infurzar ta' drittijietom, u jippermetti kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;
- il-garanzija tat-tlestija u l-ġestjoni tas-suq intern, speċjalment fl-oqsma tal-moviment liberu tas-servizzi, b'mod partikolari dawk transkonfinali, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali u industrijali, partikolarment l-iżvilupp ta' proposti biex tiġi stabbilita privattiva tal-Unjoni;
- l-analiżi tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern għal servizzi u tal-effetti ta' miżuri fis-seħħ bħala parti mis-segwitu għal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU), il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll l-analiżi tal-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) għas-settur postali u t-trikkib mar-regolamenti tal-UPU;

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 01 (ikompli)

- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1009;
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa fuq konsultazzjonijiet, studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu bħal fil-forma ta' manutenzjoni, aġġornament u żvilupp ta' sistemi tal-informatika marbuta ma' regolamenti tekniċi jew marbuta mat-tqegħid fis-seħħ u politiki ta' monitoraġġ varati fi ħdan il-qafas tas-suq intern, u kwalunkwe nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x idmijiet ta' awtorità pubblika.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 34 sa 36 tiegħu.

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/107/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' flexken użati bħala reċipjenti ta' kejl (ĠU L 42, 15.2.1975, p. 14).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers (ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel (ĠU L 46, 21.2.1976, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-Prodotti kosmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 040, 11.2.1989, p. 8).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3,5 tunnellati (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-supervizzjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KEE tas-16 ta' Ġunju 1994 li taċċetta, għan nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta' Pharmacopea Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8453/97 li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegozjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 03 p. 83).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazżjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-prensa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 01 (ikompli)

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28).

Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti, (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (*ikompli*)**02 03 01** (*ikompli*)

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17).

Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazżjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-iittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-ħarsien tal-persuni mexjin u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u jħassar id-Direttivi 2003/102/KE u 2005/66/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 32).

Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6).

Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 8).

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI (ikompli)

02 03 01 (ikompli)

Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).


04 03 01 (ikompli)

04 03 01 04 (ikompli)

Kummenti

L-objettiv ta' din l-attività huwa li jipromwovi risposti politiki aħjar fl-Istati Membri għal sfidi demografiċi u soċjali billi jipproduċi u jxerred informazzjoni komparattiva fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet futuri għal politiki soċjali, inklużi miżuri speċifiċi għall-ġeneru.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet li jipromwovu l-iżvilupp ta' analiżi komparattiva u l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza fil-livelli rilevanti kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni, internazzjonali) rigward is-sitwazzjoni soċjali u demografika u x-xejriet soċjoekonomiċi fl-Unjoni, kif ukoll id-differenzi fis-salarji bejn l-irġiel u n-nisa u d-diskriminazzjoni tan-nisa fil-post tax-xogħol. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri ukoll azzjonijiet li jsostnu Osservatorju tas-Sitwazzjonijiet Soċjali, il-kooperazzjoni ma' attivitajiet relatati fl-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-immaniġġjar ta' grupp ta' sapport tekniku għall-Pjattaforma Ewropea għall-Investment fit-Tfal (EPIC).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal rapporti tal-Kummissjoni, inklużi r-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni soċjali u rapport dwar il-bidla demografika u l-implikazzjonijiet tagħha kull sentejn, skont l-Artikolu 159 TFUE, kif ukoll rapporti tal-Kummissjoni dwar problemi li jirrigwardaw is-sitwazzjoni soċjali (li jistgħu jiġu mitluba mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 161 tat-TFUE).

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal analiżi għar-rapportar imsemmi fit-TFUE, kif ukoll għad-disseminazzjoni tal-għarfien dwar l-isfidi soċjali u demografiċi ewlenin u l-modi kif għandhom jiġu indirizzati. B'mod partikolari, l-attivitajiet li ġejjin jistgħu jiġu segwiti b'kunsiderazzjoni dovuta tal-aspett tas-sessi:

- analiżi tal-impatt tat-tixjijih tal-popolazzjoni fil-kuntest ta' soċjetà għal kull età, f'termini ta' xejriet fil-kura u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni soċjali, politiki ta' mgħiba u sostenn, inkluża riċerka dwar minoranzi jew migranti anzjani u s-sitwazzjoni tal-persuni li jagħtu kura b'mod informali,
- analiżi tal-impatt tal-bidla demografika fuq il-politiki, il-miżuri u l-programmi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal aġġustamenti għall-politiki, il-miżuri u l-programmi ekonomiċi u ta' tip ieħor fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sabiex jiġi evitat li t-tixjijih tas-soċjetà jkollu impatt negattiv,
- analiżi tal-konnessjonijiet bejn l-unitajiet tal-familja u x-xejriet demografiċi,
- analiżi tax-xejriet tal-faqar, id-dħul u d-distribuzzjoni tal-ġid u l-impatt soċjali usa' tagħhom,

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 01** (ikompli)

04 03 01 04 (ikompli)

- identifikazzjoni tar-relazzjonijiet eżistenti bejn l-iżvilupp teknoloġiku (l-impatt fuq it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, u l-mobbiltà ġeografika u tax-xogħol) u l-konsegwenzi għall-familji u s-soċjetà b'mod ġenerali,
- analiżi tal-konnessjonijiet bejn xejriet tad-diżabbiltà u xejriet demografiċi, analiżi tas-sitwazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà u tal-familji tagħhom u l-bżonnijiet tat-tfal b'diżabbiltà fil-familji u l-komunitajiet tagħhom,
- analiżi tax-xejriet f'objettivi soċjali (f'termini tas-salvagwardja tad-drittijiet miksuba jew tal-estensjoni tagħhom), fir-rigward kemm tal-oġġetti kif ukoll tas-servizzi, fil-kunsiderazzjoni tal-isfidi soċjali kif ukoll tax-xejriet demografiċi l-ġodda u t-tibdil tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet,
- żvilupp ta' għodod metodoloġiċi xierqa (settijiet ta' indikaturi soċjali, tekniki ta' simulazzjoni, għbir ta' dejta dwar inizzjattivi ta' politika fil-livelli kollha, eċċ.), sabiex iseddqu r-rapporti dwar is-sitwazzjoni soċjali, dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali b'bażi kwantitattiva u xjentifika soda,
- sensibilizzazzjoni u organizzazzjoni ta' dibattiti dwar l-isfidi demografiċi u soċjali ewlenin bl-għan li jiġu promossi reazzjonijiet ta' politika aħjar,
- il-kunsiderazzjoni tax-xejriet demografiċi, tal-ħajja tal-familja u tat-tfulija fl-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti tal-Unjoni, bħall-moviment ħieles tal-persuni u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Atti ta' referenza

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 159 u 161 tiegħu.

04 03 01 05 Miżuri ta' taħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 784 000	19 400 000	20 273 200	19 000 000	20 523 782,08	19 228 193,58

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Dawk il-miżuri għandhom jgħinu biex ikunu indirizzati l-isfidi ġenerali li tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjieg u soċjali kif stjujata fl-istrateġija Ewropa 020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizzjattivi tal-Unjoni biex ikunu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika. Tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ dwar sfidi tal-ġeneru fil-post tax-xogħol.

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 01 (ikompli)

04 03 01 05 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

- is-sostenn għall-programmi ta' ħidma taż-żewġ istituti speċifiċi tat-trejdjunjins, l-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins u ċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema, li ġew stabbiliti biex jiffaċilitaw il-bini ta' kapaċitajiet permezz ta' taħriġ u riċerka fil-livell Ewropew, kif ukoll biex jitjeb il-grad ta' involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-governanza Ewropea,
- il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni,
- il-miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

Hemm bżonn ta' sħab soċjali b'saħħithom u kompetenti sabiex jittejjeb il-proċess tat-tnedija mill-ġdid u t-tisħiħ tal-funzjonament tad-djalogu soċjali, bħala appoġġ għall-irkupru u għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-ġustizzja fl-ekonomija soċjali tas-suq.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 154 tiegħu.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1), u d-direttivi assoċjati u individwali.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

04 03 01 06 Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 100 000	5 000 000	7 103 000	5 000 000	7 109 500,—	5 868 701,88

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 01** (ikompli)

04 03 01 06 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li b'mod partikolari tkopri l-attivitajiet li ġejjin:

- miżuri biex jiġu ffixati l-kondizzjonijiet għad-djalogu soċjali f'involvement bejn kumpaniji u impjegati kif provdut taħt id-Direttivi 98/59/KE, 2001/86/KE, 2002/14/KE, 2003/72/KE u 2009/38/KE, u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2005/56/KE,
- inizjattivi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u min iħaddem fir-rigward tal-informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'kumpaniji li joperaw f'iktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' korsijiet qosra għal negozjaturi u rappreżentanti f'korpi tranżitorji ta' informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati f'dak il-kuntest. Dan jista' jinvolvi msieħba soċjali minn pajjiżi kandidati,
- miżuri li jippermettu li l-imsieħba soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involvement tal-ħaddiema, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, biex jiġu familjari mal-ftehimiet tal-kumpaniji transnazzjonali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involvement tal-impjegati,
- operazzjonijiet li jrawmu l-iżvilupp tal-involvement tal-ħaddiema fl-imprezzi kif ukoll li jivvalutaw is-sejbiet tal-'Kontroll tal-idoneità' u l-impatt tiegħu fuq l-atti tal-Unjoni fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema,
- azzjonijiet innovattivi relatati mal-involvement tal-impjegati, bil-ħsieb li tkun sostnuta l-antiċipazzjoni tal-bidla u l-prevenzjoni u r-riżolviment ta' tilwim fil-kuntest tar-ristrutturar tal-kumpaniji, mergers, take-overs u rilokazzjoni tal-imprezzi fuq skala tal-Unjoni u gruppi ta' imprezzi fuq skala tal-Unjoni,
- miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali għall-iżvilupp tal-involvement tal-impjegati fit-tfassil ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika, bħal sensji tal-massa, jew il-ħtieġa għal inklinazzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u b'livelli baxxi tal-karbonju,
- skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u prattika tajba fi kwistjonijiet rilevanti għal djalogu soċjali fil-livell ta' kumpaniji.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155 tiegħu.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 01 (ikompli)

04 03 01 06 (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22).

Id-direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25).

Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (ġu L 310, 25.11.2005, p. 1).

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

04 03 01 08 Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 500 000	10 000 000	15 000 000	9 700 000	15 041 999,—	11 114 429,25

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 01 (ikompli)

04 03 01 08 (ikompli)

Kummenti

L-għan ta' din l-attività hu li jissaħħa ir-rwol tad-djalogu soċjali u li jiġu promossi u adottati ftehimiet u azzjonijiet konġunti oħra bejn l-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni. L-azzjonijiet iffinanzjati għandhom jgħinu organizzaazzjonijiet ta' msieħba soċjali jindirizzaw sfidi li tiffaċċja l-politika Ewropea dwar l-impjiegi u dik soċjali kif stipulata fl-istrategġija Ewropa 2020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u li tikkontribwixxi għat-titjib u t-tixrid ta' għarfien dwar l-istituzzjonijiet u l-prattiki tar-relazzjonijiet industrijali.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

- studji, konsultazzjonijiet, laqgħat tal-esperti, negozji, informazzjoni, pubblikazzjonijiet u operazzjonijiet oħra marbuta direttament mal-ksib tal-oġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika li testernalizza l-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizzi *ad hoc*,
- azzjonijiet meħuda mill-imsieħba soċjali biex jipromwovu d-djalogu soċjali (inkluża l-kapaċità tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-industrija multiprofessionali u intersettorjali,
- azzjonijiet biex jitjeb l-għarfien fuq istituzzjonijiet u prattiki tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni kollha u tixrid ta' riżultati,
- miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hu maħsub ukoll li tkun promossa l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm tat-trejdjunjins u kemm tal-organizzaazzjonijiet ta' min iħaddem,
- azzjonijiet biex isostnu l-miżuri tar-relazzjonijiet industrijali, b'mod partikolari dawk imfassla għall-iżvilupp ta' għarfien espert u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-Unjoni.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155 tiegħu.

04 03 02 Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali

04 03 02 01 Progress — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
77 900 000	58 900 000	78 873 225	60 000 000	71 429 992,77	63 601 677,65

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 02 (ikompli)

04 03 02 01 (ikompli)

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u għall-objettivi ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI f'termini tal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, l-objettivi speċifiċi tal-assi tal-Progress għandhom:

- jiżviluppaw u jiddisseminaw għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja sabiex jiżgura li l-politika tal-impjiegi u soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol tal-Unjoni jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u l-pajjiżi parteċipanti l-oħrajn,
- jiffaċilitaw il-kondiviżjoni effettiva u inklużiva tal-informazzjoni, it-tagħlim reċiproku u d-dialogu dwar il-politika tal-impjiegi u soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali sabiex jassistu lill-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħrajn fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni,
- jipprovdu lil min ifassal il-politika b'sostenn finanzjarju biex jippromwovw r-riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, jibnu l-kapaċità tal-atturi ewlenin li jiddisinjaw u jimplementaw l-esperimentazzjoni soċjali, u jagħmlu aċċessibbli l-għarfien u l-kompetenza rilevanti,
- jipprovdu lill-Unjoni u l-organizzazzjonijiet nazzjonali b'sostenn finanzjarju biex jiżviluppaw, jipromwovw u jsostnu l-implimentazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol,
- jissensibilizzaw, iwettqu skambju ta' prattika tajba, iqassmu informazzjoni u jipromwovw d-dibattitu dwar l-isfidi ewlenin u l-kwistjonijiet politiċi b'rabta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u soċjetà dejjem ixjeħ, inkluż fost is-sħab soċjali,
- iħeġġu l-ħolqien ta' impjiegi deċenti f'termini ta' drittijiet soċjali u xogħol stabbli, bil-promozzjoni ta' impjiegi aċċettabbli għaż-żgħażagħ u l-ġlieda kontra l-qgħad bil-promozzjoni tal-konverġenza soċjali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

L-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 02** (ikompli)

04 03 02 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

04 03 02 02 EURES — Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 476 491	22 000 000	32 976 491	15 000 000	30 558 451,12	23 894 612,03

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-programm tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin relatati għall-impjiegi, l-educazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni.

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplementarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI, b'mod partikolari sabiex tiġi promossa l-mobbiltà ġeografika tal-ħaddiema u jiġu rinforzati l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiġu żviluppati swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd, l-objettivi speċifiċi tal-assi "EURES" għandhom:

- jiżguraw li l-postijiet battala u l-applikazzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata jkunu trasparenti għall-applikanti potenzjali u għall-impjegaturi; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u d-disseminazzjoni tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transfruntier bl-użu ta' forum standard ta' interoperabilità,
- jgħinu biex jiżguraw li l-postijiet tal-impjiegi battala u għażliet ta' mobiltà fil-livell Ewropew jiġu reklamati b'mod parallel ma' postijiet tal-impjieg battala u applikazzjonijiet nazzjonali u mhux biss wara li l-għażliet lokali jew nazzjonali jiġu eżawriti,
- jiżviluppaw servizzi għar-reklutaġġ u l-kollokament ta' ħaddiema f'impjieg permezz tal-ikklerjar ta' postijiet battala u applikazzjonijiet tax-xogħol fil-livell Ewropew; dan għandu jkopri l-fażijiet kollha tal-kollokament, li jvarjaw mit-tnejn ta' qabel ir-reklutaġġ għal assistenza ta' wara l-kollokament, inkluż l-għażliet ta' żvilupp ta' ħilet lingwistiċi, bil-ħsieb li l-applikant jiġi integrat b'suċċess fis-suq tax-xogħol; servizzi bħal dawn għandhom jinkludu skemi ta' mobiltà mmirati sabiex jimtlew postijiet battala fejn ikunu ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol jew sabiex tingħata għajnuna lil gruppi partikolari ta' ħaddiema, bħal pereżempju ż-żgħażaġh,
- jagħtu assistenza għal attivitajiet ta' sostenn nazzjonali u transkonfinali organizzati mis-sħab tal-EURES,

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 02 (ikompli)

04 03 02 02 (ikompli)

- jagħtu taħriġ inizjali u addizzjonali tal-konsulenti tal-EURES fl-Istati Membri,
- joħlqu kuntatti bejn il-konsulenti tal-EURES u kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjieg tal-gvern, fosthom dawk ta' pajjiżi kandidati,
- jippromwovu l-EURES fost id-ditti u l-pubbliku ġenerali,
- jiżviluppaw strutturi speċjali għall-kooperazzjoni u servizzi fir-reġjuni tal-fruntiera skont il-punt (b) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68,
- joħlqu miżuri li jgħinu jeliminaw l-ostakli għall-mobbiltà, b'mod partikolari fil-kamp tas-sigurtà soċjali fl-ambitu tax-xogħol.

Dan il-programm għandu jiffaċilita wkoll it-tlaqqigħ u l-kollokament ta' apprendisti u persuni li jitħarrġu bħala element fundamentali biex tingħata għajna lit-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-iskola għax-xogħol, kif diġà nbeda fl-azzjoni preparatorja "l-Ewwel impjeg EURES tiegħek" u li ġiet ikkumplementata mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI). Kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), se jiġu mħeġġa biex jirreklutaw aktar żgħażaġh, inkluż permezz ta' sostenn finanzjarju.

Gruppi fil-mira huma:

- iż-żgħażaġh sa tletin sena, irrispettivament mill-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol tagħhom, minħabba li l-iskema mhijex esklussivament maħsuba speċifikament għal persuni li qed jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol,
- l-impriżi kollha legalment stabbiliti, b'mod partikolari l-SMEs, li se jassistu fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-impjegar internazzjonali li jaffettwa l-aktar il-kumpaniji iżgħar.

L-impjieg eliġibbli taħt din il-parti tal-programm se joffru liż-żgħażaġh apprendistati, l-ewwel esperjenza ta' xogħol jew impjieg speċjalizzati. L-iskema mhux se ssostni sitwazzjonijiet ta' sostituzzjoni tax-xogħol jew impjieg prekarji jew, febda ċirkostanza, impjieg li jiksru l-leġislazzjoni nazzjonali tax-xogħol.

Biex ikunu eliġibbli għal fondi, l-impjieg għandhom jikkonformaw ukoll mal-kriterji li ġejjin:

- ikunu lokalizzati f'pajjiż membru EURES għajr dak tal-pajjiż ta' oriġini taż-żagħżuġh li jkun qed ifttx xogħol (offerti ta' xogħol transnazzjonali,
- jiżguraw kollokament għal perjodu minimu kuntrattwali ta' sitt xhur.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jizdedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnissu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provvediment tal-approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 02** (ikompli)

04 03 02 02 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KKE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjeg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238-252).

04 03 02 03 Mikrofinanzjament u Intraprenditorija Soċjali — Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal persuni legali u fiżiċi, speċjalment dawk li huma l-iktar distanti mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 235 000	21 500 000	20 811 339	40 000 000	29 758 019,—	28 760 465,96

Kummenti

L-oġġettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-oġġettivi tal-Unjoni.

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplimentarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-oġġettivi ġenerali tal-EaSI, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi jiżiedu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għall-gruppi vulnerabbli u l-mikrointrapriżi, u billi jiżied l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi soċjali, l-oġġettivi speċifiċi tal-assi 'Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali' għandhom:

- iżidu d-disponibbiltà ta' mikrofinanzjament u l-aċċess għalih għal persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jtilfu l-impjeg tagħhom, jew li għandhom diffikultà sabiex jidħlu jew jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni friskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli, inklużi nisa li jixtiequ jibdew karrieri intraprenditorjali li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi tagħhom stess; u għall-mikrointrapriżi, speċjalment dawk li jimpjegaw persuni bħal dawn,
- jibnu l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu,
- isostnu l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali.

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 02 (ikompli)

04 03 02 03 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul u r-ripagament mill-istrumenti finanzjarji mħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partiti 6 4 1 0 u 6 4 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti huwa stmat għal EUR 10 000 000.

Parti mill-appropriazzjonijiet se tintuża għall-appoġġ u l-assistenza teknika għar-riċevituri ta' mikrofinanzjament.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

04 03 11 **Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 053 025	21 053 025	20 779 000	20 779 000	20 371 000,—	20 371 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Il-Eurofound trid tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 11 (ikompli)**

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 21 195 000 Ammont ta' EUR 141 975, li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżded mal-ammont ta' EUR 21 053 025 imdaħħal fil-baġit.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba għal studji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali sabiex jiġu appoġġati il-politiki li jiżguraw aktar impjiegi u impjiegi aħjar, li x-xogħol isir aktar sostenibbli u li jsaħħu d-djalogu soċjali fl-Ewropa.

Parti ulterjuri ta' din l-appropriazzjoni hija maħsuba għal studji u għal riċerka li tħares 'il quddiem dwar is-swieq tax-xogħol, u b'mod speċifiku l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-bidla strutturali, l-impatt tagħha fuq l-impjiegi u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.

L-appropriazzjoni se tkopri wkoll ir-riċerka u l-ġbir ta' għarfien dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-politiki soċjali u fuq ir-rwol tas-servizzi pubbliċi biex titjeb il-kwalità tal-ħajja. Ir-riċerka dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata u dwar l-impjiegi prekarji, inkluż it-tqassim skont il-ġeneru, ukoll għandhom ikunu koperti minn din l-appropriazzjoni.

Fl-aħħar nett, din l-appropriazzjoni se tintuża għall-analiżi tal-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-oqsma kollha li ġew deskritti hawn fuq kif ukoll għal studji li jikkontribwixxu għal politiki mmirati lejn konverġenza 'l fuq fl-Unjoni.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jtniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

04 03 12 *Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*

Ċifri (*Appropriazzjonijiet differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 507 072	15 507 072	15 122 884	15 122 884	15 325 742,92	15 154 200,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u fuq il-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-objettiv tal-Aġenzija huwa li ttipprovi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti għall-użu fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 12 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 15 579 000. Ammont ta' EUR 71 928, li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżied mal-ammont ta' EUR 15 507 072 imdaħħal fil-baġit.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 2062/94, u b'mod partikolari:

- il-miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfażi speċjali fuq l-SMEs,
- l-operat tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju bbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mill-kumpaniji jew fergħat speċifiċi tal-attività,
- it-tnejn u l-forniment ta' għodod rilevanti għal kumpaniji iżgħar biex jamministraw is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,
- l-operat tan-netwerk li jinkludi l-elementi ewlenin tal-komponent tan-netwerks tal-informazzjoni nazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-imsieħba soċjali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali, kif ukoll il-punti fokali nazzjonali,
- jikkollaboraw ukoll mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, li jkun qad jorganizzaw skambji ta' esperjenza, informazzjoni u prattiki tajbin,
- jintegraw il-pajjiżi kandidati f'dawn in-netwerks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,
- jorganizzaw u jmexxu l-Kampanja Ewropea dwar Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu kif ukoll il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li tiffoka fuq riskji u ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1).

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 13 Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 815 490	17 815 490	16 110 395	16 110 395	17 434 000,—	17 434 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva ta' Ċentru, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma.

Iċ-Ċentru jeħtieġli jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva. Il-Kummissjoni, meta tintalab miċ-Ċentru, tiegħu ħsieb tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni bit-trasferimenti magħmula bejn l-appropriazzjonijiet operazzjonali u amministrattivi.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 17 838 000. Ammont ta' EUR 22 510, li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżded mal-ammont ta' EUR 17 815 490 imdaħħal fil-baġit.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1).

04 03 14 Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 937 022	20 937 022	20 488 990	20 488 990	20 144 000,81	20 144 000,81

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali rigward il-programm ta' ħidma tagħha (Titolu 3).

Hija maħsuba wkoll li tkopri s-sostenn tal-pajjiżi msieħba fir-reġjun tal-Mediterran fir-riforma tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom, il-promozzjoni tad-djalogo soċjali u s-sostenn għall-intraprenditorija.

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 14 (ikompli)

Il-Fondazzjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 20 957 000. Ammont ta' EUR 19 978, li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżded mal-ammont ta' EUR 20 937 022 imdaħħal fil-baġit.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jtniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

04 03 15 **Awtorità Ewropea tax-Xogħol**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
04 03 15	15 683 250	15 683 250	p.m.	p.m.		
Riżervi (40 02 41)			2 124 650	2 124 650		
Total	15 683 250	15 683 250	2 124 650	2 124 650		

Kummenti

L-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità trid tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 15** (ikompli)

L-objettiv tal-Awtorità għandu jkun li tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni. Għal dan il-għan, l-Awtorità għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward il-mobilità tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni kif ukoll għas-servizzi rilevanti; tiffaċilita u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni fl-Unjoni kollha, inkluż l-iffaċilitar ta' spezzjonijiet konċertati u konġunti; timmedja u tiffaċilita soluzzjonijiet f'każijiet ta' tilwim transfruntier bejn l-Istati Membri, u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 15 683 250.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-ELA kif iddefiniti fir-Regolament (UE) 2019/1149, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu:

- tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u tikkoordina l-EURES,
- tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri bil-ħsieb tal-applikazzjoni u tal-infurzar konsistenti, effiċjenti u effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- se tikkoordina u tappoġġa l-ispezzjonijiet miftiehma u konġunti,
- twettaq analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju dwar kwistjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera,
- tappoġġa lill-Istati Membri b'bini tal-kapaċità fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat,
- timmedja tilwim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni.

Il-pjan tal-istabbiliment tal-Awtorità jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

KUMMISSJONI

TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)

04 03 51 Tlestija ta' Progress

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 885,25	992 674,22

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti skont il-Programm tal-Komunità għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provvediment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1) emendata bid-Deċiżjoni Nru 284/2010/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 6).

04 03 52 Tlestija ta' EURES

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-impenji li għad iridu jiġihallu mis-snin preċedenti fir-rigward tal-ex Artikolu 04 03 04.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI (ikompli)**04 03 52** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-punt (d) tal-Artikolu 58(2).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12).

05 06 02 **Organizzazzjonijiet agricoli internazzjonali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
140 000	140 000	140 000	140 000	140 000,—	140 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV).

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fil-punt (d) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV), adottata fl-14 ta' Settembru 2018 (2018/0327 (NLE)).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 07	AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)								
05 07 01	Kontroll tan-nefqa agrikola								
05 07 01 02	Miżuri ta' monitoraġġ u preventivi — Pagamenti diretti mill-Unjoni	2	10 862 760	10 625 821	9 130 000	9 130 000	9 286 207,98	9 866 132,90	92,85
05 07 01 06	Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar kontabilistiku tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	2	17 400 000	17 400 000	19 700 000	19 700 000	12 228 519,39	12 228 519,39	70,28
05 07 01 07	Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	2	176 600 000	176 600 000	2 600 000	2 600 000	5 158 754,87	5 158 754,87	2,92
	<i>Artikolu 05 07 01 — Subtotal</i>		204 862 760	204 625 821	31 430 000	31 430 000	26 673 482,24	27 253 407,16	13,32
05 07 02	Solviment ta' tilwimiet	2	1 000 000	1 000 000	30 000 000	30 000 000	88 774 447,92	88 774 447,92	8 877,44
	Kapitolu 05 07 — Total		205 862 760	205 625 821	61 430 000	61 430 000	115 447 930,16	116 027 855,08	56,43

Kummenti

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali għal kwalunkwe partita f'dan il-kapitolu f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)
(ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2, (EC) No 814/2000, (EC) No 1290/2005 and (EC) No 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/ and (EC) No 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

05 07 01 Kontroll tan-nefqa agrikola

05 07 01 02 Miżuri ta' monitoraġġ u preventivi — Pagamenti diretti mill-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 862 760	10 625 821	9 130 000	9 130 000	9 286 207,98	9 866 132,90

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa sabiex jitwettqu l-kontrolli ta' remote sensing, titwettaq il-valutazzjoni tal-kwalità tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS) u l-appoġġ tas-servizzi tekniċi konsegwenti skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

05 07 01 06 Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar kontabilistiku tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
17 400 000	19 700 000	12 228 519,39

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 f'każ li dawn id-deċiżjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-kontabbiltà marbuta mal-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor meta dawn ikunu favur l-Istati Membri.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI**KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)**
(ikompli)**05 07 01** (ikompli)

05 07 01 07 Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġjar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
176 600 000	2 600 000	5 158 754,87

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-konformità mal-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fil-każ li dawn id-deċiżjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità marbuta mal-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor meta dawn ikunu favur l-Istati Membri.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

05 07 02 **Solviment ta' tilwimiet**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 000 000	30 000 000	88 774 447,92

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex jakkomoda approprjazzjoni, jekk meħtieġ, biex tkopri nefqa li għaliha l-Kummissjoni tista' titqies responsabbli b'deċiżjoni ta' qorti, inkluż il-kost tal-ħlas tal-pretensjonijiet għad-danni u l-imgħax.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri kull nefqa li l-Kummissjoni tista' twettaq skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91 tal-4 ta' Marzu 1991 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa ħażin b'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' tagħrif f'dan il-qasam (ĠU L 67, 14.3.1991, p. 11).

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-ŻVILUPP RURALI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 08	STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-ŻVILUPP RURALI								
05 08 01	Netwerk tad-Data tal-Kontabilità Agrikola (FADN)	2	15 710 927	14 340 479	15 682 000	14 075 348	14 743 559,23	14 131 123,37	98,54
05 08 02	Stħarriġiet dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli	2	p.m.	100 000	40 000 000	20 052 664	0,—	6 570 682,44	6 570,68
05 08 03	Ristrutturar tas-sistemi ta' stħarriġ agrikolu	2	7 500 000	4 940 306	2 800 000	4 970 770	1 895 012,70	6 514 999,—	131,87
05 08 06	Tisħiħ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni	2	13 700 000	13 700 000	12 275 000	12 275 000	14 557 195,66	14 557 195,66	106,26
05 08 09	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Assistenza Teknika operazzjonali	2	4 518 000	4 518 000	4 800 000	4 800 000	2 491 708,95	2 491 708,95	55,15
05 08 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
05 08 77 09	Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali	2	p.m.	p.m.	p.m.	192 400	0,—	384 800,—	
05 08 77 10	Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu trans-konfinali Ewropew	2	p.m.	p.m.	p.m.	201 695	0,—	403 390,—	
05 08 77 12	Proġett pilota — Irħula Eko-Soċjali	2	p.m.	p.m.	p.m.	252 000	0,—	108 000,—	
05 08 77 13	Proġett pilota — Titjib fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-kriterji u l-istrateġiji ta' ġestjoni fis-settur agrikolu	2	p.m.	p.m.	p.m.	208 418	0,—	89 322,—	
05 08 77 14	Proġett pilota — Ristrutturar tal-katina tan-naħal u l-programm ta' trobbija u selezzjoni reżistenti għall-Varroa	2	p.m.	269 760	p.m.	269 760	0,—	179 840,—	66,67
05 08 77 15	Proġett pilota — Analiżi tal-aqwa modi kif l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) jistgħu jiġu ffurmati, iwettqu l-attivitajiet tagħhom u jingħataw appoġġ	2	p.m.	p.m.	p.m.	208 950	0,—	89 550,—	

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALIKAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 08 77	(ikompli)								
05 08 77 16	Azzjoni preparatorja — Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI	2	p.m.	3 650 000	4 000 000	2 990 000	3 300 000,—	0,—	0
05 08 77 17	Proġett pilota — L-iżvilupp ta' sett ta' għodda għall-bdiewa ta' prattiki ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara mill-Unjoni kollha	2	1 875 000	783 750	1 050 000	525 000			
05 08 77 18	Proġett Pilota - L-istabbiliment ta' programm operazzjonali: l-istrutturar tas-setturi agroalimentari biex jiġi ssalvagwardjata t-trażmissjoni tal-irziezet tal-familja u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura lokali	2	800 000	515 000	1 050 000	525 000			
	Artikolu 05 08 77 — Subtotal		2 675 000	5 218 510	6 100 000	5 373 223	3 300 000,—	1 254 902,—	24,05
05 08 80	Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Universali 2015 "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" f'Milan	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Kapitolu 05 08 — Total		44 103 927	42 817 295	81 657 000	61 547 005	36 987 476,54	45 520 611,42	106,31

Kummenti

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali għall-artikoli u l-partiti tal-FAEG kollha f'dan il-kapitolu f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

05 08 01 **Netwerk tad-Data tal-Kontabilità Agrikola (FADN)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 710 927	14 340 479	15 682 000	14 075 348	14 743 559,23	14 131 123,37

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iffinanzjar ta' tariffi standard u l-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-ġbir, l-ipproċessar, l-analiżi, il-pubblikazzjoni u t-tqassim tad-dejta tal-kontabilità tal-irziezet u l-analiżi tar-riżultati.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (verżjoni kodifikata) (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

05 08 02 **Stħarriġiet dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	40 000 000	20 052 664	0,—	6 570 682,44

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet għall-iffinanzjar ta' stħarriġ statistiku meħtieġ biex jiġu sorveljati l-istrutturi tal-Unjoni, inkluża l-bażi tad-dejta Eurofarm.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

05 08 03 **Ristrutturar tas-sistemi ta' stħarriġ agrikolu**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 500 000	4 940 306	2 800 000	4 970 770	1 895 012,70	6 514 999,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għat-titjib ta' sistemi ta' statistika agrikola fl-Unjoni,

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI (ikompli)**05 08 03** (ikompli)

- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi max-xiri u l-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-dejta,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-immudellar tas-settur agrikolu u previżjonijiet ta' terminu qasir u terminu medju tax-xejriet tas-suq u tal-istrutturi agrikoli, u mad-disseminazzjoni tar-riżultati,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-detezzjoni mill-bogħod, kampjunar skont l-erja u mudelli agrometeoroloġiċi għall-istatistika agrikola,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mat-twettiq tal-analiżijiet ekonomiċi u l-iżvilupp ta' indikaturi fil-qasam tal-politika agrikola,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi ma' miżuri meħtieġa għall-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli u l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 6 u mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni tal-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 6 u mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Bażi ġuridika

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar it-titjib tal-istatistiċi agrikoli tal-Komunità (ĠU L 162, 1.7.1996, p. 14).

Id-Deċiżjoni Nru 1445/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-applikazzjoni ta' stħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote-sensing għall-statistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003 (ĠU L 163, 4.7.2000, p. 1).

05 08 06 **Tisħiħ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
13 700 000	12 275 000	14 557 195,66

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni mill-Unjoni mmirati li jgħinu jispjegaw, jimplementaw u jiżviluppaw il-politika agrikola komuni u biex irawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-kontenut u l-oġġettivi tagħha kif previst fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 06 (ikompli)

Il-miżuri jistgħu jkunu fil-forma ta' programmi ta' ħidma annwali jew miżuri speċifiċi oħrajn ippreżentati minn partijiet terzi jew attivitajiet implimentati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

05 08 09 **Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Assistenza Teknika operazzjonali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
4 518 000	4 800 000	2 491 708,95

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa f'konformità mail-punti (a), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din l-appropriazzjoni tinkludi wkoll in-nefqa għall-istabbilment ta' bank tad-dejta analitiku għall-prodotti tal-inbid previst fil-punt (a) tal-Artikolu 89(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

05 08 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

05 08 77 09 Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	192 400	0,—	384 800,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALIKAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 10 Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu transkonfinali Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	201 695	0,—	403 390,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 77 12 Proġett pilota — Irħula Eko-Soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	252 000	0,—	108 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 13 Proġett pilota — Titjib fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-kriterji u l-istrategġi ta' ġestjoni fis-settur agrikolu

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	208 418	0,—	89 322,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 77 14 Proġett pilota — Ristrutturar tal-katina tan-naħal u l-programm ta' trobbija u selezzjoni reżistenti għall-Varroa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	269 760	p.m.	269 760	0,—	179 840,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALIKAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 15 Proġett pilota — Analiżi tal-aqwa modi kif l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) jistgħu jiġu fformati, iwettqu l-
attivitajiet tagħhom u jingħataw appoġġ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	208 950	0,—	89 550,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 77 16 Azzjoni preparatorja — Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	3 650 000	4 000 000	2 990 000	3 300 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejji.

L-azzjoni preparatorja tħejji l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni (PAK) ta' wara l-2020 u tikkomplementa l-proġett pilota preċedenti "Irħula Ekosoċjali Intelliġenti" (2016) u l-azzjoni preparatorja "Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI" (2018). Hi tgħin fl-informazzjoni u fit-titjib tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK li għalihom in-nozzjoni "Irħula Intelliġenti" hija inkluża f'indikatur ta' riżultati. Hija u tikkomplementa l-proġett pilota "Irħula Ekosoċjali Intelliġenti" u l-azzjoni preparatorja "Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI", din l-azzjoni preparatorja toffri għarfien, kompetenzi tekniċi u qafas ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' appoġġ favur l-iskemi ta' Rhula Intelliġenti f'firxa usa' ta' kuntesti soċjoekonomiċi. Tisfrutta t-tagħlimiet li nsiltu mill-inizjattivi previsti fl-Azzjoni tal-UE għal Irħula Intelliġenti kif ukoll l-għarfien miksub bis-saħħa ta' din l-Azzjoni (https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/rural-development-2014-2020/looking-ahead/rur-dev-small-villages_en.pdf). Billi l-PAK il-ġdida timmira li żżid is-sussidjarjetà, tali ħidma hija rekwiżit preliminari fundamentali biex tkun garantita implimentazzjoni adegwata ta' dan l-aspett ta' żvilupp rurali. L-għan tal-azzjoni preparatorja huwa li timplimenta prattiki li jkunu rnexxew f'għadd ta' Stati Membri, anki fil-qasam tal-ICTs u metodi online bħall-ħolqien ta' ċentri diġitali u eżempji tajbin oħra. Twaqqaf ukoll netwerk ta' rħula kampjuni (u tal-persuni li għandhom x'jaqsmu mal-irħula intelliġenti) biex jinħoloq qafas metodoloġiku koerenti għall-appoġġ tal-Unjoni lill-Irħula Intelliġenti. Dan il-kunċett huwa marbut mill-qrib mas-Suq Uniku Diġitali, il-pjattaformi diġitali, il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali, l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni u l-bijekonomija (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli, il-katina tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali), it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, l-edukazzjoni u l-impjieg, kif ukoll li titqies l-importanza tan-nisa u ż-żgħażaġh. Tista' wkoll tgħin fl-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej oħrajn, b'mod partikolari fl-ambitu tal-objettiv strateġiku għall-inizjattivi lokali.

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 16 (ikompli)

Dawn l-iskopijiet huma konformi għal kolloxx mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0, kif ukoll mad-Dikjarazzjoni ta' Bled, li jirrikonossu l-importanza li jingħata aċċess għat-teknoloġiji u għas-soluzzjonijiet xierqa b'mod li jrendu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

L-azzjoni tiffoka fuq l-iżvilupp ta' metodu li jipromwovi t-tkabbir u l-impjegi fiż-żoni rurali permezz ta' azzjonijiet konkreti fuq il-bażi ta' rħula magħżula li għandhom karatteristiċi komuni: l-infrastruttura, diversi riżorsi, servizzi, u aċċess għas-swieq. Hi tiżviluppa metodi biex ikunu offruti soluzzjonijiet f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- is-Suq Uniku Diġitali,
- il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali,
- il-bijoekonomija u l-ekonomija ċirkolari (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli fil-livell lokali, il-katina tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali),
- l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni (ngħidu aħna soluzzjonijiet ġodda għall-mobilità rurali bħall-kondiviżjoni ta' karozzi [ċar sharing] jew ta' vjaġġi bil-karozza [ride sharing]; paradigmi ġodda fit-turiżmu; il-kondiviżjoni u l-iskambju tal-makkinarju u s-servizzi agricoli),
- it-teknoloġija (ngħidu aħna l-internet tal-oġġetti, il-ġbir ta' big data, id-droni, il-vetturi elettriċi, il-konnessjonijiet mobbli mal-broadband tal-ġenerazzjoni li jmiss, eċċ.),
- l-aspetti soċjali,
- impjegi full-time u part-time ġodda, li se jikbru fit-tipi ta' ekonomija msemmija.

Din l-azzjoni preparatorja hija dokumentata sewwa bis-saħħa ta' pjattaformi online biex ir-riżultati jinxterdu. Bħala eżitu importanti, tagħti eżempji emblematiċi li se jiżguraw programmazzjoni aħjar u aktar effikaċi tal-fondi tal-Unjoni fiż-żoni rurali.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 77 17 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' sett ta' għodda għall-bdiewa ta' prattiki ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara mill-Unjoni kollha

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 875 000	783 750	1 050 000	525 000		

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**05 08 77** (ikompli)

05 08 77 17 (ikompli)

Kummenti

Filwaqt li l-leġislazzjoni tal-Unjoni ġiet żviluppata matul is-snin sabiex tiżgura użu sostenibbli tal-pestiċidi, għad hemm ħafna lakuni fl-implimentazzjoni tagħha fil-livell tal-Istati Membri u l-bdiewa jsostnu li s-sostituzzjoni tal-pestiċidi hija diffiċli, għalja jew li ma jeżistux alternattivi.

Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni reċenti tal-Kummissjoni tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71) (COM(2017) 587 final), l-istudju propost se jivvaluta l-miżuri tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara (IPM) meħuda f'kull Stat Membru, inkluż fuq l-art agrikola ġestita taħt l-IPM u eventwalment jikklassifikahom skont it-tip ta' għelejjel. Dan se jiġbor provi ta' tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi u jiġbor informazzjoni fuq il-prattiki applikati. Il-proġett se joħloq sett ta' għodda sabiex il-bdiewa u l-konsulenti tal-bdiewa jkunu jistgħu jilħqu l-għan tal-politika li titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq il-pestiċidi. Is-sett ta' għodda għandu jiddeskrivi, għal għadd kbir ta' għelejjel, il-protokoll li għandhom jiġu applikati għall-IPM, inklużi l-alternattivi għall-pestiċidi kimiċi. L-istudju se jidentifika u jipproponi approċċi effikaċi, l-ewwel nett billi jinbidlu l-prattiki tal-biedja, bl-użu ta' newba tal-għelejjel kull fejn ikun possibbli, segwita mill-introduzzjoni, fejn ikun f'lokha, ta' varjetajiet tal-għelejjel reżiljenti u reżistenti u l-użu ta' insetti li jagħmlu l-ġid u pestiċidi alternattivi, eċċ. L-alternattivi għandhom ikunu mfassla għall-kundizzjonijiet lokali.

Il-proġett, li jiswa madwar EUR 1 500 000 fuq sentejn, se jqis, fost l-oħrajn, l-esperjenzi miksuba bis-saħħa tal-ħidma mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Kontroll Bijoloġiku (IOBC), l-International Biocontrol Manufacturer Association (IBMA) u mill-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-bdiewa fuq l-approċċi agronomiċi differenti u fuq l-IPM.

L-istudju se jkun fih analiżi ta' kemm l-għodda tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) qed jippromwovv l-IPM fost il-bdiewa. Se jipproponi wkoll kif jistgħu jiżiedu l-prattiki madwar l-Ewropa, bl-għajnuna tal-istrumenti tal-PAK ta' wara l-2020 (eż. Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli li jinfurmaw lill-bdiewa dwar kif japplikaw l-IPM) u tal-arkitektura ekoloġika tiegħu sabiex il-bdiewa jkunu mħeġġa japplikaw il-prinċipji tal-IPM.

L-istudju se jinvestiga wkoll l-ostakli (reali jew perċeputi) identifikati mill-bdiewa u l-esperti li jillimitaw it-tifrix u l-użu tal-IPM f'dan il-qasam.

F'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipromwovv l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi, filwaqt li, fejn ikun possibbli, tingħata prijorità lil metodi mhux kimiċi, sabiex l-utenti professjonali tal-pestiċidi jaqilbu għal prodotti u prattika bl-aktar riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess problema ta' organiżmi ta' ħsara.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva 2009/128/KE tispeċifika li l-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara hija element fundamentali tad-Direttiva, u għalhekk il-fatt li l-Istati Membri għadhom ma stabbilixxewx miri ċari u żguraw l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi miri għall-użu aktar wiesa' tat-tekniki għall-ġestjoni tal-art bħal pereżempju n-newba, huwa kawża ta' tħassib partikolari.

Din tispeċifika wkoll li l-Istati Membri jridu jiżviluppaw kriterji ddefiniti b'mod ċar sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw b'mod sistematiku jekk it-tmien prinċipji tal-IPM ġewx implimentati, u jekk dan ma jkunx il-każ jieħdu l-miżuri ta' infurzar xierqa. It-tali strumenti jistgħu jikkonfermaw li l-eżitu maħsub tal-IPM kif speċifikat fid-Direttiva, jiġifieri tnaqqis tad-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi, huwix jinkiseb.

Kemm il-Kunsill Agrikoltura (fis-6 ta' Novembru 2017) kif ukoll il-Parlament Ewropew (fit-13 ta' Novembru 2017) iddiskutew ir-riżultati fir-rapport tal-Kummissjoni u kkonfermaw l-impenn tagħhom lejn l-iżgurar ta' implimentazzjoni aktar profonda u sinifikanti fil-futur.

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI (ikompli)

05 08 77 (ikompli)

05 08 77 17 (ikompli)

Dan il-proġett se jgħin lill-bdiewa u lill-Istati Membri biex jibdeu japplikaw b'mod konsistenti l-IPM, u biex inaqqsu d-dipendenza tal-bdiewa fuq il-pestiċidi.

Kif indikat mill-Kummissjoni, huwa meħtieġ baġit ta' mill-anqas EUR 1 500 000 sabiex il-proġett jiġi implimentat b'suċċess. Il-proġett pilota se jgġenera riżultati li jistgħu jiġu inkorporati fil-proġett ta' riċerka dwar it-tisħiħ tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara u dan jista' jikkontribwixxi għall-ġbir ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni attwali tal-IPM fuq il-post u se jkun utli għall-Istati Membri fit-tfassil tal-pjanijiet tagħhom tal-PAK.

Dan il-proġett pilota li għaddej bħalissa, ġie evalwat mill-ġdid b'eżitu pożitiv u l-baġit tiegħu żdied. Iż-żieda fil-baġit intalbet mill-Kummissjoni u partijiet interessati sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ottima tiegħu. Iż-żieda tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-baġit li sar b'rabta mal-pakkett ta' kompromess PPPA fl-2018 dwar proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 77 18 Proġett Pilota - L-istabbiliment ta' programm operazzjonali: l-istrutturar tas-setturi agroalimentari biex jiġi ssalvagwardjata t-trażmissjoni tal-irziezet tal-familja u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura lokali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	515 000	1 050 000	525 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se joħloq programm operazzjonali li se joħloq valur miżjud u li se jiġi adattat għas-setturi tat-trobbija tal-bhejjem, partikolarment is-setturi tal-ħalib u taċ-ċanga, sabiex jiġu ttrattati kwistjonijiet li jikkonċernaw l-agrikoltura lokali u dik tal-familja.

Fuq il-mudell tal-programmi operazzjonali eżistenti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, il-proġett għandu l-għan li jtejjeb l-istrutturar, il-kompetittività u r-reżiljenza ta' dawn is-setturi billi l-bdiewa jiġu garantiti introjtu ġust u stabbli, irrispettivament mit-tqassim tal-produzzjoni, iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, u l-fluttwazzjoni tal-prezzijiet.

Il-proġett pilota huwa neċessarju sabiex jiġi miġġieled it-tnaqqis allarmanti fin-numru ta' rziezet li qegħdin jiġu trażmessi, u li qed jipperikola l-biedja lokali u dik tal-familja. Dawn it-tip ta' rziezet fuq skala żgħira għandhom profitabbiltà baxxa, li twassal biex il-banek jibqgħu lura milli jappoġġjaw proġetti ta' trażmissjoni ta' rziezet minħabba n-nuqqas ta' viżibbiltà finanzjarja.

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-
IŻVILUPP RURALI** (ikompli)**05 08 77** (ikompli)

05 08 77 18 (ikompli)

Il-proġett pilota għandu tliet objettivi ewlenin:

Objettiv 1 — Strutturar tas-settur

- jizied il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi u tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fil-katina interprofessjonali permezz ta' proġetti ta' finanzjament biex jitjeb l-ippjanar tal-produzzjoni,
- jitjebu l-kwalità, l-isfruttament kummerċjali u l-promozzjoni tal-prodotti permezz ta' djalogu strutturat ma' min jinsab fil-parti downstream tas-settur,
- jingħata sostenn lill-modernizzazzjoni tal-impriżi, lill-adattament rapidu tal-prodotti, lill-innovazzjoni fil-metodi produttivi u fil-prevenzjoni tal-kriżijiet,
- jingħata sostenn lill-miżuri għall-ħarsien tal-ambjent u lill-metodi produttivi ekokompatibbli (biedja organika).

Objettiv 2 — L-istabilizzar tal-introjt

jinholq approċċ settorjali kreattiv permezz tal-introduzzjoni ta' żewġ strumenti disponibbli fl-ambitu tal-politika agrikola komuni:

- mekkaniżmu kuntrattwali għall-kondiviżjoni tal-valur miżjud, u
- l-iżvilupp ta' strumenti ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja għall-introjt tal-produtturi.

L-għan hu li l-produtturi jkollhom il-possibbiltà li jegħlbu l-volatilità tal-prezzijiet u jiġu garantiti, introjt u stabbi li jagħti spinta lis-sostenibbiltà tal-intrapriżi tagħhom.

Objettiv 3 — Il-ħolqien ta' fond għal finanzjament fil-ġejjieni

Parti mill-valur miżjud maħluq fl-livell settorjali jista' jiġi investit mill-ġdid – flimkien mal-appoġġ pubbliku milqugħ – biex jiġi stabbilit fond innovattiv li jggarantixxi l-finanzjament f'terminu twil neċessarju għall-istabiliment jew it-trażmissjoni tal-irziezet.

- *L-approċċ adottat*

L-approċċ adottat mill-proġett pilota jtejjeb il-koerenza bejn il-miżuri Ewropej differenti billi jstabilixxi programm settorjali operazzjonali. Isegwi l-approċċ ta' politiki pubbliki b'orjentament akbar lejn ir-riżultati.

Il-proġett se jsaħħaħ il-koeżjoni bejn il-partijiet upstream u downstream tas-settur u jippromwovi sinerġiji ġodda permezz ta' djalogu strutturat fost l-elementi kollha tas-settur billi jsaħħaħ il-valur ta' produzzjoni permezz ta' lista ta' speċifikazzjonijiet biex jottimizzaw il-valur miżjud meta l-prodotti jitpoġġew fis-suq, il-ġestjoni tal-volatilità tal-prezzijiet u l-garanzija tal-provvisti permezz ta' tiġdid ġenerazzjonali.

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI (ikompli)**05 08 77** (ikompli)

05 08 77 18 (ikompli)

Is-sostenibbiltà tal-irziezet mhijiex se tibqa' tingħata biss mill-produtturi individwali iżda minn approċċ komuni li se jgħin biex tinħoloq spinta pożittiva fis-suq. Il-proġett pilota għaldaqstant se jiġġenera l-impetu, lil hinn mis-setturi tal-ħalib u taċ-ċanga, li jista' jkun trasferit f'setturi lokali oħrajn bħala parti mill-istrateġija ekonomika kollettiva ta' żvilupp ta' reġjun.

Dan il-proġett se jaġixxi bħala mutur għall-iżvilupp reġjonali u għall-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-ekonomija (id-dħul tar-raħħala u ż-żieda fil-valur tal-prodotti lokali), is-soċjetà (il-ħolqien tal-impjiegi, is-sostenibbiltà tal-irziezet tal-familja), l-ambjent (il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni), l-ippjanar dwar l-użu tal-art (it-trasferiment tal-irziezet, l-iżvilupp territorjali) u t-turiżmu (il-ktajjen ta' provvista qosra).

— Valutazzjoni

Għandha ssir valutazzjoni wara sentejn biex jiġi stabbilit:

- (1) il-valur miżjud u l-effikaċja tal-programm operazzjonali tas-settur f'termini tal-oġġettivi;
- (2) id-dinamiċi interprofessjonali operattivi u l-possibbiltà li dawn jiġu estiżi lejn setturi agroalimentari oħrajn fil-qasam;
- (3) il-benefiċċju tal-esperjenza miksuba bil-koordinament tal-għodod tal-PAK fi ħdan programm operazzjonali, u l-valur miżjud miksub minn irziezet tal-familja żgħar li jiffaċċjaw problemi simili;
- (4) ir-rilevanza tal-għajnuna għall-proġett pilota permezz ta' azzjoni preparatorja bil-għan li jiġi adottat strument simili fl-ambitu tal-PAK.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

05 08 80**Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Universali 2015 "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" f'Milan**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja universali "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja", li seħħet f'Milan fl-2015.

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI (ikompli)**05 08 80** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Kompitu provenjenti mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fil-punt (d) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 09	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA								
05 09 03	Sfidi soċjetali								
05 09 03 01	Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo	1,1	358 411 695	257 493 066	287 147 225	211 249 489	241 488 968,—	158 734 070,—	61,65
	Artikolu 05 09 03 — Subtotal		358 411 695	257 493 066	287 147 225	211 249 489	241 488 968,—	158 734 070,—	61,65
05 09 50	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku								
05 09 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (l-2014 sal-2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 227 270,92	6 580 764,17	
	Artikolu 05 09 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 227 270,92	6 580 764,17	
	Kapitolu 05 09 — Total		358 411 695	257 493 066	287 147 225	211 249 489	245 716 238,92	165 314 834,17	64,20

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni qed tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment l-inizjattivi “Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 se jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Il-programm qed jitwettaq biex jtkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-oġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-TFUE, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-ŻER, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifikati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Qed titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċizzjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA (ikompli)

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa fisem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest taż-ŻER u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabblixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplementa d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20 5. 2006, p. 16).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 02 (ikompli)

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat- 28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twertiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

06 02 03 **Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**

06 02 03 01 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
47 305 406	49 542 497	52 629 413	52 629 413	56 296 446,—	50 296 446,12

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3) bl-eċċezzjoni tal-miżuri kontra t-tniġġis (ara l-partita 06 02 03 02).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiġdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 03** (ikompli)

06 02 03 01 (ikompli)

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020, inklużi l-miżuri kontra t-tniġġis, tammonta għal total ta' EUR 79 434 610. Ammont ta' EUR 6 029 204 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżded mal-ammont ta' EUR 73 405 406 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77).

06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima— Miżuri kontra t-tniġġis

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 100 000	25 175 000	25 050 000	23 833 000	25 259 798,—	27 418 046,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri miżuri ta' kontra t-tniġġis kif provdut fir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Hija f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex testendi l-kompiti tal-Aġenzija biex jinkludu rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat mill-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta għall-isfruttar taż-żejt u l-gass.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jaqgħu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 04 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 440 121	27 440 121	26 419 278	26 419 278	28 793 243,—	28 793 243,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jtnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 27 560 000. Ammont ta' EUR 119 879 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 27 440 121 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 04** (ikompli)

Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 44).

Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

06 02 05 **Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 000 000	13 270 000	12 860 000	8 400 000	12 469 219,27	13 216 394,23

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal studji u laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi idmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jipromwovu attivitajiet fis-settur tat-trasport kif ukoll attivitajiet tal-midja soċjali, prodotti awdjoviżwali, l-iżvilupp ta' websajt u għodda oħra tal-IT, attivitajiet ta' konsultazzjonijiet, pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-politika tat-trasport, inkluż id-dimensjoni soċjali tagħha, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, għal modi kollha tat-trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u minn passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, il-multi-modalità, il-loġistika, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-modi kollha tat-trasport, l-akkwist ta' vetturi nodfa u l-mobilità urbana, aspetti soċjali u dwar is-sessi inkluż id-dejta dwar l-impjiegi, kif ukoll għas-setturi l-oħrajn kollha relatati mat-trasport). L-azzjonijiet u l-oġġettivi prinċipali approvati huma maħsuba li jostnu il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-estensjoni għal pajjiżi terzi, l-assistenza teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, it-taħriġ speċifiku, id-definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-użu ta' teknoloġiji tal-ICT, il-kontribuzzjoni għall-proċess ta' standardizzazzjoni, u l-promozzjoni ta' politika komuni tat-trasport inkluż l-istabiliment u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni ta' netwerk trans-Ewropew approvat mit-TFUE kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u biex jitjiebu l-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk ir-Regolamenti, immirati kemm lejn l-industrija tat-trasport u lejn il-pubbliku li jivvjaġġa.

It-trasport marittimu u l-loġistika

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tat-trasport marittimu tal-Unjoni, f'konformità mal-oġġettivi definiti fil-White Paper dwar il-futur tat-trasport.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 05 (*ikompli*)

Din tinkludi analiżi tal-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi, sostenn għan-negozjati internazzjonali, żvilupp u interpretar tar-regoli tal-kabotaġġ, segwitu għall-ilmenti u l-ksur tal-proċeduri, żvilupp u implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-promozzjoni u l-appoġġ tat-trasport marittimu kompetittiv u effiċjenti fuq distanzi qosra, reviżjoni tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jtilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1) u simplifikazzjoni amministrattiva u jsir użu ta' sistemi tal-ICT fis-settur tat-trasport fuq l-ilma u l-loġistika, kif ukoll sostenn għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tat-trasport marittimu.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-Unjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, inkluż l-aġenda diġitali tat-trasport u l-loġistika, tipprovdi qafas u azzjonijiet għal sistemi tal-informazzjoni u għestjoni tat-trasport interoperabbli multimodali u kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni relatati, Tiegħa Unika (Ewropea) amministrattiva għat-trasport multimodali, dokument uniku tat-trasport u reġim multimodali tar-responsabbiltà.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri wkoll l-iżvilupp ta' qafas ta' referenza dwar il-kejl, iċ-ċertifikazzjoni u t-traqqis tal-impronta tal-karbonju, politika taċ-ċaqliqa modali, inkluż azzjonijiet pendenti taħt l-ex programm Marco Polo, l-Awtostradi tal-Baħar, it-trasport multimodali u kkombinat, id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport u tal-loġistika u l-appoġġ tal-istandardizzazzjoni u tal-armonizzazzjoni tat-tagħmir.

Sikurezza marittima

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, li tipproteġi l-ambjent marittimu u tippromwovi l-kwalifiki u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara.

Drittijiet tal-passiġġieri

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa fuq l-azzjonijiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, reviżjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżviluppa miżuri addizzjonali li jagħmlu l-infurzar ta' dak ir-Regolament iktar effiċjenti. L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1) ukoll iridu jiġu żgurati.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 teħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni biex jiġu żgurati l-applikazzjoni korretta u l-infurzar tiegħu fl-Istati Membri minħabba l-interazzjoni kumplessa ta' strutturi amministrattivi reġionali, nazzjonali u internazzjonali (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti tiegħu fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

Bħala miżura importanti ta' sostenn għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni twettaq azzjonijiet immirati li jkopru l-Istati Membri kollha jew uħud minnhom biex trawwem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. Kważi terz taċ-ċittadini tal-Unjoni huma konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom meta jixru biljett biex jivjaġġaw (31%), għalkemm 59% qalu li mhumiex konxji minnhom (Ewrobarometru dwar id-drittijiet tal-passiġġieri 2014).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu sostnuti fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kwalunkwe mod ta' trasport u għal kwalunkwe settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informativi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu għal żmien twil wieħed mis-setturi li l-awtoritajiet tal-konsumatur jirċievu l-iktar ilmenti dwaru fl-Unjoni. Iż-żieda fin-numru ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod elettroniku (permezz tal-internet jew il-mowbajl) irriżultat biss f'iktar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fis-sostenn tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżdied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

Is-sikurezza tat-toroq

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: l-orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010)0389 finali) tippreżenta seba' objettivi: l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq, l-infurzar tar-regoli tat-traffiku, infrastruttura sikura, vetturi sikuri, l-użu ta' teknoloġija moderna, ir-rispons tal-emerġenza ta' wara l-korrimenti u l-fokus speċjali fuq utenti vulnerabbli tat-triq. Il-ħidma tkompli fuq il-proposta tal-Kummissjoni, dwar l-aġġornar regolari tal-liġi tal-Unjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan, u dwar ir-reviżjoni tar-regoli dwar il-kwalifika u t-taħriġ tas-sewwieqa professjonisti, dwar is-segwitu tad-Direttivi 2014/45/UE, 2014/46/UE u 2014/47/UE, kif ukoll lejn strateġija dwar korrimenti serji tat-traffiku tat-triq. Il-ħidma tal-Kummissjoni dwar is-sikurezza fit-toroq tinkludi wkoll il-ġestjoni tal-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq, il-ġestjoni ta' regoli relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi, il-manutenzjoni ta' bażi tad-dejta Ewropea dwar inċidenti tat-triq — Bażi tad-dejta Komunitarja għal Inċidenti tat-Triq (CARE), is-segwitu għad-direttivi tal-ġestjoni tal-infrastruttura u tas-sikurezza fil-mini u għal diversi aspetti tas-sikurezza ta' utenti tat-toroq vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Orientazzjonijiet ta' Politika 2011-2020 tirrikjedi wkoll azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni għall-iskambju ta' prassi tajbin, kampanji dwar is-sikurezza fit-toroq, sejħiet għal proposti u l-iżvilupp ta' osservatorju tas-sikurezza fit-toroq; kif ukoll l-evalwazzjonijiet tal-għażliet biex il-ħidma tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni issir iktar effettiva u effiċjenti fil-futur.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa tal-attivajiet ta' komunikazzjoni u għal avvenimenti pubbliċi bħall-Jum Ewropew tas-Sikurezza Stradali annwali u inizjattivi simili ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni u interazzjoni maċ-ċittadini.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll li tistabbilixxi kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar ta' ksur tal-liġijiet tat-traffiku favur is-sikurezza fit-toroq.

It-Transport bl-Art

L-attivajiet ewlenin fil-qasam tat-trasport fuq l-art jikkonċernaw l-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta' politiki eżistenti, it-titjib tal-kooperazzjoni settorjali u l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda. Fost l-oħrajn, dan jinkludi attivajiet foqasma bħal imposti tal-infrastruttura, l-aċċess għas-suq, ir-regoli soċjali (inkluż l-infurzar tagħhom), ir-regoli tekniċi, ir-regoli dwar is-sikurezza u l-aspetti internazzjonali (relazzjonijiet tat-trasport fuq l-art ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jindirizzaw kwistjonijiet tat-trasport fuq l-art). Dawn l-attivajiet kollha jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 05 (ikompli)

Is-suq ferrovjarju

L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2012/34/UE u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 huma prijoritajiet ewlenin biex tithegġegħ il-kompetittività tal-ferrovji. Il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tiftaħ is-swieq ferrovjarji, li ttejjeb l-interoperabilità u s-sikurezza tas-servizzi ferrovjarji u b'hekk tinkoraġġixxi l-iżvilupp tas-sistema ferrovjarja integrata li twassal għal Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali għat-trasport fil-qasam tal-politika ferrovjarja.

It-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni settorjali huwa essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-settur ferrovjarju. Id-Direttiva 2012/34/UE tipprovdi l-ħolqien ta' Netwerk Ewropew ta' Korpi Regolatorji (ENRRB) u ta' Netwerk Ewropew ta' Amministraturi tal-Infrastruttura (Pjattaforma għall-Amministraturi tal-Infrastruttura Ferrovjarja fl-Ewropa, PRIME). L-oqfsa ta' kooperazzjoni informali ġew stabbiliti għal impriżi ferrovjarji (RUs) sabiex ikun jista' jsir skambju ta' esperjenzi fil-livell tal-Unjoni (djalogu RU) u Ministeri (Laqgħat tad-Diretturi Ferrovjarji). Bl-istess mod, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (il-pajjiżi tal-Golf, iċ-Ċina, l-Iran, il-Ġappun, il-Brażil, eċċ.) hija parti importanti għall-industrija ferrovjarja tal-Unjoni madwar id-dinja.

F'dan il-kuntest, din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-inizjattivi u l-ħidma ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni f'waqtha ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u biex jiġu indirizzati l-iżviluppi futuri tagħha u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Il-portijiet u n-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni u l-politika dwar il-portijiet u n-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni tal-Unjoni.

Ajru Uniku Ewropew

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), il-pilastru teknoloġiku tiegħu bl-għajjnuna ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), il-Maniġer responsabbli għall-adozzjoni tas-SESAR u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) huma wkoll prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-Unjoni adottata fl-2015.

L-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew bl-għajjnuna tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) jiġi segwit minn dan l-artikolu, bl-assistenza tal-EASA u l-Eurocontrol.

F'dan il-kuntest, il-promozzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u l-inizjattivi li jikkontribwixxu lejn l-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu, inkluż permezz ta' involviment u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (il-Korp tal-Konsultazzjoni Industrijal, il-Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali u l-Grupp Ewropew dwar id-Dimensjoni Umana), kif ukoll l-indirizzar tal-iżvilupp futur tiegħu huma wkoll attivitajiet importanti għall-Kummissjoni u qed isiru skont dan l-Artikolu.

Is-sikurezza tal-avjazzjoni, l-ambjent u l-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)

L-użi ta' diversi għodod leġiżlattivi huwa importanti biex jiżgura s-sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea u biex jiżgura l-kisba ta' tkabbir ambjentalment sostenibbli u biex iċ-ċittadini tal-Unjoni jitħarsu huma u jivvjaġġaw barra mill-Unjoni.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Skont l-Artikoli 3 sa 5 tar-regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tista' timponi projbizzjonijiet totali jew restrizzjonijiet parzjali fuq trasportaturi tal-ajru minn pajjiżi terzi li jkun ġejjin lejn l-Unjoni. F'dak il-kuntest u f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006, il-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u esperti mill-Istati Membri jistgħu jwettqu misjonijiet ta' valutazzjoni biex jiġverifikaw fuq il-post u biex jidentifikaw defiċjenzi tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru u l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tagħhom. Il-kost taż-żjajar ta' valutazzjoni fis-sit għall-esperti nazzjonali jeħtieġ li jiġi rimborżat mill-Unjoni.

Hemm hteġa ċara biex dawn il-misjonijiet jiġu kkumplimentati b'iktar azzjonijiet pożittivi u preventivi kif ukoll bil-kooperazzjoni teknika *ex post* biex tassisti lill-pajjiżi konċernati mill-projbizzjoni jew restrizzjonijiet biex jikkoreġu d-defiċjenzi. Minbarra dan, il-Kummissjoni u l-EASA għandhom bħala l-objettiv tagħhom il-promozzjoni tal-ogħla standards tas-sikurezza fl-avjazzjoni madwar id-dinja.

F'dan il-kuntest, il-proġetti tal-Unjoni fuq skala kbira fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-avjazzjoni ċivili ġestiti minn Direttorati Ġenerali oħrajn (NEAR, DEVCO and FPI), li jistgħu jiġu implimentati biss fuq bażi ta' terminu ta' żmien twil, ma jipprovdux tveġiba immedjata għal ħteġijiet tat-terminu ta' żmien qasir.

L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa għalhekk li tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti billi tistabbilixxi għodda flessibbli biex timplimenta *ad hoc* azzjonijiet preventivi u ta' assistenza (korrettiva) favur l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru effettwati mill-projbizzjoni tal-Unjoni, fl-Unjoni. L-azzjonijiet previsti huma attivitajiet fuq skala żgħira u għat-terminu ta' żmien qasir.

Peress li l-kuntratt tas-servizz qafas konkluż bejn l-EASA u l-MOVE fl-2009 ta prova li huwa għodda effettiva u effiċjenti biex titwettaq l-assistenza teknika, il-kuntratt nal-EASA kien iġġedded għall-perjodu 2013-2016 u qed jitħejja qafas ta' kuntratt ġdid mal-EASA għall-perjodu 2017-2020.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 fih previst l-istabiliment ta' Network Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (ENCASIA). ENCASIA huwa meħtieġ jiżviluppa azzjonijiet sabiex ikompli jtejjeb il-kwalità tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza u biex isaħħaħ il-prevezjoni tal-aċċidenti fl-Unjoni. Skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija assoċjata mal-ħidma ta' ENCASIA u jeħtieġ li tipprovdi lill-ENCASIA bis-sostenn meħtieġ.

Finalment, il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jkopri oqsma tal-avjazzjoni li għalih għandhom responsabbiltajiet kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-ICAO (jiġifieri s-sikurezza, l-ambjent, il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-sigurtà tal-avjazzjoni). Din il-kooperazzjoni msaħħa se tiżgura l-parteċipazzjoni indispensabbli fl-inizjattivi tal-ICAO u l-kontribuzzjoni għaliha f'diversi oqsma ewlenin tal-politika tal-avjazzjoni li qed isiru fil-livell globali. Dan jinkludi l-inizjattiva biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali fuq bażi mifruxa mad-dinja kollha, jew l-ivilup u l-implimentazzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-avjazzjoni li huma aċċettabbli fid-dinja kollha. Timmira li tiżgura li l-interessi tal-Unjoni (inkluż ta' natura industrijali, pereżempju fil-qasam tad-definizzjoni tal-istandards tekniċi madwar id-dinja kollha) jitqiesu iktar mill-ICAO. Permezz tal-ftehim, l-ICAO se tkun tista' tinġieb taċċetta, issostni u ttejjeb ir-rwol li dejjem qed isir iktar importanti li l-Organizzazzjonijiet Reġionali jeżerċitaw fl-iżvilupp preżenti u fil-futur tal-avjazzjoni internazzjonali.

Trasport intelliġenti u sostenibbli, inkluż f'żoni urbani

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika/strateġiji, kif ukoll l-implimentazzjoni tad-Direttivi u l-atti ta' implimentazzjoni u atti delegati relatati.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (*ikompli*)06 02 05 (*ikompli*)*Kwistjonijiet soċjali*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri kwistjonijiet soċjali orizzontali. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' ħaddiema, din se tappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jattiraw aktar ħaddiema fis-settur tat-transport, bil-kunsiderazzjoni tal-effetti tal-awtomazzjoni (terz tal-ħaddiema tat-transport għandhom aktar minn 50 sena). Se tipprovdi appoġġ ukoll għal azzjonijiet li jgħibu bilanċ ikbar bejn is-sessi fis-settur (is-settur tat-transport għadu ddominat mill-irġiel, 22 % biss tal-ħaddiema huma nisa, u inqas minn 3 % fil-pożizzjonijiet tekniċi).

Mobbiltà taż-żgħażaġh

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex timplimenta l-azzjonijiet relatati mal-mobbiltà taż-żgħażaġh sabiex jissaħħu l-għarfien u l-apprezzament tagħhom ta' kulturi oħra tal-Unjoni, billi jivvjaġġaw b'mod multimodali u sostenibbli. Għal din il-fini, fost oħrajn, il-Kummissjoni se tippromwovi skemi ta' vvjaġġar u azzjonijiet ta' kampanji u portali tal-web relatati.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2829/77 tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol tal-ekwipaġġi li jaħdmu fuq vetturi użati għat-transport fuq it-toroq internazzjonali (AETR) (ĠU L 334, 24.12.1977, p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 22bis tal-Ftehim.

Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/86 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-transport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4057/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar prattiċi ta' prezzijiet mhux ġusti fit-transport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar azzjoni koordinata sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess liberu għal tagħbijiet ta' merkanzija f'kummerċ fuq l-oċeani (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-transport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbilment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokkazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KEE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35).

Id-Direttiva 96/50/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 302, 26.11.1996, p. 28).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/75/KE tad-19 ta' Novembru 1996 dwar is-sistemi ta' kiri u prezzar fit-trasport nazzjonali u internazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 304, 27.11.1996, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 fuq l-ispezzjoni teknika fit-triq ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità (ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40).

Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91), u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq.

Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE, (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10), u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tagħha.

Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 05 (ikompli)

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2011, p. 26).

Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jtilghu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 096, 31/03/2004, p.26).

Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-reqwiziti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armmonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali marbuta mat-trasport bit-triq (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissewma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315/14 3.12.2007, p. 4).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 18).

Id-Direttiva 2004/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Artikolu 14 tagħhom.

KUMMISSJONI

TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)

06 02 05 (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47).

Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57) u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tagħha.

Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114) u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha.

Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132) u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(2) tagħha.

Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 16).

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24).

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

Id-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT (ikompli)**06 02 05** (ikompli)

Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p.1).

Ir-Regolament (KE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitlequ minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 51 Proġett pilota — Inkoraġġiment tas-soċjetà ċivili biex tikkondividi l-għarfien u l-aħjar prattiki b'rabta mal-bliet ekoloġiċi u mal-ambjenti urbani ekoloġiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	700 000	350 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 51 (ikompli)

L-introduzzjoni tan-natura fil-bliet u l-ekoloġizzazzjoni tal-akkwati urbani tagħna hija waħda mill-modi l-inqas sfruttati biex ngħollu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej. Illum 72 % tal-Ewropej jgħix fil-bliet u fis-subborgi, u l-perċentwal tal-popolazzjoni urbana qed ikompli jikber. Hekk kif il-bliet jiffaċċjaw firxa ta' sfidi, li jvarjaw mill-impatt tagħhom fuq is-saħħa tar-residenti għal tħassib ambjentali, l-infrastruttura ekoloġika għandha potenzjal kbir li toffri soluzzjonijiet għal ħafna minn dawn il-problemi.

L-għan huwa li l-ekoloġizzazzjoni tiġi ppreżentata bħala mod li jsolvi l-problemi u li tfiehem aħjar il-valur tal-ekoloġizzazzjoni. Huwa dejjem aktar importanti li dak li jkun iħares 'il quddiem u li tiġi żviluppata viżjoni tal-bliet tal-futur fejn l-infrastruttura ekoloġika għandha rwol kruċjali.

Għan ieħor huwa dak li jiżdied l-għarfien xjentifiku u titjeb il-kondiviżjoni tal-għarfien, għodod, metodi u approċċi innovattivi biex itejbu l-bijodiversità u l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika (inklużi soqfa u ħitan ekoloġiċi u agrikoltura urbana sostenibbli) fil-bliet u jtejbju l-parteciżazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan jinkludi wkoll il-bini flimkien ta' viżjoni tal-belt ekoloġika ta' għada.

Approċċ tassew parteciżattiv jinvolvi lil dawk li jfasslu l-politika, iċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, inklużi l-anzjani u t-tfal. Kull wieħed minn dawn il-partijiet ikkonċernati għandu ħtiġijiet differenti (ir-rikreazzjoni, il-mitigazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa urbana ta' gżira, it-titjeb tal-kwalità tal-arja, is-saħħa mtejbja tal-bniedem, il-mobilità ratba sostenibbli, it-titjeb tal-koeżjoni soċjali, eċċ.). Għalhekk il-komponent xjentifiku tal-proġett jista' jżviluppa s-soluzzjonijiet xjentifiċi meħtieġa għall-appoġġ tal-inizjattivi lokali li jtejbju l-infrastruttura ekoloġika urbana, għall-benefiċċju tal-persuni li jgħixu fil-bliet u t-titjeb tal-kwalità ta' ħajjithom.

Dan il-proġett pilota se johlq u jgħbor materjal, l-aħjar prattiki u l-linji gwida u jqassam il-materjal maħluq għall-bliet, il-muniċipalitajiet u l-amministraturi biex jgħinu lis-sindki jibdew proġetti biex itejbu u jespandu l-infrastruttura ekoloġika fil-bliet u fiż-żoni urbani.

L-għanijiet ta' dan il-proġett pilota huma:

- (1) is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji ta' spazji hodur fl-ambjent mibni;
- (2) iż-żieda tal-kwantità u tal-kwalità tar-riċerka u l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet ġodda;
- (3) l-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jieħdu azzjoni u jtejbju l-akkwati urbani tagħhom;
- (4) it-trawwim ta' kultura ta' apprezzament tal-ispazji hodur;
- (5) iż-żieda fin-numru ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika;
- (6) l-irbit tal-inizjattivi eżistenti mal-aħjar prattiki fl-Istati Membri;
- (7) il-ħolqien ta' pjan direzzjonali għall-ekoloġizzazzjoni tal-bliet Ewropej sal-2030;
- (8) it-tħejjija għas-Sena Ewropea tal-Bliet Aktar Ekoloġiċi 2020.

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 51 (ikompli)

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 52 Proġett pilota — Speċijiet aljeni invażivi: titjib tal-fehim u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	262 500	875 000	437 500		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jikkonċerna metodi ġodda ta' prevenzjoni tal-istabbiliment u tat-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (IAS) fl-Unjoni bħala appoġġ għar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35) u l-Objettiv nru 5 tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità għall-2020.

Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-prevenzjoni tal-istabbiliment tal-ispeċijiet aljeni invażivi (jiġifieri miżuri effikaċi ta' bijosigurtà tal-IAS) hija ħafna aktar kosteffikaċi mill-ġestjoni u mill-eradikazzjoni ta' IAS ladarba jstabbilixxu ruħhom. Madankollu, żewġ ostakli sinifikanti ġew identifikati li jipprevjenu li jiġu implimentati miżuri effikaċi ta' bijosigurtà tal-IAS: i) nuqqas ta' fehim mill-partijiet ikkonċernati dwar l-importanza tal-bijosigurtà tal-IAS, u ii) nuqqas ta' fehim fost l-amministraturi u r-regolaturi tar-riżorsi naturali dwar kif jikkomunikaw il-ħtieġa għal miżuri effikaċi ta' bijosigurtà tal-IAS fost id-diversi gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati.

Dan il-proġett pilota se jdaħħal sensiela ta' attivitajiet li jfittxu li: i) itejbu l-fehim fost il-partijiet ikkonċernati dwar l-importanza ta' miżuri effikaċi ta' bijosigurtà tal-IAS, u ii) itejbu l-komunikazzjoni fost l-amministraturi, ir-regolaturi u l-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri effikaċi ta' bijosigurtà tal-IAS.

Bil-għan li jsir azzjoni preparatorja, il-proġett pilota se jipprovi finanzjament biex jissensibilizza dwar il-ħtieġa ta' miżuri effikaċi ta' bijosigurtà fost il-gruppi ta' partijiet interessati li ġejjin: il-bdiewa, is-sidien tal-art u l-amministraturi tal-art, l-NGOs ambjentali, l-industrija tal-ortikultura, il-kummerċ ta' annimali domestiċi eżotiċi, l-utenti tal-ilma ħelu bi skop rikreattiv (sajjieda dilettanti u nies tad-dgħajjes) u l-utenti tal-baħar (użu ta' dgħajsa bi skop rikreattiv u tbaħħir industrijali), l-awtoritajiet tal-infrastruttura tat-trasport (kanali, binarji żgħar maġenb il-binarji ferrovjarji, żoni awtos-tradali), u l-awtoritajiet lokali. Dawn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati ġew identifikati bħala rappreżentanti tal-aktar modi sinifikanti għall-IAS fl-Ewropa.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 52 (ikompli)

Il-bijosigurtà tal-IAS hija kwistjoni li ġeneralment il-partijiet ikkonċernati f'it li xejn jifhemu fiha, iżda fl-istess ħin tikkagunahom ansjetà kbira minħabba l-impatti negattivi perċepiti għall-interessi tagħhom. Il-proġett pilota se jibni pjattaforma biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni kostruttiva fi ħdan is-setturi u bejniethom dwar il-hteġa ta' miżuri effikaċi ta' biosigurtà tal-IAS u l-benefiċċji tagħhom, kif ukoll biex tiġi kondiviża l-aħjar Prattika għall-komunikazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

B'mod speċifiku, taħt il-proġett pilota se jinħatru uffiċjali biex jibdeu u jmexxu djalogu f'kull wieħed mill-gruppi ta' partijiet ikkonċernati identifikati. Peress li l-livell eżistenti ta' fehim fost ħafna gruppi ta' partijiet ikkonċernati dwar il-kwistjonijiet ta' biosigurtà tal-IAS huwa baxx, inizjalment l-uffiċjali se jiddeterminaw il-livell ta' fehim u ta' tħassib f'kull wieħed mill-gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Ladarba tiġi ddeterminata l-perċezzjoni ta' kull wieħed mill-gruppi ta' partijiet ikkonċernati, l-uffiċjali mbagħad se jibdeu sensiela ta' avvenimenti, workshops u konferenzi, u se jipproduċu materjal aċċessibbli għas-settur speċifiku biex jipromwovu l-fehim u l-iskambju ta' għarfien dwar il-kwistjoni f'kull settur. Segretarjat għandu jiġġestixxi u jissorvelja l-ħidma tal-uffiċjali, kif ukoll jiġbor u jiżviluppa djalogi speċifiċi għas-settur sabiex jiġu identifikati problemi u soluzzjonijiet komuni fis-setturi kollha.

Bħala riżultat ta' dawn l-attivitajiet, il-livell ta' tħassib, kunflitt u nuqqas ta' fehim dwar il-bijosigurtà tal-IAS mistenni jonqos. In-novità ta' dan il-proġett hija li dan huwa ta' natura proattiva, peress li ma kienx hemm tentattivi preċedenti biex jiġu involuti b'mod kostruttiv setturi speċifiċi fuq livell pan-Ewropew dwar il-bijosigurtà tal-IAS, u fin-natura kollaborattiva tiegħu, peress li simultanjament jindirizza l-bijosigurtà tal-IAS fis-setturi Ewropej relatati iżda diverġenti.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 53 Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ u indikaturi tad-dakkara tal-UE

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 000 000	1 250 000				

Kummenti

L-azzjoni preparatorja se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' skema ta' monitoraġġ fl-Unjoni kollha għall-insetti dakkara selvaġġi fl-Istati Membri u l-kostruzzjoni ta' indikaturi assoċjati.

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 53 (ikompli)

Id-dakkara huma parti integrali ta' ekosistemi b'saħħithom u t-tinqis drammatiku tagħhom jikkawża tħassib serju. Fl-Ewropa, id-dakkir permezz tal-annimali primarjament isir permezz tal-insetti: madwar 2 000 speċi ta' naħal, 900 speċi ta' hoverfly, 500 speċi ta' friefet, 8 000 speċi ta' baħrijiet. Speċijiet oħra ta' dubbien, naħal bagħlija, ħniefes ukoll għandhom rwol ta' dakkir importanti. Mingħajrhom, ħafna speċijiet ta' pjanti jonqsu u eventwalment jisparixxu, b'konsegwenzi enormi għan-natura u l-benessri tal-bniedem. Fl-Unjoni, erbgħa minn kull ħames għelejjeġ u speċijiet tal-pjanti bil-fjuri jiddependu, tal-inqas parzjalment, mid-dakkir permezz tal-annimali. Sa EUR 15-il biljun mill-produzzjoni agrikola annwali tal-Unjoni huma attribwiti direttament għad-dakkir permezz tal-insetti; huma rikonoxxuti ħafna bħala wieħed mill-indikaturi l-iktar importanti ta' ambjent tajjeb għas-saħħa.

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat l-Inizjattiva tad-Dakkara tal-Unjoni, wara sejħiet mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal azzjoni biex jiġi indirizzat it-tinqis drammatiku tad-dakkara magħruf sew. L-inizjattiva tistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet biex jindirizzaw il-kawżi magħrufa tat-tinqis, iżda tiffoka wkoll fuq it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien. Tenfasizza l-importanza ta' approċċ sistemiku għall-ġbir ta' data u informazzjoni dwar id-dakkara, sabiex jiġu evalwati l-azzjonijiet ta' politika u tittejjeb l-effikaċja tagħhom. Filwaqt li f'xi oqsma hemm livell raġonevoli ta' għarfien (it-tinqis tal-friefet, l-istat ħażin tal-habitats tagħhom u l-kawżi tat-tinqis), għad hemm lakuni ta' għarfien ġenerali fir-rigward tal-istatus u x-xejriet għall-biċċa l-kbira mill-popolazzjonijiet ta' dakkara, kif ukoll il-kawżi u l-konsegwenzi tat-tinqis tagħhom. Proċess ta' monitoraġġ koordinat fil-livell tal-Unjoni, immexxi mill-ġbir ta' data fil-post standardizzat, se jippermetti li nagħlu l-lakuni kritiċi u niżviluppaw indikaturi robusti biex nirfdu l-politiki tal-Unjoni b'impatt għad-dakkara.

L-indikaturi tad-dakkara se jkunu essenzjali b'mod partikolari għal qafas ġdid tal-bijodiversità tal-Unjoni għal wara l-2020 u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida. Id-dakkara jikkostitwixxu suġġett bi profil għoli fil-ħidma tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li tistabbilixxi qafas globali ta' azzjonijiet dwar il-bijodiversità, u li għaliha tikkontribwixxi b'mod attiv l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU. Dan wassal għall-ewwel rapport globali dwar id-dakkara maħruġ mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi fl-2016. Hu mistenni li d-dakkara se jiġu inklużi fl-oġġettivi għall-qafas tal-bijodiversità globali futur. Apparti l-fatt li d-dakkara jirrappreżentaw oġġettiv bil-mertu tagħhom, l-indikaturi tad-dakkara se jgħinu wkoll biex jitkejjel il-progress lejn għadd ta' oġġettivi ta' bijodiversità oħrajn, inklużi dawk relatati mad-Direttiva dwar il-Habitats tal-Unjoni, in-netwerk Natura 2000, l-agrikoltura u l-forestrija.

Kif stabbilit fl-ambitu tal-Azzjoni 5C tal-Inizjattiva tad-Dakkara tal-UE, il-Kummissjoni se tinkludi indikatur tad-dakkara fil-qafas tal-prestazzjoni u l-monitoraġġ tal-PAK ladarba jkun ġie ffinalizzat u jkun operattiv. Tali indikatur ikun siewi ħafna flimkien mal-qafas tal-indikaturi fil-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK 2021-2027: id-dakkara permezz tal-insetti huma sostitut tajjeb għal bijodiversità usa' u fattur essenzjali fil-produzzjoni agrikola. Minħabba dan ir-rwol doppju, l-indikaturi tad-dakkara jkunu wkoll żieda eċċellenti mal-qafas ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Unjoni, b'mod partikolari l-Għanijiet 15 ("Il-Ħajja fuq l-Art") u 2 ("Ebda ġuħ"). L-indikatur tal-friefet fil-bwar hu diġà inkluż f'dak il-qafas u din l-azzjoni se tgħin biex tinfed is-sostenibbiltà tal-monitoraġġ tal-friefet u r-rappurtar tal-indikaturi fl-Unjoni kollha.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 53 (ikompli)

Filwaqt li l-monitoraġġ u l-indikaturi żviluppanti fl-ambitu tal-Inizjattiva tad-Dakkara tal-Unjoni jindirizzaw l-ispeċijiet tad-dakkara selvaġġa, dawn se jkunu wkoll ta' benefiċċju kbir għas-saħħa tan-naħal tal-għasel u s-settur tat-trobbija tan-naħal. Speċijiet ġestiti u selvaġġi jaqsmu r-riżorsi tal-ikel/il-foraġġ kif ukoll il-pressjonijiet ewlenin fuq il-popolazzjonijiet tagħhom. Il-monitoraġġ tal-ispeċijiet selvaġġi mhux biss se jipprovi informazzjoni tajba dwar il-kwalità tal-ambjent għad-dakkara kollha, iżda wkoll data essenzjali għar-riċerka dwar id-diversi pressjonijiet u l-interazzjoni bejniethom. Dan hu kruċjali għat-tfassil ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni effettivi u għall-appoġġ tal-irkupru effettiv.

Lil hinn mill-kontribut fundamentali għat-tfassil ta' politiki, id-data u l-informazzjoni ġġenerata mill-iskema ta' monitoraġġ se tkun tiffaċilita l-iżvilupp ta' għodda għal maniġers tal-art, b'mod partikolari l-bdiewa. Id-data dwar l-istatus għall-ispeċijiet tad-dakkara, flimkien ma' data dwar l-għejejjel tajba (pereżempju skont ir-riżultati tal-Azzjoni 3B tal-Inizjattiva tad-Dakkara tal-Unjoni), tiffaċilita l-iżvilupp ta' atlas ta' dakkara u dakkir jew sistema ta' twissija bikrija għal defiċit ta' dakkir. Dawn jgħinu lill-bdiewa, li r-rendiment u l-profit tagħhom essenzjalment jiddependu mid-dakkara, jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar kif jiżguraw dan ir-riżultat agrikolu u jimmitigaw ir-riskji relatati mat-tinqis tal-insetti dakkara.

Barra minn hekk, tiffaċilita wkoll għodod għal atturi ogħla fil-katina tal-bijomassa, bħal għodod ta' valutazzjoni tar-riskji u ġestjoni għall-manifatturi, il-fornituri jew il-bejjieġha tal-ikel u x-xorb, li l-prodotti u s-servizzi tagħhom jiddependu minn prodotti agrikoli li jiddependu minn dakkara. B'dan il-mod, data u informazzjoni tajba dwar id-dakkara jappoġġaw l-aġenda tal-bijoeconomija b'mod usa'. L-aġġornament tal-2018 tal-Istrateġija tal-Bijoeconomija jinkludi azzjoni li jappoġġa l-iżvilupp ta' tali għodod, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tad-dakkara fil-ktajjen tal-provvista u ta' valur (Azzjoni 3.3.4).

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' skema ta' monitoraġġ tad-dakkara tal-UE hu mistenni jkopri tal-inqas il-gruppi tassonomiċi ewlenin: in-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet. Bħalissa, l-uniku monitoraġġ sistematiku fil-livell tal-Unjoni ta' kwalunkwe grupp ta' dakkara qed isir għall-friefet f'nofs l-Istati Membri. Fl-2018, il-Parlament ewropew iffinanzja l-proġett pilota dwar il-monitoraġġ tal-friefet fl-Unjoni u l-indikaturi relatati (ABLE) biex jespandi dik l-iskema ta' monitoraġġ. Din l-azzjoni preparatorja se tibni fuq dak il-proġett pilota biex tiżgura l-kopertura sħiħa tal-Unjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tal-friefet, u se tgħin biex tistabbilixxi l-ewwel proċessi ta' monitoraġġ li qatt saru fil-livell tal-Unjoni għal grupp ta' dakkara oħrajn.

Il-Kummissjoni qed tipprepara biex tvarra grupp ta' esperti tekniċi f'Mejju 2019, b'mandat li jfasslu skema ta' monitoraġġ ta' dakkara u indikaturi tad-dakkara madwar l-Unjoni sa Mejju 2020. Bil-ħsieb li tiġi implimentata l-iskema ta' monitoraġġ u jiġi ffaċilitat il-fluss ta' data biex jinħolqu indikaturi diġà fl-2021, se jkun kruċjali li l-preparamenti meħtieġa jinbdew fl-Istati Membri fl-2020. Bosta Stati Membri huma mistennija jħabbtu wiċċhom ma' sfidi fir-rigward ta' kapaċitajiet amministrattivi u akkademiċi, u għalhekk implimentazzjoni b'suċċess se tgħin billi tiffoka l-isforzi kmieni fil-proċess.

Attivitajiet tal-azzjoni preparatorja:

L-azzjoni preparatorja se tiffinanzja l-attivitajiet li jgħinu jindirizzaw l-isfidi fil-kapaċitajiet għall-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni armonizzata ta' skema ta' monitoraġġ fl-Unjoni kollha għal insetti dakkara.

B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja se tappoġġa l-attivitajiet li ġejjin:

- L-akkomunament tal-għarfien espert fil-livell tal-Unjoni, in-netwerking u t-taħriġ tal-esperti;
- Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-iskema fl-Istati Membri;

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 53 (ikompli)

— L-assistenza bil-preparazzjoni ta' kapaċitajiet amministrattivi, finanzjarji u akkademiċi fl-Istati Membri;

— L-assistenza fl-implimentazzjoni inizjali tal-iskema fl-Istati Membri b'kapaċitajiet inadegwati;

— Il-bini fuq u l-komplementazzjoni tal-proġett pilota ABLE tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-iskema eżistenti ta' monitoraġġ tal-friefet.

Din l-azzjoni preparatorja se tkun operattiva għal tliet snin u se jkollha baġit ta' EUR 5 000 000.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 54 Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ ambjentali permezz tan-naħal tal-għasel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	750 000				

Kummenti

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja hu li tiġi stabbilita għodda għall-ġbir tad-data ambjentali bl-għajnuna tan-naħal tal-għasel u l-“prodotti” tan-naħal. Dan se jiffaċilita l-evalwazzjoni tal-esponiment għat-tniġġis u t-tixrid fl-ambjent fil-livell tal-pajsaġġ. Se jiffaċilita wkoll l-evalwazzjoni tad-diversità tal-pjanti f'pajsaġġi differenti.

Minkejja l-impatt konsiderevoli diversi sustanzi niġġiesa ambjentali, b'mod partikolari l-pestiċidi, fuq il-benessri tal-bniedem u n-natura, għad hemm nuqqas konsiderevoli ta' data u informazzjoni rigward l-esponiment. In-naħal tal-għasel jiġu f'kuntatt ma' matriċi differenti minħabba l-bżonnijiet u l-imġiba bijoloġiċi tagħhom. Fl-attività tat-tiftix mifrux għall-ikel (sa raġġ ta' 15km) jiġu esposti għas-sustanzi niġġiesa preżenti fl-atmosfera, il-ħamrija, il-veġetazzjoni, u l-ilma. Ta' kuljum imorru fuq bosta pjanti biex jiġbru n-nektar, sekrezjonijiet minn insetti li jieklu l-linja, l-għabra tad-dakra u/jew l-ilma, filwaqt li l-gomma tal-pjanta tinġabar għall-produzzjoni tal-propolis. Waqt li jkunu qed itiru, jiġu f'kuntatt ukoll ma' particeċli fl-arja, li jeħlu mas-suf fuq ġisimhom jew jiġu inalati permezz tal-minfes. Kontaminanti jiddaħħlu ġol-kaxxi tan-naħal u jistgħu jinsabu fi prodotti tan-naħal, bħall-għasel, ix-xema', il-propolis, l-għabra tad-dakra, u l-ħobż tan-naħal. In-naħal tal-għasel u l-prodotti tagħhom jistgħu wkoll jkunu wkoll għodda għall-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa ambjentali oħra (minbarra l-pestiċidi) bħall-metalli tqal, il-materja partikolata, il-komposti organiċi volatili (VOC) u d-dijossidu tal-kubrit (SO₂).

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 54 (ikompli)

In-naħal tal-għasel diġà jintużaw bħala bijoindikaturi tal-livell ta' kontaminazzjoni ambjentali. Saru studji bl-użu ta' naħal u ta' prodotti tan-naħal bħala "strumenti ta' monitoraġġ" bijoloġiċi sabiex titkejjel il-kwalità ambjentali. Diġà ġew deskritti livelli differenti ta' monitoraġġ ambjentali bl-użu ta' naħal tal-għasel, li jvarjaw fil-grad ta' kumplessità u ta' sensittività. Imħassba dwar it-telf ta' kolonji ta' naħal tal-għasel, dawk li jrabbu n-naħal, l-operaturi tekniċi fis-settur tan-naħal u x-xjenzati fxi partijiet tal-Ewropa bdew janalizzaw il-kontenut tal-kontaminanti fin-naħal u fil-prodotti tan-naħal. Spiss ir-riżultati huma l-istess: in-naħal huma esposti għal varjetà wiesgħa ta' kontaminanti b'mod simultanju u konsekuttiv.

Barra minn hekk, hemm lakuni ta' għarfien konsiderevoli rigward ir-rikkezza u l-abbundanza ta' speċijiet tal-pjanti fid-diversi pajsaġġi fl-Unjoni. Tali għarfien huwa essenzjali għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-ħabitat kif ukoll l-evalwazzjoni tal-perssonijiet li jista' jkollhom diversi użi tal-art fuq il-ħabitats. Il-ġbir u l-analiżi tal-għabra tad-dakra minn kaxxi tan-naħal joffru mezz promettenti għall-ġbir ta' data u informazzjoni siewja ħafna li jistgħu jgħinu jimlew dawk il-lakuni fl-għarfien.

Data u informazzjoni ambjentali ġġenerati mill-monitoraġġ bl-użu ta' naħal tal-għasel jappoġġjaw il-politiki tal-Unjoni fl-oqsma li ġejjin:

- is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel;
- is-saħħa tal-pjanti u l-annimali, inkluża s-saħħa tan-naħal;
- l-iżvilupp rurali agrikolu, inkluża t-trobbija tan-naħal;
- il-produttività agrikola u s-sikurezza tal-ikel;
- il-protezzjoni ambjentali (in-natura, l-arja, l-ilma, il-ħamrija);
- il-bijodiversità.

B'mod partikolari jappoġġjaw azzjonijiet effettivi skont:

- id-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi;
- ir-Regolament (KE) 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni;
- il-politika tal-bijodiversità tal-Unjoni, inkluża l-Inizjattiva tal-UE dwar id-Dakkara;
- id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi;
- id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali.

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (*ikompli*)**07 02 77** (*ikompli*)07 02 77 54 (*ikompli*)

B'hekk, il-monitoraġġ ambjentali permezz tan-naħal tal-għasel jikkontribwixxi għat-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fl-Unjoni, b'mod partikolari l-Għanijiet 2 ("Ebda ġuħ"), 3 ("Saħħa tajba u benessri"), 12 ("Konsum u produzzjoni responsabbli"), 14 ("Il-Ħajja taħt l-ilma") u 15 ("Il-Ħajja fuq l-art").

Fl-2018, il-Parlament Ewropew iffinanzja l-proġett pilota "Il-monitoraġġ ambjentali tal-użu tal-pestiċida permezz tan-naħal tal-għasel". Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq dan il-proġett pilota. Tkompli tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex tkopri sustanzi niġġiesa ambjentali oħra, kif ukoll il-monitoraġġ tad-diversità tal-pjanti. L-azzjoni preparatorja tkun proġett xjentifiku taċ-ċittadini, fejn dawk li jrabbu n-naħal ikollhom rwol ewlieni permezz tal-ġbir ta' kampjuni minn kaxxi tan-naħal.

Attivitajiet tal-azzjoni preparatorja:

— L-azzjoni preparatorja tiffinanzja l-implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' monitoraġġ li qed tiġi żviluppata u ttestjata mill-proġett pilota fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, l-azzjoni tipprova testendi l-monitoraġġ għal sustanzi niġġiesa ambjentali oħra kif ukoll għad-diversità tal-pjanti.

B'mod speċifiku, l-attivitajiet f'din l-azzjoni preparatorja jinkludu:

- l-esplorazzjoni ta' kif jiġi estiż il-protokoll ta' monitoraġġ għas-sustanzi niġġiesa ambjentali lil hinn mill-pestiċidi, u l-iżvilupp ta' moduli rilevanti;
- l-implimentazzjoni tal-protokoll ta' monitoraġġ bit-teħid ta' kampjuni ta' kaxxi tan-naħal minn diversi użi tal-art fl-Istati Membri kollha;
- it-twettiq ta' analiżi kimika u tal-għabra tad-dakra tal-kampjuni;
- l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-IT għall-ħolqien, il-ħżin, il-ġestjoni, l-ipproċessar u l-kondiviżjoni tad-data miġbura.

Din l-azzjoni preparatorja ddum sejra tliet snin u se jkollha baġit ta' EUR 4 000 000.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 55 Azzjoni preparatorja — Il-kejl tal-istat tal-bijodiversità Ewropea bl-użu tal-Indiċi tal-Lista Ħamra

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 400 000	600 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 55 (ikompli)

Kummenti

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja hu li jiġi evalwat it-tibdil fl-istat tal-bijodiversità fl-Ewropa, fil-livell tal-Unjoni u dak tal-Ewropa kollha, jiġu indirizzati l-kwantità ta' kawżi tat-tnaqqis fil-livell u jsir monitoraġġ tal-impatt tal-miżuri ta' konservazzjoni u l-azzjoni ta' politika. Dan se jagħti kontribut importanti għall-evalwazzjoni finali tal-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE u l-oqfsa tal-bijodiversità ta' wara l-2020. L-appoġġ propost jikkombina l-mobilizzazzjoni tan-networks u d-data tal-għarfien dedikat mal-użu ta' metrika stabbilita – l-Indiċi tal-Lista Ħamra (RLI) tal-IUCN – biex il-Lista Ħomor Ewropej (ERL) eżistenti jiġu aġġornati u jiġu indirizzati l-bidliet fl-istat tal-ispeċijiet bil-għan li jiġu infurmati l-politiki settorjali u dawk dwar l-użu tal-art, li hu kritiku biex l-ambitu tal-azzjoni tagħhom jiġu rfinut.

Fl-Ewropa, ir-riskju tal-estinzjoni tal-ispeċijiet żdied drammatikament f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Filwaqt li l-kawżi ta' dawn it-tendenzi negattivi huma ġeneralment magħrufa għal uħud mill-gruppi ta' organiżmi, u ġew implimentati miżuri ta' konservazzjoni u politiki għall-prevenzjoni ta' dawn it-tendenzi negattivi, id-data u l-għarfien dwar it-tendenzi u t-tħeddidiet għall-ispeċijiet jew ma jeżistux jew mhumix faċilment aċċessibbli, indikaturi tal-istat tal-ispeċijiet ma ġewx ipproċessati b'mod sistematiku, u l-ambitu ġeografiku tal-azzjoni għall-konservazzjoni u l-politika ma kienx wieħed regolari. Dan jagħmilha aktar diffiċli biex jinftiehem l-impatt ta' miżuri speċifiċi ta' rkupru u huma sfida għall-kejl tal-progress fl-UE fil-konfront ta' miri maqbula fil-livell reġjonali u internazzjoni biex it-telf tal-bijodiversità jitwaqqaf.

L-RLI tal-IUCN huwa metrika ġeneralment aċċettata biex jitkejlu l-bidliet fir-riskju tal-estinzjoni globalment; dan l-indiċi ġie adottat bħala indikatur uffiċjali tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Miri tal-Bijodiversità globali ta' Aichi. Għaldaqstant, dan intuża reċentement biex jiġu evalwati t-tendenzi tal-mammiferi, l-għasafar u l-amfibji fil-livell reġjonali għall-Ewropa u l-Asja Ċentrali fir-rapport ta' evalwazzjoni reġjonali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi u qed jiġi propost li jintuża fil-qafas tal-bijodiversità globali ta' wara l-2020. L-RLI juża data mil-Lista Ħamra ta' Speċijiet mhedda tal-IUCN, li fl-Ewropa evalwat 'il fuq minn 11 000 speċi mill-2006 f'żewġ livelli reġjonali: għall-Ewropa ġeografika, u għall-Unjoni. Għall-ispeċijiet tal-baħar, iż-żona koperta mill-evalwazzjonijiet tinkludi l-Mediterran, Il-Baħar l-Iswed, il-Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana, u l-parti Ewropea tal-Oċean Atlantiku (jiġifieri l-ibħra territorjali u ż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi (ŻEE), inklużi ż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Gżejjer Makroneżjani li jappartjenu lill-Portugall u lil Spanja). Madankollu, il-valutazzjonijiet tal-Lista Ħamra tal-IUCN uffiċjalment jitqiesu mhux aġġornati wara għaxar snin u l-ebda grupp tassonomiku ma ġie qatt evalwat mill-ġdid fil-livelli tal-Unjoni u fil-livell pan-Ewropew. Għalhekk, huwa essenzjali li l-ispeċijiet jiġu evalwati mill-ġdid b'mod regolari biex jinkiseb indikatur affidabbli u sinifikanti tat-tendenzi tal-bijodiversità Ewropea u t-tnaqqis mit-tħeddid fuq tul ta' żmien għat-tfassil ta' politika aktar mifruxa u bbażata fuq l-evidenza.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li l-RLI tal-IUCN jintuża biex jiġi stmat ir-riskju ta' estinzjoni aggregat għal kważi kull unità tassonomika evalwata s'issa mil-Lista Ħamra ta' Speċijiet Mhedda tal-IUCN fil-livelli tal-Unjoni u fil-livell pan-Ewropew. Dawn jinkludu annimali vertebrati (mammiferi, amfibji, rettili u ħut tal-ilma ħelu), annimali invertebrati (molluski mhux tal-baħar, friefet, saproxylid beetles, mazzarell u naħal), pjanti (vaskolari u mediċinali). L-RLI tal-IUCN jista' jkejjel jekk ir-rata tat-telf tal-bijodiversità tnaqqsitx fl-Ewropa, u dan jgħin biex tittejjeb l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni applikati fil-post filwaqt li jiġi evalwat il-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE, bħall-Istrateġija tal-Bijodiversità attwali – partikolarment il-Mira 1, li għandha l-għan li żżid il-protezzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats tagħhom billi timplimenta bis-sħiħ id-Direttivi tal-UE dwar in-Natura – kif ukoll il-miri tal-politika ta' informazzjoni fl-aġenda ta' wara l-2020. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jiġu allinjati maċ-ċiklu tal-politika (eż. il-Pjan ta' Azzjoni tal-Bijodiversità 2010, il-Politika tal-Bijodiversità għall-2020, l-Istrateġija tal-bijodiversità 2030, eċċ.).

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 55 (ikompli)

Il-metodoloġija ġenerali għar-rivalwazzjonijiet tal-ispeċijiet se tkun ibbażata fuq l-evalwazzjonijiet eżistenti tal-Lista l-Ħamra. Ikun meħtieġ xi xogħol preliminari biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa u l-evalwazzjonijiet jiġu aġġornati. Sessjonijiet ta' Ħidma ta' Evalwazzjoni se jsiru biss biex l-istat tal-Lista Ħamra jiġi rivedut għall-aktar speċijiet mhedda, u għalhekk huma mistennija li jkunu anqas numerużi minn eżerċizzju tipiku ta' evalwazzjoni, u konsegwentement, orħos. It-tul ta' dawn is-sessjonijiet ta' ħidma jvarja bejn jum u erbat ijiem, skont l-għadd ta' speċijiet li jridu jiġu vvalutati. L-informazzjoni, l-għarfien espert u d-data tat-tassonomija jiġu mobilizzati permezz ta' kooperazzjoni mal-Gruppi ta' Speċjalisti rilevanti tal-Kummissjoni għas-Sopravvivenza tal-Ispeċi tal-IUCN, u mal-persunal tal-IUCN li jmexxi l-valutazzjoni globali min-naħa ta' dawn il-gruppi. Konsultazzjoni addizzjonali mal-esperti lokali u internazzjonali u l-kooperazzjoni magħhom se jkunu l-qofol sabiex l-attivitàjiet ikollhom suċċess, u b'hekk din l-azzjoni għandha potenzjal li tistimula ċ-ċentri ta' għarfien lokali għall-bini tal-kapaċità (permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma). Il-Lista l-Ħamra tal-IUCN tipikament tpoġġi għad-dispożizzjoni fuq is-sit web tagħha mingħajr ħlas l-evalwazzjonijiet u l-mapep tad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet, u l-informazzjoni kollha miġbura mill-ġdid se tittella' fiċ-Ċentru tad-Data tal-Bijodiversità tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Se titqiegħed għad-dispożizzjoni kwalunkwe data addizzjonali tas-serje kronoloġika dettaljata dwar l-abbundanza u d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni għall-gruppi proposti ta' speċijiet miġbura fil-qafas ta' din l-azzjoni, soġġett għat-termini stabbiliti fil-ftehimiet legali ta' kondivżjoni tad-data flimkien ma' skemi ta' monitoraġġ eżistenti biex jiġu ċċarati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' aċċess għad-data, f'database integrata li tista' tikkontribwixxi direttament għal sistema integrata ta' monitoraġġ għall-bijodiversità u l-ekosistemi li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni u l-EEA.

RIŻULTATI TANĠIBBLI

L-evalwazzjonijiet mill-ġdid se jimmiraw lejn il-kisba ta' erba' miri ewlenin:

- 1) Il-pubblikazzjoni ta' ERL għal kull grupp ta' speċi (fil-livell tal-Unjoni u fil-livell pan-Ewropew) li tipprovdi sintesi tal-analiżijiet li jkunu saru u r-riżultati tal-proċess ta' rivalutazzjoni, inklużi eżempji ta' speċijiet b'tendenzi pożittivi, stabbli u negattivi kif muri mill-RLI, kumpilazzjoni tas-suċċessi u d-disfatti tal-konservazzjoni, b'messaġġi u rakkomandazzjonijiet ċentrali mfassla apposta għas-setturi prinċipali responsabbli għall-azzjonijiet li jittieħdu madwar l-Ewropa u li jkomplu jappoġġjaw u/jew jheddu il-konservazzjoni tal-ispeċijiet. Dawn se jkunu kritiċi biex l-integrazzjoni tal-bijodiversità tiġi mtejba fost l-atturi mhux statali u biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar liema azzjonijiet u liema mġiba jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità Ewropea, u jippromwovu s-servizzi tal-ekosistemi u, b'hekk, il-benessri tal-bnedmin. Ir-rivalutazzjonijiet finali li jirriżultaw għal kull speċi jiġu wkoll ippreżentati fil-format ta' skedi informattivi fuq is-sit web tal-IUCN. Il-vantaġġi tal-fatt li l-iskedi informattivi jittellgħu fuq is-sit web tal-Lista l-Ħamra huma: l-aċċess għad-data kollha tal-ERL f'post wieħed, l-aċċess għall-aktar valutazzjonijiet aġġornati lil hinn mill-ambitu ta' din l-azzjoni li jibbenefikaw minn informazzjoni ġdida inkorporata min-Netwerk ta' Esperti tal-SSC, u l-possibbiltà ta' tqabbil ma' evalwazzjonijiet globali u reġjonali oħra tal-istess speċi. F'konformità ma' publikazzjonijiet preċedenti tal-ERL, l-evalwazzjonijiet aġġornati se jkunu bil-kultur b'ċifri u ritratti max-xogħol kollu, u l-pubblikazzjonijiet se jkunu ddisinjati wkoll biex jimminimizzaw it-tul tat-tniżżil tal-verżjoni PDF. Il-pubblikazzjonijiet jiġu stampati (300 kopja) u jkunu disponibbli f'formati elettroniċi wkoll (Word u PDF).
- 2) L-Integrazzjoni ta' databases aġġornati tal-Lista l-Ħamra fiċ-Ċentru tad-Data tal-Bijodiversità tal-EEA u l-infras-truttura ta' hosting tiegħu. L-informazzjoni kollha miġbura biex jiġi stmat l-RLI (daqs tal-popolazzjoni, distribuzzjoni, tendenzi demografiċi, habitats, theddid) tintuża biex il-valutazzjonijiet attwali tal-ispeċijiet jiġu aġġornati fis-Servizz ta' Informazzjoni dwar l-Ispeċijiet (SIS), tiġi esportata f'databases ta' Microsoft Access (għal kull grupp tassonomiku) u mbagħad tiġi fformattjata f'konformità mar-rekwiżiti taċ-Ċentru tad-Data tal-Bijodiversità tal-EEA, fejn titqiegħed għad-dispożizzjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 55 (ikompli)

- 3) Tħejjija tat-test għas-sit web EUROPA. Se tinħoloq skeda ġdida fl-indiċi attwali disponibbli għal kull valutazzjoni tal-ERL fuq is-sit web EUROPA li tirrifletti r-riżultati tal-RLI għal kull grupp tassonomiku u t-test rispettiv jitħejja b'mod parallel mal-pubblikazzjonijiet ERL. L-istruttura attwali (jiġifieri t-titli u s-sottotitli) kif żviluppata għall-proġetti preċedenti tal-ERL jaf tirrikjedi reviżjoni sabiex l-isforzi għall-montoraġġ sistemiku u tal-RLI u r-riżultati tagħhom jiġu inkorporati u definiti aħjar.
- 4) Il-fuljett "The pulse of European biodiversity" li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet mill-ġdid u l-RLI, filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-bijodiversità u t-tendenzi fuq żmien twil, jiġbor flimkien il-kawżi ta' theddid biex jitwasslu messaġġi ewlenin lis-setturi tas-soċjetà bl-akbar impatti, u li jiċċelebra s-suċċessi ta' konservazzjoni. Huwa importanti li jiġu inklużi messaġġi pożittivi biex jgħinu sabiex jinħoloq ambjent soċjali ta' ottimiżmu li jwassal għat-tibdil. Il-fuljett se jsir f'konformità mal-linji gwida tal-identità viżiva tal-Kummissjoni. Se jkollu appell wiesa' u se jintuża biex jikkomunika ma' dawk li jfasslu l-politika u mal-pubbliku interessat. Se jkun ukoll għodda ta' komunikazzjoni importanti għall-midja u se jipprovdi lid-DG Ambjent għodda utli ħafna li tista' titqassam fuq firxa wiesgħa lil DGs u partijiet ikkonċernati oħra, minbarra li tintuża f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Il-fuljetti se jiġu stampati (1 500 kopja) u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'formati elettroniċi wkoll (Word u PDF).

Din l-azzjoni preparatorja ta' tliet snin se jkollha baġit totali ta' EUR 2 400 000.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 56 Proġett pilota — Nagħmlu d-digi tal-Iron Gates passabbli għall-isturjun tad-Danubju

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	500 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota jivvaluta soluzzjonijiet tekniċi għall-ftuħ ta' rotta ta' migrazzjoni għall-isturjun minn naħa għal oħra tad-digi idroelettriċi Iron Gate I u II fix-Xmara Danubju fil-fruntiera bejn ir-Rumanija u s-Serbja. Meta wieħed iqis id-daqs tad-digi (l-ikbar fuq ix-Xmara Danubju), id-daqs tal-ħut (sa 7 metri tul) u l-blat tal-madwar, din hi sfida ta' inġinerija straordinarja li tirrikjedi soluzzjoni bi grad għoli ta' innovazzjoni mfassla apposta għaċ-ċirkustanzi lokali.

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 56 (ikompli)

L-irkupru tal-għajnuniet għall-migrazzjoni tal-isturjun qed jiġi enfasizzat bħala proġett ewlieni fil-qafas tal-Istrateġija tal-ICPDR dwar l-isturjuni kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR) bil-għan li jittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-isturjun tad-Danubju. Il-proġett jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni pan-Ewropew għall-Konservazzjoni tal-Isturjun tal-Konvenzjoni ta' Berna, li l-Unjoni hija firmatarja tagħha.

Dan il-proġett pilota huwa meħtieġ biex iħejji studju tekniku ta' fattibbiltà sod u komprensiv għall-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni tal-isturjun, li jinkludi:

- 1) il-kunċett/id-disinn minn qabel ta' opzjonijiet tekniċi potenzjali għall-irkupru tal-passaġġi tal-ħut upstream u downstream, inkluż il-paragun tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi (restrizzjonijiet), l-istimi tal-ispejjeż, ir-riskji (tekniċi, finanzjarji) u l-identifikazzjoni tal-passi sussegwenti li hemm b'zonn għal disinn ġenerali inklużi d-disinn strutturali, id-disinn tal-komponenti tekniċi u l-kunċett operattiv;
- 2) mudellar idrawliku;
- 3) kunċett għal strateġija ta' implimentazzjoni (is-sekwenza tal-implimentazzjoni strutturali, eż. metodu pass pass wara proċess ta' tagħlim, jiġifieri approċċ ta' disinn adattiv għall-passaġġi tal-ħut);
- 4) identifikazzjoni ta' alternattivi amministrattivi fattibbli, b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-ħut downstream (eż. il-ġestjoni tat-turbini, qbid u trasport), kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul;
- 5) stħarriġ fuq il-post meħtieġ biex jimtlew il-lakuni fl-għarfien li mhumiex koperti minn studji attwali (data ineżistenti jew skaduta);
- 6) kunċett għal evalwazzjoni/monitoraġġ tal-passaġġi tal-ħut;
- 7) aġġornament tal-kunċett ta' finanzjament;
- 8) rieżami ta' kunċetti tekniċi minn analizzaturi pari/esperti tal-passaġġi tal-ħut.

Dawn il-komponenti tal-istudju tekniku tal-fattibbiltà jammontaw għal madwar EUR 2 000 000. L-implimentazzjoni tal-istudju se ssir bl-involviment mill-qrib tal-CPDR u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tar-Rumanija u s-Serbja.

L-attivitajiet li jridu jiġu implimentati jistgħu jifasslu mill-ġdid biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' duplikazzjoni fix-xogħol li jkun għaddej.

Il-finanzjament ta' dan il-proġett bħalissa mhu previst fl-ebda programm tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 56 (ikompli)

M'hemm l-ebda disinn lest biex jiġi applikat għal dan it-tip ta' passaġġi ta' ħut u s-soluzzjoni innovattiva ffinanzjata taħt dan il-proġett għalhekk se tkun paradigma biex jitfasslu passaġġi ta' ħut komparabbli fuq xmajjar oħra akbar Ewropej. Sfidi simili bħal dawk li jagħmlu Iron Gate I u II passabbli għal ħut kbir (eż. daqs kbir, ħruġ qawwi ta' ilma, livelli ta' ilma varjabbli fil-ġibjun) jinstabu wkoll fil-Baħar Baltiku, fejn diġi kbar fuq ix-xmara Vistula (il-Polonja), in-xmara Neman (il-Litwanja) u x-xmara Daugava (il-Latvja) jfixklu l-migrazzjoni tal-ħut u l-programmi ta' riintroduzzjoni tal-isturjun. Eżempji oħra huma d-diġa Gabčíkovo kif ukoll diġi akbar fuq ix-xmajjar Tisza u Drava fil-baċir tad-Danubju, fuq ix-xmara Evros fil-Bulgarija u fil-Greċja, u x-xmajjar tal-Peniżola Iberika, pereżempju Guadalquivir, xmara li qabel kien fiha l-isturjuni. Is-sejba ta' soluzzjonijiet għall-migrazzjoni tal-ħut għal dawn ix-xmajjar kollha tkun kontribut importanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma.

Il-passaġġi għall-isturjuni f'diġi kbar jeżistu biss fir-Russja fuq ix-xmajjar Volga u Kuban u fl-Istati Uniti fuq ix-xmajjar Connecticut u Columbia. L-esperjenza miksuba minn dawn il-faċilitajiet għandha titqies, iżda mhux se twieġeb il-mistoqsijiet kollha miftuħa. Wieħed mill-aktar eżempji magħrufa u ta' suċċess ta' passaġġi għall-isturjuni fl-Ewropa jinsab f'Geesthacht fil-Ġermanja, iżda hawnhekk id-diġa hija għolja 4,5 m biss filwaqt li Iron Gate I għandha għoli ta' 60 m.

Barra minn hekk, dan il-proġett pilota se jkun qed jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati Serbi mill-komunità tal-ġestjoni tal-ilma, u b'hekk jgħinjom jitgħallmu kif għandhom ikunu konformi mal-acquis ambjentali.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

07 02 77 57 Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 800 000	450 000				

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 57 (ikompli)

Kummenti

Il-proġett pilota preċedenti intiż biex jipromwovi u jiżviluppa metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali kien jipprevedi diversi azzjonijiet (biex jiġu żviluppati l-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda wkoll biex jittejjbu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar metodi alternattivi) kif identifikati fit-tliet pilastru tal-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni għall-proġett pilota fir-Rapport Interim tagħha dwar l-Implimentazzjoni tal-Proġetti Pilota u tal-Azzjonijiet Preparatorji 2017 (Ref. Ares (2017)1094287 - 01/03/2017) u mwettqa mill-Kummissjoni fl-2018. Sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-effiċjenza ta' dawn l-azzjonijiet ta' suċċess, il-proġett pilota għandu jkompli b'ħala azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 58 Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' Osservatorju Ewropew dwar ir-reżiljenza u l-adattament għan-nixfa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

L-oġġettiv ewlieni tal-azzjoni preparatorja huwa li l-Osservatorju Ewropew tan-nixfa jsir organizzazzjoni b'kapaċità istituzzjonali u b'riżorsi umani u materjali, sabiex network universitarju, unitajiet tal-R&Z, kumpaniji mis-settur produttivi u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu joperaw b'mod effiċjenti u effettivi.

Dan l-Osservatorju Ewropew se jwettaq riċerka fl-orijini u fil-konsegwenzi tan-nixfiet.

L-oġġettiv tal-azzjoni preparatorja huwa wkoll li jikkombina r-riżorsi umani u l-għarfien xjentifiku u tekniku sabiex tiġi pprovduta informazzjoni (analiżi tal-istatistika u xejriet) u metodoloġiji għall-immnigġjar u l-adattament tar-riżorsi produttivi għar-realtajiet u l-bżonnijiet ta' kull reġjun u ta' kull tip ta' produzzjoni agrikola speċifika, u biex għajnunha u servizz ta' appoġġ konsultattiv ikunu disponibbli għall-Istati Membri u r-reġjuni affettwati minn nixfa.

KUMMISSJONI
TITOLU 07 — AMBJENT

KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI (ikompli)

07 02 77 (ikompli)

07 02 77 58 (ikompli)

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 02 77 59 Proġett pilota — Intejbu l-gwida u l-qsim tal-għarfien fost il-ġesturi tal-art, il-konservazzjonisti u l-komunitajiet lokali biex nippreservaw il-pajsaġġi tal-wirt kulturali taħt in-Natura 2000 u lil hinn minnha

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
439 881	109 970				

Kummenti

L-inizjattivi tal-kura tal-art huma kkaratterizzati minn kooperazzjoni mill-qrib bejn il-konservazzjonisti, il-bdiewa u l-komunitajiet lokali. L-għan tagħhom huwa li tiġi ppreżervata d-diversità tal-pajsaġġi Ewropej u l-bijodiversità tagħhom, u biex jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ulterjuri tal-ekonomiji rurali. Attwalment diġà jeżistu sforzi kooperattivi għall-konservazzjoni tan-natura fuq il-bażi tal-kura tal-art f'sitt Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Rumanija u Spanja) u bħalissa qed jingħata bidu għal tentattivi simili fi Stati Membri oħra (eż. il-Litwanja u ċ-Ċekja).

It-titjib attiv dwar kif id-direttivi dwar in-natura tal-Unjoni jiġu implimentati jipprovdi l-qafas li fih qegħdin jitwettqu l-inizjattivi tal-kura tal-art. Il-proġett se jippromwovi l-miżuri rilevanti tal-PAK, inklużi l-miżuri li jikkonċernaw l-għasafar tal-art agrikola u l-ġestjoni ta' sit ta' Natura 2000, u se jaħdem biex jinkludi l-miżuri u l-għanijiet kollha rilevanti fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Priorità. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva qafas dwar l-ilma titqies bħala fattur importanti għall-proġett u għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-natura tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWORKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI (ikompli)

09 03 51 (ikompli)

09 03 51 02 Tlestija ta' Safer internet plus — Promozzjoni ta' użu aktar sikur tal-internet u tat-teknoloġiji ġodda onlajn

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti relatati mal-programm multiannwali ta' Modinis.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur tal-internet u ta' teknoloġiji online ġodda (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 1).

09 03 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

09 03 77 02 Proġett pilota — Żvilupp ta' intelliġenza artifiċjali (AI) għad-dijanjożi u t-ttrattament tal-kanċer pedjatriku

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Il-kanċers pedjatriċi huma ġabra ta' mard rari varjat li flimkien jirrappreżentaw, fuq livell individwali, mard li jkun ta' theddida għall-ħajja u li kollettivament jikkostitwixxu riskju kbir għas-saħħa pubblika. Peress li kull sena fl-Ewropa jkun hemm 35 000 każ ġdid u jmutu aktar minn 6 000 tifel u tifla u żagħżuġ u żagħżuġha, il-kanċer pedjatriku jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt mill-mard għat-tfal u l-adolexxenti. Barra minn hekk, fl-Ewropa hemm aktar minn 300 000 superstiti tal-kanċer fit-tfulija (kważi nofs miljun sal-2020). Żewġ terzi tas-superstiti jgħixu bl-effetti sekondarji relatati mat-ttrattament fit-tul li jistgħu jkunu severi u jħallu impatt fuq il-ħajja ta' kuljum ta' nofs daww affettwati.

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWORKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI (ikompli)**09 03 77** (ikompli)

09 03 77 02 (ikompli)

L-implimentazzjoni effikaċi ta' teknoloġiji ta' tagħlim awtomatiku u ta' intelliġenza artifiċjali tista' għib magħha soluzzjonijiet għal ħafna sfidi tas-soċjetà, inklużi mezzi ta' dijanjożi u ta' trattament aħjar. Il-pjattaformi integrati dwar id-data tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka li jiġbru informazzjoni dwar il-fenotipi kliniċi, it-testijiet dijanjostiċi (inklużi patoloġija, ġenomika u l-immaġnijiet radjoloġiċi), l-interventi ta' trattament u riżultati kliniċi se jkunu għodod b'saħħithom għal dijanjożi bikrija u preċiża, jippermettu l-preċiżjoni fl-istratifikazzjoni tal-koorti tal-pazjenti skont il-ħtiġijiet terapewtiċi u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' innovazzjoni terapewtika għida.

In-natura partikolari tal-kanċer pedjatriku li huwa marda rari teħtieġ approċċ kollaborattiv għall-ġbir u l-integrazzjoni tad-data miġbura fl-Istati Membri kollha, inklużi l-aħjar prattiki u teknoloġiji ġodda sabiex jiġu żviluppati aktar soluzzjonijiet komuni. L-użu tal-big data għal għarfien aħjar fir-rigward tal-ġenesi tal-kanċer, l-eżiti u l-effetti sekondarji fit-tul tat-trattamenti bħalissa mhuwix żviluppat biżżejjed. L-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku huma għodod futuri biex jiġu pproċessati settijiet kumplessi ta' data u biex titrawwem il-mediċina ta' preċiżjoni kontra l-kanċer għaż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa.

Progressi ulterjuri fid-dijanjożi u t-trattament tal-onkoloġija pedjatrika se jeħtieġ pjattaformi integrati dwar id-data tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka multinazzjonali u multidixxiplinari li jippermettu simulazzjonijiet ta' data f'sitwazzjonijiet reali ta' algoritmi ta' tagħlim awtomatiku u intelliġenza artifiċjali li jistgħu jiġu sfruttati f'applikazzjonijiet ta' appoġġ għal deċiżjoni klinika mmexxija mid-data li jkunu ta' benefiċċju dirett għall-pazjenti.

Il-proġett pilota se jappoġġja r-riċerka fit-teknoloġiji tal-IA b'applikazzjoni preċiża għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer pedjatriku.

Il-proġett pilota se jsegwi approċċ ta' żewġ stadji:

1. jiżviluppa approċċi multinazzjonali biex jiffaċilita l-qbid ta' data minn sorsi multipli. Abbażi ta' pjattaformi u settijiet ta' data multidixxiplinari eżistenti, jiżviluppa pjattaformi integrati dwar id-data tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka li jiġbru data klinika, inklużi, pereżempju, storja klinika, testijiet dijanjostiċi rilevanti (patoloġija, ġenomika, immaġnijiet radjoloġiċi), interventi ta' trattament u riżultati kliniċi għal kanċers fit-tfulija, li jgħaqqdu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-onkoloġija pedjatrika u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija.
2. jiżviluppa applikazzjonijiet ta' teknoloġiji bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex itejjeb id-dijanjożi tal-mard, il-ġestjoni, u l-iżvilupp ta' terapiji effettivi: juża pjattaformi integrati dwar id-data tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka biex jiżviluppa applikazzjonijiet tat-tagħlim awtomatiku u tat-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali rilevanti. Il-proġett pilota jista' jiffoka fuq applikazzjoni waħda jew aktar inkluż b'raba mal-immaġnijiet radjoloġiċi, il-patoloġija diġitali, il-ġenotipar integrat u l-algoritmi ta' previżjonijiet ta' eżitu u teħid ta' deċiżjonijiet kliniċi.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWORKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI (ikompli)

09 03 77 (ikompli)

09 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Amministrazzjoni lokali intelliġenti li tuża l-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u l-għodod ta' tagħlim awtomatiku biex tkun eqreb lejn iċ-ċittadin

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Iċ-Ċentru għall-Innovazzjoni u l-Imaġinazzjoni Ċivika huwa strument għall-innovazzjoni soċjali, il-komunikazzjoni, ir-riċerka u l-promozzjoni, kif ukoll forum għad-diskussjoni u l-informazzjoni għaċ-ċittadini, il-pubbliku u l-esperti f'diversi oqsma. Dan iċ-Ċentru għandu l-għan ukoll li jsir laboratorju permanenti li fih jiġu żviluppati u ttestjati forum differenti ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi tal-bliet sabiex tiġi appoġġata l-prattika parteċipattiva u jiġu promossi diskussjonijiet dwar proġetti ta' innovazzjoni urbana. Huwa jiġġestixxi l-proċessi ta' analiżi, jiżviluppa proġetti pilota għall-komunità u jipprova jsołvi l-problemi urġenti tal-belt u jippjana proġetti futuri, filwaqt li jidentifika funzjonijiet komplementari b'rabta mad-dinamika attwali tal-belt. Waħda mill-partikolaritajiet taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u l-Imaġinazzjoni Ċivika hija l-organizzazzjoni effettiva ta' laqgħat u laqgħat miftuħa u metodoloġiji ta' innovazzjoni rakkomandati mill-Kummissjoni, bl-użu tal-kunċett tal-ispiral kwadru (li jindirizza t-temi għall-analiżi bil-parteċipazzjoni ta' esperti fil-post tal-amministrazzjoni pubblika, l-akkademiċi, l-ambjent tan-negozju u s-settur tal-NGOs), jew anke l-mudell tal-ispiral kwintuplu, billi jinvolvi liċ-ċittadin - benefiċjarju dirett ta' miżuri mmirati biex iżidu l-kwalità tal-ħajja fil-belt. Iċ-Ċentru jikkoordina u jiġġwida networks kumplessi ta' governanza parteċipattiva.

Din l-azzjoni preparatorja se tenfasizza l-proattività taċ-ċittadini fil-konfront tal-gvern lokali u li tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Bażi ġuridika

Din l-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

09 03 77 04 Azzjoni preparatorja — Intelliġenza Artifiċjali u Big Data fit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa: pjattaforma tal-Ewropea tar-reġjuni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
850 000	212 500				

Kummenti

L-azzjoni preparatorja se tistabbilixxi pjattaforma Ewropea għar-reġjuni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u l-Big Data (BD) sabiex tiżied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi ċċentrati fuq l-utenti. L-integrazzjoni rapida tat-teknoloġiji diġitali toħloq għadd ta' sfidi għall-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Aspett importanti ta' din it-trasformazzjoni jirrigwarda l-aspettattivi taċ-ċittadini u l-impriżi mill-interazzjoni tagħhom mal-gvernijiet. Dan kollu jirrikjedi li t-trasformazzjoni diġitali tal-gvernijiet biex tingħeleb l-isfida.

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWORKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI (ikompli)**09 03 77** (ikompli)

09 03 77 04 (ikompli)

Hemm bżonn li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jbiddu l-mod kif joperaw u jorganizzaw ruħhom. Għandhom jiżguraw il-ħiliet meħtieġa biex jintużaw għodod diġitali ġodda; jeħtieġ li jaħdmu b'mod kollaborattiv u jinvolvu liċ-ċittadini u negozji.

Il-viżjoni tal-Unjoni hija dik li l-amministrazzjoni pubblika issir waħda miftuħa, interoperabbli, effiċjenti, inklużiva, mingħajr fruntieri u faċli għall-utent, billi toffri ambjent diġitali ġdid għas-servizzi pubbliċi. Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' April 2016 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020: Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika (COM(2016) 179 final) u fil-Komunikazzjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv — Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits" (COM(2016) 587 final), il-Kummissjoni tqis li t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika hija fundamentali għal Suq Uniku Diġitali ta' suċċess.

L-isforz komuni tal-Unjoni jinkludi bażi ġuridika konsistenti, politiki u programmi finanzjarji favur l-interoperabilità diġitali u soluzzjonijiet innovattivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Madankollu, hemm bżonn ta' strument tal-Unjoni biex jappoġġja pjattaforma għar-reġjuni, li tkun kapaċi tindirizza t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa kollha.

L-IA u l-BD qed jixprunaw paradigma soċjali u ekonomika ġdida fl-Ewropa u lil hinn minnha. Ir-reġjuni jeħtieġu jkunu parti mill-proċess bħala l-eqreb livell ta' gvern għaċ-ċittadini.

Żdied l-użu tal-IA u l-BD mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, fatt li jixhed il-potenzjal kbir f'firxa wiesgħa ta' setturi — mill-mobilità, il-monitoraġġ ambjentali u s-simulazzjonijiet ġeofiżiċi, kif ukoll in-netwerks elettriċi intelliġenti u s-servizzi personalizzati tal-kura tas-saħħa. Pjattaforma Ewropea tar-reġjuni tikkontribwixxi għall-iskambju u għall-iżvilupp ta' risposti u soluzzjonijiet komuni. Ir-reġjuni Ewropej jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex is-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika jsiru aktar effiċjenti u kapaċi jiġġeneraw valur pubbliku u jfornu servizzi pubbliċi aqwa.

Diġà ngħata bidu għall-bidla lejn pjattaforma Ewropea tar-reġjuni għal trasformazzjoni diġitali, li juri li l-involvement reġjonali jirrappreżenta valur miżjud għall-oġġettivi tas-suq uniku diġitali li jimmodernizza lill-amministrazzjoni pubblika u jnaqqas id-distakk diġitali. B'dan l-iskop, fi Brussell ġew organizzati żewġ seminars ta' livell għoli dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, bil-parteċipazzjoni tar-reġjuni, l-impriżi Ewropej kif ukoll tal-Kummissjoni — (DĠ DIGIT, DĠ CONNECT, DĠ ECOFIN u tas-Segretarju Ġenerali). Il-laqgħat ġew promossi mill-gvern reġjonali tal-Emilia-Romagna, bl-involvement tar-reġjuni ta' Hessen, il-Katalonja, il-Fjandra, il-Vallonja, l-Île-de-France, in-Nouvelle-Aquitaine u Trondheim u, min-naħa tal-impriżi, mill-fornituri tal-IT u tal-IA. L-Emilia-Romagna tospita ċ-Ċentru Ewropew ta' Tbassir tat-Temp f'terminu medju, u ntgħażlet biex tospita ċ-Ċentru tas-Supercomputing Ewropew għal Computing ta' Prestazzjoni Għolja u qiegħda tistabbilixxi fondazzjoni internazzjonali dwar il-BD u l-IA għall-iżvilupp tal-bniedem.

L-għanijiet u l-attivitatijiet

Il-Pjattaforma tar-reġjuni Ewropej għat-Trasformazzjoni Diġitali se:

- tikkondividi l-għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali u l-oqfsa regolatorji sabiex jiżdied l-użu tal-IA u tal-BD,
- tikkondividi mudelli li jsaħħu l-muturi strateġiċi favur id-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari l-infrastrutturi, id-data u s-servizzi, il-ħiliet diġitali u l-komunitajiet,

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWORKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI (ikompli)

09 03 77 (ikompli)

09 03 77 04 (ikompli)

- ittejjeb il-kondiviżjoni tas-settijiet tad-data u tal-għarfien dwar l-applikazzjonijiet tal-IA u tal-BD għas-servizzi pubbliċi,
- ittejjeb il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-IA u l-BD tal-impjegati taċ-ċivil,
- tiżviluppa u tikkondividi modi ġodda ta' ħidma, inkluża l-ħidma intelliġenti.

B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin:

- il-ħolqien ta' pjattaforma għar-reġjuni għall-IA u l-BD, li tiġbor flimkien lill-gvernijiet reġjonali, l-aġenziji tal-ICT, lill-fornituri u l-impriżi,
- l-iżvilupp ta' arranġamenti għall-ittestjar pilota b'rabta mat-trasformazzjoni kulturali li tirriżulta mill-post tax-xogħol diġitali u l-ħidma intelliġenti,
- żewġ hackathons Ewropej dwar l-użu tad-data, tal-istandards u tal-interoperabilità kondiviża għall-amminis-trazzjonijiet pubbliċi,
- żewġ seminars għall-kokreazzjoni ta' servizzi pubbliċi ċċentrati fuq l-utenti abbażi tal-IA u tal-BD,
- it-tagħlim bejn il-pari għall-manigiers b'rabta mal-IA u l-BD.

Il-pjattaforma se tinvolvi tużżana reġjuni Ewropej minn diversi Stati Membri.

L-azzjoni preparatorja se tikkomplementa l-programm ISA2. B'mod speċifiku, il-pjattaforma Join Up tista' tagħti kontribut għall-azzjoni.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04	ORIZZONT 2020								
09 04 01	Xjenza eċċellenti								
09 04 01 01	Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti	1,1	453 036 200	468 325 000	442 937 089	201 142 000	435 885 030,16	514 020 973,59	109,76
09 04 01 02	Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi	1,1	73 582 043	76 500 000	130 561 317	132 553 000	122 392 122,47	100 601 824,38	131,51
	<i>Artikolu 09 04 01 — Subtotal</i>		526 618 243	544 825 000	573 498 406	333 695 000	558 277 152,63	614 622 797,97	112,81
09 04 02	Rwol ta' tmexxija industrijali								
09 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	1,1	893 597 902	716 567 000	763 980 569	863 677 000	761 064 252,76	757 079 741,33	105,65
	<i>Artikolu 09 04 02 — Subtotal</i>		893 597 902	716 567 000	763 980 569	863 677 000	761 064 252,76	757 079 741,33	105,65
09 04 03	Sfidi soċjetali								
09 04 03 01	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri	1,1	187 862 880	149 633 000	163 973 074	124 898 000	144 734 155,21	146 626 041,31	97,99
09 04 03 02	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi	1,1	54 632 314	48 000 000	48 210 665	40 075 000	42 786 389,23	46 413 195,96	96,69
09 04 03 03	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	1,1	68 153 053	52 400 000	58 309 660	55 871 000	51 890 329,83	49 425 353,—	94,32
	<i>Artikolu 09 04 03 — Subtotal</i>		310 648 247	250 033 000	270 493 399	220 844 000	239 410 874,27	242 464 590,27	96,97
09 04 07	Impriżi Konġunti								
09 04 07 31	L-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ	1,1	6 830 000	1 925 000	2 010 000	2 010 000	2 327 841,—	2 327 841,—	120,93
09 04 07 32	L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ	1,1	199 097 169	185 000 000	188 000 000	159 289 000	182 147 400,—	205 032 003,—	110,83
09 04 07 33	Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC) — Nefqa ta' appoġġ	1,1	7 524 788	3 101 192	2 242 744	2 242 744			

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 07	(ikompli)								
09 04 07 34	Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC)	1,1	214 811 268	109 324 087	152 447 962	68 797 000			
	Artikolu 09 04 07 — Subtotal		428 263 225	299 350 279	344 700 706	232 338 744	184 475 241,—	207 359 844,—	69,27
09 04 50	Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku								
09 04 50 01	Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	132 686 295,45	32 677 186,84	
09 04 50 02	Approprijazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	181 828,04	2 957 799,61	
	Artikolu 09 04 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	132 868 123,49	35 634 986,45	
09 04 51	Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	39 990 000	356 312,83	53 121 454,11	
09 04 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	179,83	179,83	
09 04 53	Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' appoġġ għall-politika tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT PSP)								
09 04 53 01	Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	2 789 000	11 366,21	3 345 186,99	

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 53	<i>(ikompli)</i>								
09 04 53 02	Tlestija ta' programmi preċedenti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ta' qabel l-2007)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 09 04 53 — Subtotal</i>		p.m.	p.m.	p.m.	2 789 000	11 366,21	3 345 186,99	
09 04 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
09 04 77 01	Proġett pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	199 962	0,—	611 571,98	
09 04 77 04	Proġett pilota — It-tlaqqigħ tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa ma' Silicon Valley	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	40 925,80	
09 04 77 05	Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' għarfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-għarfien	1,1	p.m.	927 546	p.m.	960 615	1 000 000,—	748 701,—	80,72
09 04 77 06	Proġett pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjegji ġodda	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	238 752	0,—	102 322,50	
09 04 77 07	Proġett pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni	1,1	p.m.	39 758	p.m.	39 758	0,—	0,—	0
09 04 77 08	Azzjoni Preparatorja — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika	1,1	p.m.	499 232	p.m.	600 000	2 000 000,—	0,—	0
09 04 77 09	Azzjoni Preparatorja — Fabbriki intelliġenti fl-Ewropa tal-Lvant	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	449 313	0,—	629 037,50	
09 04 77 10	Proġett pilota — Qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali fuq il-minuri	1,1	p.m.	345 164	p.m.	431 454	0,—	86 290,70	25,00
09 04 77 11	Proġett pilota — Inizjattiva għall-Bini ta' Sensibilizzazzjoni Algoritmika	1,1	p.m.	300 000	p.m.	500 000	300 000,—	170 955,—	56,98

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 77	<i>(ikompli)</i>								
09 04 77 12	Proġett pilota — Faċilitaturi diġitali fl-SMEs: appoġġ għad-diġitalizzazzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-SMEs li jinternazzjonalizzaw ruħhom u jinnovaw	1,2	p.m.	198 800	p.m.	p.m.	0,—	795 200,—	400,00
09 04 77 13	Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' hubs diġitali	1,1	p.m.	466 460	p.m.	900 000	0,—	0,—	0
09 04 77 14	Azzjoni preparatorja — Trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea	1,1	p.m.	147 637	p.m.	600 000	0,—	738 189,50	500,00
09 04 77 15	Proġett pilota — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Access By Default)	1,1	p.m.	14 972	p.m.	60 000	0,—	74 859,—	499,99
09 04 77 16	Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea dwar il-persuni vulnerabbli fis-Soċjetà tal-Infurmazzjoni: l-immappjar tal-aħjar prattiki u l-impatt soċjoekonomiku għat-tisħiħ tal-komunitajiet vulnerabbli permezz tat-teknoloġiji tal-infurmazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs)	1,2	p.m.	398 053	p.m.	300 000	0,—	0,—	0
09 04 77 17	Proġett pilota — Ibdija Ekosistema bbażata fuq in-negozji ġodda (li tgħaqqad l-universitajiet, intraprendituri u ċentru tan-negozji ġodda fil-Pomerania tal-Punent) biex jiġi sfruttat il-potenzjal reġjonali barra mill-bliet ċentrali fil-Polonja	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	368 074	0,—	368 073,56	
09 04 77 18	Azzjoni preparatorja — Il-ħolqien ta' Akkademja Diġitali Ewropea	1,1	p.m.	680 000	p.m.	1 190 000	1 700 000,—	0,—	0
09 04 77 19	Proġett pilota — Grafika tal-ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej	1,1	p.m.	250 000	p.m.	500 000	1 000 000,—	0,—	0
09 04 77 20	Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej	1,1	p.m.	1 185 000	1 050 000	525 000	1 000 000,—	0,—	0

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 77 21	Proġett pilota — Ekosistema Ewropea ta' teknoloġiji tar-reġistru distribwit għall-ġid soċjali u pubbliku	1,1	p.m.	120 000	p.m.	420 000	1 000 000,—	0,—	0
09 04 77 22	Proġett pilota — Girls 4 STEM fl-Ewropa	1,1	p.m.	280 000	350 000	175 000			
09 04 77 23	Azzjoni preparatorja — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Access By Default)	1,1	p.m.	240 000	600 000	300 000			
09 04 77 24	Proġett pilota — Pjattaforma diġitali Ewropea għall-fornituri ta' kontenut tal-kwalità	1,1	390 000	214 500	390 000	195 000			
09 04 77 25	Proġett pilota — Diżabilità fil-qari u aċċess għal dokumenti – approċċ possibbli	1,1	p.m.	175 000	350 000	175 000			
09 04 77 26	Proġett pilota — Tfassil u ttestjar ta' infrastruttura għal mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fuq l-internet abbażi tal-GDPR u ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni rilevanti għat-tfal fuq l-internet	1,1	1 500 000	375 000					
09 04 77 27	Azzjoni preparatorja — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej	1,1	1 800 000	450 000					
09 04 77 28	Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Iniliberaw l-kreattività għall-ġestjoni tal-ilma fl-Ewropa	1,1	1 000 000	250 000					
09 04 77 29	Proġett pilota — Aċċessibilità inklużiva għall-persuni b'diżabbiltajiet konjittivi (internet inklużiv: aċċess għal kulħadd)	3	900 000	225 000					
	<i>Artikolu 09 04 77 — Subtotal</i>		5 590 000	7 782 122	2 740 000	9 127 928	8 000 000,—	4 366 126,54	56,10
	Kapitolu 09 04 — Total		2 164 717 617	1 818 557 401	1 955 413 080	1 702 461 672	1 884 463 503,02	1 917 994 907,49	105,47

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014-2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (is-Seba' Programm Kwadru u l-qafas ta' programmi preċedenti) u programmi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni preċedenti (ICT PSP (2007-2013) u programmi ta' qabel l-2007).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 “Unjoni tal-Innovazzjoni” u inizjattivi ewlenin oħra, notevolment “Ewropa effiċjenti fir-riżorsi”, “Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni”, u “Aġenda Diġitali għall-Ewropa”, kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta’ Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta’ ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta’ riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-TFUE, biex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ soċjetà tal-għarfien, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta’ Riċerka, jiġifieri jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fuq kull livell madwar l-Unjoni kollha, iressaq id-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti tal-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa kwantitattivament u kwalitattivament, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-Unjoni kollha u jiżgura li jsir l-aħjar użu minnhom.

F’Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifikati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel u sabiex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Għandha titqies b’mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-parteeċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-teħid ta’ deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta’ laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta’ ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta’ livell għoli u ta’ interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta’ analiżi ta’ livell għoli xjentifiku u teknoloġiku u l-valutazzjonijiet magħmulin fisem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta’ oqsma ġodda ta’ riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kontest taż-Żona Ewropea ta’ Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Din l-appropriazzjoni se tintuża skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013, li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f’ “Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f’din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta’ appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta’ dan il-kapitolu huma disposti taħt l-Artikolu 09 01 05.

09 04 01

Xjenza eċċellenti*Kummenti*

Din il-prijorità ta’ Orizzont 2020 timmira li tirrinforza u testendi l-eċċellenza fil-bażi xjentifika tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta’ riċerka ta’ klassi mondjali biex tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni. Se tappoġġa l-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Unjoni, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta’ riċerka prijoritarja, u tagħmel l-Unjoni post attraenti għall-aħjar riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta’ riċerka li jiġu ffinanzjati se jiġu ddeterminati skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi predeterminati. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stabbilita b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka tiġi ffinanzjata abbażi tal-eċċellenza.

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)**09 04 01** (ikompli)

09 04 01 01 Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
453 036 200	468 325 000	442 937 089	201 142 000	435 885 030,16	514 020 973,59

Kummenti

L-oġġettiv speċifiku huwa t-trawwim ta' teknoloġiji radikali ġodda permezz tal-esplorazzjoni ta' ideat ġodda u ta' riskju għoli li jibnu fuq pedamenti xjentifiċi. Billi jipprovdri sostenn flessibbli għar-riċerka mmirata, kollaborattiva u interdixiplinarja fuq skali varji u billi jadotta Prattiki innovattivi ta' riċerka, l-għan huwa li jiġu identifikati u maħtufa opportunitajiet ta' benefiċċju fit-tul għaċ-ċittadini, għall-ekonomija u għas-soċjetà.

L-attivitajiet taħt l-oġġettiv speċifiku "Teknoloġiji Futuri u Emerġenti" għandhom jindirizzaw l-ispettru sħiħ ta' innovazzjoni xprunata mix-xjenza: minn esplorazzjonijiet minn isfel għal fuq bikrija u fuq skala żgħira ta' ideat embrijoniċi u fraġli, sal-bini ta' komunitajiet ġodda ta' riċerka u innovazzjoni madwar oqsma tar-riċerka emerġenti trasformattivi u inizjattivi ta' riċerka kbar u federati mibnija madwar aġenda ta' riċerka li timmira lejn il-kisba ta' miri ambizzjużi u viżjonarji.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-ewalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analizzjiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 3(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 01 (ikompli)

09 04 01 02 Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
73 582 043	76 500 000	130 561 317	132 553 000	122 392 122,47	100 601 824,38

Kummenti

L-objettiv speċifiku huwa li l-Ewropa tistagħna b'infrastruttura ta' riċerka mill-aqwa li tkun aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, u li l-potenzjal tagħha jiġi sfruttat bis-sħiħ għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni.

L-attivitajiet se jiffokaw fuq l-iżvilupp, l-użu u l-operat ta' infrastruttura elettronika. Barra minn hekk, sar provvedimenti għal attivitajiet għall-innovazzjoni, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tal-infrastruttura tar-riċerka, l-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Se jiġi adottat approċċ integrat u xprunat mis-servizz biex jintraddu infrastrutturi elettroniċi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tax-xjenza, l-industrija u s-soċjetà Ewropea f'termini ta' żvilupp u skjerament ta' servizzi tal-infrastruttura elettronika integrata għal firxa wiesgħa ta' komunitajiet tar-riċerka (de-siloing). Il-massimizzazzjoni tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-iżvilupp tal-infrastruttura elettronika fil-livell nazzjonali u l-espansjoni tal-infrastruttura elettronika lil hinn mix-xjenza b'ħala tali, għat-trijanglu xjenza — industrija — soċjetà.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (d) tal-Artikolu 3(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 02 **Rwol ta' tmexxija industrijali***Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 timmira li tagħmel mill-Unjoni post aktar attraenti għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-promozzjoni ta' attivitajiet fejn in-negozji jistipulaw l-aġenda, kif ukoll li jaċċelleraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li għandhom jirfdu n-negozji tal-futur u t-tkabbir ekonomiku. Se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal tat-tkabbir ta' kumpaniji tal-Unjoni billi tipprovdihom livelli adegwati ta' finanzi, u tgħin l-SMEs innovattivi sabiex jikbru f'kumpaniji mill-aqwa fid-dinja.

09 04 02 01 **Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni***Ċifri (Approprazzjonijiet differenzjati)*

Approprazzjonijiet 2020		Approprazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
893 597 902	716 567 000	763 980 569	863 677 000	761 064 252,76	757 079 741,33

Kummenti

L-oġġettiv speċifiku huwa li jinżamm u jinbena rwol ta' tmexxija globali fit-teknoloġiji abilitanti li jirfdu l-kompetittività f'firxa sħiħa ta' industriji u setturi eżistenti u emerġenti. Skont is-suq uniku diġitali, l-oġġettiv speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ICT huwa li l-Ewropa tkun tista' tiżviluppa u tuża l-opportunitajiet maħluqa mill-progress fl-ICT għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet xjentifiċi tagħha.

L-ICT tirfed l-innovazzjoni u l-kompetittività f'firxa wiesgħa ta' swieq u setturi privati u pubbliċi, u tippermetti l-progress xjentifiku fid-dixxiplini kollha. Fl-għaxar snin li ġejjin, l-impatt trasformativ tat-teknoloġiji diġitali, il-komponenti tal-ICT, l-infrastrutturi u s-servizzi se jkun dejjem aktar viżibbli fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Attivitajiet se jsaħħu l-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni u jassiguraw ir-rwol ta' tmexxija globali fl-ICTs, jgħinu biex tiġi xprunata u stimolata l-innovazzjoni permezz tal-użu tal-ICT u jiżguraw li l-progress tal-ICT jissarraf malajr f'benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji, l-industrija u l-gvernijiet tal-Ewropa. L-attivitajiet taħt l-oġġettiv speċjali "Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" se jkun bbażati primarjament fuq aġendi ta' riċerka u innovazzjoni definiti mill-industrija u n-negozju, flimkien mal-komunità tar-riċerka, u jkollhom enfasi qawwija fuq l-ingranaġġ tal-investiment tas-settur privat.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analizzijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Id-dħul u r-ripagament mill-istrumenti finanzjarji, imħallsa lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partiti 6 4 1 0 u 6 4 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provvediment ta' approprazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Dan jista' jkopri aktar xogħol ta' riċerka f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-magni tat-tiftix Ewropej.

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 02 (ikompli)

09 04 02 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (a)(i) tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

09 04 03 **Sfidi soċjetali**

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 twieġeb direttament għall-prijoritajiet tal-politika u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jgħib flimkien riżorsi u għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu kollu mir-riċerka sas-suq, b'enfasi għal id-aktar fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi għall-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni xprunata mill-utent aħħari, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jostnu direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

09 04 03 01 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
187 862 880	149 633 000	163 973 074	124 898 000	144 734 155,21	146 626 041,31

Kummenti

Il-viżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 hija li tiġi uttilizzata u żviluppata s-Saħħa elettronika sabiex tindirizza wħud mill-aktar sfidi urġenti tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa tal-ewwel nofs tas-seklu 21 jiġifieri:

- biex ittejjeb l-immaniġġar tal-mard kroniku u l-multimorbożità (mard differenti fl-istess waqt) u biex issaħħaħ il-prevenzjoni effikaċi u l-prattiki ta' promozzjoni tas-saħħa,
- biex iżżid is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa billi iżżid il-potenzjal tal-innovazzjoni, issaħħaħ il-kura li tiffoka fuq il-pazjent/iċ-ċittadin u l-awtonomizzazzjoni tal-pazjent, u thegħeġġ il-bidliet organizzazzjonali,

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)**09 04 03** (ikompli)

09 04 03 01 (ikompli)

— biex trawwem il-kura tas-saħħa transfruntiera, is-sigurtà tas-saħħa, is-solidarjetà, l-universalità u l-ekwità,

— biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ġuridiċi u tas-suq għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi tas-saħħa elettronika.

Prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT urew il-ħila tagħhom li jgħinu sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kbar fil-forma ta' soluzzjonijiet ta' saħħa personalizzata, telehealth u telecare, robotika tas-servizzi għas-saħħa u l-kura, sostenn għall-ħajja itwal attiva u indipendenti, u kura domiċiljari. Hija wkoll opportunità kbira u ġdida ta' tkabbir hekk kif qed jinħolqu swieq ġodda kbar għal prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT sabiex jindirizzaw is-saħħa, it-tibdil demografiku u l-benesseri.

L-attivitajiet se jkopru l-iżvilupp u l-użu tal-ICT għal soluzzjonijiet ta' saħħa, benessere u anzjanità fis-saħħa. Dan se jibni fuq il-ħolqien ta' teknoloġiji sottostanti li jirriżultaw mill-ICT fi Tmexxija f'Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali bħal sistemi mikronano, sistemi integrati, robotika, l-internet tal-Ġejjieni u teknoloġiji cloud. Se jibni wkoll fuq żvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji li jtejbu s-sigurtà u l-privatezza.

Il-Programm Konġunt tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-għajxien megħjun kumentwalment ukoll se jiġi sostnut sabiex jikkontribwixxi għad-disponibbiltà fis-suq u l-użu ta' prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT u l-innovazzjoni tal-ICT u proġetti pilota se jiġu sostnuti iktar bi tweġiba għas-Sħubija Ewropa għall-Innovazzjoni tat-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu u l-pjan ta' azzjoni dwar is-Saħħa Elettronika 2020.

L-attivitajiet se jkopru l-kollaborazzjoni, l-azzjonijiet ta' netwerking u l-inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-kostijiet tal-esperti indipendenti li jassistu fl-evalwazzjonijiet tal-proposti u r-reviżjonijiet ta' proġetti, il-kostijiet ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-kostijiet tal-istudji, l-analiżi u l-evalwazzjonijiet, il-kostijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm speċifiku u tal-programmi qafas u l-kostijiet tal-miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inkluż miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 3(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

09 04 03 (ikompli)

09 04 03 02 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
54 632 314	48 000 000	48 210 665	40 075 000	42 786 389,23	46 413 195,96

Kummenti

L-objettiv speċifiku huwa li jitrawwu soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet mingħajr preċedent u l-interdipendenzi globali li qed jikbru.

L-attivitajiet se jkopru erba' oqsma ewlenin: L-innovazzjoni tas-settur pubbliku permezz tal-ICT, il-fehim u l-konservazzjoni tal-bażi intellettuali u tal-wirt kulturali tal-Ewropa, it-tagħlim u l-inklużjoni.

L-ewwel sfida, l-innovazzjoni tas-settur pubbliku xprunata mill-ICT, tirreferi għall-użu tal-ICT għall-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' proċessi, prodotti, servizzi u metodi ta' konsenja ġodda li jirriżultaw f'titjib sinifikanti fl-effiċjenza, l-effettività u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi futuri għandhom ikunu diġitali u transfruntiera b'mod prestabbilit. L-attivitajiet se jkopru t-trawwim ta' servizzi pubbliċi effiċjenti, miftuħa u ffukati fuq iċ-ċittadini, li jinvolvu s-settur pubbliku bħala aġent għall-innovazzjoni u l-bidla, kif ukoll miżuri ta' innovazzjoni transfruntiera jew l-konsenja assjemi ta' servizzi pubbliċi.

Il-Kummissjoni jeħtiġilha tibni fuq l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja; madankollu, l-azzjoni preparatorja trid titqies bħala azzjoni unika u indipendenti, b'mod partikolari bil-ħsieb li timmira lejn żgħażaġh li bħalissa mhuma koperti minn ebda programm tal-Unjoni.

Għaldaqstant, programmi bħal Erasmus+ ma jridux jiġu affettwati mill-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 20 (ikompli)

L-azzjoni preparatorja tkopri żgħażaġh mill-Istati Membri kollha irrispettivament minn jekk humiex parti min-netwerk tal-Interrail (il-ħames Stati Membri li bħalissa mhumiex koperti huma l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u Ċipru).

Punti ta' azzjoni:

- il-kuntatt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-involviment tagħhom fir-rigward tal-prodott offrut liż-żgħażaġh li jagħlqu t-18-il sena;
- id-determinazzjoni tan-numru ta' żgħażaġh li jistgħu jingħataw il-pass;
- ix-xiri ta' passes;
- id-distribuzzjoni tal-passes lill-benefiċjarji;
- id-definizzjoni preċiża ta' x'se jkopri l-pass tad-DiscoverEU biex jirrifletti x-xejriet ta' vvjaġġar taż-żgħażaġh (tul ta' żmien, validità, bżonnijiet staġjonali, restrizzjonijiet ta' ħin u restrizzjonijiet baġitarji, fatturi ta' tagħbija);
- titjib biex is-sistema tkun aktar faċli għal persuni ta' 18-il sena biex japplikaw għall-passes;
- it-titjib tal-proċess tal-għażla tal-utenti li jkunu se jibbenefikaw mill-azzjoni preparatorja, inkluża d-definizzjoni tal-kriterji li fost l-oħrajn jippermettu li jiġu koperti l-Istati Membri kollha, inklużi l-ħames Stati Membri li bħalissa mhumiex koperti min-netwerk tal-Interrail, jiġifieri l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, Ċipru; u jkunu aktar fil-mira ż-żgħażaġh li mhumiex diġà qed jibbenefikaw minn programm Ewropew;
- it-titjib tal-iskema tal-vouchers għad-distribuzzjoni tal-passes u l-personalizzazzjoni tagħhom, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- l-investigazzjoni, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ta' mekkaniżmi biex jiġu mħeġġa itinerarji speċifiċi għaż-żgħażaġh biex verament jesperjenzaw l-Ewropa (li tinkludi destinazzjonijiet anqas "popolari");
- it-titjib tal-arranġamenti għar-reklamar tal-programm sabiex tkun żgurata l-viżibbiltà b'enfasi partikolari fuq l-irbit tal-inizjattiva ma' kampanja dwar l-identità u l-valuri Ewropej;
- l-iżvilupp ta' mod kreattiv u parteċipattiv għall-utenti biex jaqsmu u jkomplu jsegwu l-esperjenza tagħhom (eż. kompetizzjoni fotografika u wirja fil-Parlament Ewropew, kontribuzzjonijiet fuq il-midja soċjali).

L-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata fl-2020.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 21 Azzjoni preparatorja — Skambji u l-mobilità fl-isport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	605 244	1 500 000	750 000	1 171 469,76	581 934,88

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-azzjoni preparatorja se timmira sabiex opportunità lill-persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv (il-kontinġent tal-atleti) li jtejjeb l-kwalifiki tiegħu u jkseb ħilet ġodda billi jqatta' ammont ta' żmien f'pajjiż barrani (għewwa l-Unjoni u barra minnha). L-opportunitajiet għal mobilità bi skop ta' taġħlim f'dan il-kuntest jiġu pprovduti lil:

- persunal tal-ikkowċjar — voluntiera — sport professjonali;
- persunal tal-ikkowċjar — voluntiera f'organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ.

Fit-tieni fażi, l-azzjoni preparatorja timmira sabiex tappoġġa lill-atleti li jippruvaw ikollhom karrieri doppji permezz tal-iskambju (ma' pajjiżi tal-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi), b'konċentrazzjoni fuq l-edukazzjoni, mingħajr ma tiġi kompromessa l-karriera sportiva tagħhom. Dan se jsaħħilhom il-possibilità li jiġu impjegati fil-ġejjieni, kif ukoll l-iżvilupp personali tagħhom.

L-inizjattiva hija bbażata fuq dan li ġej:

- skambji,
- kollokamenti,
- perjodi ta' studju,
- osservazzjoni f'sitwazzjoni ta' xogħol.

L-azzjoni jista' jkollu impatt fuq tliet oqsma ewlenin:

- it-titjib fl-għarfien tal-persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv;
- aċċess mill-istudenti li jipprattikaw sport għal sessjonijiet ta' taħriġ (inklużi l-faċilitajiet) taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini;
- l-iżvilupp ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-mobilità u tal-edukazzjoni fl-isport.

Ir-riżultati mistennija jinkludu:

1. skema ta' skambju regolari għat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv;
2. l-istabiliment ta' networks Ewropej ta' coaches u ta' persunal tat-tim ta' appoġġ fil-qasam sportiv u, fit-tieni fażi, ta' fornituri ta' servizzi fil-qasam tal-karrieri doppji.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 22 Azzjoni preparatorja — Sportue, Promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz ta' inizjattivi sportivi fl'livell muniċipali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	902 341,96	4 050,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejija.

Organizzazzjonijiet li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-bliet Ewropej biex jeċċellaw fl-isport taw kontribut kbir għall-promozzjoni tal-attivitajiet fiżiċi. Barra minn hekk, għenu lil muniċipalitajiet madwar l-Ewropa biex jiksibu kisbiet maġġuri bħaż-żieda fil-persentaġġ ta' nies li jipprattikaw l-isport, l-integrazzjoni tal-komunitajiet u s-setturi soċjali, it-tħeġġiġ ta' investiment fil-komunità, il-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet ġodda, enfasi li dejjem qed tikber fuq il-politiki dwar l-isport li jinvolvu oqsma oħrajn bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-affarijiet soċjali u t-turiżmu. Dan kollu sar taħt il-marka tal-Unjoni, b'sens komuni ta' appartenenza, u b'sens ta' kburija Ewropea fl-istess ħin. Appoġġ akbar għal organizzazzjonijiet li jippromwovu l-attività sportiva u fiżika fl'livell muniċipali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kapitali u l-Bliet Ewropej tal-Isport, ċertament ikollu impatt kbir, u barra minn hekk, iżid ulterjorment il-benefiċċji assoċjati tal-isport u l-attività fiżika għaċ-ċittadini kollha. Hemm hteġa ċara li jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet li jaħdmu s-sena kollha f'dan il-qasam, f'termini ta' bini ta' kapaċità, netwerking u kapaċità li jiġu żviluppatti proġetti konkreti fil-livell lokali.

Din l-azzjoni preparatorja hija mmirata sabiex tappoġġja l-organizzazzjonijiet li jippromwovu inizjattivi sportivi fil-livell lokali bl-għan li jinxterdu l-valuri pożittivi tal-isport.

L-għanijiet ewlenin ta' din l-azzjoni huma:

- li jkun possibbli għall-organizzazzjonijiet rilevanti li jiżviluppaw approċċ Ewropew bl-għan li jippromwovu l-isport fil-livell lokali, li jgħinhom isiru promoturi finanzjarjament sostenibbli tal-attivitajiet sportivi fost il-pubbliku Ewropew, abbażi tal-prinċipji ta' governanza tajba, kif promossi minn organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-Kummissjoni.
- li toħloq jew tiżviluppa netwerk tal-bliet biex ikunu jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-qasam;
- li żżid l-għarfien dwar strateġiji dwar kif l-awtoritajiet lokali, permezz tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tagħhom, jistgħu jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-benesseri tal-persuni li jgħixu hemm permezz tal-attività sportiva u fiżika.
- li taħdem ma' dawk li jfasslu l-politika dwar l-isport fl-Ewropa biex jinkisbu l-istess objettivi f'konformità mal-bidliet possibbli fil-politika dwar l-isport.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 23 Azzjoni Preparatorja — Monitoraġġ u coaching, permezz tal-isport, ta' zghażaġh friskju ta' radikalizzazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000	2 000 000	1 000 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-appropriazzjoni tkopri l-appoġġ lill-proġetti relatati mal-isport, organizzati minn atturi lokali u mis-soċjetà ċivili, immirati lejn iż-zghażaġh li ġejjin minn ambjent żvantaġġat — speċjalment dawk li jitqiesu esposti għar-riskju ta' radikalizzazzjoni — bil-għan li jipprevjenu l-emarġinazzjoni u r-radikalizzazzjoni, jindirizzaw l-inugwaljanzi u jgħinu lil dawn iż-zghażaġh isibu identità u sens ta' appartenenza.

L-attivitajiet sportivi huma adatti ħafna għall-bini tal-komunità u biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali, billi jirrispettaw id-diversità u l-komunitajiet multikulturali. Għalhekk, il-proġetti taħt din l-azzjoni preparatorja se jkollhom l-intenzjoni li joffru taħriġ sportiv, edukattiv u tax-xogħol li jgħalliem ħilet essenzjali, bħal kompetenzi soċjali u komunikattivi, ħsieb kritiku u soluzzjoni tal-problemi.

Il-proġetti idealment se jiġu organizzati fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u jkunu inkorporati fi pjan ta' azzjoni usa' kontra r-radikalizzazzjoni. L-involviment tal-organizzazzjonijiet lokali, familjari sew man-nisġa soċjali lokali, se jikkontribwixxi għal azzjonijiet immirati tajjeb u għal approċċ aktar strutturali għall-isfidi kkonċernati.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

15 02 77 24 Proġett pilota — Pass 'il quddiem lejn qafas Ewropew għall-mobilità tal-Makers

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	87 500	350 000	175 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 24 (ikompli)

Il-proliferazzjoni tal-Makerspace — fi 17-il sena ġew stabbiliti 600 fl-Ewropa — ma ġietx akkumpanjata bl-inter-konnessjoni sħiħa bejn dawn id-diversi ċentri. Dan ġie stabbilit, u muri f'diversi proġetti ffinanzjati mill-Erasmus+ (Azzjoni Ewlenija: Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattiki) bħal ARTFIX, A Knowledge Alliance between HEIs, Makers and Manufacturers to Boost Open Design & Manufacturing in Europe, Fostering use of technical skills in higher education, Makerspace for Inclusion.

Madankollu, l-inizjattivi f'dan il-qasam ma jagħmlu referenza għall-mobilità bħala wieħed mill-modi kif jistgħu jissaħħu n-netwerks eżistenti u titħeġġeġ l-innovazzjoni fi ħdanhom. Il-proġett pilota huwa parti minn approċċ intiż li jindirizza dan in-nuqqas: il-mobilità se tagħmel l-espansjoni tal-makerspaces possibbli u se tgħaqqad b'mod aktar effikaċi lil dawn iċ-ċentri ta' innovazzjoni. B'hekk se jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar Prattiki, tal-għarfien u tal-kompetenzi esperti, li se jrawwem il-ħolqien ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien fi ħdan netwerk diġà stabbilit fl-Ewropa. Permezz tal-innovazzjoni, l-iskambji bejn il-komunitajiet maker se jenfasizzaw il-kulturi u l-lingwi differenti u se jiżviluppaw, f'kull wieħed, sens b'saħħtu ta' appartenenza għall-Unjoni.

Għalkemm hemm dispożizzjonijiet li jippromwovu l-mobilità tal-istudenti bejn diversi ċentri ta' taħriġ fl-ambitu tal-programm attwali tal-Erasmus+ u fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss, l-opportunità għall-mobilità tal-istudenti u tal-għalliema f'makerspaces mhijiex qiegħda tiġi sfruttata biżżejjed.

Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, il-proġett pilota se jittrasponi l-aħjar Prattiki li diġà ġew konsolidati fi skemi oħra ta' mobilità fl-ambitu tal-programm Erasmus+, bħall-mobilità għall-apprendisti (Erasmus Pro) u għall-istudenti (Erasmus).

Objettivi

L-objettiv preliminari huwa li l-Unjoni tkun tista' tidentifika u tifhem in-netwerk maker, timmira l-appoġġ tagħha sal-2027, u tirrikonoxxi formalment il-moviment maker u tivvalida l-eżitu tal-innovazzjoni f'fablabs.

Il-proġett pilota l-ewwel kien se jiffoka fuq il-fab labs "uffiċjal"i, peress li dawn huma rikonoxxuti mill-Fab Lab Foundation tal-MIT, minħabba li jikkonformaw mal-Fab Lab Charter, u diġà għandhom netwerk globali identifikat. Il-proġett se jsaħħaħ din il-bażi soda billi jiffaċilita u jħeġġeġ il-mobilità.

Barra minn hekk, l-arranġamenti ta' mobilità disponibbli huma iniziati għall-istudenti u għall-għalliema f'makerspaces fl-Istati Membri kollha, b'hekk imorru lil hinn mill-oqsma restrittivi ta' kollaborazzjoni li jkopru biss għadd limitat ta' pajjiżi.

Dan l-ewwel stadju se jwassal għall-objettiv aħħari tal-proġett, li huwa l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-mobilità tal-makers. Dan jirrikjedi l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-mobilità u r-rikonoxximent tal-ħiliet personali, li se jsaħħu l-impjegabilità u l-kreattività taż-żgħażaġ involuti. Dan il-qafas għandu jkun appoġġat bi struttura organizzattiva strutturata (pereżempju servizzi, inkluż it-trasport, akkomodazzjoni, korsijiet tal-lingwa, informazzjoni Prattika u ftehimiet tal-assigurazzjoni). Fl-aħħar nett, l-approċċ magħżul irid ikun koerenti sabiex jkun jistgħu jiġu vvalidati l-benefiċċji tal-mobilità. Il-proġett pilota suppost se jkun aċċessibbli għall-kategoriji kollha ta' studenti u għalliema li jaħdmu ġo fab labs, b'mod partikolari ż-żgħażaġ minn gruppi soċjali żvantaġġati.

Il-mobilità se tiffaċilita l-aċċess tal-makers għal diversi tipi ta' tagħmir disponibbli f'fab labs varji, b'hekk tiżgura li l-istess tagħmir ta' valur għoli ma jkunx hemm oħrajn bħalu fin-netwerk. Il-ġbir tar-riżorsi mistenni jirriżulta fl-ispeċjalizzazzjoni ta' diversi ċentri li għandhom tagħmir u għarfien speċifiku li jippermettulhom jkunu ċentri ta' eċċellenza attraenti.

Il-ħolqien ta' qafas Ewropew se jissimbolizza dak li jista' jkun l-ewwel pedament fi programm Ewropew interġenerazzjonali integrat f'network li diġà jeżisti, u li qiegħed jikber, fl-Istati Membri kollha.

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)**15 02 77** (ikompli)

15 02 77 24 (ikompli)

Azzjonijiet proposti

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi, hija proposta lista ta' azzjonijiet mhux eżawrjenti:

- (1) seminar ta' kuntatt;
- (2) benchmarking;
- (3) stħarriġ OUT, fab labs (istituzzjonijiet pubbliċi, Stati Membri);
- (4) stħarriġ IN, fablab (fi ħdan in-netwerk eżistenti);
- (5) valutazzjoni tal-opportunitajiet u tal-ostakli;
- (6) mobilizzazzjoni tas-sħab.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

15 02 77 25 Azzjoni Preparatorja — Premju Altiero Spinelli għal Attivitajiet ta' Sensibilizzazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	650 000	800 000	400 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjja.

Din l-appropriazzjoni hija għal azzjoni preparatorja li għandha l-istess isem bħall-proġett pilota preċedenti.

F'dawn l-aħħar snin, il-proġett Ewropew jidher li ddgħajef, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra. Il-fiduċja taċ-ċittadini trid terġa' tinbena, filwaqt li jeħtieġ li l-għarfien dwar il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u s-sensibilizzazzjoni dwar il-kultura u l-valuri Ewropej jinxterdu b'mod kemm jista' jkun wiesa'.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 25 (ikompli)

Il-proġett pilota kien varat simbolikament fit-30 anniversarju mill-mewt ta' Altiero Spinelli, wieħed tal-missirijiet fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Illum, abbażi tas-60 anniversarju tal-iffirmar tat-Trattat ta' Ruma jridu jsiru sforzi konkreti biex tingħeleb ċerta delużjoni fil-konfront tal-Unjoni.

L-għan tal-Premju Altiero Spinelli għal Attivitajiet ta' Sensibilizzazzjoni huwa li jinkoraġġixxi, jippremja u jagħti rikonoxximent u viżibilità fil-livell Ewropew lil kontributi ta' kwalità għolja ddedikati biex:

- (1) jiġi promoss l-għarfien dwar l-Unjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-passat, il-preżent u l-futur tal-Unjoni fost il-pubbliku mhux speċjalizzati u l-pubbliku ġenerali. Ir-rwol taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-integrazzjoni tal-Ewropa, l-istorja intellettuali tal-integrazzjoni Ewropea u l-ħajja u x-xogħlijiet ta' Altiero Spinelli jaqgħu f'din il-kategorija;
- (2) jissaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini fir-rigward tal-valuri, l-oġettivi u l-benefiċċji tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, tar-riżultati enormi li kisbet l-Unjoni iżda wkoll tal-fallimenti, tal-kontradizzjonijiet u tad-dilemmi. F'din il-kategorija jaqa' wkoll it-titjib tal-fehim tal-pubbliku ġenerali dwar it-teorija tal-mudelli ta' integrazzjoni (eż. ftehimiet kummerċjali, organizzazzjonijiet internazzjonali, federazzjonijiet) u l-istudji komparati tal-mudelli ta' integrazzjoni eżistenti (eż. l-Unjoni, l-Unjoni Afrikana, il-Mercosur, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada);
- (3) jiġu proposti, ittestjati u vvalutati approċċi u materjali innovattivi li jkunu jistgħu jiġu utilizzati minn dawk li jfasslu l-politiki Ewropej u nazzjonali, mill-professjonisti, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-istituzzjonijiet f'diversi oqsma biex b'mod aħjar jinformat, jedukaw, jispiraw u jawtonomizzaw liċ-ċittadini biex jiżviluppaw identitajiet Ewropej u sens ta' appartenenza Ewropea li jkunu pożittivi u kritiċi b'mod pożittiv;
- (4) jiġu esposti l-miti populistici ta' kontra l-Unjoni dwar aspetti varji tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, inkluża r-retorika estremista bbażata fuq l-intolleranza u l-informazzjoni ħażina dwar il-leġittimità, il-kompetenzi u x-xogħol effettiv tal-Unjoni.

Il-premju mhuwiex maħsub biex jippremja r-riċerka bħala tali; pjuttost, se jingħata għal xogħlijiet eċċezzjonali bbażati fuq ir-riżultati, l-għarfien u l-konoxxenzi li joħorġu mir-riċerka dwar il-proċessi tal-Integrazzjoni Ewropea, u jiġu sfruttati bl-aħjar mod billi jiġu ppopolarizzati, ikkomunikati b'mod effikaċi u mxerrda fis-soċjetà usa' u fost iċ-ċittadini ordinarji, u dan isir pereżempju permezz tal-pubblikazzjonijiet, il-midja, il-gazzetti, il-films u d-dokumentarji, kif ukoll permezz ta' inizjattivi istituzzjonali.

Il-premju kien se jingħata lil xogħol attraenti, interessanti, faċli biex jintuża, ibbażat fuq il-provi/infurmat, xjentifikament rigoruż, li jeqred il-miti u jservi ta' ispirazzjoni, b'potenzjal kbir li jilħaq l-oġettivi definiti hawn fuq u li jkun adatt għal-sensibilizzazzjoni ta' pubbliku varju mhux espert, mhux akkademiku u mhux speċjalizzat.

Jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni mal-programmi eżistenti, eż. l-Azzjonijiet Jean Monnet, u anki ma' entitajiet eżistenti, eż. l-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea fl-Istitut Universitarju Ewropew.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 26 Proġett pilota — Premju Jan Amos għall-aħjar għalliem tal-Unjoni li jgħallem dwar l-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	350 000	175 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Il-Premju Jan Amos se jkun premju fuq livell tal-Unjoni għall-aħjar għalliem tal-iskejjel sekondarji li jgħallem dwr l-Unjoni ; il-premju huwa maħsub biex isaħħaħ id-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni skolastika. L-isem ġej mill-ewwel ismijiet ta' Comenius, l-għalliem tan-nazzjonijiet. Il-premju se jingħata lill-aktar metodi attraenti, innovattivi u informattivi użati fit-tagħlim dwar l-Unjoni lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji (minn 15 sa 19-il sena). L-istudenti tal-iskejjel parteċipanti fl-Unjoni kollha se jeleġġu l-kandidati tagħhom. Bord ta' selezzjoni se jagħżel it-tliet finalist u r-rebbieħ (li jirċievi premji fi flus fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni fil-Parlament Ewropew).

L-istudenti jkollhom jiġbdu filmat tal-għalliem tagħhom huwa u jgħallem dwar l-Unjoni; il-filmati se jkunu disponibbli għall-parteċipanti kollha u, fil-każ tal-finalisti, fiċ-ċerimonja. Il-proċess jista' jkun ikkoordinat mir-rappreżentanzi tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fl-Istati Membri. L-involviment tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh (pereżempju tal-Parlament Ewropew taż-Żgħażaġħ) huwa mixtieq.

Il-proċess tal-għażla se jissejjes fuq sett ta' kriterji li jitħabbru lill-parteċipanti minn qabel. Fost l-aspetti li jridu jiġu valutati nsibu: l-orijinalità u l-innovazzjonijiet, l-implimentazzjoni, il-kwalità tal-kontenut tat-tagħlim, u l-għarfien fattwali tal-istudenti. Barra minn hekk, l-għalliema se jiġu nnominati u ppreżentati mill-istudenti tagħhom.

Il-baġit propost se jkopri l-ispejjeż meħtieġa: il-premju għar-rebbieħa, il-kost tal-kampanja tal-midja, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż addizzjonali.

Fl-Istati Membri, is-sejħiet għal proposti se jinħarġu għall-iskejjel parteċipanti. Il-premju huwa ispirat mill-premju nazzjonali Ċek għall-għalliema: il-Golden Amos.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 27 Azzjoni preparatorja — Rikonoxximent ta' perjodu ta' studju fl-iskejjel barra mill-pajjiż

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	167 000	333 000	166 500		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' thejjiya.

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi ta' edukazzjoni għolja u edukazzjoni sekondarja għolja u tal-perjodi ta' studju barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1), speċifikament għar-rikonoxximent ta' perjodi ta' studju barra mill-pajjiż waqt l-edukazzjoni sekondarja. Hija tista' tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-programm futur tal-Kummissjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ f'sezzjoni msaħħa dwar il-mobilità tal-istudenti.

L-azzjoni preparatorja, li dduw sentejn, tinvolvi l-ħolqien ta' netwerk ta' esperti u partijiet ikkonċernati (rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, organizzazzjonijiet tal-mobilità tal-istudenti, u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili) li se jiffaċilitaw it-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri li jibnu fuq:

- is-sistemi eżistenti ta' rikonoxximent li jiffunzjonaw sew;
- ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li saret f'Janjar 2018 mill-Kummissjoni u mill-istudju "Rikonoxximent ta' perjodi ta' studju fl-iskejjel barra mill-Ewropa — ħarsa ġenerali u rakkomandazzjonijiet ta' politika" tal-Federazzjoni Ewropea għall-Apprendiment Interkulturali (EFIL);
- il-ħidma li ssir b'rabta mal-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi Ewlenin u mal-assoċjazzjonijiet u mal-istituzzjonijiet rilevanti;
- il-proġett pilota "Comenius individual pupil mobility" (Mobilità tal-istudenti individwali) li twettaq fl-2007-2008, u li stabbilixxa l-pedamenti għat-tnedija ta' programm ta' finanzjament tal-Kummissjoni fl-2009.

L-attivitajiet speċifiċi huma:

- (1) analiżi ta' kif il-prinċipji ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jistgħu jiġu applikati għas-sistemi ta' edukazzjoni u l-kuntesti nazzjonali fl-Istati Membri, u l-proposta ta' modi potenzjali għall-adozzjoni ta' politiki fuq livell nazzjonali;
- (2) ittestjar tal-oqsfa ta' rikonoxximent żviluppati fuq kampjun sinifikanti ta' studenti ta' skambju;
- (3) ħolqien ta' pjattaforma online li se tippermetti lill-utenti jinnavigaw f'sistemi differenti u jifhmu l-proċeduri u r-rekwiżiti, marbuta mal-portal School Education Gateway;
- (4) żvilupp ta' mudell kunċettwali għat-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni rilevanti f'valutazzjoni msejsa fuq il-kompetenzi wara perjodu ta' studju fl-iskejjel barra mill-pajjiż; dan se jsir f'kooperazzjoni ma' assoċjazzjonijiet, netwerks u istituzzjonijiet rilevanti;
- (5) tixrid tar-riżultati tal-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' thejjiya skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 28 Azzjoni preparatorja — L-isport bħala għodda għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-rifuġjati

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 750 000	437 500	3 000 000	1 500 000		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni ta' tħejija.

L-inizjattivi sportivi mmirati lejn l-integrazzjoni tar-rifuġjati u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali wrew li kienu ta' suċċess fil-kuntest Ewropew kif ukoll f'żoni ta' kunflitt u dawk ġirien. Madankollu, il-programmi eżistenti, anki jekk miftuħa għall-inklużjoni soċjali, ma jipprovdux appoġġ suffiċjenti lill-organizzazzjonijiet sportivi, b'mod partikolari f'termini ta' bini tal-kapaċità u l-possibbiltà li jaħdmu ma' sħab mhux tal-UE, sabiex jgħinu b'mod effikaċi l-integrazzjoni tar-rifuġjati permezz tal-isport. Dawn il-prattiki jistgħu jiġu adattati u adegwati biex il-komunitajiet ta' rifuġjati, dawk ospitati u dawk f'kunflitt jiġu involuti b'mod effikaċi u biex jiġi mmultiplikata l-impatt tal-isforzi biex il-kriżi tar-rifuġjati fl-Istati Membri tiġi mitigata.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

15 02 77 29 Azzjoni preparatorja — Programmi sportivi tal-massa u innovazzjoni fl-infrastruttura

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

L-isport tal-massa huwa qasam tradizzjonali u li jevolvi bil-mod. Is-soċjetà iġenerali u l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-individwi rigward l-isport, madankollu, jinbidlu aktar malajr. Verament, iċ-ċifri tal-parteċipazzjoni jittgħu dawl fuq id-diskrepanza li kulma jmur qed tikber bejn id-dispożizzjoni ta' opportunitajiet għall-isport permezz ta' organizzazzjonijiet sportivi tradizzjonali u d-domanda għall-isport mill-individwi. Il-mod kif inhuma organizzati l-assoċjazzjonijiet u l-klabbs sportivi u l-fatt li huma nieqsa mill-innovazzjoni ma jħalluhomx inaqqsu din il-lakuna. Dan il-proġett se jisfida lill-partijiet li jinsabu barra mill-istruttura tradizzjonali tal-isport biex jipproponi soluzzjonijiet innovattivi ħalli l-forniment tal-isport jingħieb f'konformità mad-domanda tal-individwi fil-livelli kollha, u biex tiġi provduta ekosistema ta' innovazzjoni sportiva biex isir possibbli li jiġu offruti lill-pubbliku iġenerali, aktar malajr, modi ġodda ta' kif jista' jintlagħab l-isport.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 02 — PROGRAMM ERASMUS+ (ikompli)

15 02 77 (ikompli)

15 02 77 29 (ikompli)

Sabiex tinħoloq ekosistema innovattiva li tiffunzjona għall-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa, hemm bżonn ta' żewġ affarijiet: programmi rikreattivi (soft programmes) ġodda li joffru l-isport b'modi ġodda, u infrastruttura sportiva flessibbli li tkun kapaċi tospita sports differenti f'post wieħed.

Din l-azzjoni preparatorja se tidentifika u tittestja innovazzjonijiet promettenti multipli fiż-żewġ kategoriji. Biex dan jirnexxi, se jiġu organizzati sfidi għall-innovazzjoni li jagħżlu u jippremjaw l-innovazzjonijiet promettenti ġeja mingħand kwalunkwe parti interessata (istituzzjoni, kumpanija, negozju għadu jibda, individwu/i jew partijiet oħra), li jistgħu jiġu introdotti u ttestjati fuq perjodu sostanzjali (minimu ta' sitt xhur). Il-finanzjament se jkun investit fi programmi rikreattivi u f'infrastruttura sportiva (żgħira) ġdida.

L-għan aħħari tal-azzjoni preparatorja huwa li jiġu inklużi innovazzjonijiet ittestjati fl-ekosistema tal-klabbs sportivi u l-infrastruttura eżistenti. Eżempji ta' programmi rikreattivi jistgħu jkunu futbol 3-a-side, fużjoni bejn sports differenti (eż. eżerċizzji fiżiċi u futbol) jew mini-tornej lokali rikorrenti. Eżempji ta' innovazzjonijiet ta' infrastruttura żgħira ġdida jistgħu jkunu sistemi jew sensuri ta' mmarkar flessibbli tal-linji tal-piċċ biex jiġi indikat liema piċċ ikun disponibbli u liema jkun qed jintuża. Eżempji li jkunu ġew ittestjati b'suċċess se jiġu kondiviżi mal-partijiet ikkonċernati Ewropej permezz ta' pjattaforma onlajn, bil-kooperazzjoni tal-korpi regolatorji Ewropej bħall-UEFA.

L-azzjoni se:

- toħloq soluzzjonijiet innovattivi għall-isports mhux tradizzjonali permezz tal-organizzazzjoni ta' sfidi ta' innovazzjoni miftuħa;
- iżżid l-għadd ta' persuni li jipprattikaw l-isport billi jiġu offruti kunċetti ġodda;
- iżżid l-użu tal-infrastruttura sportiva eżistenti.

Ir-riżultati mistennija jinkludu:

- għadd ta' programmi rikreattivi innovattivi ttestjati li jistgħu jiġu integrati fil-klabbs tal-isport tal-massa;
- għadd ta' elementi infrastrutturali żgħar innovattivi ttestjati li jistgħu jiġu inkorporati fl-infrastruttura sportiva eżistenti;
- metodi ġodda biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport permezz tal-innovazzjoni, li se jkollhom effetti benefiċenti fuq is-saħħa pubblika u l-integrazzjoni soċjali;
- il-kisba ta' tagħlim dwar kif jistgħu jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati mhux tradizzjonali biex l-innovazzjoni tinġieb fix-xena sportiva, li għandhom jiġu kondiviżi permezz tal-istrutturi tal-assoċjazzjonijiet Ewropej.

Peress li r-riżultati mistennija ta' din l-azzjoni jinkludu bidliet fl-infrastruttura sportiva eżistenti, din mhijiex eliġibbli taħt il-programm Erasmus+.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 03	ORIZZONT 2020								
15 03 01	Xjenza eċċellenti								
15 03 01 01	Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — ħolqien, żvilupp u trasferiment ta' ħliet, għarfien u innovazzjoni ġodda	1,1	1 032 643 417	865 158 632	945 586 364	773 503 000	929 333 225,17	783 609 868,30	90,57
	Artikolu 15 03 01 — Subtotal		1 032 643 417	865 158 632	945 586 364	773 503 000	929 333 225,17	783 609 868,30	90,57
15 03 05	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni oġhla, riċerka u innovazzjoni	1,1	496 678 348	473 515 586	456 149 331	396 015 932	430 479 675,16	345 176 976,—	72,90
15 03 50	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku								
15 03 50 01	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	62 840 508,15	41 230 018,32	
15 03 50 02	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	129 375,70	6 510 851,71	
	Artikolu 15 03 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	62 969 883,85	47 740 870,03	

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 03 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — is-Seba' Programm Kwadru (2007–2013)	1,1	p.m.	4 883 000	p.m.	13 000 000	144 318,49	83 014 649,12	1 700,07
15 03 53	Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
Kapitolu 15 03 — Total			1 529 321 765	1 343 557 218	1 401 735 695	1 182 518 932	1 422 927 102,67	1 259 542 363,45	93,75

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) tal-Unjoni Ewropea, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru) u t-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) mill-perjodu finanzjarju preċedenti.

Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq sabiex jiġu segwiti l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 179 tat-TFUE, bil-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għerf, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri billi jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li tiegħu d-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea fil-limiti tal-għarfien, issaħħaħ ir-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, b'mod kwantitattiv u kwalitattiv u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u tassigura l-aħjar użu tagħhom.

F'Orizzont 2020, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed tiġi indirizzata bħala kwistjoni trasversali sabiex jiġu rettifkati l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fil-programmazzjoni u l-kontenut tal-innovazzjoni. Għandha titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, inkluż it-tehdid ta' deċiżjonijiet, tan-nisa fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitatiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Appropriazzjonijiet addizzjonali se jkunu pprovduti taħt l-Artikolu 15 03 05 u l-Partita 15 03 01.

L-appropriazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 15 01 05.

15 03 01 Xjenza eċċellenti*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li ssaħħa u testendi l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka mill-aqwa biex tiġi żgurata l-kompetittività fuq terminu twil tal-Ewropa. Din se tagħti sostenn lill-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Ewropa, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel lill-Ewropa post attraenti għall-aqwa riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu stabbiliti skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi stabbiliti minn qabel. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stipulata b'kuntatt mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka se tiġi ffinanzjata fuq il-bażi tal-eċċellenza.

KUMMISSJONI

TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)

15 03 01 (ikompli)

15 03 01 01 Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — ħolqien, żvilupp u trasferiment ta' ħiliet, għarfien u innovazzjoni ġodda

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 032 643 417	865 158 632	945 586 364	773 503 000	929 333 225,17	783 609 868,30

Kummenti

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' riżorsi umani b'saħħitha u kreattiva, mobbli fost il-pajjiżi u s-setturi, u għandha tkun attraenti għall-aqwa riċerkaturi, Ewropej u mhux Ewropej. Dan se jinkiseb permezz tal-istrutturar u ż-żieda fl-eċċellenza f'parti sostanzjali tat-taħriġ inizjali ta' kwalità għolja tal-kandidati għad-dottorat u tar-riċerkaturi fi stadju bikri u permezz tas-sostenn għall-opportunitajiet attraenti għal karriera ta' riċerkaturi esperjenzati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat mad-dinja kollha. Ir-riċerkaturi huma mħeġġa jiċċaqilqu minn pajjiż għall-ieħor, minn settur għall-ieħor u minn dixxiplina għall-oħra biex itejbu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv tagħhom. Barra minn hekk, l-inizjattivi se jkunu appoġġati biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' karriera fir-riċerka u biex jiġu mqasma r-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni lill-pubbliku ġenerali.

Id-dħul assenjat imdaħħal fil-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita, f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti huwa smat għal EUR 9 960 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 3(1) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

15 03 05

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni oġġla, riċerka u innovazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
496 678 348	473 515 586	456 149 331	396 015 932	430 479 675,16	345 176 976,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), inklużi l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) magħżula mill-EIT.

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 (ikompli)**15 03 05** (ikompli)

Fil-qafas tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT u r-Regolament (UE) Nru 1292/2013, l-EIT jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali u l-prijoritajiet ta' "Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni", bl-oġġettiv speċifiku ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT għandu l-għan li jagħti spinta tant meħtieġa lill-kapaċità għall-innovazzjoni tal-Ewropa u l-mira globali tiegħu hija li joħloq mod ġdid Ewropew biex ikun hemm tkabbir ekonomiku u benefiċċji soċjetali essenzjali permezz tal-innovazzjoni billi jgħin biex l-ideat innovattivi jinbidlu fi prodotti u servizzi li joħlqu tkabbir sostenibbli u impjiegi.

Il-KKIs huma l-bażi operattiva tal-EIT. Dawn huma sħubijiet xprunati mill-eċċellenza, li jiġbru flimkien il-web tal-innovazzjoni kollha sabiex joffru opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni fl-Ewropa u jiġġeneraw impatt reali f'termini ta' ħolqien ta' negozji ġodda u benefiċċji soċjetali. Dawn jindirizzaw suġġetti ta' innovazzjoni ffukati u jintegraw organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, industrijiet innovattivi, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, investituri, negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu u spin-offs. L-ewwel tliet KKIs intgħażlu f'Diċembru 2009 u jindirizzaw l-isfidi soċjetali li ġejjin: il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima (permezz tal-Climate-KKI), l-enerġija sostenibbli (permezz tal-KKI InnoEnergy) u s-soċjetà futura tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (permezz tal-EITDigital). Żewġ KKIs addizzjonali ġew magħżula fl-2014 fit-temi Materja Prima u Innovazzjoni għal Għajxien b'saħħtu u Tixjiħ Attiv. L-EIT espanda l-portafoll tiegħu ta' KKIs għal tlieta oħra li jindirizzaw it-temi: Alimentazzjoni għall-Futur (fl-2016), il-Manifattura b'Valur Miżjud u l-Mobbiltà Urbana (l-aħħar tnejn magħżula sa tmiem l-2018 għandhom sena 1 biex ilestu l-istabbiliment tagħhom u jenħtieġ isiru kompletament funzjonali fl-2020).

L-EIT għandu l-għan li jiġġenera impatt tanġibbli fl-oqsma li ġejjin:

- l-indirizzar ta' sfidi soċjetali ewlenin: Il-KKI jgħaqqdu l-kompetenza minn dixxiplini differenti biex jiżguraw reazzjonijiet innovattivi u globali għal sfidi soċjetali kumplessi,
- il-ħolqien ta' qafas ċar li huwa faċli għall-kummerċ: It-tibdil ta' ideat ġodda fi prodotti, servizzi jew opportunitajiet kummerċjali ġodda se jkun il-punt ta' riferiment ewleni għal-suċċess tal-EIT u tal-KKI,
- it-tisħiħ ta' fluss liberu ta' għarfien permezz ta' kolokazzjoni: Il-KKI huma organizzati madwar ċentri ta' kolokazzjoni — postijiet ġeografiċi fejn il-parti l-kbira tal-katina ta' innovazzjoni, jew il-katina ta' innovazzjoni kollha kemm hi, tinsab fil-qrib. L-enfasi hija fuq nies li ġejjin minn sfondi differenti (l-industrija, l-SMEs, l-akkademji, in-nazzjonalità, il-ġeneru, id-dixxiplina...) li jaħdmu flimkien b'kuntatt wiċċ imb wiċċ, biex b'hekk iwasslu għal mobiltà akbar tal-għarfien,
- it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,
- komunikazzjoni ta' informazzjoni u bini ta' sħubijiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta' emerġenza (Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza) li torbot onlajn li-Ċentru ma' ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat ewlenin ta' mard li jittieħed jew mard ieħor ta' oriġini mhux magħrufa.

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)**17 03 10 (ikompli)**

Iċ-Ċentru għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsimha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsimha, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 59 059 000. Ammont ta' EUR 1 879 347 li ġej mill-irkupru tas-surplus, qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 57 179 653 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

17 03 11 Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
105 016 536	100 970 549	77 791 635	77 791 635	79 124 569,86	80 011 461,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja marbuta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 11 (ikompli)

Tkopri b'mod partikolari:

- spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kumitat xjentifiku u tal-gruppi xjentifiċi, gruppi ta' ħidma, il-forum konsultattiv, il-Bord ta' Ġestjoni u laqgħat mal-imsieħba xjentifiċi jew mal-partijiet interessati,
- spejjeż assoċjati mat-twaqqif ta' opinjonijiet xjentifiċi bl-użu ta' riżorsi esterni (kuntratti u sussidji),
- spejjeż assoċjati mal-ħolqien tan-*networks* tal-ġbir tad-dejta u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti,
- spejjeż marbuta mal-għajnuna xjentifika u teknika lill-Kummissjoni (Artikolu 31),
- spejjeż assoċjati mal-identifikazzjoni ta' miżuri ta' sostenn loġistiku,
- spejjeż assoċjati mal-kooperazzjoni teknika u xjentifika,
- spejjeż assoċjati mat-tixrid ta' opinjonijiet xjentifiċi,
- spejjeż assoċjati ma' attivitajiet ta' komunikazzjoni.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Awtorità tinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim. Il-pjan ta' stabbiliment tal-Awtorità, billi hija l-President tan-*Network* tal-Aġenziji li se jispiċċa, jinkludi pożizzjoni waħda għall-ħolqien tal-Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni fi Brussell. Dan huwa bil-għan tal-promozzjoni ta' ksbiet u sinerġiji fl-effiċjenza bejn l-aġenziji u mal-istituzzjonijiet, sabiex l-aġenziji individwali jkunu jistgħu jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq il-kompiti ewlenin. Il-finanzjament tal-pożizzjoni ta' Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni se jinqasam bejn l-aġenziji, li jfisser li ma jinħtieġ ebda finanzjament addizzjonali f'dan ir-rigward.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-*Żona Ekonomika Ewropea*, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-*"Żona Ekonomika Ewropea"* ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffurma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jtnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)**17 03 11 (ikompli)**

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 105 459 000. Ammont ta' EUR 442 464 li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżded mal-ammont ta' EUR 105 016 536 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina tal-ikel u r-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

17 03 12 Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

17 03 12 01 Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 285 000	34 285 000	6 531 697	6 531 697	20 734 639,65	20 734 639,65

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja marbuta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3), sabiex jitwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprijazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-Partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 12 (ikompli)

17 03 12 01 (ikompli)

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 34 285 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jstabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 12 (ikompli)

17 03 12 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u d-Direttiva li tħassar 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

17 03 12 02 Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 715 000	15 715 000	14 000 000	14 000 000	11 900 000,—	11 856 940,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tintuża mill-Aġenzija biss biex tikkumpensa t-telfien parzjali jew totali ta' pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 12 (ikompli)

17 03 12 02 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

17 03 13 Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
220 000	220 000	230 000	230 000	230 000,—	176 961,26

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribut tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC), li l-Komunità rratifikat u li tagħha l-Unjoni hija parti.

Id-dħul assenjat riċevut taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Kwadru tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

17 03 51 Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	1 200 000	0,—	3 864 366,64

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)**17 03 51** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjonijiet Nru 1786/2002/KE u Nru 1350/2007/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jaqgħu lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

17 03 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

17 03 77 05 Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	412 798,20

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 05 (ikompli)

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 08 Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	418 802,20

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 09 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	237 478,—

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 09 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 10 Proġett pilota — Mekkaniżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	368 170,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 11 Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	208 013,70

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 11 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 12 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	440 273	0,—	293 516,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 13 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	444 836,91

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 13 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	615 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 16 Proġett pilota — L-effett ta' modi ta' trattament differenti għall-mard fil-kliewi u d-donazzjoni ta' organi u l-prattiki tat-trapjanti fuq l-infiq fuq is-saħħar u l-eżiti tal-pazjenti

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	399 993	p.m.	p.m.	0,—	299 994,27

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 16 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 17 Proġett pilota — Pjattaforma biex tiżdied id-donazzjoni ta' organi fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien: Eudonorg 2015-2016

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	144 000	0,—	201 600,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 18 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa esperjenzati mill-persuni LGBTI

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	132 000,—

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 18 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 20 Proġett pilota — Stabbiliment ta' reġistru tal-malformazzjonijiet konġenitali rari (bħala parti mir-Reġistru tal-Mard Rari) abbażi tal-istruttura, l-organizzazzjoni u l-esperjenza tar-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali.

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	50 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 22 Proġett pilota — MentALLY

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	199 000	0,—	0,—

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 22 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 23 Proġett pilota — Disturbi mentali serji u r-riskju tal-vjolenza: metodi li japplikaw strateġiji ta' kura u trattament effettiv

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	360 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 24 Proġett pilota — Lejn kejl ta' aċċess aktar ġust u effettiv għall-kura tas-saħħa fl-Unjoni kollha sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni u t-trasferiment tan-know-how

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	245 352,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 25 Proġett pilota — INTEGRATE: Żvilupp ta' strateġiji integrati biex jissorveljaw u jittrattaw mard kroniku u reumatiku: ir-rwol tal-indikaturi tal-kwalità u l-eżiti rappurtati mill-pazjenti flimkien mal-evalwazzjoni tat-tabib tal-attività u tal-ħsara tal-marda

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	248 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 26 Proġett pilota — Korsijiet ta' prevenzjoni primarja għat-tfajliet li jgħixu fi nħawi fejn hemm riskju akbar ta' kanċer tas-sider

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 27 Proġett pilota — Ridistribuzzjoni tal-lkel

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	150 000	0,—	149 814,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 28 Proġett pilota — Rare 2030 — Studju ta' prospettiva parteċipattiv għat-tfassil ta' politiki dwar il-mard rari

Ċifri (Approporzjonijiet differenzjati)

Approporzjonijiet 2020		Approporzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	800 000,—	650 000,—

Kummenti

Din l-approporzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

17 03 77 29 Proġett pilota — Fiduċja tal-pazjenti, tal-familji u tal-komunitajiet fit-tilqim

Ċifri (Approporzjonijiet differenzjati)

Approporzjonijiet 2020		Approporzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	210 000	700 000	350 000		

Kummenti

Din l-approporzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Il-proġett huwa marbut ħafna max-xogħol fil-qasam tal-litteriżmu tas-saħħa, l-edukazzjoni tal-pazjenti, l-aderenza u l-konkordanza, is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, u s-sistemi tas-saħħa aċċessibbli għal kulħadd. Jekk il-pazjenti jkunu protetti aħjar kontra l-mard infettiv, ikun aktar faċli li jiġu ġestiti l-kundizzjonijiet sottostanti. Barra minn hekk, l-aċċess għal informazzjoni bbażata fuq l-evidenza jippermetti lill-pazjenti li jkollhom djalogu siewi mal-professjonisti tas-saħħa u jagħmlu għażliet xierqa fl-ambjent tal-kura tas-saħħa, inklużi azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa.

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA (ikompli)

17 03 77 (ikompli)

17 03 77 29 (ikompli)

Żewġ pilastru strateġiċi

Il-proġett għandu żewġ pilastru strateġiċi ewlenin li għandhom jitwasslu bl-użu tal-potenzjal ta' bini tal-kapaċità tal-gruppi ta' pazjenti (1) sett ta' għodod avvanzat għall-użu ta' gruppi ta' promozzjoni nazzjonali, abbażi tal-ħidma eżistenti, u (2) tliet sessjonijiet ta' ħidma li ġew organizzati fl-2019 f'pajjiżi diversi mil-lat ġeografiku u soċjoekonomiku, immirati għal pazjenti b'mard kroniku.

(1) Sett ta' għodod avvanzat għall-użu ta' gruppi ta' promozzjoni nazzjonali

L-ewwel pilastru jinvolti l-iżvilupp ta' sett ta' għodod mfassal apposta, oġġettiv, ibbażat fuq il-provi u mill-aktar avvanzat dwar it-tilqim u l-importanza vitali tiegħu għal pazjenti b'mard kroniku.

Is-sett ta' għodod avvanzat għandu jibni fuq materjal immirat preċedenti għall-komunità tal-pazjenti, ibbażat fuq l-evalwazzjoni bejn il-pari, fuq il-provi u fuq l-aktar pubblikazzjonijiet reċenti f'dan il-qasam. Il-proġett jibbaża fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta sabiex jiġi żgurat li s-sett ta' għodda jkun aċċessibbli, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti popolazzjonijiet, u jiġu applikati prinċipji ta' litteriżmu fis-saħħa. Jenħtieġ li l-materjali u r-riżorsi jkunu adattati għal pubbliku differenti, u ttestjati bir-reqqa minn segment rilevanti ta' popolazzjoni tal-pazjenti. Jenħtieġ li s-sett ta' għodda avvanzat jkun bl-Ingliż u tradott fi tliet lingwi tal-Unjoni fejn isiru s-sessjonijiet ta' ħidma.

Għandha tiġi mfassla strateġija ta' disseminazzjoni bl-użu ta' "network ta' networks". Barra minn hekk, diversi konferenzi u avvenimenti matul is-sena (pereżempju l-Jum Dinji tad-Dijabete, il-Ġimgħa Dinjija tal-Immunitazzjoni) se jippromwovu s-sett ta' għodod.

(2) Tliet sezzjonijiet ta' ħidma fil-livell nazzjonali mmirati għal pazjenti b'mard kroniku

It-tieni pilastru għandu jiffoka fuq tliet sessjonijiet ta' ħidma fil-livell nazzjonali mmirati għal pazjenti b'mard kroniku b'kollaborazzjoni ma' esperti dwar kull marda inkwistjoni, u fuq it-tixrid tas-sett ta' għodod permezz tal-ekosistema tagħhom.

Is-sessjonijiet ta' ħidma jenħtieġ li jkunu avvenimenti ta' ġurnata, li se jiġbru madwar 40 esponent tal-pazjenti mill-pajjiżi kollha magħżula (mhux biss mill-kapitali), f'diversi oqsma ta' mard rilevanti. Is-sessjonijiet ta' ħidma jenħtieġ li jkunu interattivi ħafna u jkunu f'faċilitati minn espert fil-pajjiż bil-lingwa tal-post.

Il-format tas-sessjoni ta' ħidma jenħtieġ li jkun mfassal biex jippermetti lill-esponenti mbagħad ixerrdu l-għarfien fost il-komunitajiet tagħhom, permezz tal-użu effikaċi tas-sett ta' għodod avvanzat fl-avvenimenti tagħhom u permezz tan-networks tal-midja soċjali tagħhom.

Is-sessjonijiet ta' ħidma jenħtieġ li jiġu evalwati bil-għan li jiżiedu biex jinkludu aktar pajjiżi fil-futur, abbażi ta' tagħlimiet meħuda.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprazzjonijiet 2020		Approprazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 04	SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI								
17 04 01	<i>Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni</i>	3	169 500 000	143 880 000	155 500 000	127 540 000	138 095 000,—	137 588 545,42	95,63
17 04 02	<i>Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradi-kazzjoni tagħhom</i>	3	30 500 000	19 800 000	22 500 000	10 750 000	11 942 000,—	7 913 655,20	39,97
17 04 03	<i>Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli</i>	3	55 798 000	58 193 000	58 989 000	48 210 000	74 825 505,43	44 044 909,78	75,69
17 04 04	<i>Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti</i>	3	20 000 000	20 000 000	50 000 000	50 000 000	53 776 942,88	54 245 498,72	271,23
17 04 07	<i>Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi</i>	2	6 430 708	6 430 708	4 025 859	4 025 859	4 920 012,58	4 920 012,58	76,51
17 04 10	<i>Kontribuzzjonijiet għall-ftehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti</i>	4	300 000	300 000	310 000	310 000	253 000,—	231 430,67	77,14
17 04 51	<i>Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti</i>	3	p.m.	100 000	p.m.	70 000	0,—	707 026,68	707,03
17 04 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
17 04 77 03	Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-trasport tal-annimali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	379 768,87	
17 04 77 04	Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	56 089,—	

KUMMISSJONI

TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 04 77	(ikompli)								
17 04 77 05	Proġett pilota – Ħolqien ta' suq intern armonizzat għall-majjal minn ħnieżer li ma jkunux ġew ikkastrati kirurġikament	2	p.m.	p.m.	p.m.	252 000	0,—	166 337,50	
17 04 77 06	Proġett pilota — monitoraġġ ambjentali tal-użu tal-pestiċidi permezz tan-naħal tal-għasel	2	p.m.	304 000	p.m.	p.m.	750 000,—	304 000,—	100,00
17 04 77 07	Proġett pilota — Il-benessri tal-baqar tal-ħalib, inklużi miżuri għall-protezzjoni ta' għoġġiela tal-ħalib mhux miftuma u annimali li jkunu waslu fi tmiem il-karriera tagħhom	2	950 000	237 500					
17 04 77 08	Proġett pilota — L-aħjar prattiki għal tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni tal-bajd mingħajr gaġeġ u b'bennessri aħjar	2	750 000	187 500					
	Artikolu 17 04 77 — Subtotal		1 700 000	729 000	p.m.	252 000	750 000,—	906 195,37	124,31
	Kapitolu 17 04 — Total		284 228 708	249 432 708	291 324 859	241 157 859	284 562 460,89	250 557 274,42	100,45

17 04 01 Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
169 500 000	143 880 000	155 500 000	127 540 000	138 095 000,—	137 588 545,42

Kummenti

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tgħin biex taċċelera l-qerda jew il-kontroll tal-mard tal-annimali billi tipprovdi fondi li jissupplimentaw ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni. Il-parti l-kbira ta' dan il-mard jew infezzjonijiet hija ż-żoonożi li tittieħed mill-bniedem (BSE, bruċellożi, influwenza tat-tjur, salmonellożi, tuberkulożi, eċċ.). Barra minn hekk, il-persistenza tal-mard inkwistjoni ttellef l-operat bla xkiel tas-suq intern; il-ġlieda kontrih tgħin biex jittejjeb il-livell tas-saħħa pubblika u biex jingħata spinta lis-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżuri mmirati għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment ħieles ta' oġġetti f'dawn is-setturi, għas-sostenn veterinarju u għall-azzjoni ta' sostenn.

Hija tikkonsisti fil-forniment ta' għajnuna finanzjarja:

- għax-xiri, il-ħżin u l-formulazzjoni tal-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ta' tilqim differenti,
- għall-iżvilupp ta' tilqim markatur jew testijiet li jistgħu jiddistingwu bejn annimali morda u dawk imlaqqma.

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)**17 04 01** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 02 ***Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom****Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30 500 000	19 800 000	22 500 000	10 750 000	11 942 000,—	7 913 655,20

Kummenti

Din l-appropriazzjoni għandha tkopri azzjonijiet ta' prevenzjoni biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard (pereżempju n-nematodu tal-injam tal-arżnu u l-bumunqar l-aħmar tal-palm) li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, l-ekosistemi tal-foresti u l-pajsaġġ. Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lejn miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77	(ikompli)								
21 02 77 19	Azzjoni preparatorja — Bini ta' reżiljenza għal saħħa mtejba ta' komunitajiet nomadiċi fis-sitwazzjonijiet wara l-kriżijiet fir-reġjun tas-Sahel	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	624 486,45	
21 02 77 20	Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tattfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, il-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 21	Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħiħ tas-subijji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jitwaqqfu intrapriżi soċjali fl-Afrika tal-Lvant	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 22	Proġett pilota — Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnedija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jitttrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi	4	p.m.	p.m.	p.m.	150 000	0,—	0,—	
21 02 77 23	Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	4	p.m.	p.m.	p.m.	126 653	0,—	351 362,10	
21 02 77 24	Proġett pilota — Immappjar tat-tnejjda globali mir-reżistenza għall-antikrobici	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 25	Proġett pilota — It-tisħiħ tad-drittijiet tattfal, il-protezzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u l-adolessenti spostati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador	4	p.m.	p.m.	p.m.	80 000	0,—	650 000,—	
21 02 77 26	Proġett pilota — Servizzi edukattivi għat-tfal li qabel kienu assoċjati ma' forzi u gruppi armati fiż-Żona Amministrattiva ta' Greater Pibor fis-Sudan t'Isfel	4	p.m.	650 153	p.m.	350 000	0,—	0,—	0

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagame- nti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77 27	Proġett Pilota — Nittestjaw l-użu tal-Ġestjoni Parteċipattiva tal-Merghat fil-Kenja u fit-Tanzanija	4	p.m.	450 000	p.m.	550 000	0,—	500 000,—	111,11
21 02 77 28	Proġett pilota — Appoġġ tad-dimensjoni urbana tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp: żieda fil-kapaċitajiet finanzjarji tal-bliet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex joħlqu żvilupp urban produttiv u sostenibbli	4	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	628 283,76	
21 02 77 29	Azzjoni preparatorja — Sostenn għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	0,—	
21 02 77 30	Azzjoni preparatorja — Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnejja ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jitrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 350 000,—	
21 02 77 31	Proġett pilota — Santé pour tous — Saħħa għal kulħadd — Proġett konġunt ta' Aimes-Afrique (Togo) u Aktion PIT-Togohilfe e.V.	4	p.m.	p.m.	p.m.	225 000	500 000,—	210 225,—	
21 02 77 32	Azzjoni preparatorja — Żgħażaġħ volontarji Ewropej fis-servizz tal-iżvilupp	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 33	Proġett pilota — Trawwim tat-trasparenza u valutazzjoni tal-impatt għall-awtoritajiet lokali fil-Gwatemala	4	p.m.	300 000	350 000	300 000	0,—	0,—	0
21 02 77 35	Proġett pilota — Estensjoni tal-kopertura universali tas-saħħa fil-Mauritania	4	p.m.	p.m.	1 195 000	597 500			
21 02 77 36	Azzjoni Preparatorja — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fir-reġjun ta' Cauca, fil-Kolombja	4	p.m.	p.m.	1 500 000	750 000			
	Artikolu 21 02 77 — Subtotal		p.m.	1 900 153	3 045 000	5 269 153	500 000,—	6 474 816,05	340,75
	Kapitolu 21 02 — Total		3 184 529 459	2 710 632 634	3 105 662 812	2 714 270 463	2 927 947 827,78	2 607 580 803,92	96,20

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)*Kummenti*

L-objettiv primarju tal-politika għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni tal-Unjoni huwa tnaqqis fil-faqar, kif stipulat fit-TFUE. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jipprovi l-qafas politiku ġenerali, il-gwida u l-iffukar biex tkun diretta l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 233/2014.

Dawn l-approprijazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru attivitajiet li jikkonċernaw il-kisba tat-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli u l-konsolidazzjoni u s-sostenn tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali, inklużi dawk riflessi fl-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u fil-qafas internazzjonali tal-iżvilupp emerġenti wara l-2015. Fejn ikun xieraq għandhom jinstabu sinerġiji ma' strumenti esterni oħrajn tal-Unjoni mingħajr ma jintilef l-iffukar fuq l-objettivi bażiċi msemmija hawn fuq.

Fil-prinċipju, 100 % tan-nefqa fil-programmi ġeografiċi u mill-inqas 95 % tan-nefqa fil-programmi tematiċi u 90 % tan-nefqa fil-programm Pan-Afrikan għandhom ikunu konformi mal-kriterji OECD/DAC għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Bħala regola ġenerali, mill-inqas 20 % tal-approprijazzjonijiet għandhom jintużaw għal servizzi soċjali bażiċi u edukazzjoni sekondarja. Barrra minn dan, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għandu jikkontribwixxi għall-objettiv li jiġi indirizzat mill-anqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni lejn soċjetà anqas dipendenti fuq il-karbonju u li hija reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

21 02 01 Il-Kooperazzjoni mal-Amerka Latina*Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
381 313 631	274 000 000	360 928 415	267 589 959	343 946 320,—	214 533 358,35

Kummenti

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt dan l-artikolu huwa primarjament il-kontribut tiegħu għas-sostenn tal-promozzjoni tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u t-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll il-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-Kummissjoni trid tkompli tirrapporta annwalment dwar il-punt ta' riferiment, li ntuża fil-passat, għall-assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandha tiġi allokata għall-infrastruttura soċjali u s-servizzi soċjali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni trid titqies bħala parti mill-appoġġ ta' donazzjoni ġenerali għas-setturi soċjali u li grad ta' flessibilità jrid ikun in-norma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-punt ta' riferiment ta' 20 % tal-assistenza tagħha taħt l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jkun iddedikat għas-servizzi soċjali bażiċi, b'enfasi fuq is-saħħa u l-edukazzjoni, u għall-edukazzjoni sekondarja, filwaqt li dan ikun il-medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jiġi rikonoxxut li hawn ukoll livell ta' flessibilità irid ikun in-norma, bħal pereżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iskemi ta' kooperazzjoni fil-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerka Latina, bil-ħsieb li:

— kontribut għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fir-reġjun,

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (*ikompli*)21 02 01 (*ikompli*)

- tappoġġa lit-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-inizjattivi lokali biex iwettqu monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti fuq l-ekonomija nazzjonali, partikolarment ir-rispett tal-istandards tax-xogħol, ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem,
- appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ biex jiġu miġġielda l-prattiki tradizzjonali dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa,
- tippromwovi u tinvesti fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tan-nisa, bl-għan li tappoġġa d-drittijiet tan-nisa u l-bniet għas-saħħa sesswali u riproduttiva,
- trawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili,
- tiġġield il-faqar u l-esklużjoni soċjali u titheġġe il-koeżjoni soċjali,
- tikkontribwixxi biex jitjiebu l-istandards soċjali b'fokus fuq l-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-impjeg, u s-saħħa, u biex jitjiebu l-iskemi tal-protezzjoni soċjali,
- theġġe klima aktar favorevoli għal espansjoni ekonomika u settur aktar produttiv, tinkoraġġixxi t-trasferiment tal-għarfien, theġġe il-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju b'mod bireġjonali,
- il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat, inkluża klima kummerċjali pożittiva għall-SMEs permezz tad-drittijiet tal-proprjetà legali, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv mhux meħtieġ, it-titjib tal-aċċess għall-kreditu u t-titjib tal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi żgħar u medji,
- tappoġġa sforzi favur is-sigurtà tal-ikel u tiġġield in-nutrizzjoni ħażina,
- tappoġġa integrazzjoni reġjonali; fl-Amerka Ċentrali, trawwem żvilupp reġjonali permezz ta' benefiċċji mtejba li ġejjin mill-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Amerka Ċentrali mill-oħra (ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3),
- tippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, u l-ġlieda kontra tibdil fil-klima (mitigazzjoni u adattament),
- jappoġġaw sforzi għat-titjib tal-governanza tajba u jgħinu biex jiġu konsolidati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- jippromwovu r-riforma tal-politika, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà, u jappoġġaw azzjonijiet relatati biex jissaħħaħ l-iżvilupp tal-pajjiżi u r-reġjuni,
- jikkontribwixxu għall-proġetti ffukati fuq l-appoġġ għar-refuġjati mill-Venezwela li ħarbu lejn il-pajjiżi ġirien tagħhom.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppanti s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

L-appropriazzjonijiet f'dan l-artikolu huma soġġetti għal evalwazzjonijiet li jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' kontribuzzjoni u katina ta' riżultati (prestazzjoni, eżitu, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri sussegwenti ffinanzjati minn dawn l-appropriazzjonijiet.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 01** (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u għestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkositwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Dħul assenjat riċevut taħt l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 02 Il-Kooperazzjoni mal-Asja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
821 480 778	656 000 000	794 388 665	650 000 000	749 819 271,—	414 346 796,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' skemi ta' żvilupp fil-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn jgħixu l-ifqar u l-aktar nies fraġli, immirati sabiex itejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Jiġu enfasizzati l-migrazzjoni irregolari, il-governanza ekonomika u soċjali u l-iżvilupp, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi, iż-żgħażaġh, l-educazzjoni, it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-iskambju akkademiku u kulturali, l-iskambju xjentifiku u teknoloġiku, l-ambjent, il-kooperazzjoni reġjonali, il-kummerċ, il-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri u l-azzjonijiet ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, l-appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, itfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'diżabbiltà.

L-utilizzazzjoni ta' din l-approprjazzjoni tiddependi fuq il-ħarsien tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jiġu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tinkludi azzjonijiet relatati mat-tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem. Setturi li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu:

- migrazzjoni,
- l-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh,
- il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, u l-aċċess universali għas-saħħa u l-edukazzjoni,
- l-ambjent kummerċjali, l-integrazzjoni reġjonali u s-swieq tad-dinja,
- l-agrikultura sostenibbli, in-nutrizzjoni u l-enerġija,
- it-tibdil fil-klima u l-ambjent,
- it-thegħiġ tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu, xogħol deċenti u ekwità,
- l-istabbiliment ta' sħubijiet inklużivi madwar il-kummerċ, l-investiment, l-ghajjnuna, il-migrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ċivili, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija,
- l-appoġġ ta' soċjetà ċivili attiva u organizzata għall-iżvilupp u t-trawwim ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat,
- l-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll investimenti fteknoloġiji nodfa, enerġiji sostenibbli, it-trasport, l-agrikultura u s-sajd sostenibbli, il-protezzjoni u t-titjib tas-servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, inklużi l-ilma, is-sanità u l-foresti, u impjiegi diċenti inkluż il-ħolqien ta' impjeg għaż-żgħażaġh u n-nisa fl-ekonomija ekoloġika,
- it-thegħiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,
- il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u r-rispons għalihom, inklużi dawk li joriġinaw fl-interfaċċa bejn animali, bniedem u d-diversi ambjenti tagħhom,
- appoġġ għat-tħejija għad-diżastri u l-irkupru fit-tul wara diżastru, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u n-nutrimint u l-assistenza lill-persuni spustati,
- it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni.

Din l-appropriazzjoni tindirizza l-azzjonijiet relatati ma':

- id-demokrazzja, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, id-drittijiet tat-tfal u n-nisa u l-istat tad-dritt,

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 02** (ikompli)

- l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,
- il-ġestjoni tas-settur pubbliku,
- il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,
- il-korruzzjoni u t-trasparenza,
- is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,
- il-bini u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-korpi pubbliċi leġittimi, effikaċi u responsabbli, permezz tal-promozzjoni ta' riformi istituzzjonali (fosthom dwar il-governanza tajba u kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) u riformi leġislattivi, amministrattivi u regolatorji bi qbil ma' standards internazzjonali, b'mod partikolari fl-istati fraġli u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt,
- il-kuntest tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-drogi u kontra forom oħra ta' traffikar, l-appoġġ ta' ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u l-kooperazzjoni transkonfinali u t-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili.

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa li tikkontribwixxi lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli mingħajr ma jintesew l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju mhux kompluti kif ukoll li tippromwovi d-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jisseddaq żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkositwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat riċevut ieħor taħt l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 03 Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
163 710 652	102 000 000	151 706 054	85 000 000	151 613 771,—	70 538 252,16

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri għajnuna biex telimina l-faqar u li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv, koeżjoni soċjali, demokratizzazzjoni u t-titjib fil-ħajja tan-nies. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Il-programmi bilaterali se jiffokaw fuq il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp rurali integrat, opportunitajiet għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali, u t-trawwim tas-sigurtà tal-ikel; ir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, it-trasparenza u l-miżuri kontra l-korruzzjoni, u s-sostenn tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; l-istabiliment ta' sistema effiċjenti ta' edukazzjoni ffokata fuq edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali ta' kwalità, li tkun tindirizza dak li jkun jeħtieġ is-suq tax-xogħol; is-sostenn għas-settur tas-saħħa permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizz tas-saħħa ekwitabbli u ta' kwalità u l-appoġġ għal investimenti ekonomiċi.

Il-programmi reġjonali għandhom l-għan li jostnu proċess wiesa' ta' dialogu u kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, speċjalment fiż-żoni sensitivi fejn tidħol l-istabbiltà ġenerali politika u soċjali.

Il-programmi se jkunu implimentati b'attenzjoni kostanti fuq dawk l-aktar fil-bżonn. Il-kwistjonijiet trasversali, bħalma huma l-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-tnaqqis fir-riskju tad-diżastri, il-governanza lokali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u ż-żgħażaġh jiġu integrati fil-programmi kollha tal-Unjoni.

Meta u fejn jeżistu sforzi għar-riforma tal-governanza ta' natura sinifikanti u proċessi ta' demokratizzazzjoni ġenwini, l-għoti lillhom ta' appoġġ se jkun prijorità. Bl-istess mod, l-allokazzjonijiet għall-ġestjoni tal-frontieri u l-programmi kontra d-drogi jiddependu fuq il-perspettiva għall-ilħuq ta' riżultati sinifikanti. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili se tkun element mill-aktar importanti ta' kooperazzjoni. Kullma jmur, se tiġi kkunsidrata kollaborazzjoni mal-aġenziji tal-Istati Membri biex dawn il-programmi jiġu implimentati kif ukoll it-taħlit mar-riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 03** (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 04 Il-Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
243 843 466	70 000 000	178 531 328	100 000 000	117 000 000,—	98 648 301,41

Kummenti

Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Trid issir enfasi fuq operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-istampa u l-midja, il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin, inkluż id-dritt li wieħed jinħall mit-twemmin, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertajiet diġitali, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-aċċess universali tat-tfal taż-żewġ sessi u tan-nisa kif ukoll tat-tfal b'diżabilità għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, b'mod partikolari bil-ħsieb li tinqered il-marda tal-poljo wara t-tifqigħat li kien hemm dan l-aħħar fis-Sirja, l-ambjent, u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-foresti tropikali, il-kooperazzjoni reġjonali, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskji, inklużi l-perikli relatati mal-tibdil fil-klima, u l-miżuri ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra l-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tal-libertajiet diġitali b'rabta mal-internet u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

L-għan ta' din l-approprijazzjoni huwa wkoll li tkopri miżuri li jippromwov u il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwov u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, persuni LGBTI, il-minoranzi etniċi u reliġjużi, l-atei u persuni b'diżabbiltà.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprijazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 04 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni tista' tinkludi azzjonijiet relatati ma':

- id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni,
- it-thegħiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,
- l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,
- il-ġestjoni tas-settur pubbliku,
- il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,
- il-korruzzjoni u t-trasparenza,
- is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,
- ir-rabta sigurtà u żvilupp,
- l-appoġġ għall-iskemi ta' mikrokreditu,
- l-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jgħinu lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jilhqnu l-istandards iġeniċi u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni,
- l-appoġġ għar-refuġjati u l-popolazzjonijiet spostati,
- jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 05

Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
199 417 199	143 000 000	199 417 199	170 000 000	239 715 436,69	254 374 702,37

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 05** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan.

Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġa l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż il-waqfien mill-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, u t-tħarbit u l-qerda tan-netwerks tal-oppju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċessi tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta' oriġini skont l-impenji li ħadet il-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' Tokio f'Janar 2002.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja tagħha favur oqsma fl-Afganistan favur oqsma bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' sptarjiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite f'dak li huwa wieħed mill-aħħar pajjiżi "endemiċi") u proġetti ta' infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks tat-toroq, bankini, eċċ.) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impjiegi u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

Parti minn din l-appropriazzjoni se tintuża għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà tar-reliġjon u t-twemmin.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex issir integrazzjoni tas-sistemi tat-tnaqqis ta' riskju mid-diżastri, ibbażat fuq is-sjeda u l-istrateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tintuża, fir-rispett dovut tar-Regolament Finanzjarju, biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġat l-involvement attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-tehdid tad-deċiżjonijiet.

Se tingħata attenzjoni partikolari wkoll għas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-azzjonijiet u u l-proġetti l-oħra kollha appoġġati minn din l-appropriazzjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' appropriazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, bil-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 05 (ikompli)

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 06 **Il-Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 000 000	24 500 000	22 293 472	42 000 000	20 000 000,—	21 718 016,83

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel biex jitnaqqas il-qgħad permezz ta' tkabbir ekonomiku inklużiv, biex tkun trasformata s-sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-innovazzjoni sabiex tkun tista' tikkontribwixxi għal prestazzjoni ekonomika mtejba tal-pajjiż, u biex tassisti lill-Afrika t'Isfel fit-tweqqif tar-rwol tagħha ta' żvilupp u trasformattiv, inkluż it-titjib fil-provediment ta' servizz u l-iżgurar ta' ċittadinanza msaħħa, ġusta u inklużiva.

Il-parti ta' din l-approprjazzjoni hija mistennija li tikkontribwixxi biex tiżgura istituzzjonijiet responsabbli, effettivi u inklużivi li jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli fl-Afrika t'Isfel.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża biex tappoġġa tkabbir sostenibbli inklużiv, il-ħolqien tal-impjiegi u l-impjiegi taż-żgħażaġh.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkonstitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat riċevut taħt l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0 u 9 0 0 u l-Partiti 6 1 7 0, 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 07 Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija

Kummenti

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw primarjament l-ifqar pajjiżi u dawk l-anqas żviluppatti u sezżjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-aktar żvantaġġati fil-pajjiżi koperti bir-Regolament (UE) Nru 233/2014.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tnaqqis fil-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli bħala komponent fi ħdan il-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". L-oġġettiv tal-programm huwa li jappoġġa żvilupp sostenibbli inklużiv billi jiġu indirizzati l-beni u l-isfidi pubbliċi globali ewlenin b'mod flessibbli u trasversali. L-oqsma ewlenin ta' azzjoni jinkludu l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, l-iżvilupp tal-bniedem (inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġeneri, l-ugwaljanza, l-identità, l-impjiegi, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aspetti relatati mal-iżvilupp ekonomiku bħat-tkabbir, l-impjiegi, l-involviment tas-settur tal-kummerċ u dak privat), is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, l-agrikultura sostenibbli, u l-migrazzjoni u l-ażil. Dan il-programm tematiku jippermetti reazzjoni pronta għal avvenimenti mhux previsti u kriżijiet globali li jaffettwaw l-ifqar popolazzjonijiet. Billi jiġu promossi sinerġiji mas-setturi varji, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jnaqqas il-frammentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u jżid il-koerenza u l-komplementarjetà ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Mill-inqas 50 % tal-fondi, qabel l-użu tal-indikaturi bbażati fuq il-metodoloġija tal-OECD (l-indikaturi ta' Rio), għandhom iservu għall-azzjoni klimatika u l-oġġettivi relatati mal-ambjent.

21 02 07 01 Ambjent u tibdil fil-klima

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
222 473 403	163 900 000	224 576 156	132 600 000	198 257 418,—	128 820 164,32

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet taħt il-qasam ta' "azzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima", tal-programm "Beni Pubbliċi Globali u Sfidi Globali".

Din se tintuża b'mod partikolari sabiex tiffinanzja inizjattivi fl-oqsma li ġejjin: l-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni għal soċjetajiet b'karbonju baxx reżiljenti għall-klima, b'mod partikolari billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-kontributi determinati fil-livell nazzjonali għal azzjoni klimatika mħejjija minn kull Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi; it-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, tal-ħamrija u tal-art, u l-iżvilupp ta' approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; il-valutazzjoni, il-protezzjoni, it-titjib u l-ġestjoni sostenibbli tal-kapital naturali (eż. il-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi, il-foresti, l-art, ir-riżorsi tal-ilma, inkluż il-baċiri transkonfinali; it-trasformazzjoni lejn ekonomija ċirkolari u ekoloġika inklużiva; l-integrazzjoni tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri fil-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni; il-governanza internazzjonali tal-ambjent u l-klima. Se tingħata attenzjoni għal kwistjonijiet rilevanti tal-governanza u għandu jingħata appoġġ sabiex jintlaħqu l-miri globali rilevanti, bħal miri sostenibbli mmirati fil-qafas ta' żvilupp wara l-2015. Din l-appropriazzjoni se tintuża wkoll biex thegħġegħ sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u jappoġġaw proġetti ta' enerġija ekoloġika.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' ghajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 02 Enerġija sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
110 210 401	64 250 000	99 412 181	45 000 000	89 466 398,62	65 000 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tropsi dd-dispożizzjoni tal-appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt il-qasam ta' "azzjoni dwar l-enerġija sostenibbli" tal-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali" (GPGC).

Hija għandha tintuża biex jittejjeg l-aċċess għal servizzi tal-enerġija sostenibbli siguri, li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li jista' jaffordjahom u li jkun bla ħsara għall-klima bħala xprun ewlieni għall-qerda tal-faqar u t-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp b'enfasi speċjali fuq l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali u reġionali u fuq l-iżgurar tal-aċċess għal nies foqra f'reġjuni remoti. Se jingħata sostenn ukoll lill-investimenti u lis-sħubijiet pubbliċi-privati għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu intelliġenti tal-enerġija inkluż permezz tas-sostenn tal-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi f'komunitajiet urbani u semiurbani f'qar. Bl-istess mod, huma previsti azzjonijiet għall-bini ta' alleanzi strateġiċi biex jinkisbu miri ta' enerġija sostenibbli permezz tal-faċilitazzjoni tad-djalogu u koordinazzjoni ma' atturi ċentrali u ma' donaturi oħra.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' ghajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 07** (ikompli)

21 02 07 02 (ikompli)

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 03 L-iżvilupp tal-bniedem

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
200 438 336	257 236 000	238 149 346	217 000 000	221 102 962,—	193 913 396,68

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw taħt il-qasam ta' "azzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem", li tkopri s-saħħa, l-edukazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, il-kwistjonijiet dwar il-ġeneru u aspetti oħrajn tal-iżvilupp tal-bniedem, tal-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". Għandha tkun primarjament għall-ġid tal-ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi li tkopri, abbażi tal-prinċipju li "ħadd ma jibqa' lura".

Il-komponent tas-saħħa se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 3 (Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età), jiġifieri aċċess universali għal servizzi tas-saħħa essenzjali ta' kwalità tajba, is-saħħa tat-tfal u dik materna, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-aċċess għall-ippjanar tal-familja, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite, il-protezzjoni kontra l-HIV / AIDS u t-trattament tagħhom, it-tuberkożi, il-malarja u mard ieħor relatat mal-faqar u mard li ġie traskurat, u aċċess għall-appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-vjolenza.

L-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għal attivitajiet b'appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġh, speċjalment dawk li jkollhom l-għan li jiżguraw tgawdija sħiħa tad-drittijiet u li jemanċipaw liż-żgħażaġh b'mod aktar ġenerali, billi jiffukaw partikolarment fuq it-tfaliet: is-saħħa u l-edukazzjoni (inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni sesswali komprensiva); in-nondiskriminazzjoni; ix-xogħol, il-ħiliet, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali; it-tkabbir, l-impjegji u l-involvement tas-settur privat u l-kultura.

L-aċċess ugwali u l-kwalità tal-edukazzjoni se jkunu appoġġati bħala parti minn l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 4 (Li tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità li tkun inklużiva u ġusta u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja għal kulħadd), inkluż għall-migranti, in-nisa u l-bniet, it-tfal b'diżabilitajiet u l-persuni mill-pajjiżi li ilhom ikarkru bi kriżi, b'enfasi fuq il-pajjiżi li jinsabu l-aktar 'il bogħod milli jilħqu l-oġettivi globali.

Fid-dawl tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN (2016) 29 final), il-kultura se tiġi appoġġata bħala mutur għall-iżvilupp u katalist għall-inklużjoni soċjali, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-pluraliżmu, il-koeżistenza paċifika u r-rispett reċiproku.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 03 (ikompli)

Il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza tal-ġeneru se jkunu sostnuti biex jingħata appoġġ lit-twettiq tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 5 (Ksib ta' ugwaljanza tal-ġeneru u emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha).

Se jiġu appoġġati wkoll miżuri mmirati biex jgħinu lill-gvernijiet biex itejbu l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tad-dħul domestiku għal żvilupp uman sostenibbli.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, għandhom jiġu appoġġati programmi biex titħeġġeġ is-setgħa ekonomika u soċjali tan-nisa u l-bniet.

L-indirizzar tal-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi u l-appoġġ tal-vittmi għandhom ikunu wkoll prijoritajiet. L-għajnuna biex jinqerdu l-prattiki ta' għażla bbażata fuq is-sessi għandha wkoll tkun fost l-oġġettivi.

Konformement mal-linji gwida tal-Unjoni dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, l-appropriazzjoni tista' tintuża wkoll għar-responsabilizzazzjoni taż-żgħażaġh b'mod aktar ġenerali, b'enfasi fuq it-tfajliet b'mod partikolari; L-appropriazzjoni tista' tintuża wkoll għal attivitajiet bħala appoġġ tas-saħħa u l-edukazzjoni; in-nondiskriminazzjoni; l-okkupazzjoni, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali; it-ktabbir, l-impjiegi u l-involvement tas-settur privat u l-kultura.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprijazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għanefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari, il-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 04 L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
232 508 470	185 000 000	231 563 021	150 000 000	215 014 346,99	162 851 586,26

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 07** (ikompli)

21 02 07 04 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt il-qasam ta' "azzjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli" tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali".

Fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli, l-oġettiv ġenerali huwa li titjeb is-sigurtà tal-ikel għal dawk li huma l-ifqar u l-aktar vulnerabbli, tingħata għajnuna biex jinqerdu l-faqar u l-ġuħ għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada u biex tiġi indirizzata aħjar il-malnutrizzjoni u b'hekk titnaqqas il-mortalità infantili. Dan l-għan li jkun segwit skont il-politika tal-Unjoni u li jikkonċentra fuq iż-żieda tal-introjtu tal-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, r-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli u l-ġhoti ta' għajnuna lill-pajjiżi sħab biex jiggarantixxu d-disponibbiltà u l-aċċess għall-ikel nutrittiv waqt it-tqala u fl-ewwel snin tat-tfulija, u l-aċċess għas-servizzi bażiċi ta' nutrizzjoni kif ukoll ambjent sikur u san biex jonqos b'7 miljuni l-għadd ta' tfal li jbatu minn ittardjar fl-iżvilupp sal-2025. Is-sigurtà tal-ikel hija sfida globali, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jiffoka fuq attivitajiet u approċċi li jindirizzaw sfidi u beni pubbliċi globali li jipprovdu multiplikatur qawwi għas-settur tal-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u s-sajd, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tal-familji, il-kwalità tad-dieti tat-tfal u tan-nisa, l-ekonomija rurali u s-sistemi tal-ikel, u r-reżiljenza tal-aktar familji vulnerabbli għax-xokkijiet u l-pressjonijiet. Din se tikkomplementa u żżid il-valur lill-appoġġ mogħti permezz tal-programmi ġeografiċi.

Dawn it-tliet komponenti li ġejjin huma inklużi fit-tema:

- *Komponent 1: Il-ġenerazzjoni u l-iskambju tal-għarfien u t-trawwim tal-innovazzjoni*, li se jiġġeneraw u japplikaw għarfien ġdid għall-isfidi tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-aktar fil-livell internazzjonali u kontinentali. Dan il-komponent se jaħdem mal-inizjattivi reġjonali u globali eżistenti, iżda jipprevedi wkoll sħubijiet ġodda li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-għarfien iġġenerat mir-riċerka jintuża mill-benefiċjarji biex itejbilhom l-introjtu u l-mezzi ta' sosteniment tagħhom, kif ukoll il-kwalità tad-dieti,
- *Komponent 2: It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-governanza u l-kapaċità fil-livell globali, kontinentali, reġjonali u nazzjonali, għall-partijiet interessati rilevanti kollha*. Dan il-komponent se jappoġġa l-inizjattivi internazzjonali li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, inklużi l-art u s-sajd sostenibbli, u jtejjeb l-effikaċja tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Dan se jrawwem ukoll sforz internazzjonali kkoordinat biex jiġġenera informazzjoni affidabbli, aċċessibbli u f'waqtha u l-kapaċità analitika biex jiġi appoġġat it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u biex jissaħħu jew jiġu stabbiliti istituzzjonijiet ta' sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u reġjonali sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel (ISFS). Dan il-komponent jista' jappoġġa wkoll inizjattivi ta' żvilupp tal-kapaċità ta' partijiet interessati bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u gruppi interprofessjonali oħra tul il-katina tal-valur;
- *Komponent 3: Appoġġ għall-fqar u dawk li m'għandhomx nutrizzjoni sikura biex jirreaġixxu għall-kriżijiet u tissaħħaħ ir-reżiljenza*. Dan il-komponent se jforni appoġġ għal pajjiżi fejn m'hemmx programmi bilaterali fl-ambitu ta' programmazzjoni ġeografika, għal pajjiżi li jbatu mill-konsegwenzi ta' kriżi jew xokk maġġuri mhux previsti, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-epidemiji u l-kriżijiet maġġuri tal-ikel u n-nutrizzjoni f'pajjiżi fraġli u vulnerabbli għar-riskju ta' kriżi tal-ikel. Dan il-komponent se jappoġġa wkoll approċċi innovattivi biex ir-riskji jkunu identifikati u ġestiti, tissaħħaħ il-prevenzjoni u tinbena r-reżiljenza. Meta rilevanti, l-interventi se jtfasslu wkoll sabiex isaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn interventi umanitarji u ta' żvilupp. Titħeġġeġ analiżi konġunta tas-sitwazzjoni mwettqa mill-partijiet interessati umanitarji u ta' żvilupp.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jaġhti lok għall-provediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 07 (ikompli)

21 02 07 04 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 05 Il-migrazzjoni u l-ażil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
56 122 734	105 000 000	56 748 845	110 000 000	63 391 200,90	123 779 096,38

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-inizjattivi fil-qasam ta' azzjoni dwar il-“migrazzjoni u l-ażil” tal-programm dwar il-Beni u l-Isfidi Pubbliċi Globali (GPGC) bil-għan li tissaħħaħ il-governanza u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-iżvilupp tal-migrazzjoni u l-mobilità.

B'mod partikolari, il-programm “Beni u Sfidi Pubbliċi Globali” fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil għandu l-għan li jtejjeb il-governanza tal-migrazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u permezz tagħhom, filwaqt li jqiegħed attenzjoni partikolari fuq il-massimizzazzjoni tal-impatt pożittiv u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-migrazzjoni u l-mobbiltà fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi bi dħul baxx jew medju ta' oriġini u ta' destinazzjoni. F'dan is-sens, il-programm se jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati mal-migrazzjoni, inkluż b'mod partikolari l-mira 10.7 dwar l-iffaċilitar ta' migrazzjoni u mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli. L-inizjattivi mnedija se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Mejju 2015 bl-isem “Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni” (COM(2015) 240 final), inklużi b'mod partikolari l-prijoritajiet imniżżlin fil-tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u l-Bank Ewropew ta' Investiment tas-7a ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM (2016) 385 final). Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, inkluż l-aċċess għal servizzi bħalma huma dawk tas-saħħa, tal-migranti u l-appoġġ għall-impnjenji tal-Unjoni biex jiġi żgurati li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp dwar il-migrazzjoni tiġi segwita bħala objettiv trasversali. L-attivitajiet iffinanzjati fil-qafas ta' din il-linja baġitarja jeħtieġ ikunu konformi mal-objettiv primarju tal-politika tal-Unjoni għall-iżvilupp, li huwa t-tnaqqis tal-faqar.

Il-programm se jiffoka fuq inizjattivi fil-livell globali kif ukoll fil-livell multireġjonali (eż. biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni tul rotot migratorji min-Nofsinhar għan-Nofsinhar jew min-Nofsinhar għat-Tramuntana). Jistgħu jiġu mnedija wkoll numru limitat ta' proġetti nazzjonali biex jappoġġaw attivitajiet ta' kooperazzjoni ġodda ma' pajjiżi prijoritarji tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-Unjoni.

Dħul assenjat riċevut taħt l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jaġġi lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 07** (ikompli)

21 02 07 05 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 08 Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom*Kummenti*

Din l-appropriazzjonijiet hija maħsuba biex tappoġġa inizjattivi ta' żvilupp f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn jew għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-tfassil ta' politika u biex jiġu żgurati r-responsabilità u t-trasparenza.

Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu appoġġati s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u biex jitħeġġu d-djalogu u l-ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-perspettiva tal-ġeneru u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini ta' istituzzjonijiet, inkluż fil-livell lokali u reġjonali.

21 02 08 01 Is-socjetà ċivili fl-iżvilupp

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
223 492 438	195 000 000	230 999 756	175 700 000	207 367 117,83	164 242 196,95

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ikopri l-appoġġ għall-inizjattivi li jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab u fl-Unjoni u l-benefiċjarji eliġibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) meta jkun hemm referenza għall-attivitajiet ta' edukazzjoni dwar l-iżvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza (DEAR). L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jitwettqu primarjament minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fejn ikun xieraq, biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom, jistgħu jittieħdu inizjattivi minn atturi oħra għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jikkontribwixxu għal:

— soċjetà inklużiva u mogħtija s-setgħa, inkluż minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, f'pajjiżi sħab permezz ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili aktar imsaħħin,

— kapaċità akbar tan-netwerks, tal-pjattaformi u tal-alleanzi tas-soċjetà ċivili Ewropej u tan-Nofsinar, sabiex jiġi żgurat djalogu politiku sostanzjali u kontinwu fil-qasam tal-iżvilupp u sabiex issir promozzjoni tal-governanza demokratika u tal-emanċipazzjoni tan-nisa, jekk possibbli permezz tal-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma politiċi kollha,

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (*ikompli*)21 02 08 (*ikompli*)21 02 08 01 (*ikompli*)

- livell akbar ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku attiv għal strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Attivitajiet possibbli li għandhom ikunu appoġġati mill-programm:

- interventi f'pajjiżi sħab li jappoġġaw gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jingħataw servizzi bażiċi permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jinkludu l-għoti tal-edukazzjoni sesswali komprensiva u servizzi tal-assistenza tas-saħħa sesswali u riproduttiva, li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipprovdu informazzjoni u servizzi għall-abort legali u jaħdmu favur abort sikur u legali f'pajjiżhom,
- żvilupp tal-kapaċità tal-atturi fil-mira, komplementari għall-appoġġ mogħti fil-qafas tal-programm nazzjonali, azzjonijiet immirati sabiex:
 - il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni tas-soċjetà ċivili u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-formulazzjoni tal-politika u fil-monitoraġġ tal-proċessi tal-implimentazzjoni tal-politika,
 - jiġi ffaċilitat djalogu mtejjeb u interazzjoni aħjar bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istat u atturi oħra tal-iżvilupp fil-kuntest tal-iżvilupp, fejn huwa importanti li diversità ta' organizzazzjonijiet u gruppi tas-soċjetà ċivili jiġu involuti,
- ikun hemm koordinazzjoni, żvilupp tal-kapaċità u tisħiħ istituzzjonali tas-soċjetà ċivili u tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet interessati attivi fid-dibattitu pubbliku Ewropew dwar l-iżvilupp kif ukoll il-koordinazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċità u t-tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tan-Nofsinar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet ċentrali,
- titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' żvilupp, tingħata s-setgħa lil persuni sabiex isiru ċittadini attivi u responsabbli u tiġi promossa edukazzjoni formali u informali għall-iżvilupp fl-Unjoni u fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, sabiex il-politika dwar l-iżvilupp tiġi ankrata fis-soċjetajiet Ewropej, jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku akbar għall-azzjoni kontra l-faqar u għal relazzjonijiet aktar ekwi bejn il-pajjiżi żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw, titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popli tagħhom, u biex jiġi promoss id-dritt għal proċess ta' żvilupp li fih jistgħu jitwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni,
- isiru interventi biex jiġġieldu l-impatt tar-regola "global gag" billi jiżdiedu konsiderevolment il-finanzjamenti għall-organizzazzjonijiet għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, b'mod partikolari l-finanzjamenti espliċitament maħsuba biex jiżguraw l-aċċess għall-kontraċezzjoni u għall-abort sikur u legali, bl-użu tal-finanzjamenti għall-iżvilupp kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni bil-għan li jimtela l-vojt ta' finanzjament ikkawżat mid-deċiżjoni tal-amministrazzjoni Trump li twaqqaf il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet ta' għajnuma kollha li joffru servizzi fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati,
- bi qbil mal-prinċipju skont liema ħadd ma jibqa' lura, tingħata attenzjoni speċjali lil dawk li jkunu f'sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ, vulnerabilità u emarġinazzjoni, inklużi t-ftal, l-anzjani b'diżabilità, il-persuni LGBTI u l-popli indiġeni. Dan jinkludi miżuri li permezz tagħhom ikunu mmirati, imħarsa u megħjuna aħjar sabiex jingħataw lhom l-istess opportunitajiet u ma ssir l-ebda diskriminazzjoni magħhom.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 08** (ikompli)

21 02 08 01 (ikompli)

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b' medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 08 02 L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
74 497 479	53 600 000	73 208 919	41 900 000	68 651 603,—	40 774 868,54

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-inizjattivi li jsaħħu r-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi sħab u fl-Unjoni u l-benefiċjarji eliġibbli taħt ir-Regolament (UE) No 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) meta ssir referenza għal attivitajiet ta' edukazzjoni fl-iżvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza (DEAR). L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jitwettqu primarjament minn awtoritajiet lokali jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fejn ikun xieraq, biex tkun żgurata l-effikaċja tagħhom, dawk l-azzjonijiet jistgħu jitwettqu minn atturi oħra għall-benefiċċju tal-awtoritajiet lokali, sabiex jikkontribwixxu għal:

- kapaċità miżjuda tal-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi msieħba tal-Unjoni biex jindirizzaw sfidi urbani u jillocalizzaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,
- kapaċità akbar tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali Ewropej u tan-nofsinar, l-assoċjazzjonijiet reġjunali u globali, il-pjattaformi u l-alleanzi sabiex ikun żgurat djalogu politiku sostantiv u kontinwu fil-qasam tal-iżvilupp u sabiex tiġi promossa l-governanza demokratika,
- livell akbar ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u mobilizzazzjoni ta' appoġġ pubbliku attiv fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-kandidati potenzjali għal strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (*ikompli*)21 02 08 (*ikompli*)21 02 08 02 (*ikompli*)

Attivitajiet possibbli li għandhom ikunu appoġġati mill-programm:

- il-promozzjoni ta' ppjanar u disinn urban integrat permezz ta' approċċ territorjali u proċessi ta' kooperazzjoni f'diversi livelli,
- it-tisħiħ tal-proċess parteċipattiv u inklużiv ta' diversi atturi permezz ta' djalogu u kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra, inkluż is-settur privat biex tissaħħa l-effiċjenza u l-leġittimità tal-amministrazzjoni pubblika lokali,
- l-iffaċilitar tal-aċċess dirett għal finanzjament pubbliku u privat, kapaċità msaħħa sabiex jiżiedu r-riżorsi finanzjarji lokali (il-ġenerazzjoni ta' dħul domestiku u l-irkupru tal-valur tal-art) u t-tfassil ta' politiki fiskali apposta (taxxi u tariffi),
- intervent sabiex jissaħħa l-aċċess għal servizzi bażiċi u l-infrastrutturi tan-netwerk, jiġifieri ilma, sanitazzjoni, skart, enerġija u t-trasport pubbliku,
- it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess tal-iżvilupp li jirrikonoxxi r-rwol u l-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom,
- ikun hemm koordinazzjoni, żvilupp tal-kapaċità u tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tal-awtoritajiet lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet interessati attivi fid-dibattitu pubbliku Ewropew dwar l-iżvilupp, kif ukoll il-koordinazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċità u t-tisħiħ istituzzjonali tan-netwerks tan-Nofsinhar tal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet umbrella,
- titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' żvilupp, tingħata s-setgħa lil persuni sabiex isiru ċittadini attivi u responsabbli u tiġi promossa edukazzjoni formali u informali għall-iżvilupp fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, sabiex il-politika dwar l-iżvilupp tiġi ankrata fis-soċjetajiet Ewropej, jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku akbar għall-azzjoni kontra l-faqar u għal relazzjonijiet aktar ekwi bejn il-pajjiżi żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw, titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popli tagħhom, u biex jiġi promoss id-dritt għal proċess ta' żvilupp li fih jistgħu jitwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajjnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 235(5), mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 09 Il-programm Pan-Afrikani biex jappoġġa l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
135 756 524	109 950 000	133 966 165	100 000 000	130 820 662,—	72 041 165,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika (JAES). B'mod partikolari, l-programm Pan-Afrikani għandu jintuża għall-provvista ta' appoġġ speċifiku ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' natura transreġjonali, kontinentali u transkontinentali, kif ukoll inizjattivi rilevanti tal-JAES fix-xena dinjija. Il-programm Pan-Afrikani se jaħdem b'kooperazzjoni mill-qrib ma' strumenti oħra, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew ta' Viċinat stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 232/2014, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-programmi tematiċi taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 233/2014, u se jikkonċentra fuq inizjattivi speċifiċi miftiehma fil-qafas tal-JAES, filwaqt li jiżgura l-koerenza u s-sinerġija meħtieġa u jevita d-duplikazzjonijiet u t-tirkib.

Dan se jintuża fl-oqsma ta' żvilupp prijoritarji ewlenin li ġejjin, soġġetti għal aġġornament possibbli ta' għom fil-programm Indikattiv Multiannwali 2018-2020 wara r-riżultati tal-Ħames Summit bejn l-Afrika u l-UE f'Abidjan f'Novembru 2017:

- l-iżvilupp tal-paċi, is-sigurtà, il-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem, b'appoġġ lill-arkitettura tal-governanza Afrikana permezz ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u istituzzjonijiet relatati oħrajn bħall-Parlament Pan-Afrikani, il-Qorti Afrikana għall-Persuni u d-Drittijiet tal-Bniedem; l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,
- l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali fil-livell kontinentali, inkluż l-armonizzazzjoni tal-politiki, standards u regolamenti, u l-bini tal-kapaċità biex ikunu promossi l-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ u l-investimenti,
- dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u l-impjiegi, b'miri lejn it-titjib fl-oqsma tar-rimessi, il-mobilità u l-migrazzjoni tal-ħaddiema, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-immigrazzjoni irregolari u l-protezzjoni internazzjonali,
- l-amministrazzjoni tajba tar-riżorsi naturali (dan jinkludi oqsma bħall-ambjent u t-tibdil fil-klima, il-materja prima u l-agrikoltura) u użu orjentat lejn l-iżvilupp tal-ġid li jistgħu jgħibu magħhom,
- l-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u soċjetà bbażata fuq il-ħiliet, sabiex tiġi żviluppata l-kompetittività u jiġi sostnut it-tkabbir, permezz ta' appoġġ għall-edukazzjoni għolja u r-riċerka fil-livell kontinentali, billi jiġi pprovdut appoġġ lill-inizjattivi ewlenin tal-Unjoni Afrikana f'dawn l-oqsma, u jiġu appoġġati t-titjib u d-disponibbiltà ta' data statistika preċiża.

Se jingħata wkoll sostenn sabiex tiġi żviluppata s-sħubija bejn l-Afrika u l-UE, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet globali fix-xena dinjija, u biex tissaħħaħ is-soċjetà ċivili għal azzjoni speċifika fil-livell kontinentali.

Dħul assenjat riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 09 (ikompli)

Atti ta' referenza

Is-Sħubija Strateġika UE-Afrika. Strateġija konġunta bejn l-Afrika u l-Unjoni, adottata fil-Laqgħa Għolja ta' Lisbona, fid-8-9 ta' Diċembru 2007.

21 02 20 **Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument għall-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp***Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)*

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
99 423 948	103 256 481	103 888 290	104 887 435	108 674 043,—	111 830 982,48

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta b'dan l-istrument estern sabiex tiġi implimentata d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri tal-programm "Erasmus+".

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provediment ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' appropriazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-appropriazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont korrispondenti huwa stmat għal EUR 4 200 000.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' appropriazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 30 **Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
340 000	340 000	340 000	340 000	336 911,50	336 911,50

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri kontribuzzjoni dovuta mill-Unjoni biex tkopri l-baġit amministrattiv li jirriżulta mis-sħubija tagħha fl-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura, kif ukoll għat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġeneriċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura.

Dħul assenjat riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1, 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO) (ĠU C 326, 16.12.1991, p. 238).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE tal-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġeneriċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura (ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1).

21 02 40 **Ftehimiet dwar il-kommoditajiet**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 500 000	2 500 000	2 500 000	2 500 000	2 268 951,32	2 268 951,32

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżata tas-sħubija annwali li l-Unjoni trid tħallas għall-parteċipazzjoni tagħha fi ftehimiet ta' komoditajiet internazzjonali fuq il-bażi tal-kompetenza esklużiva tagħha fil-qasam.

Attwalment din l-appropriazzjoni tkopri l-ħlas ta':

- miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kafè,
- miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kawkaw,
- miżata annwali għas-sħubija tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton, meta tiġi approvata.

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 40 (ikompli)

X'aktarx li fil-futur isiru ftehimiet dwar komoditajiet oħrajn skont l-espeditjoni politika u ġuridika.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/970/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw 2001 (ĠU L 342, 17.12.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/76/KE tal-21 ta' Jannar 2008 rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, 2001 (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007 (ĠU L 186, 15.7.2008, p.12)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/634/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/189/UE of 26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 102, 12.4.2012, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/876 tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton (ICAC) (ĠU L 134, 23.5.2017, p. 23).

Atti ta' referenza

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè, rinegozjat fl-2007 u l-2008, li daħal fis-seħħ fl-2 ta' Frar 2011 għal perjodu inizjali ta' 10 snin sal-1 ta' Frar 2021, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal perjodu/i addizzjonali li ma jaqbżux tmien snin b'kollox.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, rinegozjat fl-2001 u finalment fl-2010, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2012 għal perjodu inizjali ta' 10 snin sat-30 ta' Settembru 2022, b'reviżjoni wara ħames snin u bil-possibbiltà ta' estensjoni għal żewġ perjodi addizzjonali mhux aktar minn sentejn kull wieħed.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (8972/04), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2008 (9986/08) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' April 2010 (8674/10) li jikkonċernaw Il-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton.

Ir-Regoli u r-Regolamenti tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton, kif adottati fil-31 Laqgħa Plenarja — 16 ta' Ġunju 1972 (b'emendi mill-Erbgħa u Sebgħin Laqgħa Plenarja tal-11 ta' Diċembru 2015).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)***Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerka Latina u l-kooperazzjoni ekonomika magħhom (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politka tal-għajnuna tal-ikel u t-tmexxija tal-għajnuna tal-ikel u l-ħidmiet speċjali b'apport għas-sigurtà tal-ikel (ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' għajnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-AKP (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 955/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jestendi u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 dwar kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jestendi u jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/98 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62).

Atti ta' referenza

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-Proġetti pilota fis-sens tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005 bl-isem "Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp — It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju" (COM(2005) 134 final).

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-23 u l-24 ta' Mejju 2005 dwar l-Għanijiet tal-Millennju.

Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 fi Brussell.

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Lulju 2005 dwar is-summit tan-NU.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005 bl-isem "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Investiment fin-nies — Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp soċjali u uman u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013" (COM(2006) 18 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Il-Programm Tematiku 'Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp'" (COM(2006) 19 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew of 25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Azzjoni Esterna — Programm Tematiku Għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorzi Naturali fosthom l-Enerġija" (COM(2006) 20 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Strateġija tematika għas-sigurtà tal-ikel — Navvanzaw l-aġenda tas-sigurtà tal-ikel biex niksbu l-MDGs" (COM(2006) 21 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar impriżi zġħar u medji fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 171).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tat-8 ta' Ottubru 2008: "Awtorijajiet lokali: atturi għall-iżvilupp" (COM(2008) 626 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni — Il-politika internazzjonali dwar il-klima adottata wara Kopenhagen: Naġixxu issa sabiex insaħħu l-azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima (COM(2010) 86 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2010 bl-isem "Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel" (COM(2010) 127 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran (2010/2050(INI)).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 51** (ikompli)

21 02 51 01 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 000 000	p.m.	10 000 000	0,—	2 908 341,32

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi programm ta' għajnunha finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005: "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006: "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Ottubru 2011: "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011) 637 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Novembru 2011: "L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà" (COM(2011) 743 final).

21 02 51 02 Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerka Latina

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	30 000 000	p.m.	36 383 916	0,—	61 447 902,22

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

21 02 51 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 03 Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	82 000 000	p.m.	75 000 000	0,—	211 355 805,27

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 04 Sigurtà tal-ikel

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 000 000	p.m.	40 000 000	320,69	36 056 432,27

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 51** (ikompli)

21 02 51 04 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 05 Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	3 200 000	p.m.	32 000 000	1 093,24	21 810 905,86

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 06 Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	15 400 000	p.m.	57 100 000	0,—	50 011 201,98

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

KUMMISSJONI

TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)

21 02 51 (ikompli)

21 02 51 07 Żvilupp tal-bniedem u soċjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 500 000	p.m.	3 500 000	0,—	14 993 366,12

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 08 Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	55 100 000	p.m.	60 500 000	0,—	62 503 285,88

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' għajjnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-ACP (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (ikompli)**21 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

21 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	811 177,21

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

	Artikolu 32 01 05 — Subtotal		10 562 417	10 448 540	10 436 781,92	98,81
32 01 07	Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-operat tal-Aġenzija Fornitriċi	5,2	130 000	123 000	123 000,—	94,62
	Kapitolu 32 01 — Total		88 293 758	86 080 341	85 412 399,68	96,74

32 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Enerġija"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
66 920 245	64 943 128	62 914 740,—

32 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Enerġija"

32 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
3 107 027	3 077 668	3 544 057,—

32 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 635 876	1 634 164	1 528 546,30

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠIJA" (ikompli)

32 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Enerġija"

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
4 438 193	4 353 841	5 037 030,48

32 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Enerġija"

32 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Enerġija

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 500 000	1 500 000	1 828 243,98

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi idmijiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 02.

32 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompetiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 03.

KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠIJA" (ikompli)

32 01 05 Nefqa ta' sostenn għal programmi riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Enerġija"

32 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
2 519 194	2 248 661	2 069 469,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jikkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati impenjati f'azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 04.

32 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
859 079	859 079	837 600,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 04.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠJA

KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠJA" (ikompli)

32 01 05 (ikompli)

32 01 05 03 Nefqa manġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
800 000	800 000	1 083 712,92

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni tal-programmi kollha ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mġarrba mill-persunal ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 04.

32 01 05 21 Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — ITER

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
5 491 931	5 748 971	5 888 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm għall-proġett ITER, li għandhom karigi fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f'azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari u mhux nukleari, inkluż uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠIJA" (ikompli)

32 01 05 (ikompli)

32 01 05 21 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 05.

32 01 05 22 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — ITER

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
192 213	191 829	238 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm għall-proġett ITER, fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 05.

32 01 05 23 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — ITER

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
700 000	600 000	320 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm għall-proġett ITER fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubbli-kazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-supervizzjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ENERĠIJA" (ikompli)

32 01 05 (ikompli)

32 01 05 23 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 32 05.

32 01 07 **Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-operat tal-Aġenzija Fornitriċi**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 30 000	1 23 000	1 23 000,—

Kummenti

Billi nefqa fuq il-bini u l-persunal hija inkluża fl-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-Partiti XX 01 01 01 u XX 01 03 01 u l-Artikolu 26 01 23, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni, flimkien mad-dħul proprju tal-Aġenzija, huma maħsuba biex ikopru n-nefqa mġarrba mill-Aġenzija fl-attivajiet tagħha.

Fit-23 sessjoni tiegħu fl-1 u t-2 ta' Frar 1960, il-Kunsill tal-Euratom ippropona unanimament li l-Kummissjoni tippostponi mhux biss l-imposta (maħsuba biex ikopri n-nefqa operatorja tal-Aġenzija tal-Provvista tal-Euratom) imma wkoll l-introduzzjoni reali ta' dik l-imposta. Minn dak inhar sussidju kien inkluż fil-baġit biex jibbilanċja n-naħa tad-dħul maċ-ċifri tan-nefqa tal-Aġenzija murija fil-prospett tal-estimi.

Bażi ġuridika

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 52, 53 u 54 tiegħu.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 7 tal-Anness tagħha.

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 02	ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI								
32 02 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa								
32 02 01 01	Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass fuq il-fruntieri	1,1	450 506 000	148 240 000	315 726 595	109 300 000	226 402 267,—	58 172 774,57	39,24
32 02 01 02	Titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija	1,1	414 528 000	134 200 000	315 726 595	108 000 000	226 040 000,—	56 848 758,01	42,36
32 02 01 03	Kontribuzzjoni għal żvilupp sostenibbli u protezzjoni tal-ambjent	1,1	414 498 586	134 300 000	315 724 834	108 000 000	226 047 001,45	56 848 758,82	42,33
32 02 01 04	Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	89 289 000,—	
	<i>Artikolu 32 02 01 — Subtotal</i>		1 279 532 586	416 740 000	947 178 024	325 300 000	678 489 268,45	261 159 291,40	62,67
32 02 02	Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija	1,1	5 618 000	4 700 000	5 410 000	4 902 000	5 967 510,46	4 591 286,67	97,69
32 02 03	Sigurtà tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura enerġetiċi	1,1	337 000	150 000	p.m.	p.m.	300 000,—	0,—	0
32 02 10	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija	1,1	16 277 975	16 277 975	15 853 496	15 853 496	13 562 000,—	13 562 000,—	83,32
32 02 51	Tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk enerġetiku trans-Ewropew	1,1	p.m.	1 443 196	p.m.	p.m.	0,—	1 816 778,46	125,89
32 02 52	Tlestija ta' proġetti enerġetiċi biex jgħinu l-irkupru ekonomiku	1,1	p.m.	60 000 000	p.m.	61 000 000	0,—	159 100 247,39	265,17
32 02 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
32 02 77 08	Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri	1,1	p.m.	325 504	p.m.	203 441	0,—	0,—	0

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 02 77	<i>(ikompli)</i>								
32 02 77 09	Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn il-gżejjer fi ħdan u barra l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' identitá insulari tal-Patt Globali tas-Sindki	1,1	p.m.	951 350	p.m.	1 000 000	0,—	0,—	0
32 02 77 10	Proġett Pilota — Niġġieldu kontra l-faqar enerġetiku fil-makroreġjun Joniku-Adrijatiku	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	0,—	
32 02 77 11	Proġett pilota — Studju ta' fattibilitá għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew	1,1	p.m.	400 000	420 000	410 000	400 000,—	0,—	0
32 02 77 12	Azzjoni preparatorja — Nistabilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju	1,1	18 000 000	5 750 000	2 000 000	1 850 000	1 700 000,—	0,—	0
32 02 77 13	Azzjoni preparatorja — Settijiet ta' għodda għal parteċipanti fid-djalogu tal-pjattaforma dwar il-Faħam biex jiġu żviluppatti u akkumpanjati strateġiji ta' tranżizzjoni lokali	1,1	p.m.	380 000	p.m.	650 000	1 146 050,—	0,—	0
32 02 77 14	Proġett pilota — L-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinovabbli fil-proċessi industrijali	1,1	p.m.	262 500	525 000	262 500			
32 02 77 15	Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku	1,1	1 800 000	1 500 000	2 100 000	1 050 000			
32 02 77 16	Azzjoni preparatorja — Tagħlim għall-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer biex jitgħallmu kif isiru l-offerti għal proġett tal-enerġija rinovabbli	1,1	2 000 000	500 000					
32 02 77 17	Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fl-Unjoni u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identitá rurali tal-Patt tas-Sindki	1,1	2 000 000	500 000					

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 02 77 18	Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni	1,1	1 000 000	250 000					
32 02 77 19	Proġett pilota — L-involvement tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija	1,1	875 000	218 750					
	Artikolu 32 02 77 — Subtotal		25 675 000	11 038 104	5 045 000	5 925 941	3 246 050,—	0,—	0
	Kapitolu 32 02 — Total		1 327 440 561	510 349 275	973 486 520	412 981 437	701 564 828,91	440 229 603,92	86,26

32 02 01 **Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**

32 02 01 01 Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks tal-elettriku u tal-gass fuq il-fruntieri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
450 506 000	148 240 000	315 726 595	109 300 000	226 402 267,—	58 172 774,57

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni li jikkontribwixxu prinċipalment għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-netwerks tal-gass u l-elettriku bejn il-pajjiżi. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm li għandhom x'jaqsmu mal-istess oġġettivi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari punt (a) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

32 02 01 02 Titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
414 528 000	134 200 000	315 726 595	108 000 000	226 040 000,—	56 848 758,01

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 01 (ikompli)

32 02 01 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tar-reżiljenza tas-sistemi u s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-sistemi tal-Unjoni. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm li għandhom x'jaqsmu mal-istess objettiv.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari punt (b) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

32 02 01 03 Kontribuzzjoni għal żvilupp sostenibbli u protezzjoni tal-ambjent

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
414 498 586	134 300 000	315 724 834	108 000 000	226 047 001,45	56 848 758,82

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk ta' trażmissjoni, u permezz tal-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti tal-enerġija u tad-diossidu tal-karbonju. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm li għandhom x'jaqsmu mal-istess objettiv.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari punt (c) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)**32 02 01 (ikompli)**

32 02 01 04 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	89 289 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex jippermettu jew jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament fit-tul jew ir-riżorsi tal-investituri privati u għaldaqstant biex iħaffu jew jagħmluha possibbli li jiġu ffinanzjati l-proġetti ta' interess komuni eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39). It-twaqqif tal-istrumenti finanzjarji bħala oqfsa ta' "dejn" jew ta' "ekwità" isir wara valutazzjoni *ex ante* meħtieġa mill-punt (h) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament (UE) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1). Dawn huma maħsuba biex jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju, jew b'mod konġunt mal-entitajiet inkarigati.

Kwalunkwe ripagament mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi ripagamenti kapitali, garanziji rilaxxati u ripagament tal-prinċipal tas-self, imħallas lura lill-Kummissjoni u mdaħħal fil-Partita 6 4 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

32 02 02 *Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 618 000	4 700 000	5 410 000	4 902 000	5 967 510,46	4 591 286,67

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-finanzjament, l-ewalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea tal-enerġija kompetittiva, sikura u sostenibbli, tas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, u tal-aspetti kollha tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'perspettiva Ewropea u globali kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u komparabbli.

L-oġġettivi ewlenin miftiehma huma l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea komuni progressiva f'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015) 80 final) li tiżgura sigurtà ta' provvista kontinwa tal-enerġija, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal netwerks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, governanza u monitoraġġ integrati, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatt tal-politiki kkunsidrati u t-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija, abbażi ta' għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kwalunkwe tip ta' enerġija.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-esperti li tkun marbuta direttament mal-ġbir, mal-validazzjoni u mal-analiżi tal-informazzjoni neċessarja dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, kif ukoll in-nefqa dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-ipproċessar diġitali u l-viżwalizzazzjoni tad-dejta, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tal-enerġija, il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati, il-prodotti awdjoviżivi kif ukoll l-iżvilupp ta' attivitajiet differenti bbażati fuq il-web u l-media soċjali li jkunu marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-politika tal-enerġija. Din l-appropriazzjoni se tappoġġa wkoll djalogu mtejjeb tal-enerġija mal-imsieħba ewlenin tal-enerġija tal-Unjoni u mal-aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-enerġija.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2964/95 tal-20 ta' Diċembru 1995 li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità (ĠU L 310, 22.12.1995, p. 5).

It-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija, approvat bid-Deċiżjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/280/KE tat-22 ta' April 1999 dwar proċedura tal-Komunità għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq il-kost għal provvisti ta' żejt mhux maħdum u l-prezzijiet tal-prodotti tal-karburant għall-konsumatur (ĠU L 110, 28.4.1999, p. 8).

Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 22-27)

Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-finanzjmanet tal-istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 9).

Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

Ir-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15).

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)**32 02 02** (ikompli)

Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) 736/96 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 833/2010 tal-21 ta' Settembru 2010 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 36).

Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 299, 27.10.2012, p. 13).

Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titoli III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 02 (ikompli)

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għall-attivitajiet taż-żejt u tal-gass li jitwettqu lil hinn mill-kosta (ĠU C 18, 21.1.2012, p. 8).

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Bank Ewropew għall-Investiment tal-25 ta' Frar 2015 "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li Tħares 'il Quddiem" (COM(2015) 80 final).

32 02 03 **Sigurtà tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura enerġetiċi**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
337 000	150 000	p.m.	p.m.	300 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-komunikazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex titejjeb is-sigurtà tas-settur tal-enerġija, l-assistenza teknika u t-taħriġ speċifiku.

L-għanijiet ewlenin huma li jiġu żviluppati u applikati regoli ta' Sigurtà fil-qasam tal-enerġija u b'mod partikolari:

- miżuri għall-prevenzjoni ta' atti malizzjużi fis-settur tal-enerġija, b'referenza partikolari għall-istallazzjonijiet u infrastruttura tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni u trażmissjoni tal-enerġija,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prassi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-Sigurtà tal-enerġija,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u għanijiet ta' Sigurtà għas-settur tal-enerġija u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fuq is-Sigurtà tal-enerġija mill-awtoritajiet nazzjonali, operaturi u atturi ewlenin oħra f'dan il-qasam,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-Sigurtà tal-enerġija, inklużi fornituri ġirien u pajjiżi ta' tranżitu u sħab dinjija oħra,
- promozzjoni ta' żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-Sigurtà tal-enerġija.

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)**32 02 03** (ikompli)

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi ta' dan l-artikolu.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 10 **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 277 975	16 277 975	15 853 496	15 853 496	13 562 000,—	13 562 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsin lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

It-tabella tal-persunal tal-Aġenzija hija stabbilita fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 10 (ikompli)

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 16 470 000. Ammont ta' EUR 192 025 li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżdied mal-ammont ta' EUR 16 277 975 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

32 02 51 *Tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk enerġetiku trans-Ewropew*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 443 196	p.m.	p.m.	0,—	1 816 778,46

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks tal-enerġija trans-Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE (ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)**32 02 51** (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

32 02 52 Tlestija ta' proġetti enerġetiċi biex jgħinu l-irkupru ekonomiku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	60 000 000	p.m.	61 000 000	0,—	159 100 247,39

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

32 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

32 02 77 08 Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	325 504	p.m.	203 441	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 09 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn il-gżejjer fi ħdan u barra l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' identità insulari tal-Patt Globali tas-Sindki

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	951 350	p.m.	1 000 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 10 Proġett Pilota — Niġġieldu kontra l-faqar enerġetiku fil-makroreġjun Joniku-Adrijatiku

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 11 Proġett pilota — Studju ta' fattibilità għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	420 000	410 000	400 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 12 Azzjoni preparatorja — Nistabbilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 000 000	5 750 000	2 000 000	1 850 000	1 700 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejjja.

L-irkupru tal-Unjoni mill-kriżi ekonomika u l-implimentazzjoni effikaċi tal-għanijiet ewlenin tagħha ta' tkabbir b'saħħtu u kompetittività globali, inkluż permezz tal-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-ekonomija tal-Unjoni, trid tkun imsejsa fuq sostenibbiltà fit-tul, fuq livell ambjentali, ekonomiku u soċjali. Fil-kuntest tal-impenji klimatiċi ambizzjużi tal-UE u t-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi bbażata fuq il-mudell ċirkolari, ir-reġjuni tagħha intensivi fil-faħam u l-karbonju b'proporzjon għoli ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu fuq il-karbonju għandhom b'żonn ta' appoġġ immirat biex jikkontribwixxu b'mod effikaċi għal din it-trasformazzjoni strateġika.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 12 (ikompli)

Skont iċ-ċifri tal-Eurostat, l-estrazzjoni ta' faħam u linjite biss bħalissa tinvolvi aktar minn 300 000 impjeg dirett fl-Unjoni. Dawn huma kkonċentriati f'għadd limitat ta' reġjuni, fejn l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija lokali u l-koeżjoni soċjali huwa xprun ewlieni. Fid-dawl tal-isfidi tal-progress teknoloġiku, il-kompetizzjoni globali u l-politiki ambjentali u klimatiċi impenjattivi, l-abbiltà ta' dawk ir-reġjuni li jikkontribwixxu u jibbenefikaw mit-tranżizzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari b'emissjonijiet baxxi għandha effett kruċjali fuq is-suċċess ġenerali tal-Unjoni. Dan ġie rrikonoxxut mill-Kummissjoni, li fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew ta' Investiment tat-30 ta' Novembru 2016 "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" (COM(2016) 860 final) impenjat ruħha li teżamina kif l-aħjar li tappoġġa t-tranżizzjoni freġjuni intensivi fil-faħam u l-karbonju.

Din l-azzjoni preparatorja se tiżgura l-effikaċja ta' dawn l-isforzi ta' appoġġ, is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, u finalment is-suċċess tat-trasformazzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi u r-rwol globali ta' tmexxija tagħha, billi tistabbilixxi pjattaforma li għandha tippermetti lill-Kummissjoni:

- tidentifika r-reġjuni tal-Unjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju li huma fi tranżizzjoni u l-ispeċjalizzazzjonijiet intelliġenti tagħhom,
- tibni sett ta' għodda prattiċi ddedikati (a) bl-aħjar prattiki, (b) bl-istrumenti ta' appoġġ eżistenti li jidentifikaw l-aħjar sinerġiji, u (c) bi skambju ta' informazzjoni mar-reġjuni u bejniethom,
- tistabbilixxi fora ta' partijiet interessati u tipprovdi għodda għall-iskambji fi ħdan ir-reġjuni, inklużi pjanijiet direzzjonali komprensivi għal industrijalizzazzjoni mill-ġdid b'livell baxx ta' emissjonijiet u għal ħtiġijiet ta' orjentament mill-ġdid tal-ħiliet,
- tidentifika punti ta' restrinġiment fuq il-post u tintegra l-appoġġ għal teknoloġiji ġodda u l-iżvilupp u l-utilizzazzjoni ta' innovazzjoni mil-lat ta' faħam nadif, inklużi l-għbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, il-għbir u utilizzazzjoni tal-karbonju u l-gassifikazzjoni tal-faħam,
- tistabbilixxi ġabra tal-aħjar prattiki u linji gwida operazzjonali, u eventwalment sett ta' għodda prattiċi għal pajjiżi terzi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju, bħala parti minn miżuri tal-bini tal-kapaċità skont il-Ftehim ta' Pariġi,
- tistabbilixxi grupp fost id-Direttorati Ġenerali biex (a) jidentifika oqsma ta' sinerġiji possibbli ta' politika/programmi tal-Unjoni, bil-ħsieb li jkun żgurat l-aktar appoġġ politiku u finanzjarju effikaċi għal wara l-2020, (b) jassisti lir-reġjuni (awtoritajiet ċentrali u lokali) fl-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni sostenibbli billi jingħataw strumenti aktar immirati għall-iskambji intrareġjonali tal-aħjar prattiki, anki fir-rigward ta' pjanijiet direzzjonali komprensivi għal reindustrijalizzazzjoni b'emissjonijiet baxxi,
- tiffoka mill-ġdid il-fora eżistenti tal-partijiet ikkonċernati, inklużi d-djalogu soċjali u d-djalogu mas-soċjetà ċivili inġenerali, fuq l-istabbiliment ta' tranżizzjoni ġusta u strateġiji ekonomiċi,
- tipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali, minbarra l-iskemi ta' finanzjament eżistenti mingħajr riallokazzjoni minn programmi oħra, għall-istabbiliment ta' pjanijiet direzzjonali ta' tranżizzjoni reġjonali/lokali ġusti lejn in-newtralità tal-karbonju tal-Unjoni sal-2050 fir-reġjuni u l-komunitajiet l-aktar milquta; il-finanzjament addizzjonali għandu jappoġġja wkoll proġetti territorjali/komunitari eżistenti jew futuri li huma bbażati fuq l-involviment tal-ħaddiema u tal-komunitajiet milquta permezz ta' konsultazzjoni u awtonomizzazzjoni,
- issaħħaħ il-Pjattaforma għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni u s-Segretarjat tagħha (stabbilita mill-Ftehim ta' Pariġi fl-2018, u li ssuktat fl-2019) sabiex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni u jiġu ssodisfati l-impenji tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta li fiha r-reġjuni tal-faħam ma jitħallewx lura, permezz ta' żieda fil-baġit fl-2020 u bl-estensjoni tal-kamp ta' azzjoni kif ġej:

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 12 (ikompli)

- aktar assistenza teknika u tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-reġjuni intensivi fl-użu tal-faħam u tal-karbonju fl-Unjoni, foqsmha bħat-tħejjija tal-istrateġiji, l-iżvilupp tal-proġetti, il-finanzjament tal-proġetti u l-faċilitazzjoni tal-investimenti privati (f'Marzu 2019, ir-reġjuni parteċipanti fl-inizjattiva pilota tal-Unjoni kienu 20, apparagun ta' erba reġjuni fl-2017),
- involviment mal-membri u l-osservaturi tal-Komunità tal-Enerġija rigward ir-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni, bl-organizzazzjoni ta' outreach reġjonali f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' sħab internazzjonali,
- żvilupp ta' dimensjoni soċjali tal-Pjattaforma għal Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni bl-applikazzjoni tal-aħjar Prattiki ta' innovazzjoni soċjali: taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, programmi għaż-żgħażaġh u l-minaturi ritirati.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 13 Azzjoni preparatorja — Settijiet ta' għodda għal parteċipanti fid-djalogo tal-pjattaforma dwar il-Faħam biex jiġu żviluppati u akkumpanjati strateġiji ta' tranżizzjoni lokali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	380 000	p.m.	650 000	1 146 050,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bil-Pjan Direzzjonali tagħha tal-2011 għal ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, il-Kummissjoni żviluppata viżjoni biex fil-maġġorparti tiddikarbonizza l-ekonomija Ewropea, u stabbilixxiet passi speċifiċi biex tokseb dan l-għan. L-Unjoni kkonfermat dak l-impenn, b'mod l-aktar prominenti bl-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li għandu jiġi rikonoxxut li l-Istati Membri tal-UE għandhom il-kompetenza esklużiva li jiddeterminaw it-taħlita enerġetika nazzjonali tagħhom, huwa inevitabbli li dan ipoġġi l-fokus fuq ir-reġjuni tal-estrazzjoni tal-faħam, li jridu jittrattaw ma' sfidi diversi marbuta ma' din it-tranżizzjoni, li jgħibu magħhom id-deċiżjonijiet politiki, ir-realtàjiet ekonomiċi u l-aspirazzjonijiet pubbliċi. Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tniedi djalogo ddedikat fil-forma ta' pjattaforma dwar il-faħam għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw din it-tranżizzjoni.

Attivitajiet: Jiġu prodotti serje ta' settijiet ta' għodda biex jiġu integrati r-riżultati tal-laqqgħat tal-pjattaforma dwar il-faħam, sabiex il-parteeipanti jiġu sosnuti fl-iżvilupp ta' strateġiji lokali tranżitorji f'dawn l-oqsmi:

- (a) it-twaqqif ta' proċess ta' governanza fil-livell lokali: Kif jinbenda djalogo inklużiv biex tiġi żviluppata viżjoni tranżitorja komuni mas-sħab lokali u soċjali, is-soċjetà ċivili, l-atturi industrijali u ekonomiċi u d-dinja akkademika, inkluża informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki u l-lezzjonijiet misluta;

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 13 (ikompli)

- (b) aċċess għall-finanzjament: Gwida dwar il-fondi tal-Unjoni eżistenti u l-kombinazzjoni possibbli tagħhom u assistenza teknika biex jiġu aggregati proġetti, bil-ħsieb li jiġu appoġġati strateġiji lokali tranżitorji;
- (c) prospettivi ta' impjieg u ta' tkabbir: Kif jista' jiġi sosnut il-proċess ta' tranżizzjoni tas-suq tax-xogħol (inkluż orjentament mill-ġdid tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid kif ukoll appoġġ immirat għal gruppi vulnerabbli), b'kunċett reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku biex jiġu attirati impjegi lokali u ppreparati għall-futur;
- (d) riabilitazzjoni ambjentali: Gwida ta' kif tista' ssir il-konverżjoni mill-ġdid ta' siti antiki, inklużi l-aħjar prattiki dwar id-dekummissjonar, il-kultivazzjoni mill-ġdid u kif jiġu rimedjati u stabbiliti mill-ġdid il-livelli tal-ilma tal-art.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejija skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 14 Proġett pilota — L-avanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinovabbli fil-proċessi industrijali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	262 500	525 000	262 500		

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota joħloq studju li janalizza d-domanda preżenti u futura għall-enerġija rinovabbli tas-setturi u l-proċessi industrijali, u jagħmel analiżi komparattiva tal-ambizzjonijiet, tal-effiċjenza fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, tal-ħtiġijiet tat-teknoloġija u tal-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom, biex jiġu identifikati l-prijoritajiet tal-elettrifikazzjoni diretta u indiretta tal-proċessi industrijali, li huma indispensabbli għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tal-Unjoni.

Il-paragun jeżamina l-kwistjonijiet li ġejjin:

- (1) l-emissjonijiet ta' CO₂ ffrankati fi proċessi industrijali permezz tal-elettrifikazzjoni diretta jew indiretta;
- (2) il-valur maħluq permezz tal-elettrifikazzjoni diretta jew indiretta (jiġifieri il-valur miżjud tal-użu tal-elettriku jew idroġenu dekarbonizzat f'settur jew fi proċess speċifiku mqabbel ma' mezzi oħra ta' dekarbonizzazzjoni);

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 14 (ikompli)

(3) L-impatt tal-elettrifikazzjoni (diretta jew indiretta) fuq is-sistema tal-enerġija, b'mod partikolari f'termini tal-flessibilità tad-domanda biex jikkontribwixxi għall-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda, l-akkoppjament tas-settur u l-ħżin tal-elettriku (jiġifieri minbarra l-impatt fuq id-domanda għall-elettriku, jekk l-elettrifikazzjoni ta' settur jew ta' proċess industrijali tistax tikkontribwixxi biex is-sistema tal-enerġija ssir aktar flessibbli, stabbli u sigura, pereżempju permezz ta' risposta għad-domanda jew ħżin fit-tul jew permezz ta' tnaqqis jew użu mill-ġdid tas-sħana mitlufa).

Il-proġett pilota jiffoka fuq kemm jista' jkun setturi industrijali, b'mod partikolari fuq l-emittenti industrijali ewlenin tas-CO² kif ukoll fuq prodotti intermedji li jagħmlu possibbli l-ħolqien ta' katina tal-provvista aktar sostenibbli, u fuq proċessi industrijali ta' valur miżjud għoli. Il-proġett se jinkludi metodoloġija biex jiprijoritizza s-setturi u l-industriji.

Il-proġett pilota jinkludi għadd ta' studji ta' każijiet tas-sħab industrijali biex tiġi ttestjata l-analiżi fl-ambitu ta' każijiet ta' negozju konkreti.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 15 Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 800 000	1 500 000	2 100 000	1 050 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-għan tal-proġett pilota hu li jnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-settur domestiku u jggarantixxi l-aċċess universali għall-enerġija. Il-faqar enerġetiku huwa problema fl-Ewropa kollha li teħtieġ approċċ olistiku mirfud minn sforz konġunt u b'saħħtu f'kull livell: lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Il-bliet u r-reġjuni spiss qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw fi stadju bikri dawk l-unitajiet domestiċi friskju ta' faqar enerġetiku u b'hekk jindirizzawh bl-aktar mod effikaċi.

Sa tmiem dan il-proġett pilota, fost ir-riżultati se jkun hemm:

— forniment ta' djar vulnerabbli b'appoġġ tekniku biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-ispejjeż, flimkien ma' appoġġ biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija,

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 15 (ikompli)

- azzjoni mifruxa fuq diversi dipartimenti tal-gvern li tinvolvi s-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-alloġġ u s-servizzi ambjentali, sabiex tittieħed azzjoni kkoordinata biex jiġu indirizzati d-diversi aspetti tal-faqar enerġetiku, li jikkawża problemi tas-saħħa pubblika u vulnerabbiltà soċjali u spiss huwa marbut ma' binjiet bi prestazzjoni batuta tal-enerġija; u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għandu wkoll effett pożittiv f'termini ta' għieda kontra t-tibdil fil-klima,
- azzjonijiet li jorbtu l-iffrankar tal-enerġija fil-faċilitajiet pubbliċi lokali mal-ħolqien ta' fond għall-għieda kontra l-faqar enerġetiku fil-muniċipalitajiet kollha,
- azzjonijiet biex jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi fil-mudelli tagħhom ta' konsum tal-enerġija,
- valutazzjonijiet dwar il-mod kif il-proġetti dwar il-faqar enerġetiku jistgħu jtejbu l-ekonomija lokali billi jgħolqu opportunitajiet għall-investimenti fl-enerġija fid-djar privati, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi,
- azzjonijiet ta' disseminazzjoni inkluż l-iskambju ta' prattiki tajba fuq skala Ewropea.

Objettivi

Il-proġett pilota jikkonċentra kemm fuq il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u skambju ta' prattika tajba fil-livell lokali u reġjonali biex ikun indirizzat il-faqar enerġetiku kif ukoll fuq miżuri konkreti biex jonqos il-faqar enerġetiku fl-Ewropa.

Skont il-Buildings Performance Institute Europe (BPIE-2014) bejn 50 000 000 u 125 000 000 persuna fl-Unjoni bħalissa qed ibatu minn faqar tal-fjuwil u ma jifilhx iħallsu kumdità termika interna adegwata. Barra minn hekk, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jgħinu biex jiġi evitat il-faqar tal-fjuwil u, kif affermat fid-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, għandhom ikunu prijorità fl-unitajiet domestiċi milquta mill-faqar enerġetiku.

Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, li dan l-aħħar iċċelebra l-ħdax anniversarju tiegħu, huwa moviment uniku minn isfel għal fuq b'7 755 belt firmatarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet lokali u reġjonali b'impenn volontarju favur l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li joffri liċ-ċittadini kwalità tal-ħajja għolja fi bliet sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Fit-25 ta' Settembru 2015, in-Nazzjonijiet Uniti adottaw ġabra ta' għanijiet biex itemmu l-faqar, jipproteġu l-pjaneta u jżguraw prosperità għal kulħadd bħala parti minn Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli għdida. Kull Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) għandu objettivi speċifiċi li għandhom jintlaħqu fil-15-il sena li ġejjin. L-SDG 1 "Jintemm il-faqar" u l-SDG 7 "Niżguraw aċċess għal enerġija bi prezzijiet aċċessibbli, affidabbli, sostenibbli u modern għal kulħadd" huma relatati ma' dan il-proġett. B'mod parallel hemm inizjattiva kontinwa, l-Aġenda urbana għall-UE, biex jiġu indirizzati diversi aspetti ewlenin tal-politika futura tal-Unjoni f'dan il-qasam. Il-proċess relatat jinvolvi żewġ sħubijiet speċifiċi: tranżizzjoni enerġetika u faqar urban.

Biex nirrikapitolaw, l-enerġija hija ċentrali għal kważi kull sfida u opportunità ewlenija għall-Ewropa tal-lum; kemm fir-rigward tal-impjiegi, is-sigurtà, it-tibdil fil-klima, il-produzzjoni tal-ikel jew iż-żieda fl-introjt, l-aċċess unisversali għall-enerġija huwa essenzjali.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 16 Azzjoni preparatorja — Tagħlim għall-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer biex jitgħallmu kif isiru l-offerti għal proġett tal-enerġija rinnovabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	500 000				

Kummenti

Taħt din l-azzjoni preparatorja, l-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer se jiġu mgħallma kif jiktbu offerti miftuħa huma stess. L-offerti miftuħa mbagħad ikunu għal kumpaniji privati ta' enerġija nadifa biex jirrispondu b'mod kompetittiv bi proposti, b'mod partikolari b'rabta mal-enerġija solari, l-enerġija mir-riħ, il-ħżin (mhux batteriji biss) u t-tisħin/it-tkessiħ distrettwali.

L-ispejjeż tal-enerġija rinnovabbli li qed jaqgħu rapidament u n-numri li qed jiżdiedu ta' fornituri ta' enerġija nadifa jfissru li issa l-gżejjer tal-Unjoni għandhom ikunu fi tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, dment li l-awtoritajiet tagħhom ikunu jafu kif jiktbu, jevalwaw u jagħtu offerti. Għall-gżejjer b'baġit amministrattiv skars, dan il-proċess huwa riskjuż billi joħloq domanda teknika, finanzjarja u ġuridika kbira. Din l-azzjoni preparatorja se tipprovdi lill-gżejjer b'mudelli standardizzati għal offerti u se tiġi żviluppata tul id-durata tagħha billi tieħu rappreżentanti tal-gżejjer biex iżuru esperti tal-enerġija rinnovabbli għal gżejjer u siti madwar l-Ewropa, fejn proġetti ta' profitt tal-enerġija nadifa diġà qed jitwettqu, fejn possibbli bl-involviment tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sabiex jaqsmu l-esperjenzi diretti u jitgħallmu dwar l-aħħar ibbaġitjar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti għal gżejjer. Dan it-taħriġ konkret u dawn iż-żjarat ta' siti se jissarrfu f'taħriġ online b'xejn b'aċċess liberu fi tmiem l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja treġġa lura l-proċess normali tal-proġett tal-Unjoni, peress li minflok tipprovdi proposta awtonoma b'suċċess b'reazzjoni għal offerta miftuħa tal-Kummissjoni, din se tgħallim lill-komunitajiet tal-gżejjer kif jiktbu offerti huma stess, li għalihom se jirċievu tweġibiet li jkunu ġew imħarrġa biex jipproċessaw u jimmaniġġjaw.

Fi kliem ieħor, isegwi l-mantra ferm magħrufa "aġhti ħuta lil xi ħadd u tkun tmajtu għal ġurnata; għallmu kif jistad u tkun tmajtu għal ħajtu".

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 17 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fl-Unjoni u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identità rurali tal-Patt tas-Sindki

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	500 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 17 (ikompli)

Kummenti

L-azzjoni preparatorja hija unika inkwantu tiġbor flimkien, permezz tal-qafas il-ġdid tal-Patt Globali tas-Sindki, l-irħula u ż-żoni rurali li jinsabu fil-qalba tal-azzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima. L-irħula tal-Unjoni u l-awtoritajiet rurali madwar id-dinja, li għandhom għarfien aktar mill-qrib tal-isfidi tat-tibdil fil-klima għal territorji rurali u li insistew fuq ftehim ambizzjuż dwar il-klima globali, ser jingħaqdu biex imexxu l-isforzi ħalli jinkiseb l-oġettiv tal-klima ta' emissjonijiet żero sal-2050.

L-irħula tal-Unjoni se jaħdmu flimkien fl-Unjoni u lil hinn minnha għall-bini tal-kapaċitajiet globali u, b'mod speċifiku, biex jaqsmu l-esperjenzi, jittrasferixxu l-għarfien u l-kompetenzi tekniċi fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima, jaqsmu l-aħjar eżempji fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih u jaqsmu l-għarfien dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi tal-Unjoni favur investimenti għall-enerġija sostenibbli.

L-azzjoni preparatorja se tinvolvi analiżi tal-aħjar prattiki eżistenti fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima fl-irħula u ż-żoni rurali u l-iżvilupp ta' strateġiji rurali integrati innovattivi biex jiġu indirizzati adegwatament l-aċċess għall-enerġija u l-faqar enerġetiku, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll l-adattament tat-territorji rurali għat-tibdil fil-klima.

Dawn l-istrateġiji se jkunu konformi mal-istrateġija tal-“Pjaneta nadifa għal kulħadd” (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment tat-28 ta' Novembru 2018 Pjaneta Nadifa għall-kulħadd Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima COM(2018) 773 final) u fil-pakkett “Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha”, (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment tat-30 ta' Novembru 2016 “Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha” (COM(2016) 860 final) kif ukoll mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-oġettivi “Enerġija sostenibbli għal kulħadd”.

Fl-aħħar nett, se jkun hemm dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ trasparenti, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra konformement mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

32 02 77 18 Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBILI (ikompli)

32 02 77 (ikompli)

32 02 77 18 (ikompli)

Kummenti

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-konsumatur fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82) u Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125) huma fost l-aktar innovattivi fil-pakketti kollha Ewropej dwar l-Enerġija Nadifa. Huma jobbligaw lill-Istati Membri jadottaw oqfsa abilitanti għall-komunitajiet tal-enerġija. Id-Direttiva (UE) 2019/944 tipprovdi l-għoti ta' kundizzjonijiet ekwi għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fis-swieq tal-elettriku, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2018/2001 teħtieġ l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi u inċentivi għal komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli attivi fl-oqsma kollha tal-enerġija rinnovabbli. Filwaqt li f'xi Stati Membri diġà jeżistu komunitajiet tal-enerġija, dawn huma novità f'oħrajn.

Ir-repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija għandu jwettaq żewġ funzjonijiet bażiċi: (i) jimmonitorja u jiġbor data dwar l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni u (ii) jipprovdi lill-komunitajiet mudelli għal soluzzjonijiet teknoloġiċi u amministrattivi.

Id-data miġbura permezz tar-repożitorju tkun tikkostitwixxi sors importanti ħafna ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet nazzjonali u lokali. Id-data tiġi integrata fir-riflessjonijiet politiċi eżistenti u futuri. Fi kliem ieħor, tiffaċilita l-implimentazzjoni jew, jekk ikun hemm b'żonn, ir-reviżjoni jew it-titjib tal-qafas regolatorju.

Barra minn hekk, ir-repożitorju jista jkun sors kbir ta' għarfien għaċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet taċ-ċittadini li jixtiequ jistabbilixxu l-komunitajiet tal-enerġija tagħhom, b'mod partikolari fl-Istati Membri li s issa ma żviluppawx oqfsa regolatorji jew l-aħjar prattiki. L-aħjar prattiki jistgħu jinkludu soluzzjonijiet teknoloġiċi, eż. għall-kondiviżjoni tal-elettriku, l-użu tal-blockchain u r-reġistri distribwiti għal tranżazzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-oriġini tal-elettriku minn sorsi li jappartjenu lill-komunità, u dokumentazzjoni biex tiġi stabbilita komunità u eż. mudelli għal regoli ta' assoċjazzjonijiet, eżempji ta' ftehimiet mal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

32 02 77 19 Proġett pilota — L-involvement tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
875 000	218 750				

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI (*ikompli*)

32 02 77 (*ikompli*)

32 02 77 19 (*ikompli*)

Kummenti

Se tiġi żviluppata dimensjoni tas-settur privat Ewropew biex tikkomplementa l-inizjattivi attwali minn isfel għal fuq dwar l-enerġija/il-klima tal-muniċipalitajiet lokali tal-bliet (eż. il-Patt tas-Sindki). Bl-involviment tal-kumpaniji (industrijali u kummerċjali) ewlenin biex jiffurmaw moviment (volontarju) fl-Unjoni kollha, nistgħu nżidu l-iskala, l-impatt u s-sinerġiji tal-azzjonijiet meħuda minn livelli differenti ta' governanza. Inċentivi volontarji għall-azzjoni huma meħtieġa billi s-sehem ta' emissjonijiet ta' CO₂ mill-industrija huwa mistenni jikber, mil-lum sal-2050, f'termini relattivi meta mqabbel mal-provvista tal-enerġija u t-trasport bit-triq.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 03	ENERĠIJA NUKLEARI								
32 03 01	<i>Salvagwardji nukleari</i>	1,1	17 900 000	18 850 000	19 000 000	18 000 000	15 616 663,16	18 765 145,38	99,55
32 03 02	<i>Sikurezza nukleari u radju- protezzjoni</i>	1,1	3 580 000	2 600 000	2 000 000	2 500 000	2 839 351,96	3 436 816,58	132,19
32 03 03	<i>Programm ta' assistenza tad- dekummissjonar nukleari fil- Litwanja</i>	1,1	68 290 000	68 050 000	66 953 000	51 211 500	65 639 000,—	8 395 462,—	12,34
32 03 04	<i>Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari</i>								
32 03 04 01	Programm Kozloduy	1,1	44 388 000	54 350 000	43 519 000	58 574 000	42 666 000,—	0,—	0
32 03 04 02	Programm Bohunice	1,1	34 149 000	43 450 000	33 475 000	41 171 000	32 819 000,—	74 903 449,06	172,39
	<i>Artikolu 32 03 04 — Subtotal</i>		78 537 000	97 800 000	76 994 000	99 745 000	75 485 000,—	74 903 449,06	76,59
32 03 51	<i>Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)</i>	1,1	p.m.	5 500 000	p.m.	7 179 000	0,—	112 777 494,29	2 050,50
	Kapitolu 32 03 — Total		168 307 000	192 800 000	164 947 000	178 635 500	159 580 015,12	218 278 367,31	113,21

32 03 01 *Salvagwardji nukleari*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 900 000	18 850 000	19 000 000	18 000 000	15 616 663,16	18 765 145,38

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari:

- spejjeż għal misjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta' kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (grafiki ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),
- taħriġ ta' spetturi, u laqgħat mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-operaturi nukleari, u partijiet konċernati oħrajn,
- xiri ta' apparat għall-użu f'ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' apparat ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, apparat għall-kejl tal-gamma, in-newtroni u l-infracmar, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,
- xiri u rinnovament ta' hardwer tat-teknoloġija informatika għall-ispezzjonijiet,
- proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet tat-teknoloġija informatika (żvilupp u manutenzjoni),
- bdil ta' apparati ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (*ikompli*)

32 03 01 (*ikompli*)

- manutenzjoni tat-tagħmir, inkluża assigurazzjoni ta' tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f'siti GBNS,
- miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż immaniġġjartal-iskart u trasport ta' kampjuni,
- analiżijiet fuq il-post (kost lavorattiv u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),
- ftehimiet fuq il-lant fil-post (laboratorji, uffiċċji, eċċ.),
- immaniġġjar ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, hardwer tat-teknoloġija informatika, xiri ta' provvisti u oġġetti tal-konsum, eċċ.),
- sostenn tat-teknoloġija informatika u testijiet għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Dan li ġej ukoll se jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju:

- pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mħallsa,
- rimbors ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-provvisti, xogħol jew servizzi.

Din l-appropriazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

Atti ta' referenza

Ftehim Multiparti bejn il-Komunità, l-Istati Membri li ma għandhomx armi nukleari u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Bilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (ikompli)**32 03 01** (ikompli)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 1992 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għal analiżi ta' verifika tal-kampjuni ta' salvagwardji (SEC(1992) 515).

32 03 02 **Sikurezza nukleari u radjuprotezzjoni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 580 000	2 600 000	2 000 000	2 500 000	2 839 351,96	3 436 816,58

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-għbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, partikolarment fl-Istati Membri ġodda u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tar-radjuaprotezzjoni,
- nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni ijonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi; dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it-Trattat Euratom.
- in-nefqa marbuta mal-verifika tal-funzjonament u l-effiċjenza tas-sistemi għall-monitoraġġ tal-livelli ta' radjuattività fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija u għall-kontroll tal-konformità mal-istandards bażiċi fl-Istati Membri (l-Artikolu 35 tat-Trattat Euratom); din in-nefqa tinkludi, flimkien mal-allowances tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjonijiet), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet,
- nefqa marbuta mal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-**Titolu II** u l-Artikolu 174.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 (ġabra ta' informazzjoni u preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li tikkomplimenta l-istandards bażiċi tas-sikurezza), l-Artikolu 33 (implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)), u l-Artikolu 35(2) (awditu tal-monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali), tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠJA

KAPITOLU 32 03 — ENERĠJA NUKLEARI (ikompli)

32 03 02 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tad-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p.12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p.1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2013/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 u r-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u (Euratom) Nru 770/90 (ĠU L 13, 20.1.2016, p. 2).

32 03 03 Programm ta' assistenza tad-dekummissjonar nukleari fil-Litwanja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
68 290 000	68 050 000	66 953 000	51 211 500	65 639 000,—	8 395 462,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Litwanja.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkun relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 1369/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mgħarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (ikompli)**32 03 03** (ikompli)

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn dak il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1990/2006.

Kull sena, il-Kummissjoni tistabbilixxi rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-snin ta' qabel. Dak ir-rapport ta' progress jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jkun il-bażi għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali li jkun imiss.

Bażi ġuridika

Il-Protokoll Nru 4 anness mal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajjuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

32 03 04 Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari

32 03 04 01 Programm Kozloduy

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
44 388 000	54 350 000	43 519 000	58 574 000	42 666 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Kozloduy (il-Bulgarija), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Bulgarija.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Kozloduy tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkun relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mgħarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' wkoll tkopri l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 647/2010.

Kull sena, il-Kummissjoni tistabbilixxi rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-snin ta' qabel. Dak ir-rapport ta' progress jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jkun il-bażi għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali konġunt li jkun imiss.

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (ikompli)

32 03 04 (ikompli)

32 03 04 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jirrevoka r-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

32 03 04 02 Programm Bohunice

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 149 000	43 450 000	33 475 000	41 171 000	32 819 000,—	74 903 449,06

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Bohunice VI (is-Slovakkja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mas-Slovakkja.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Bohunice tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' thejġija, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma metħieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn jitqies li jkun relatati mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 549/2007.

Kull sena, il-Kummissjoni tistabbilixxi rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-sena ta' qabel. Dak ir-rapport ta' progress jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jkun il-bażi għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali konġunt li jkun immiss.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI (ikompli)

32 03 51 *Tlestija tal-assistenza ta' dekommissjonar nukleari (2007 sa 2013)*

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	5 500 000	p.m.	7 179 000	0,—	112 777 494,29

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Il-kompitu jirriżulta minn poteri speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003 (il-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja u l-Protokoll Nru 9 dwar l-unità 1 u l-unità 2 tal-impjant nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja, it-tnejn annessi mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003).

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika fil-Kapitolu 203.

Il-kompitu li jikkonċerna l-impjant nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija b'mod analogu jingħata direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll N°4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina" (ĠU L 411, 30.12.2006, p.10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja mal-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 647/2010 tat-13 ta' Lulju 2010 dwar assistenza finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tad-dekommissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija (Il-Programm Kozloduy) (ĠU L 189, 22.7.2010, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajjnuna għad-dekommissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajjnuna għad-dekommissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

KUMMISSJONI
TITOLU 32 — ENERĠIJA

KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
32 04	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA								
32 04 03	Sfidi soċjetali								
32 04 03 01	Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva	1,1	456 991 488	416 594 189	381 011 007	330 758 188	339 683 633,55	259 944 580,03	62,40
	Artikolu 32 04 03 — Subtotal		456 991 488	416 594 189	381 011 007	330 758 188	339 683 633,55	259 944 580,03	62,40
32 04 50	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku								
32 04 50 01	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 655 270,33	1 856 289,94	
32 04 50 02	Appropriazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 065 986,31	
	Artikolu 32 04 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	1 655 270,33	2 922 276,25	
32 04 51	Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	25 000 000	p.m.	4 550 000	116 048,59	39 287 433,83	157,15
32 04 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
32 04 53	Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	5 000 000	p.m.	4 884 243	18 603,90	13 000 403,76	260,01
32 04 54	Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)	1,1	—	—	—	—	0,—	0,—	
	Kapitolu 32 04 — Total		456 991 488	446 594 189	381 011 007	340 192 431	341 473 556,37	315 154 693,87	70,57

KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA (ikompli)*Kummenti*

Dawn il-kummenti japplikaw għall-intestaturi tal-baġit kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-appropriazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 - il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014 sa 2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru u l-programmi kwadri preċedenti) u t-tlestija tal-programmi 'Enerġija Intelliġenti — Ewropa' (qabel l-2014).

33 02 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
33 02 77 06	Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkeġlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
33 02 77 08	Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professionisti li jitrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	55 813,16	
33 02 77 09	Proġett pilota — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom	3	p.m.	499 000	p.m.	566 000	0,—	490 000,—	98,20
33 02 77 10	Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' ġbir tad-data tal-Unjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali	3	p.m.	p.m.	p.m.	249 760	0,—	125 690,—	
33 02 77 13	Proġett Pilota — Ewropa ta' diversitajiet	3	p.m.	p.m.	p.m.	189 463	0,—	0,—	
33 02 77 14	Proġett pilota — Il-votazzjoni elettronika: "nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni għal proċeduri ta' votazzjoni aktar attivi u demokratiċi"	3	p.m.	p.m.	p.m.	125 831	0,—	148 500,—	

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 02 77	(ikompli)								
33 02 77 16	Proġett pilota — Stħarriġ Ewropew dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru	3	p.m.	p.m.	p.m.	700 000	0,—	80 831,89	
33 02 77 17	Azzjoni preparatorja — Monitor Ċivili tar-Rom — It-tisħiħ tal-kapaċità u l-involvement tas-soċjetà ċivili tar-Rom u favur ir-Rom fil-monitoraġġ u r-rieżami tal-politika	3	2 000 000	500 000					
Artikolu 33 02 77 — Subtotal			2 000 000	999 000	p.m.	1 831 054	0,—	900 835,05	90,17
Kapitolu 33 02 — Total			103 629 617	104 020 617	96 106 002	90 252 056	96 382 575,73	105 475 152,80	101,40
Riżervi (40 02 41)					345 000	259 000			
			103 629 617	104 020 617	96 451 002	90 511 056	96 382 575,73	105 475 152,80	

Kummenti

Il-programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza huwa s-suċċessur għat-tliet programmi preċedenti: Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza, Daphne III, u t-taqsimiet Antidiskriminazzjoni u Diversità u Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Programm għall-Impjigi u s-Solidarjetà Soċjali ("Progress"). L-oġettiv ġenerali tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza huwa li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ulterjuri ta' qasam fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni kif stabbiliti fit-TUE, it-TFUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li aderixxiet magħhom l-Unjoni, ikunu promossi, protetti u implimentati b'mod effikaċi.

33 02 01 Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-ġhoti tas-setgħa liċ-ċittadini

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
33 02 01	29 805 000	30 000 000	27 164 000	23 741 000	27 167 920,75	33 715 092,31
Riżervi (40 02 41)			345 000	259 000		
Total	29 805 000	30 000 000	27 509 000	24 000 000	27 167 920,75	33 715 092,31

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intiża biex: tgħin tipprevjeni u tiġġield kull forma ta' vjolenza kontra t-fal, iż-żgħażaġh u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza sessista kontra gruppi oħra, fosthom il-persuni LGBTQI, f'riskju ta' vjolenza domestika u tipproteġi lill-vittmi ta' dawn l-atti (wieħed mill-għanijiet tal-programm "Daphne"); tippromwovi r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul minn dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawhiex; talloka speċifikament u żżid il-finanzjament għall-istrutturi li jagħtu kenn lin-nisa fl-Unjoni, b'hekk titqawwa l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u jkunu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza bis-saħħa ta' segwitu sistematiku mogħti lill-istħarriġ Ewropew dwar il-vjolenza sessista, konformement mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll l-azzjonijiet li jiġġieldu kontra t-tiċkin tal-ispazju għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa kollha; biex jitħalla u jissaħħaħ l-ispazju politiku u kuntest miftuħ għal parteċipazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili (dan ifisser li s-soċjetà ċivili għandha tkun konsultata inkwantu protagonista importanti fil-proċessi, fil-programmi u fil-finanzjament tal-politiki li jħallu impatt fuq xogħolhom, filwaqt li titqies id-diversità tas-settur); tippromwovi l-ugwaljanza tal-ġeneru u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet fl-involvement tagħhom fis-soċjetà ċivili, anki bis-saħħa tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet interni u ta' monitoraġġ konsistenti; tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tat-fal; tippromwovi u tiżgura d-drittijiet soċjali u tax-xogħol tal-ħaddiema; tiżgura l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali, inkluż fil-livell internazzjonali; Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tippromwovi u ssaħħaħ l-eżerċitar tad-drittijiet li l-Unjoni tagħti liċ-ċittadini tagħha; inkluż l-infurzar tad-drittijiet tal-moviment liberu; miżuri effettivi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fost l-Istati Membri li jagħtu protezzjoni konsulari lil ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati; l-inklużjoni ta' ċittadini mobbli tal-Unjoni u l-garanzija tad-drittijiet tagħhom li jivvutaw u li joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u għall-elezzjonijiet municiċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom; kif ukoll l-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti fl-Unjoni. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tippermetti li individwi, bħala konsumaturi jew imprendituri fis-suq intern, jeżerċitaw id-drittijiet li tagħtihom l-Unjoni, waqt li jitqiesu l-proġetti ffinanzjati mill-programm multiannwali għall-konsumatur.

L-obiettiv tal-programm "Drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza" (il-"Programm") huwa li jikkontribwixxi għat-tkomplija tal-iżvilupp ta' żona fejn id-drittijiet tal-persuni jkunu promossi u protetti billi jittejjeb l-eżerċitar tad-drittijiet li joriġinaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jippromwovi l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-*data* personali, inkluż fil-livell internazzjonali, isaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tat-fal u d-drittijiet derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-konsumatur u jippromwovi d-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza fl-ambjent diġitali. Il-finanzjament taħt din l-appropriazzjoni jiġi allokat għal attivitajiet analitiċi u ta' taħriġ, u għal attivitajiet ta' disseminazzjoni, tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, u sensibilizzazzjoni.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u statistika, meta jkun il-każ, diżaggregata skont il-ġeneru; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, meta jkun il-każ, indikaturi jew parametri ta' riferiment; studji, riċerki, analiżijiet u stħarriġiet; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,
- miżuri biex jiġu miġġielda l-istereotipi, jitrawmu profili ġodda u jinbidlu r-rwoli u l-mudelli tradizzjonali,

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 01 (ikompli)

- taġħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taġħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm; il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-NGOs, speċjalment dawk li jinkludu l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn lill-atturi ewlenin tal-Unjoni, netwerks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew għotjiet operatorji,
- sostenn għall-attivitajiet preliminari mmirati lejn l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' baġitjar skont il-ġeneru għall-baġit għall-baġit tal-Unjoni. B'mod partikolari, (i) l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet ta' politika impliċiti u esplici sensitivi għall-ġeneru, (ii) il-valutazzjoni tal-influwenza tal-politiki fuq l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, inklużi xejriet f'termini ta' subien u bniet fir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jżiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonstitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul assenjat riċevut jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikolari il-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 02 **Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
38 753 000	39 600 000	37 262 000	33 000 000	36 033 439,17	38 393 604,65

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, għar-rispett tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' dak stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; biex tipprevjeni u tiġġielel ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza, inkluż l-Antisemitiżmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani, għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà; u biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u progress fl-integrazzjoni tas-sessi.

B'mod partikulari, din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni li ġejja:

- attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,
- attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,
- miżuri li jinkoraġġixxu lill-bniet jikkunsidraw b'mod attiv karriera fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija, matematika (STEM), u biex jiġu miġġielda l-istereotipi, jitrawmu profili ġodda u jinbidlu r-rwoli u l-mudelli tradizzjonali,
- taġħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u taġħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm "Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza" (il-"Programm"); il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Programm, bħas-sostenn għall-awtoritajiet pubbliċi, NGOs u atturi ewlenin oħra fil-livell nazzjonali, fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni, netwerks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew għotjiet operatorji,
- sostenn għal kumpaniji tal-ICT, kumpaniji b'dipartimenti tekniċi u faċilitajiet ta' taħriġ tekniċu, universitajiet u ċentri ta' riċerka biex jorganizzaw ġranet miftuħa għall-bniet, biex jitħeġġu jagħżlu karriera STEM,
- tfassil u applikazzjoni ta' metodoloġija ta' baġitar skont il-ġeneru għall-baġit tal-Unjoni biex iseħħ li ġej: (i) l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet impliċiti u espliciċi dwar il-ġeneru, (ii) l-identifikazzjoni, fejn possibbli, tal-allokazzjonijiet ta' riżorsi alleati, (iii) il-valutazzjoni dwar jekk il-politika tkomplex jew tibdilx l-inugwaljanzi eżistenti bejn in-nisa u l-irġiel (u gruppi ta' nisa u rġiel), inklużi xejriet f'termini ta' subien u bniet fir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri.

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 02 (ikompli)

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawk l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul assenjat riċevut jista' jwassal għall-forniment ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari l-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

33 02 03 *Id-Dritt Soċjetarju u attivitajiet oħra*

33 02 03 01 Id-Dritt Soċjetarju

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
900 000	1 300 000	900 000	950 000	1 740 290,—	1 297 636,80

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa li tirriżulta b'rabta ma' miżuri fil-kuntest tad-Dritt Soċjetarju, il-Governanza Korporattiva u l-ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus, biex jingħata kontribut għat-tlestija tas-suq intern u l-operat tiegħu u l-iżvilupp, b'mod partikolari:

- li jitjeb l-ambjent legali għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u n-negozji, li għalih jistgħu jiġu previsti attivitajiet ta' promozzjoni, ta' tqajjim ta' għarfien u azzjonijiet ta' taħriġ; li jinġiebu 'l quddiem il-kooperazzjoni, l-iżvilupp u l-koordinament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-assistenza fil-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej b'responsabilità limitata u raggruppamenti Ewropej ta' interess ekonomiku,

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)**33 02 03** (ikompli)

33 02 03 01 (ikompli)

- it-tfassil ta' politika interattiva, f'dak li għandu x'jaqşam mat-tlestija, l-iżvilupp u l-operat tas-suq intern, jiffirma parti mill-governanza tal-Kummissjoni u mill-inizjattivi ta' politika regolatorji biex jirrispondi aħjar għad-domandi taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji. L-appropriazzjonijiet mdaħħla f'dan l-artikolu huma intiżi li jkopru wkoll it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-azzjonijiet ta' netwerks għall-benefiċċju ta' tali parteċipanti bl-għan li t-tfassil tal-politika tal-Unjoni dwar is-suq intern isir aktar komprensiv u effettiv, u bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt reali tal-politiki tas-suq intern (jew in-nuqqas tagħhom) direttament,
- rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex is-suq intern ikun jista' jopera tajjeb u l-evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tas-suq intern,
- it-twessigħ tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-istatistika tas-setturi tas-servizzi u tal-proġetti tal-iżvilupp statistiku, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki(OECD),
- l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikon-oxximent reċiproku ta' strumenti finanzjarji fir-rigward ta' pajjiżi terzi, negozjati internazzjonali, assistenza għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta' ekonomija tas-suq,
- l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta' flus, inkluż il-parteċipazzjoni f'miżuri intergovernattivi jew ad hoc f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force) dwar il-ħasil ta' flus maħluq skont l-OECD,
- l-iżvilupp tal-evalwazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-politiki koperti minn dan il-kapitolu għall-fini tat-tfassil ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti relatati,
- it-twertiq ta' valutazzjoni komprensiva u imparzjali tar-riskju maħluq minn pajjiżi terzi f'termini ta' nuqqasijiet strateġiċi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, abbażi ta' kriterji definiti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015, p.73), titfassal lista ta' ġurisdizzjonijiet b'riskju għoli.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti minn (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 03 (ikompli)

33 02 03 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 03 02 Attivitajiet oħra fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	950 000	1 000 000	950 000	1 300 000,—	622 735,40

Kummenti

Din l-appropriazzjoni huwa maħsub biex ikopri attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni b'rabta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet f'ambjent diġitali. Din l-appropriazzjoni se tintuża biex tappoġġa attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni permezz ta' siti web, avvenimenti pubbliċi, taħriġ, prodotti ta' komunikazzjoni, stħarriġ, eċċ.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni u ta' evalwazzjoni marbuta mal-protezzjoni konsulari u d-djalogu skont l-Artikolu 17 tat-TFUE. B'mod partikolari din l-appropriazzjoni tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni mwassla permezz ta' siti web interni, avvenimenti pubbliċi, prodotti ta' komunikazzjoni, stħarriġiet tal-Ewrobarometru eċċ, kif ukoll l-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-impatt u l-istudji ta' evalwazzjoni dwar diversi aspetti tal-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 06 **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 157 712	23 157 712	21 970 685	21 970 685	22 350 000,—	22 350 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-FRA (it-Titoli 1 u 2).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operazzjonali (it-Titolu 3) tal-FRA, li hija responsabbli li tipprovi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert marbut mad-drittijiet fundamentali sabiex jappoġġawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

Il-FRA tista' tkun mistennija li twettaq l-oġettivi jew il-kompiti operazzjonali li ġejjin:

- l-għoti ta' assistenza u għarfien espert lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri,
- il-promozzjoni ta' netwerking tal-partijiet ikkonċernati u djalogu fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni,
- il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali,
- it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

Il-FRA għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti ripagati b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-FRA tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-FRA ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 23 326 000. Ammont ta' EUR 168 288 li ġej mill-irkupru tas-surplus huwa miżjud mal-ammont ta' EUR 23 157 712 li huwa mdaħħal fil-baġit.

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 06 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2269 tas-7 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018–2022 (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 1).

33 02 07 **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 013 905	8 013 905	7 809 317	7 809 317	7 781 000,—	7 781 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-EIGE (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-EIGE għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIGE tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsim.

L-ammonti ripagati b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju li għandu jtnaqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul.

Skont id-Deċiżjoni 2006/996/KE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-post tas-sede tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 61), is-sede tal-EIGE huwa f'Vilnius.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tammonta għal total ta' EUR 8 096 000. Ammont ta' EUR 82 095 li ġej mill-irkupru tas-surplus huwa miżjud mal-ammont ta' EUR 8 013 905 li huwa mdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 51 *Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza, u l-ugwaljanza*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	9 925,81	414 248,59

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, daww l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-Pajjiżi kandidati jstgħu jużaw il-Programm tal-għajnuna Komunitarja lill-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Il-Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 51 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u biex tippoteġi l-vittmi u l-gruppi friskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkun friskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

KAPITOLU 33 02 — DRITTJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)**33 02 51 (ikompli)***Atti ta' referenza*

Il-Kompitu li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

Il-Konvenzjoni konklużiva fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Impjeggi.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

33 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**33 02 77 06** Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 08 Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professionisti li jittrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	55 813,16

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 08 (ikompli)

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 09 Proġett pilota — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	499 000	p.m.	566 000	0,—	490 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 10 Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' ġbir tad-*data* tal-Unjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	249 760	0,—	125 690,—

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 10 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 13 Proġett Pilota — Ewropa ta' diversitajiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	189 463	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 14 Proġett pilota — Il-votazzjoni elettronika: “nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni għal proċeduri ta' votazzjoni aktar attivi u demokratiċi”

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	125 831	0,—	148 500,—

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 14 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impnjen li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 16 Proġett pilota — Stħarriġ Ewropew dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impnjen	Pagamenti	Impnjen	Pagamenti	Impnjen	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	700 000	0,—	80 831,89

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impnjen li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

33 02 77 17 Azzjoni preparatorja — Monitor Ċivili tar-Rom — It-tisħiħ tal-kapaċità u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom u favur ir-Rom fil-monitoraġġ u r-rieżami tal-politika

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impnjen	Pagamenti	Impnjen	Pagamenti	Impnjen	Pagamenti
2 000 000	500 000				

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA (ikompli)

33 02 77 (ikompli)

33 02 77 17 (ikompli)

Kummenti

L-azzjoni preparatorja se tibni fuq il-proġett pilota “Bini ta” *kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u tisħiħ tal-involvement tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom*’ (Partita 33 02 77 09), li qed joqrob lejn tmiemu, u permezz tat-tagħlim mislut minn dak il-proġett, se tkompli tikkontribwixxi, b’mod imtejjeb, għat-tisħiħ u l-bini ulterjuri tal-kapaċitajiet tar-Rom u tas-soċjetà ċivili favur ir-Rom kif ukoll għall-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ rigward l-inklużjoni tar-Rom, speċjalment permezz tal-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta’ rapporti indipendenti li fihom koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippreżentaw informazzjoni u data alternattiva għal dak li jinsab fir-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom. Dawn ir-rapporti tas-soċjetà ċivili jistgħu jipprovdu għarfien lokali li se jikkontribwixxi għall-proċessi politiċi nazzjonali u Ewropej u jirriflettu fuq l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern.

Il-monitoraġġ se jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġiji fl-erba’ oqsma ta’ prijorità (l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa), għal dak li jikkonċerna l-antidiskriminazzjoni, il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u se jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta’ involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta’ inklużjoni tar-Rom.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 03	ĠUSTIZZJA								
33 03 01	<i>Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulhaad</i>	3	33 743 000	27 600 000	29 200 000	24 500 000	31 446 681,84	31 790 020,59	115,18
33 03 02	<i>L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali</i>	3	8 861 000	12 000 000	11 600 000	10 000 000	12 755 212,77	10 885 394,68	90,71
33 03 04	<i>Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)</i>	3	41 340 496	41 187 174	37 673 559	37 381 559	38 606 737,—	38 364 737,—	93,15
33 03 05	<i>Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)</i>	3	8 372 000	8 372 000	4 911 000	4 911 000			
33 03 51	<i>Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja</i>	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	409 435,46	
33 03 77	<i>Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji</i>								
33 03 77 04	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	62 904,89	
33 03 77 05	Proġett pilota — Kumpaniji tal-isem	3	p.m.	89 700	p.m.	210 000	0,—	0,—	0
33 03 77 06	Azzjoni preparatorja — Fond tal-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju għal każijiet ta' litigazzjoni relatati ma' ksur tad-demokrazzja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali	3	p.m.	300 000	p.m.	300 000	600 000,—	0,—	0
33 03 77 07	Proġett pilota — Ċentru ta' Koordinament tar-Rispons għall-Vittmi tat-Terroriżmu	3	p.m.	500 000	p.m.	500 000	1 000 000,—	0,—	0
34 02 02	<i>Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima</i>	2	47 524 603	24 087 302	41 500 000	22 700 000	38 000 000,—	18 887 416,79	78,41
34 02 03	<i>Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha</i>	2	17 568 341	15 634 921	15 855 000	13 500 000	13 995 301,88	10 123 901,17	64,75
34 02 04	<i>Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali</i>	4	910 000	910 000	910 000	910 000	861 181,20	861 181,18	94,64
34 02 05	<i>Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika</i>	2	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000,—	375 000,—	75,00
34 02 51	<i>Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika</i>	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	28 268,04	

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 02 77	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji								
34 02 77 03	Proġett Pilota — Studju dwar iċ-ċikli tal-ħajja ta' vetturi elettriċi, vetturi li jużaw bijokarburanti u vetturi li jużaw karburanti tradizzjonali.	2	p.m.	280 000	p.m.	500 000	0,—	0,—	0
34 02 77 05	Proġett pilota — Sekwestru tal-karbonju f'art agrikola	2	p.m.	p.m.	1 015 000	507 500			
	Artikolu 34 02 77 — Subtotal		p.m.	280 000	1 015 000	1 007 500	0,—	0,—	0
	Kapitolu 34 02 — Total		152 386 888	86 190 001	136 880 000	80 217 500	127 756 483,08	58 527 692,69	67,91

34 02 01 **Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
85 883 944	44 777 778	77 100 000	41 600 000	74 400 000,—	28 251 925,51

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-klima, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-mitigazzjoni effettiva tal-klima, ittejjeb il-kapaċità tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati u pjanijiet ta' azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi ta' karbonju baxx biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati.

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni fil-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), b'mod partikolari fil-Ftehim ta' Pariġi u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2016 bit-titolu "Wara Pariġi: u li takkumpanja l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima" (COM(2016) 110 final),

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 01 (ikompli)

- l-iżgurar tal-impenni tal-Unjoni fil-Protokoll ta' Montreal dwar is-Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, inkluż l-Emenda ta' Kigali li tnaqqas il-konsum u l-produzzjoni tal-idrofluworokarburi,
- implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti “Klima u Enerġija”, il-ksib tal-miri għall-klima u għall-enerġija 20/20 tal-istrategġija Ewropa 2020, u l-iżvilupp ta' metodoloġiji għat-“traċċar tal-klima” biex tiġi mmonitorjata n-nefqa relatata mal-klima taħt l-oġettiv ta' integrazzjoni “biex jiżdied il-proporzjon ta' integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni futur fl-2014–2020”, b'kontribuzzjonijiet minn politiki differenti,
- il-ksib tal-miri tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2030 billi tappoġġa l-iżvilupp ta' strategġiji fit-tul dwar l-enerġija u l-klima, politiki ġodda u miżuri ta' implimentazzjoni li jimmiraw li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030 u li jkollhom mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli u żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 %, filwaqt li titqies il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 intitolata “Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030” (COM (2014) 15 final), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2016 intitolata “Enerġija Nadifa Għall-Ewropej Kollha” (COM (2016) 860 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titolu “Pjaneta Nadifa għall-kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima” (COM (2018) 773 final).

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013) inkluż:

- il-kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tal-Unjoni ta' negozjar ta' emissjonijiet fl-avjazzjoni,
- l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn (hardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' sostenn għall-politika, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament ir-Reġistru Uniku tal-Unjoni, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni u s-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Sustanzi Qerrieda tal-Ożonu u Gassijiet Fluworurati.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokat għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-fini li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

Id-dħul assenjat riċevut jista' jagħti lok għal provvista ta' approprijazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-Artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward ta' proġetti integrati, għandu jiġi kkunsidrat element ta' distribuzzjoni fl-għażla tal-proġetti biex jiġi ffaċilitat il-bilanċ ġeografiku. Dan ikun ta' natura indikattiva u m'għandux jissuġġerixxi allokkazzjonijiet jew fondi garantiti għal xi Stat Membru jew ieħor.

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 01 (ikompli)

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

34 02 02 **Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
47 524 603	24 087 302	41 500 000	22 700 000	38 000 000,—	18 887 416,79

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Din tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż, fejn xieraq, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-adattament effettiv tat-tibdil fil-klima, ittejjeb il-kapaċità ta' tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati ta' pjanijiet ta' strateġiji u azzjoni għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati, billi jitqiesu l-prioritajiet li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' politiki ġodda u t-tkomplija tal-implimentazzjoni ta' ekonomija reżiljenti b'użu baxx tal-karbonju f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2013 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima" (COM(2013) 216 final) li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u ekonomija u soċjetà reżistenti għat-tibdil fil-klima.
- l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni fil-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li tqis il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2016 bit-titolu "Wara Pariġi: u li takkumpanja l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima" (COM(2016) 110 final),
- l-isfruttar tal-kontribuzzjoni ta' bosta politiki tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-trasport u l-enerġija u l-azzjoni esterna) għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' integrazzjoni u ta' adattament.
- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' sostenn għall-isfruttar bis-sħiħ tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfa kbira u għargħar kbir u avvenimenti klimatiċi estremi, kif ukoll sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri,

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 02 (ikompli)

- is-sostenn għall-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", għodod tal-investimenti, valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u tal-miżuri bħall-assigurazzjoni tar-riskju sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima inkluż metodoloġiji ta' "traċċar tal-klima" sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa marbuta mal-klima taħt l-oġġettiv ta' integrazzjoni "sabiex jiżjed il-proporzjon ta' integrazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni tal-futur fl-2014-2020", b'kontribuzzjonijiet minn politiki differenti,
- appoġġ għall-Patti Globali u Reġjonali Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija.

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra li tkun meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-azzjoni klimatika.

Id-dħul assenjat riċevut jista' jagħti lok għal provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-Artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward ta' proġetti integrati, għandu jiġi kkunsidrat element ta' distribuzzjoni fl-għażla tal-proġetti biex jiġi ffaċilitat il-bilanċ ġeografiku. Dan ikun ta' natura indikattiva u m'għandux jissuġġerixxi allokazzjonijiet jew fondi garantiti għal xi Stat Membru jew ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.

34 02 03 **Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha***Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 568 341	15 634 921	15 855 000	13 500 000	13 995 301,88	10 123 901,17

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Unjoni biex ittejjeb l-amministrazzjoni klimatika billi tifrex l-involvement tal-partijiet konċernati, inkluż Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika, il-bini tal-kapaċità, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika u għarfien dwar l-iżvilupp sostenibbli, sostenn għall-komunikazzjoni, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni, l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-għarfien dwar soluzzjonijiet u prattiki klimatiki li kellhom suċċess inkluż l-iżvilupp ta' pjattaformi fost il-partijiet konċernati permezz ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni, li jikkontribwixxu għal konformità iktar effettiva mal-leġiżlazzjoni klimatika u l-infurzar, b'mod partikolari billi tippromwovi l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-aħjar prassi u l-approċċi tal-politika ("stejjer ta' suċċess").

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

- it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-ksib tal-miri 20/20/20 għall-klima u l-enerġija tal-istrateġija Ewropa 2020,
- l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-klima u l-ksib tal-miri tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2030 billi tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul dwar l-enerġija u l-klima, politiki ġodda u miżuri ta' implimentazzjoni li jimmiraw li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 40 % domestikament u li jkollhom mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli u żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 % sal-2030, filwaqt li titqies il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 intitolata "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" (COM (2014) 15 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Pjaneta Nadifa għall-kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" (COM (2018) 773 final).
- l-iżvilupp ta' politiki u t-tkomplija tal-implimentazzjoni f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2013 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima" (COM(2013) 216 final) li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u ekonomija u soċjetà reżistenti għat-tibdil fil-klima,
- l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1), li jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu pjan nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima għal 10 snin għall-perjodu mill-2021 sal-2030.
- il-promozzjoni ta' entitajiet mhux għall-profitt primarjament attivi fil-qasam tal-azzjoni klimatika flivell Ewropew u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ta' dawk l-entitajiet fil-proċess ta' djalogu dwar it-tfassil tal-politika dwar l-azzjoni klimatika, fl-implimentazzjoni tagħha u fil-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni sabiex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet konċernati u l-integrazzjoni sistematika ta' aspetti relatati mal-klima.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditu ta' proġetti taħt il-programm LIFE (inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi sostnuti permezz ta' għotjiet għall-operat) jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-appropriazzjoni.

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)**34 02 03** (ikompli)

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe interventzjoni oħra li hija meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-oġettivi tal-azzjoni klimatika.

Id-dħul assenjat riċevut jista' jagħti lok għal provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-Artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward ta' proġetti integrati, għandu jiġi kkunsidrat element ta' distribuzzjoni fl-għażla tal-proġetti biex jiġi ffaċilitat il-bilanċ ġeografiku. Dan ikun ta' natura indikattiva u m'għandux jissuġġerixxi allokazzjonijiet jew fondi garantiti għal xi Stat Membru jew ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

34 02 04 Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
910 000	910 000	910 000	910 000	861 181,20	861 181,18

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri kontribuzzjonijiet obligatorji u volontarji għall-għadd ta' konvenzjonijiet, protokollu u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti tagħhom u xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali tal-ġejjieni li jinvolvu lill-Unjoni.

Fxi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokollu sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/540/KEE tal-14 ta' Ottubru 1988 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-ħarsien tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu (ĠU L 297, 31.10.1988, p. 8).

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)**34 02 04** (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqif konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

34 02 05 Korp Ewropew ta' Solidarjetà — Kontribuzzjoni mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	500 000	500 000	500 000	500 000,—	375 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mis-sottoprogramm LIFE għall-Azzjoni Klimatika lill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jaqgħu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-“Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

34 02 51 Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	28 268,04

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 51 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti li għad iridu jissaldaw minn snin preċedenti u li jirriżultaw mill-oġettivi ġenerali tal-Programm LIFE+ b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ta' sostenn għar-rol tal-Kummissjoni biex tnedi l-iżvilupp tal-politika u l-leġislazzjoni u l-implimentazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

34 02 77 **Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji**

34 02 77 03 Proġett Pilota — Studju dwar iċ-ċikli tal-ħajja ta' vetturi elettriċi, vetturi li jużaw bijokarburanti u vetturi li jużaw karburanti tradizzjonali.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	280 000	p.m.	500 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

34 02 77 05 Proġett pilota — Sekwestru tal-karbonju f'art agrikola

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2020		Approprijazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	1 015 000	507 500		

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (ikompli)

34 02 77 (ikompli)

34 02 77 05 (ikompli)

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Il-livelli tas-CO₂ fl-atmosfera żdiedu sew matul dawn l-aħħar 250 sena u l-qbid tal-karbonju mill-atmosfera jista' jkun għodda essenzjali biex jitnaqqas it-tisħin globali. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, it-twaqqif tad-deforestazzjoni u l-prevenzjoni tal-impatti negattivi tat-tibdil fl-użu tal-art huma kruċjali għall-ksib tal-ambizzjonijiet klimatiki fit-tul tal-Unjoni. Madankollu, jistgħu jiżdiedu aktar għodod mas-sett ta' għodda sabiex jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti l-impatti tat-tisħin globali. Jeħtieġ li jitnaqqas ukoll l-ammont ta' karbonju atmosferiku, li huwa fejn il-qbid tal-karbonju jista' jkun utli. Is-sekwestru tal-karbonju fil-bijomassa u fil-ħamrija huwa aċċettat b'mod wiesa' bħala waħda mis-soluzzjonijiet prinċipali, iżda jonqos mudell ekonomiku globali biex dan jitqiegħed fil-prattika.

L-oġġettiv tal-proġett pilota se jkun li jiġi studjat u jinħoloq kunċett tal-ħżin tal-karbonju sostenibbli, li jkun aċċettat b'mod wiesa' u li jkun jista' jitkejjel. Il-kunċett jiffoka fuq is-sekwestru tal-karbonju fil-bijomassa, bħall-foresti u fil-ħamrija, bħall-karbonju ssekwestrat taħt l-art, eż. l-għeruq. L-enfasi prinċipali hija fuq is-sekwestru tal-karbonju fil-foresti peress li hemm ħafna studji u proġetti li għaddejjin bħalissa dwar il-karbonju fil-ħamrija. Il-proġett pilota se jidentifika kunċett li jista' jintuża bħala metodu fattibbli ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u sussegwentement joħloq pjan kummerċjali għall-kumpaniji li jinvestu fl-afforestazzjoni. F'termini prattiċi, dan jista' jinvolvi l-fatt li kumpanija taż-żejt, pereżempju, titħalla tissodisfa parti mir-reqwizit anwali ta' tnaqqis tal-gassijiet serra jew mill-mandat ta' taħlit tal-bijokarburant ibbażat fuq l-enerġija/volum permezz tal-bir ta' karbonju reċentement stabbilit, verifikat u mkejjejl (eż. foresti, tunnelli ta' CO₂ maqbuda).

It-tibdil fil-klima huwa fenomenu globali, u ma jagħmilx differenza fejn fid-dinja l-gassijiet serra qed jiġu rilaxxati jew assorbiti. Hemm proġett pilota fuq skala żgħira implimentat fil-Marokk. Huma bosta l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mit-tweqqif ta' proġetti ta' afforestazzjoni fuq skala kbira fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw barra mill-Unjoni, jiġifieri f'pajjiżi ta' oriġini għall-migrazzjoni fl-Unjoni, f'żoni ta' kunflitti ewlenin u/jew f'pajjiżi bi problemi ta' kwalità tal-ħamrija. Dan mhux biss jimmitiga t-tibdil fil-klima globalment, iżda wkoll ikun ta' għid għall-komunitajiet lokali billi jiġġieldu kontra l-erożjoni u d-deżertifikazzjoni u jappoġġjaw il-produttazzjoni tal-ikel, kif ukoll, potenzjalment, inaqqsu l-pressjoni migratorja fl-Unjoni. Madankollu, ir-regolament attwali dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija jirrikonoxxi biss l-azzjonijiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Minflok, l-afforestazzjoni u l-miżuri diretti l-oħrajn li jippromwovu t-tneħħija tas-CO₂ mill-atmosfera mwettqa, pereżempju, minn kumpanija Ewropea f'pajjiż terz għandhom jingħaddu fil-krediti netti tal-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-kumpanija. Dan l-approċċ ikun jippermetti li jsiru aktar modifiki fl-obbligi tal-Unjoni jew daww nazzjonali tal-kumpaniji fis-settur tal-enerġija, pereżempju, b'enfasi fuq it-tnaqqis reali tal-gassijiet serra aktar milli fuq mandati stretti ta' taħlit. L-għan huwa li dan it-tip ta' azzjonijiet ta' bir ta' karbonju f'pajjiżi terzi jsir attraenti f'termini finanzjarji għall-kumpaniji u għal atturi oħra fl-Ewropa, mingħajr ma jiġu esklużi miżuri ta' mitigazzjoni implimentati fi ħdan l-Unjoni.

Il-proġett pilota jindirizza l-fatturi ta' suċċess kollha meħtieġa, li jvarjaw minn aspetti regolatorji, inklużi l-ittestjar u l-verifika ta' metodi ta' kejl tal-bir ta' karbonju, għas-sostenibbiltà u l-istudji ta' fattibilità teknika, u proġetti pilota fuq skala żgħira bl-irrigazzjoni, it-titjib tal-ħamrija u l-għażla tal-pjanti. Il-proġett pilota fuq skala żgħira fil-Marokk se jikkonċentra l-aktar fuq is-sejba ta' speċijiet tas-siġar li jikbru malajr li jistgħu jibbenefikaw mit-titjib tal-ħamrija u l-irrigazzjoni. Mhux se jiġi implimentat fil-proġett tip differenti ta' speċijiet ta' kultivazzjoni varjata bħall-ucuh tar-raba' tal-legumi iżda l-għarfien ta' proġetti oħra, bħal CLIMA, jista' jiġi studjat fl-analiżi tal-letteratura u se jiġi implimentat fil-fażi li jmiss, li tinvolvi lill-proġetti fuq skala kbira. Fil-proġett lanqas ma huma koperti tipi oħrajn ta' metodi ta' kultivazzjoni tal-karbonju fil-ħamrija.

KUMMISSJONI

TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI (*ikompli*)34 02 77 (*ikompli*)34 02 77 05 (*ikompli*)

Waqt il-proġett pilota, se jkunu studjati l-kejl tal-qbid tal-karbonju u l-metodi ta' verifika. Dan huwa wieħed mill-aktar oqsma importanti tal-proġett billi l-kejl tal-karbonju jipprovdi l-bażi għal użu fuq skala kbira u użu kummerċjali tas-sekwestru tal-karbonju. Fil-futur, l-ammont ta' karbonju ssekwestrat għandu jitkejjel skont il-metodi internazzjonali u vverifikati biex tingħata data preċiża u affidabbli (pereżempju l-linji gwida tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) għall-kejl tal-bir ta' karbonju). Il-proċess kollu jeħtieġ li jiġi vverifikat u awditjat regolarment biex tiġi żgurata l-konformità leġiżlattiva. Fil-prattika, l-għan tal-proġett huwa li jsiru l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiġi emendata l-leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni bil-għan li jitħalla s-sekwestru tal-karbonju għal finijiet kummerċjali għall-kumpaniji fil-pajjiżi terzi. L-azzjonijiet neċessarji jinkludu stħarriġ tal-kejl tal-bir ta' karbonju u l-verifika tax-xogħol li sar, stħarriġ regolatorju u l-istħarriġ kollu meħtieġ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni emendata tal-Unjoni u r-rispett tar-rekwiżiti tal-linji gwida tal-IPCC.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 34 03 — FOND GĦALL-INNOVAZZJONI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 03	FOND GĦALL-INNOVAZZJONI								
34 03 01	Fond għall-Innovazzjoni – Nefqa operattiva		p.m.	p.m.					
	Kapitolu 34 03 — Total		p.m.	p.m.					

34 03 01 Fond għall-Innovazzjoni – Nefqa operattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni (FI) mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 soġġett għad-deċiżjoni finali dwar id-delega tal-Fond għall-Innovazzjoni.

Għas-sena baġitarja 2020, l-ewwel sejħa għal proposti għal proġetti fil-medda ta' EUR 1,0–1,5 biljun hija ppjanata u mistennija li titnieda fil-bidu tat-tieni nofs tal-2020.

L-appropriazzjonijiet meħtieġa jkunu ġġenerati mid-dħul li ġej mill-irkant, sa minn Jannar 2020 tal-ewwel porzjon tal-50 miljun kwota ta' emissjonijiet allokatu għall-Fond għall-Innovazzjoni mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq u l-ammonti mhux minfuqa mill-fond preċedenti NER300. Il-pagamenti għall-proġetti magħżula mill-ewwel sejħa huma mistennija li jsiru mill-2021 'il quddiem.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Atti ta' referenza

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 tas-26 ta' Frar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tal-Fond għall-Innovazzjoni (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 6).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerke u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65)

KUMMISSJONI

TITOLU 40

RIŻERVI

TITOLU 40**RIŻERVI****Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2020 u 2019) u eżitu (2018)**

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMIN- ISTRATTIVA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
40 02	RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI	606 609 000	423 803 000	1 284 777 650	677 788 650	0,—	0,—
40 03	RIŻERVA NEGATTIVA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
	Titolu 40 — Total	606 609 000	423 803 000	1 284 777 650	677 788 650	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 40 — RIŻERVI

TITOLU 40

RIŻERVI

KAPITOLU 40 01 — RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
40 01	RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA					
40 01 40	Riżerva amministrattiva		p.m.	p.m.	0,—	
40 01 42	Riżerva ta' kontinġenza	5,2	p.m.	p.m.	0,—	
	Kapitolu 40 01 — Total		p.m.	p.m.	0,—	

40 01 40 Riżerva amministrattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal linja baġitarja oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

40 01 42 Riżerva ta' kontinġenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/ 2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
40 02	RIŻERVI GĦALL- INTERVENTI FINANZJARJI								
40 02 40	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
40 02 41	Approprjazzjonijiet differenzjati		68 846 000	65 303 000	757 529 650	326 288 650	0,—	0,—	0
40 02 42	Riżerva għal għajjnuna f'emerġenza	9	358 500 000	358 500 000	351 500 000	351 500 000	0,—	0,—	0
40 02 43	Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni	9	179 263 000	p.m.	175 748 000	p.m.	0,—	0,—	
Kapitolu 40 02 — Total			606 609 000	423 803 000	1 284 777 650	677 788 650	0,—	0,—	0

40 02 40 **Approprjazzjonijiet mhux differenzjati**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jiddubita kemm l-approprjazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-linji kkonċernati jiġu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jstgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (a) u l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (b).

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

40 02 41 **Approprjazzjonijiet differenzjati**

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
68 846 000	65 303 000	757 529 650	326 288 650	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 40 — RIŻERVI

KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI (ikompli)

40 02 41 (ikompli)

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan it-titolu huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) fejn ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jiddubita kemm l-appropriazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-partiti kkonċernati jkunu implimentati skont kundizzjonijiet konsonanti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jstgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (a) u l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (b).

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1.	Artikolu	11 03 01	Stabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	67 843 000	64 300 000
2.	Artikolu	18 02 07	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	1 003 000	1 003 000
Total				68 846 000	65 303 000

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

40 02 42 Riżerva għal għajjnuna f'emerġenza

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2020		Appropriazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
358 500 000	358 500 000	351 500 000	351 500 000	0,—	0,—

Kummenti

L-għan tar-riżerva tal-għajjnuna għall-emerġenza huwa li tipprovdi reazzjoni rapida għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' għajjnuna ta' pajjiżi terzi wara li jkunu seħew ġrajjiet li ma setgħux ikunu previsti meta l-baġit ġie stabbilit, l-ewwel u qabel kollox għal ħidmiet umanitarji, iżda wkoll għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u għall-protezzjoni, u sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari li jirriżultaw minn flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu hekk.

L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR 280 000 000 (prezzijiet tal-2011) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Din ir-riżerva tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 jiskadi.

KAPITOLU 40 02 — RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI (ikompli)**40 02 42 (ikompli)***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

40 02 43 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
179 263 000	p.m.	175 748 000	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

L-għan ta' din ir-riżerva huwa li tkopri l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) sabiex tippermetti lill-UE biex turi solidarjetà, u biex tappoġġa lil ħaddiema li jgħidli xogħolhom u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tiegħa bħala riżultat ta' bidliet kbar strutturali fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, bħala riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jew bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida u biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni mill-ġdid rapida tagħhom f'impjeg sostenibbli.

Il-metodi għad-dħul tal-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

Atti ta' referenza

Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 40 — RIŻERVI

KAPITOLU 40 03 — RIŻERVA NEGATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018		% Pagamenti 2018/2020
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
40 03	RIŻERVA NEGATTIVA								
40 03 01	Riżerva negattiva	8	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Kapitolu 40 03 — Total		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

40 03 01 Riżerva negattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2020		Approprjazzjonijiet 2019		Eżitu 2018	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Il-prinċipju ta' riżerva negattiva huwa previst fl-Artikolu 50 tar-Regolament Finanzjarju. Din ir-riżerva trid tintuża qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ANNESI

KUMMISSJONI

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

KUMMISSJONI
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Skont il-Ftehim li jstabbilixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea l-Istati EFTA (bl-eċċezzjoni tal-Iżvizzera) jieħdu sehem f'firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni koperti mis-sottointestatura 1a u l-intestaturi 2, 3, 4 u 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali bi skambju għal kontribuzzjoni finanzjarja lejn approprjazzjonijiet operazzjonali ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-"fattur ta' proporzjonalità". Dan il-fattur ta' proporzjonalità huwa ugwali għas-somma tal-proporzjonijiet miksuba bid-diviżjoni tal-prodott domestiku gross bi prezzijiet tas-suq ta' kull Stat EFTA mill-prodott domestiku gross bi prezzijiet tas-suq tal-Istati Membri kollha kif ukoll tal-Istat EFTA kkonċernat.

Għall-2020, il-fattur ta' proporzjonalità hu stmat għal 2,45 % (fuq il-bażi taċ-ċifri tal-2018), jiġifieri 2,27 % għan-Norveġja, 0,14 % għall-Iżlanda u 0,04 % għal Liechtenstein.

Dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux se jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit; kull intestatura tal-baġit relatata ma' attivitajiet fejn l-Istati tal-EFTA jieħdu sehem se tirreferi għall-kontribuzzjoni tal-EFTA bħala partita tal-memorandum. Tabella ta' sommarju, li tniżżel l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti tal-kontribuzzjoni EFTA għal kull intestatura tal-baġit, hija ppubblikata bħala Anness għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-EFTA għall-parti operattiva għas-sena 2020 hija stmata li tilħaq madwar EUR 480 659 885 f'approprjazzjonijiet ta' impenn. L-Istati tal-EFTA se jagħtu s-sehem tagħhom ukoll fin-nefqa amministrattiva marbuta direttament mal-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.

KUMMISSJONI
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Fattur ta' proporzjonalità (*)	Ir-rata ta' parteċipazzjoni (!)	Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2020		Kontribuzzjoni tal-EFTA		Noti
				Impenji (²)	Pagamenti (²)	Impenji	Pagamenti	
		XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet	136 726 000	136 726 000	177 012	177 012	
		XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni	141 313 000	141 313 000	672 000	672 000	
		26 01 22 02	Akkwizzizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell	212 404 000	212 404 000	438 197	438 197	
		26 01 22 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell	77 681 000	77 681 000	160 259	160 259	
		26 01 23 02	Akkwizzizzjoni u kiri ta' bini fil-Lussemburgu	45 239 000	45 239 000	93 329	93 329	
		26 01 23 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fil-Lussemburgu	16 100 000	16 100 000	33 215	33 215	
			SOTTOTOTAL — PARTI AMMINISTRATTIVA	629 463 000	629 463 000	1 574 012	1 574 012	
2,45 %		01 04 51	Tlestija ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) (ta' qabel l-2014)	p.m.	13 100 000	p.m.	320 950	
0,14 %		02 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (Cosme)	3 117 349	3 117 349	4 364	4 364	
2,27 %		02 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita	3 500 000	3 500 000	79 450	79 450	
2,41 %		02 01 04 04	Nefqa ta' sostenn għall-Programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus)	3 000 000	3 000 000	72 300	72 300	
2,41 %		02 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	7 745 000	7 745 000	186 654	186 654	
2,41 %		02 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	2 556 000	2 556 000	61 600	61 600	
2,41 %		02 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	2 500 000	2 500 000	60 250	60 250	

KUMMISSJONI
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Fattur ta' proporzjonalità (*)	Ir-rata ta' parteċipazzjoni (1)	Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2020		Kontribuzzjoni tal-EFTA		Noti
				Impenji (2)	Pagamenti (2)	Impenji	Pagamenti	
0,14 %		02 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni minn Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-Intrapriżi żgħar u medji (Cosme)	10 526 223	10 526 223	14 737	14 737	
0,14 %		02 02 01	Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni	135 298 400	143 261 000	189 418	200 565	
0,14 %		02 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn	269 160 000	215 000 000	376 824	301 000	
2,45 %	98,3%	02 02 51	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija	p.m.	639 000	p.m.	15 389	Ibbażat fuq ir-rata ta' parteċipazzjoni minħabba n-natura mħallta tal-linja ta' tlestija tal-Istati tal-EFTA/non-EFTA.
2,45 %		02 03 01	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	31 027 000	25 810 000	p.m.	p.m.	Azzjoni annwali soġġetta għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA.
2,45 %		02 03 03	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	58 827 657	58 827 657	1 441 278	1 441 278	
2,45 %		02 03 04	Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern	3 675 000	3 600 000	p.m.	p.m.	Azzjoni annwali soġġetta għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA.
2,41 %		02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl-ispazju	214 373 454	204 450 000	5 166 400	4 927 245	
2,41 %		02 04 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
2,41 %		02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	50 601 570	45 197 000	1 219 498	1 089 248	

KUMMISSJONI
ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Fattur ta' proporzjonalità (*)	Ir-rata ta' parteċipazzjoni (!)	Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2020		Kontribuzzjoni tal-EFTA		Noti
				Impenji (²)	Pagamenti (²)	Impenji	Pagamenti	
2,41 %		02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	131 326 358	79 753 000	3 164 965	1 922 047	
2,45 %		02 04 51	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
2,45 %		02 04 52	Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għat-Tunesija assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self għal ammont massimu ta' EUR 300 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikunu koperti l-ħtiġijiet ta' bilanċ ta' ħlas tat-Tuneżija kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel żewġ partijiet, kull wieħed ta' EUR 100 000 000, it-tnejn ġew żborżati fl-2015 u t-tielet parti f'Lulju 2017.

Fis-6 ta' Lulju 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 500 000 000 (tliet rati ta' self ta' EUR 200 000 000, EUR 150 000 000 u EUR 150 000 000). L-ewwel ħlas ta' EUR 200 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2017, it-tieni pagament ta' EUR 150 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2019 u t-tielet u l-aħħar pagament ta' EUR 150 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2019.

Fil-14 ta' Diċembru 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġordan fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 (żewġ pagamenti ta' self ta' EUR 100 000 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2017 u t-tieni u l-aħħar pagament ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2019.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

IV. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997, li tipprovdha għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġeorġja (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja supplimentari lill-Ukraina (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22).

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdha l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/215/UE tal-14 ta' April 2014, li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 85).

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' April 2015 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 100, 17.4.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja lill-Georgia (ĠU L 103, 23.4.2018, p. 8).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li tipprovdha assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 171, 6.7.2018, p. 11).

2. **Deskrizzjoni**

Fis-17 ta' Novembru 1997 il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija ta' l-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' self eċċezzjonali lill-Ġeorġja għal ammont massimu ta' EUR 142 000 000 għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 110 000 000 tħallas lill-Georgia fl-24 ta' Lulju 1998. It-tieni porzjon ma għandux se jsir aktar.

Fit-12 ta' Lulju 2002, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina faċilità ta' self għal żmien twil ta' allokkazzjoni prinċipali massima ta' EUR 110 000 000 b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, bil-għan li tiġi żgurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli, filwaqt li tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' riżerva tal-pajjiż u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa. Fl-2014 ġie żborżat l-ammont totali tal-faċilità.

Fis-7 ta' Lulju 2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Ukraina faċilità ta' self għal żmien twil ta' allokkazzjoni prinċipali massima ta' EUR 500 000 000 b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, bl-għan li tiġi assigurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli. Il-faċilità nġhatat kollha f'żewġ partijiet indaqs fl-2014 u l-2015.

Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' għoti u sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas f'April 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 13 000 000 tħallas f'Mejju 2017.

Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ukraina kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ammont totali ta' EUR 1 000 000 000 tħallset fl-2014.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠI TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fil-15 ta' April 2015, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina assistenza makrofinanzjarja ta' allokkazzjoni massima ta' EUR 1 800 000 000 u b'perjodu ta' maturità massima ta' 15-il sena, biex jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukraina u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukraina kif identifikat fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 tħallas f'Lulju 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 600 000 000 tħallas f'Marzu 2017.

Fil-18 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Georgia assistenza makrofinanzjarja ta' allokkazzjoni massima ta' EUR 45 000 000 bil-ħsieb li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Georgia u aġenda ta' riforma sostantiva. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 35 000 000 għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' self u sa EUR 10 000 000 fil-forma ta' għotjiet. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-Baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-għajnuna għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Georgia kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel parti ta' EUR 15 000 000 tħallset f'Diċembru 2018.

Fil-4 ta' Lulju 2018, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina assistenza makrofinanzjarja ta' allokkazzjoni massima ta' EUR 1 000 000 000, bil-ħsieb li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukraina u l-aġenda ta' riforma sostantiva. Dik l-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukraina kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel parti ta' EUR 500 000 000 tħallset f'Diċembru 2018.

3. **Effett fuq il-baġit**

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tkun koperta minn dan il-Fond fil-limitu tal-ammont disponibbli.

Għalhekk l-effett fuq il-baġit hu limitat għal:

- pagament annwali wieħed, jew, eċċezzjonalment, lill-Fond jew minnu biex jinżamm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ li d-debitur ikun kontumaċi.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

V. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LILL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Ġunju 1997 li tipprovdli għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Georgia (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdli l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdli assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdli għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

2. **Deskrizzjoni**

Fit-17 ta' Novembru 1997 il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija ta' l-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' self eċċezzjonali lill-Armenja għal ammont massimu ta' EUR 28 000 000 għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti tal-Unjoni Ewropea għall-Armenja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal tul ta' żmien massimu ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 26 000 000 kien żborżat fl-2011, it-tieni u l-aħħar wieħed fl-2012.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel parti ta' EUR 5 000 000 tħallset fl-2015 u t-tieni parti f'April 2016.

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu l-assistenza makrofinanzjarja disponibbli għall-Moldova ta' ammont massimu ta' EUR 100 000 000 (sa EUR 40 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 60 000 000 fil-forma ta' self b'maturità massima ta' 15-il sena), bil-għan li tappoġġja l-istabilizzazzjoni ekonomika tal-Moldova u aġenda ta' riforma sostantiva. L-ewwel pagament ta' EUR 20 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2019.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

VI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 123 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 ta' Novembru 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija u li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/282/KE (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Fl-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Herzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fis-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Herzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija ta' EUR 9 000 000, għal tul massimu ta' ħmistax-il sena, tħallas fis-sħuħija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 fi principal għal żmien massimu ta' tmien snin. L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 fi principal għal żmien massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ partijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu fl-2013.

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

VII. GARANZIJA GĦAL TEĦID B'SELF MILL-EURATOM BIEX JITTEJJEK IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U TAS-SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDEPENDENTI

1. **Bażi ġuridika**

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu tas-self Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozludoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament kien fl-2006 Fl-2000 il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalent EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel parti) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernovodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 inħarġu fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

Fl-2013 il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti self lil Energoatom, l-Ukrajna, ta' EUR 300 000 000 għall-programm ta' titjib fis-sigurtà tal-impjanti għall-enerġija nukleari. Is-self se jiġi pprovdut f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li, b'mod parallel, se jipprovdri self ieħor ta' EUR 300 miljun. Il-kundizzjonijiet li jippreċedu d-disponibbiltà inizjali tas-self ġew iavalutati bħala totalment milħuqin fl-2015 u s-self ġie ddikjarat bħala effettiv.

Fis-27 ta' Mejju 2015 il-Kummissjoni awtorizzat ħlasijiet taħt is-self tal-Euratom lil Energoatom fl-ammont ta' sa EUR 100 000 000, bla ħsara għal Energoatom li ġibed l-ammont tas-self mogħti mill-EBRD f'ammont mhux inqas minn EUR 50 000 000. Dan is-self jibbenefika minn garanzija tal-Istat li jkopru 100% tal-ammonti pendenti fl-aħħar tas-sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żburżat f'Mejju 2017 u t-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żburżat f'Lulju 2018.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI MEDITERRANJI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-ađeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokoll Mediterranji).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1278/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem tat-2 Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.1980, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll "Jugoslavja").

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389 31.12.1987, p.65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1992, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 li permezz tagħha l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għal telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' dawk l-inħawi tat-Turkija milquta mit-terremoti (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-ktabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 66).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1), emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment bħala parti mill-impnenji finanzjarji tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĦ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fl-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-appropriazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Ġordan, is-Sirja, l-Iżrael, il-Greċja, dik li kienet il-Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fit-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati..

3. **Deskrizzjoni**

Skont il-Protokoll Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investment mill-fondi proprji tiegħu. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jagħti self għal finijiet li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi inkwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agricoli u promozzjoni ta' impriżi żgħar u medji).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterrann imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1999 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jidded meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-BEI il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-appropriazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kienx laħaq l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jstabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-BEI bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE rristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi ristretta għal 65 %.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġjaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30). Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

- (a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokatu għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u l-komunitajiet tal-orijini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u
- (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u komunitajiet ta' orijini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

4. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10), u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,
- l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajjnuna mhux rimborsabbli, suġġetta għall-ammonti kumplessivi stabbiliti mill-Protokollu Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KEE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KEE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KEE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KEE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KEE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri self għal proġetti fil-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KEE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KEE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KEE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KEE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KEE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 11.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KEE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda Deċiżjoni 2000/24/KEE biex tikkonsidra t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KEE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1), emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakkja fir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakkja mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-BEI fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awwissu 1994.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-BEIfi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 98/348/KE u d-Deċiżjoni 98/729/KE kienu l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

3. **Deskrizzjoni**

Bi tweġiba għal sejħa magħmula mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 1989, il-Bord ta' Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1989 li jawtorizza self mir-riżorsi proprji tiegħu għall-finanzjament ta' proġetti ta' investment fl-Ungerija u l-Polonja għal ammont totali li ma jaqbiżx il-EUR 1 000 000 000. Dan is-self huwa mogħti biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' investment li jissodisfaw ir-rekwiżiti normali tal-Bank għal self mir-riżorsi proprji tiegħu.

Fl-14 ta' Mejju 1991 u fil-15 ta' Marzu 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li din il-garanzija għandha tkun estiża għal kull self li l-BEI jista' jagħmel f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (iċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija) fuq perjodu ta' sentejn għal massimu ta' EUR 700 000 000.

Fit-13 ta' Diċembru 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded għal tliet snin il-garanzija tal-Komunità għal EUR 3 000 000 000 f'self tal-BEI għal proġetti fil-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija.

Il-garanzija tal-baġit tkopri l-aspetti kollha tas-servizzjar tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax, kostijiet relatati) konnessi ma' dawn is-self.

Wara proposta mill-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fl-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 3 520 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant imsemmija hawn fuq. Ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fid-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI għat-telf fuq self għal proġetti fdik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 150 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fl-14 ta' Diċembru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-Bożnija u Herzegovina. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ta' EUR 100 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda fit-22 ta' Diċembru 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fl-Albanija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, u s-Slovenja. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħtija mill-BEI ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiġdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fis-7 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-Kroazja.

Fis-6 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturatur il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-kandidati li ġejjin: il-Kroazja, it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet ta'finanzjament li jappoġġjaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30). Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqasma flimiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

- (a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u l-komunitajiet tal-orìġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u
- (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u komunitajiet ta' orìġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

X. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI F'ĊERTI PAJJIŻI TAL-ASJA U TAL-AMERIKA LATINA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/115/KEE tal-15 ta' Frar 1993 tagħti garanzija Komunitarja lil Bank Ewropew tal-Investment għal telf li jista' jirriżulta minn self għal proġetti ta' interest reċiproku f'ċerta pajjiżi terzi (ĠU L 45, 23.2.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/723/KEE tat-12 ta' Diċembru 1996 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti ta' interest reċiproku f'ċerti pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni (Arġentina, Bolivja, Brażil, Ċili, Kolombja, Kosta Rika, Ekwador, Gwatemala, Honduras, Messiku, Nikaragwa, Panama, Paragwaj, Peru, El Salvador, Urugwaj u Venezwela; Bangladexx, Brunej, Ċina, Indja, Indoneżja, Makaw, Malasja, Pakistan, Filippini, Singapor, Sri Lanka, Tajlandja u Vjetnam) (ĠU L 329, 19.12.1996, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni (ĠU L 76 , 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 93/115/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iffirmit fi Brussell fl-4 ta' Novembru 1993 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Novembru 1993.

Id-Deċiżjoni 96/723/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmit bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-BEI fi Brussell fit-18 ta' Marzu 1997 u fil-Lussemburgu fid-26 ta' Marzu 1997.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmit fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somma kollha relatata. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 93/115/KEE l-Unjoni tigarantixxi, fuq bażi ta' każ b'każ, self magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni.

Id-Deċiżjoni 93/115/KEE stabbilixxiet limitu massimu kumplessiv ta' EUR 250 000 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin.

Fit-12 ta' Diċembru 1996, il-Kunsill ta lill-BEI garanzija tal-Komunità ta' 100 % għal self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi terzi (pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerika Latina u l-Asja) li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni. Din il-garanzija kienet ristretta għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 275 000 000 li kellhom jingħataw fl-1996 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladexx, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Makaw, il-Malażja, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-appropriazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 900 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Asja u l-Amerika Latina msemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jkopro r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladexx, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Makaw, il-Malażja, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, il-Korea ta' Isfel, Sri Lanka, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Jemen. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropriazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropriazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jkopro r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jidded meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-appropjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela, u fil-pajjiżi tal-Asja li ġejjin: l-Afganistan*, il-Bangladexx, il-Bhutan*, il-Brunej, il-Kambodja*, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq*, il-Korea ta' Isfel, il-Laos, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, Sri Lanka, it-Tajwan*, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen u l-pajjiżi tal-Asja ċentrali: il-Każakstan*, il-Kirgistan*, it-Turkmenistan*, l-Użbekistan* (* l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill). Il-limitu massimu kumplessiv ta' appropjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet ta'finanzjament li jappoġġjaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020 . Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30). Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

- (a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokatu għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u l-komunitajiet tal-orijini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u
- (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u komunitajiet ta' orijini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XI. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI FIL-KAWKAŽU TAN-NOFSINHAR, IR-RUSSJA, IL-BELARUS, IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA U L-UKRAJNA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/777/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf taħt is-self għal ċertu tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarus (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11). Mill-31 ta' Diċembru 2006 u skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005)1499, ir-Russja u l-Ukrajna biss huma eliġibbli skont din id-Deċiżjoni 2005/48/KE.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 2001/777/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iffirmit fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2002 u fil-Lussemburgu fis-7 ta' Mejju 2002.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmit fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 u fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmit fil-Lussemburgu fid-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmit fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

3. **Deskrizzjoni**

Il-Kunsill iddeċieda fis-6 ta' Novembru 2001 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għal telf fuq azzjoni speċjali ta' għoti ta' self għal proġetti ambjentali magħżula fil-baċir tal-Baħar Baltiku tar-Russja fl-ambitu tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-limitu massimu kumplessiv tal-krediti huwa EUR 100 000 000. Il-benefiċċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI għal telf fuq self għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarus. Il-limitu massimu kumplessiv tal-krediti huwa EUR 500 miljun. Il-benefiċċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005 u fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 stabbilixiet garanzija sa 100 %.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant li ġejjin: ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Belarus (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill); fil-pajjiżi tal-Kawkażu tan-Nofsinar: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia u r-Russja. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet ta'finanzjament li jappoġġjaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020 . Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30). Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

- ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u l-komunitajiet tal-orijini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u
- ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u komunitajiet ta' orijini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LILL-AFRIKA T'ISFEL

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/207/KE tal-1 ta' Ġunju 1995 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self għal proġetti fl-Afrika t'Isfel (ĠU L 131, 15.6.1995, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Herzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 95/207/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 1995 u fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 1995.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-KE u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAGĠ TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jstabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jstabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jstabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 95/207/KE, l-Unjoni tiggarrantixxi self tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) lill-Afrika t'Isfel sa ammont massimu totali ta' EUR 300 000 000.

Il-garanzija tal-baġit tkopri s-servizzjar kollu tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax u kostijiet relatati) konnessi ma' dan is-self.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprijazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprijazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalent għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 375 000 000 huma għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Lulju 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprijazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprijazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Hija tkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2000 u li jintemm fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma kienx laħaq l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jstabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprijazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprijazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet ta'finanzjament li jappoġġjaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020 . Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30). Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

- (a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u l-komunitajiet tal-orijini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u
- (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' transitu, u komunitajiet ta' orijini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

C. TBASSIR GĦAL OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI ĠODDA FL-2019 U L-2020

It-tabella li ġejja tagħti indikazzjoni approssimattiva ta' operazzjonijiet mutwatarji possibbli ġodda u l-iżborż ta' self ġdid (iggarantiti mill-baġit tal-Unjoni) fl-2019 u fl-2020.

Operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti fl-2019 u fl-2020

(f'miljuni ta' EUR)

Strument	2019	2020
A. Operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti tal-Unjoni u tal-Euratom b'garanzija tal-baġit tal-Unjoni		
1. Assistenza makrofinanzjarja Komunitarja għal pajjiżi li mhumiex membri		
Operazzjonijiet deċiżi jew skedati:		
Il-Georgia II	0	20
Il-Ġordan II	100	0
Il-Moldova	20	40
It-Tuneżija II	300	0
L-Ukraina IV	0	500
Subtotal AMF	420	560
2. Self mill-Euratom	0	200
3. Bilanċ tal-pagamenti	0	0
4. Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)	0	0
Subtotal A	420	760
B. Self tal-Bank Ewropew tal-Investment b'garanzija mill-baġit tal-Unjoni		
1. Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni	877	887
2. Pajjiżi tal-viċinat u ta' sħubija	2 032	2 334
3. L-Asja u l-Amerika Latina	564	597
4. Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel	101	66
Subtotal B	3 574	3 884
Granttotal	3 994	4 644

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

D. CAPITAL OPERATIONS AND DEBT MANAGEMENT

TABELLA 1 — SELFJET MAĦRUĠA

Operazzjonijiet kapitali u ġestjoni ta' fondi mislufa

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali mħallas sal-31 ta' Diċembru 2018	Ammont pendenti fil-It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax fil-31 ta' Diċembru		
				2019	2020	2019	2020	2019	2020	2021
1. Euratom										
1977	95,30	23,20								
1978	70,80	45,30								
1979	151,60	43,60								
1980	183,50	74,30								
1981	360,40	245,30								
1982	354,60	249,50								
1983	366,90	369,80								
1984	183,70	207,10								
1985	208,30	179,30								
1986	575,00	445,80								
1987	209,60	329,80								
2001	40,00	40,00	12	4		8	4	0,7	0,5	0,2
2002	40,00	40,00	2,5	2,5				0,0		
2003	25,00	25,00								
2004	65,00	65,00	7,8	4,8	3	3		0,0	0,0	
2005	215,00	215,00	101,8	22,1	22,1	79,7	57,6	0,1	0,1	0,0
2006	51,00	51,00	28,9	6,7	5,5	22,2	16,7	0,0	0,0	0,0
2007	39,00	39,00								
2008	15,80	15,80								
2009	6,90	6,90								
2010										
2011										
2012										
2013										
2014										
2015										
2016										
2017	50	50	50			50	50	0,4	0,4	0,4
2018	50	50	50			50	50	0,4	0,4	0,4
Total	3 307,40	2 760,70	252,9	40,1	34,6	212,8	178,3	1,6	1,4	1,1

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali mħallas sal-31 ta' Diċembru 2018	Ammont pendenti fil-It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax fil-31 ta' Diċembru		
				2019	2020	2019	2020	2019	2020	2021
2. Bilanċ tal-pagamenti										
2009	7 200	7 200								
2010	2 850	2 850	1 700	1 500		200	200	56,4	5,8	5,8
2011	1 350	1 350								
2012										
2013										
2014										
2015										
2016										
2017										
2018										
Total	11 400	11 400	1 700	1 500	0	200	200	56,4	5,8	5,8
3. Assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-pajjiżi terzi u għajnuna tal-ikel lil dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika										
1990	350,00	350,00								
1991	945,00	945,00								
1992	1 671,00	1 671,00								
1993	659,00	659,00								
1994	400,00	400,00								
1995	410,00	410,00								
1996	155,00	155,00								
1997	445,00	445,00								
1998	153,00	153,00								
1999	108,00	108,00								
2000	160,00	160,00								
2001	305,00	305,00								
2002	12,00	12,00								
2003	118,00	118,00								
2004	10,00	10,00	2	2						
2005	15,00	15,00								
2006	19,00	19,00	11,4	3,8	3,8	7,6	3,8			

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali mħallas sal-31 ta' Diċembru 2018	Ammont pendenti fil-It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax fil-31 ta' Diċembru		
				2019	2020	2019	2020	2019	2020	2021
2009	25,00	25,00								
2011	126,00	126,00	65,3	36,3	3	29	26	2,3	1,1	1,0
2012	39,00	39,00	39			39	39	1,2	2	1,2
2013	100,00	100,00	100	10	10	90	80	2,0	1,8	1,6
2014	1 360,00	1 360,00	1 360			1 360	1 360	21,7	21,7	21,7
2015	1 245,00	1 245,00	1 245		600	1 245	645	6,4	6,4	4,9
2016	10,00	10,00	10			10	10	0,1	0,1	0,1
2017	1 013,00	1 013,00	1 013			1 013	1 013	8,2	8,2	8,2
2018	515	515	515			515	515	6,9	6,4	6,4
Total	9 727,00	9 727,00	4 360,7	52,1	616,8	4 308,6	3 691,8	48,8	46,9	45,0
4. L-EFSM										
2011	28 000	28 000	13 750			13 750	13 750	423,8	423,8	423,8
2012	15 800	15 800	15 800			15 800	15 800	489,9	489,9	489,9
2014	3 000	3 000	3 000			3 000	3 000	54,3	54,3	54,3
2015 (*)	5 000	5 000	5 000			5 000	5 000	56,3	56,3	56,3
2016 (**)	4 750	4 750	4 750			4 750	4 750	37,5	37,5	37,5
2017										
2018 (***)	4 500	4 500	4 500			4 500	4 500	42,2	38,3	38,3
Total	61 050	61 050	46 800	0	0	46 800	46 800	1 103,8	1 099,9	1 099,9

(*) Is-self ta' EUR 5 000 000 000 miżjud fl-2015 jikkorrispondi għal estensjoni u rifinanzjament ta' self tal-2011 (ara 1.4.1. Noti tekniċi relatati mat-tabelli).

(**) Id-dejn ta' EUR 4 750 000 000 dovut mill-Portugall f'April 2016 ġie estiż kif rikjest.

- *allowances* ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjieg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra

A3 01 02 01 Persunal estern

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
2 466 000	2 572 000	2 525 029,86

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), inkluż dik li tkun saret disponibbli lis-segretarjat tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabba minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta' liġi privata,
- l-ispejjeż ta' ħaddiema inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,
- in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

A3 01 02 11 Spejjeż oħra ta' ġestjoni

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 877 000	1 877 000	1 871 579,37

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riservazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċeżżjonali li jkun sar b'rabta ma' missjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod uffiċjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-twertiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż incidental għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**A3 01 02 (ikompli)****A3 01 02 11 (ikompli)**

- l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,
- l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
 - tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,
 - miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
 - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u taħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' taħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti multimedia,
- l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

A3 01 03 *Bini u nefqa relatata*

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
11 735 000	11 990 000	12 801 807,87

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

- l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,

KUMMISSJONI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 03 (ikompli)

- kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivi, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry-cleaning, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' plumbing, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' cabling ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),
- in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqşam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku,
 - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
 - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**A3 01 03** (ikompli)

- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
 - ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetterji),
 - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jaġhmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
 - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-sofwer tal-kompjuter meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,
- ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,
- it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzer, u videokonferenzer), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u sofwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u sofwer tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-tweqqif ta' proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,
- spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 03 (ikompli)

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

A3 01 50 *Politika tal-persunal u t-tmexxija*

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
3 000	3 000	5 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
 - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
 - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
 - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A3 01 51 **Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens.

A3 01 60 **Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
10 000	10 000	7 159,71

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubbli-kazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

A3 02 01 **Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 700 000	1 700 000	2 853 584,30

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprijazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

- t-fassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastrutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,
- it-tiftixxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-ghojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tiftixxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' databases),
- li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,
- miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntrabandu tas-sigaretti,

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI (ikompli)

A3 02 01 (ikompli)

- l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,
- li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,
- li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,
- li jkunu koperti l-ispejjeż ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Atti ta' referenza

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

A3 02 03 Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
150 000	150 000	94 646,58

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri ta' taġġir u komunikazzjoni li jkunu ttieħdu mill-Uffiċċju.

L-istrategġija esterna tal-Uffiċċju fuq it-taġġir u l-komunikazzjoni hija ċentrali għax-xogħol tiegħu. L-Uffiċċju twaqqaf bħala entità investigattiva indipendenti, u għalhekk għandu jkollu l-istrategġija tal-komunikazzjoni tiegħu. Ix-xogħol tal-Uffiċċju ħafna drabi jkun tekniku ħafna biex jiftiehem mill-ewwel mill-pubbliku. L-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-interlokutori tiegħu u lill-pubbliku kollu dwar ir-rwol u l-ħidmiet tiegħu. Il-perċezzjoni pubblika tax-xogħol tal-Uffiċċju hija ta' importanza kbira.

Bħala servizz tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jrid iqis ukoll l-iżbilanċ demokratiku li jeżisti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-Kummissjoni għarfet dan l-iżbilanċ u fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizzah.

L-istrategġija tal-komunikazzjoni li l-Uffiċċju żviluppa u li se jkompli jimplimenta għandha turi l-indipendenza tagħha.

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI (ikompli)**A3 02 03 (ikompli)***Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI**A3 10 01 *Approprjazzjonijiet proviżorji***

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

A3 10 02 *Riżerva għall-kontinġenzi*

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

DĦUL

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra</i>	785 000	826 000	711 952,—	90,69
4 0 3	<i>Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 4	<i>Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament</i>	156 000	161 000	140 904,—	90,32
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	941 000	987 000	852 856,—	90,63
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	<i>Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjoni</i>	933 000	966 000	870 956,—	93,35
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	933 000	966 000	870 956,—	93,35
	Titolu 4 — Total	1 874 000	1 953 000	1 723 812,—	91,99

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
785 000	826 000	711 952,—

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq s-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg attiv li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sat-30 ta' April 2004.

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI (ikompli)**4 0 4 Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
156 000	161 000	140 904,—

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom.

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSIJONIJIET**4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn l-iskema ta' pensjoni**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
933 000	966 000	870 956,—

Kummenti

Dan id-dħul huwa l-qligħ kollu mill-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema tal-Uffiċċju mnaqqsa kull xahar mis-salarju tagħhom, skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u jintuża biex tkun ifffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU 6**KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIFUŻJONIJIET TA' NFIQ U DĦUL****KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA****6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra**

6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidherx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2020 u 2019) u eżitu (2018)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
A4	UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL			
A4 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA	18 107 000	18 108 000	18 432 845,29
A4 02	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI	5 405 000	5 470 000	5 693 441,47
A4 03	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAHRIGĠ	2 700 000	2 900 000	3 304 200,26
A4 10	RIŻERVI	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu A4 — Total	26 212 000	26 478 000	27 430 487,02
GRAN TOTAL		26 212 000	26 478 000	27 430 487,02

TITOLU A4

UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU A4 01				
A4 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 431 000	10 685 000	9 413 925,99	90,25
A4 01 02	Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra				
A4 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 553 000	1 497 000	1 365 138,88	87,90
A4 01 02 11	Nefqa oħra relatata mat-tmexxija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	494 000	601 000	434 325,40	87,92
	<i>Artikolu A4 01 02 — Total</i>	2 047 000	2 098 000	1 799 464,28	87,91
A4 01 03	Bini u nefqa relatata				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 626 000	5 322 000	7 218 455,02	128,31
A4 01 50	Politika tal-persunal u t-tmexxija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A4 01 51	Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A4 01 60	Stokks għal-libreriji, xiri ta' kotba				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	1 000,—	33,33
	KAPITOLU A4 01 — TOTAL	18 107 000	18 108 000	18 432 845,29	101,80
	KAPITOLU A4 02				
A4 02 01	Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet				
A4 02 01 01	Kompetizzjonijiet interistituzzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 395 000	5 460 000	5 683 441,47	105,35
A4 02 01 02	Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A4 02 01 03	Kostijiet ta' laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 000	10 000	10 000,—	100,00
	<i>Artikolu A4 02 01 — Total</i>	5 405 000	5 470 000	5 693 441,47	105,34
	KAPITOLU A4 02 — TOTAL	5 405 000	5 470 000	5 693 441,47	105,34

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ
KAPITOLU A4 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU A4 03				
A4 03 01	L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA)				
A4 03 01 01	Taħriġ ta' ġestjoni				
	Appropriazzjonijiet mhux differenzjati	1 300 000	1 400 000	1 497 228,89	115,17
A4 03 01 02	Korsijiet tad-dħul fis-servizz				
	Appropriazzjonijiet mhux differenzjati	850 000	950 000	1 231 371,37	144,87
A4 03 01 03	Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni				
	Appropriazzjonijiet mhux differenzjati	550 000	550 000	575 600,—	104,65
	<i>Artikolu A4 03 01 — Total</i>	2 700 000	2 900 000	3 304 200,26	122,38
	KAPITOLU A4 03 — TOTAL	2 700 000	2 900 000	3 304 200,26	122,38
	KAPITOLU A4 10				
A4 10 01	Appropriazzjonijiet proviżorji				
	Appropriazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A4 10 02	Riżerva ta' Kontinġenza				
	Appropriazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU A4 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu A4 — Total	26 212 000	26 478 000	27 430 487,02	104,65
	GRAN TOTAL	26 212 000	26 478 000	27 430 487,02	104,65

TITOLU A4

UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A4 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
10 431 000	10 685 000	9 413 925,99

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni fisem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjeg,
 - l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjeg, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,
 - il-benefiċċji biex jistabilixxu ruħhom jew biex jergħu jistabilixxu ruħhom li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdli l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor,
 - l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdli l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjeg jew meta dawn imorru f'post ta' impjeg ġdid, u meta jtemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor,
 - il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
 - il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-sieġha għal sahra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn persunal lokali li ma setax jingħata *leave* kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 01 (ikompli)

- *allowance* ta' sussistenza ta' kuljum ghaluffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew impjeg jew meta jiġu trasferiti lejn post għdid ta' impjeg,
- l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborsati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom. Din hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

A4 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra

A4 01 02 01 Persunal estern

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 553 000	1 497 000	1 365 138,88

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-ispiża tal-pizzijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabba minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,
- in-nefqa li tkun saret minħabba ħaddiema li jkunu ddaħħlu f'kuntratti ta' servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv, għalghajnuna addizzjonali u għall-provvista ta' servizzi ta' natura intellettuali,
- in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,
- In-nefqa marbuta ma' servizzi ta' tradutturi u lingwisti li jaħdmu għal rashom u xogħol ta'tajping u xogħol ieħor li ma jkunx jista' jsir mis-servizz tat-Traduzzjoni.

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**A4 01 02 (ikompli)****A4 01 02 01 (ikompli)***Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

A4 01 02 11 Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
494 000	601 000	434 325,40

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefquet li ġejjin:

- L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazżjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,
- ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twertiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż incidental għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Kummissjoni),
- l-infiq varju marbut ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li fihom jieħu sehem l-Uffiċċju,
- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
 - miżati li jitħallsu lill-esperti għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twertiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,
 - miżati għall-konsulenza fdiversi oqsma, l-aktar fmetodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
 - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 02 (ikompli)

A4 01 02 11 (ikompli)

- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-bini u trasport u mal-ispiża tal-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għal taħriġ marbut ma' pubblikazzjonijiet u taħrif, ma' siti tal-Internet relatati u max-xiri ta' taħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u multimedia,
- l-iffinanzjament ta' materjal edukattiv,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti *freelance* u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DĠ Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċċju li ma setgħux jinqdew mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u persunal temporanju).

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

A4 01 03 Bini u nefqa relatata

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
5 626 000	5 322 000	7 218 455,02

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u infiq ieħor relatat, partikolarment:

- il-ħlas ta' kera u taxxi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' bini jew partijiet ta' bini li qed jintużaw, kif ukoll il-kera ta' swali ta' konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ,
- il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum ta' ilma, gass, elettriku u enerġija għat-tiħin tal-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-bini, l-liftijiet, t-tiħin ċentrali, t-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn tindif perjodiku, x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-indafa, għall-ħasil tal-hwejjeż u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiwrijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 03 (ikompli)

- xogħol ta' titjib tal-bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil f'sistemi tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor fuq serraturi, tagħmir tal-elettriku, plumbing, żebgħa, kisi ta' art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' kejbils li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jintużaw fil-bini, u n-nefqa għat-tagħmir meħtieġ marbut mat-titjib tal-bini (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-ħarsien tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- spejjeż marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajjnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- spejjeż oħra fuq il-bini, l-aktar l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż ta' sħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-għajjnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, l-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, l-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku u partikolarment:
 - tagħmir (inklużi photocopiers) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti f'kull għamla (karta, media elettronika),
 - tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
 - attrezzaturi tal-canteen u tagħmir tar-restoranti,
 - għodod varji għall-workshops tal-manutenzjoni tal-bini,
 - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabbiltà,
 - kif ukoll studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
 - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 03 (ikompli)

- il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
- provista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
- attrezzaturi speċifiċi għall-*canteens* u ristoranti,
- il-kiri ta' għamara,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, l-kiri, l-manutenzjoni, u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
 - xiri ta' vetturi ġodda,
 - il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġġustifikat,
 - l-ispejjeż ta' kiri ta' karozzi għall-perijodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,
 - l-ispejjeż tal-manutenzjoni, t-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (xiri ta' karburant, lubrifikanti, tajers, it-tubi ta' ġewwa, provisti varji, spare parts, għodod, eċċ.),
 - għamliet differenti ta' assicurazzjoni (l-aktar dik ta' terza parti u serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
 - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
 - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, l-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
 - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġa,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir b'rabta mal-preżentazzjoni l-informazzjoni fghamla stampata, eż. printers, magni tal-fax, photocopiers, scanners u microcopiers,

KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 03 (ikompli)

- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters u word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor li jintuża fl-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, għall-pakketti postali u oħrajn li jintbagħtu bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u għall-posta interna tal-Uffiċċju,
- spejjeż ta' miżati u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, televixin, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż ta' networks ta' trasmissjoni ta' data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta' proġetti informatiċi.

Infiq ieħor funzjonali li mhuwiex speċifikament imniżżel fuq, bħalma huma l-miżati għall-parteċipazzjoni f'konferenzi (esklużi l-ispejjeż tat-taħriġ), miżati ta' shubbija f'għaqdiet kummerċjali u xjentifiċi, l-ispiża biex jiddaħħlu d-dettalji f'direttorji telefoniċi.

(Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawnsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

A4 01 50 **Politika tal-persunal u t-tmexxija**

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

A4 01 50 (ikompli)
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti għal uffiċjali jew persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) mal-bidu tal-qadi tal-funzjonijiet tagħhom jew mat-tluq tagħhom mill-istituzzjoni jew mat-trasferiment tagħhom, li jinvolvi bidla fil-post tal-impjeg, u
- il-gratifikazzjoni tal-installazzjoni/risistemazzjoni u spejjeż ta' ġarr dovuti għal uffiċjali u persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom qabel ma jibdlu jaqdu dmirijiethom jew meta jiġu assenjati għal post ġdid ta' impjeg u meta finalment jitolqu mill-istituzzjoni u jmorru joqogħdu xi mkien ieħor, u
- il-gratifikazzjoni għas-sussistenza għal kull jum mogħtija lil uffiċjali u persunal temporanju li jagħtu evidenza li se jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom qabel ma jibdlu jaqdu dmirijiethom jew meta jiġu assenjati għal post ġdid ta' impjeg.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)

1 2 2 **Gratifiki mat-terminazzjoni kmieni tas-servizz**

1 2 2 0 Gratifiki f'każ ta' rtirar mix-xogħol fl-interessi tas-servizz

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
161 000	158 000	155 116,44

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-gratifiki mogħtija lil uffiċjali li jingħataw status ta' nonattivi wara tnaqqis fin-numru ta' postijiet fl-istituzzjoni, jew lil uffiċjali anzjani li jokkupaw post eżekuttiv li jkollhom jirtiraw fl-interess tas-servizz.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 41 u 50 tagħhom u l-Anness IV għalihom.

1 2 2 2 Gratifiki għall-persunal li s-servizz tagħhom ikun ġie tterminat u sistema speċjali ta' rtirar għall-uffiċjali u l-persunal temporanju

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- il-gratifiki li jridu jiġu mħallsa b'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal jew ma' regolamenti oħra,
- il-kontribuzzjoni minn min iħaddem għall-assigurazzjoni kontra mard għal riċevituri ta' gratifiki,
- l-effett tal-ponderazzjonijiet applikabbli għal diversi gratifiki.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

1 2 9 **Approprijazzjoni proviżorja**

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġornament fir-rimunerazzjoni.

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)**1 2 9** (ikompli)

Din l-approprjazzjoni għandha karattru purament proviżorju u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn artikoli jew partiti oħra ta' dan il-kapitolu b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65a tagħhom u l-Anness XI għalihom.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI**1 4 0** *Persunal ieħor u persuni esterni***1 4 0 0** Persunal ieħor

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
4 660 000	4 231 000	3 935 712,60

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija prinċipalment intenzjonata biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal ieħor, b'mod partikolari staff b'kuntratt, konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet fir-rigward ta' tali persunal u l-effett tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-rimunerazzjoni tagħhom,
- it-tariffi tal-persunal mediku u paramediku mħallsa taħt l-iskema ta' prestazzjoni ta' servizz u, f'każijiet speċjali, l-impjeg ta' persunal temporanju.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)

1 4 0 (ikompli)

1 4 0 4 Taħriġ intern u skambji ta' persunal

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 903 000	1 481 000	1 174 185,44

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- nefqa relatata mas-sekondar jew l-assenjazzjoni temporanja lill-Qorti tal-Awdituri ta' uffiċjali l-ewwel nett minn Stati Membri, jew minn Stati oħra, u ma' esperti oħra jew ma' spejjeż relatati ma' xogħol ta' konsulenza fuq terminu qasir,
- ir-rimborż ta' spejjeż addizzjonali mġarrba minn uffiċjali tal-Unjoni b'riżultat ta' skambji,
- l-ispiża ta' perjodi ta' taħriġ intern tal-Qorti tal-Awdituri.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 4 0 5 Servizzi esterni oħra

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
176 000	109 000	91 198,02

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri r-reklutaġġ ta' persunal temporanju, bl-esklużjoni ta' tradutturi temporanji.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 4 0 6 Servizzi esterni fil-qasam lingwistiku

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
664 000	560 000	713 503,05

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- nefqa relatata mal-miżuri deċiżi mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (KITI) bl-għan li jippromwov u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku,
- it-tariffi, il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-gratifikazzjoni għas-sussistenza ta' interpreti freelance u ta' interpreti oħra li mhumiex permanenti,

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)**1 4 0** (ikompli)

1 4 0 6 (ikompli)

— il-kostijiet marbuta max-xogħol ta' tradutturi freelance jew temporanji u xogħol ieħor esternalizzat mis-Servizz tat-Traduzzjoni.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 4 9 Appropriazzjoni proviżorja

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġornament fir-rimunerazzjoni.

Għandha karattru purament proviżorju u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn artikoli jew partiti oħra ta' dan il-kapitolu b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65a tagħhom u l-Anness XI għalihom.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 1 6 — NEFQA OĦRA RELATATA MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI**1 6 1 Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-persunal**

1 6 1 0 Nefqa mixxellanja għar-reklutaġġ

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
40 000	39 000	42 175,66

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kostijiet tar-reklamar, tal-konvokazzjoni tal-kandidati, tal-kiri ta' kmamar u kiri ta' taġmimir għall-kompetizzjonijiet u għal proċeduri oħra tal-għażla organizzati direttament mill-Qorti tal-Awdituri u spejjeż imġarrba mill-kandidati minħabba l-ivvjaġġar u eżaminazzjonijiet mediċi.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 1 6 — NEFQA OĦRA RELATATA MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 6 1 (ikompli)

1 6 1 0 (ikompli)

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 6 1 2 Taħriġ ulterjuri għall-persunal

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
730 000	750 000	710 644,67

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-organizzazzjoni fuq bażi interistituzzjonali ta' korsijiet ta' taħriġ ulterjuri inklużi korsijiet tal-lingwi u seminars dwar il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji u l-ħlas għar-reġistrazzjoni għal seminars simili.

Hija tkopri wkoll it-tariffi tas-sħubija ta' ċerti korpi professjonali li x-xogħol tagħhom huwa rilevanti għall-attivitajiet tal-Qorti tal-Awdituri.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll ix-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim u tagħmir tekniku għat-taħriġ tal-persunal.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

1 6 2 **Missjonijiet**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
3 370 000	3 450 000	3 050 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri nefqa fuq spejjeż tal-ivvjaġġar, inklużi kostijiet aċċillari relatati ma' biljetti u riservazzjonijiet, l-ispejjeż ta' gratifiki tal-missjonijiet u spejjeż aċċillari jew eċċezjonali mġarrba b'riżultat ta' missjonijiet mill-uffiċjali tal-Qorti tal-Awdituri u minn persunal ieħor u fir-rigward ta' esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali sekondati lill-Qorti tal-Awdituri u ta' persuni f'taħriġ.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII għalihom.

KAPITOLU 1 6 — NEFQA OĦRA RELATATA MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 6 3 Assistenza għall-persunal tal-istituzzjoni

1 6 3 0 Servizz soċjali

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
30 000	30 000	5 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-ghajjnuna lill-persunal f'ċirkustanzi partikolarment diffiċli.

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll għall-kategoriji ta' persuni li għejjin bħala parti minn politika biex tassisti persuni b'diżabbiltà:

- uffiċjali u persunal temporanju f'impjeg attiv,
- konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjeg attiv,
- it-tfal kollha li huma dipendenti fi ħdan it-tifsiriet tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija tkopri r-rimborż, sal-punt permess mill-baġit u wara li jkunu għew użati l-intitolamenti nazzjonali fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orijini, ta' spejjeż (li mhumiex spejjeż mediċi) rikonnoxxuti bħala neċessarji, li jirizultaw mid-diżabbiltà u li jkunu appoġġati minn evidenza dokumentata.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tagħhom.

1 6 3 2 Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-persunal u nefqa oħra fuq il-protezzjoni soċjali

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
78 000	73 000	71 752,09

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex:

- tinkoraġġixxi u tappoġġa finanzjarjament kwalunkwe proġett immirat lejn l-inkoraġġiment ta' kuntatti soċjali bejn persunal ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal sussidji għal klabbs tal-persunal, assoċjazzjonijiet kulturali u assoċjazzjonijiet sportivi,
- tkopri assistenza u sussidji oħra għall-persunal u għall-familji tagħhom.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 1 6 — NEFQA OĦRA RELATATA MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 6 5 Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni

1 6 5 0 Servizz mediku

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
140 000	154 000	91 226,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost tal-eżaminazzjoni medika annwali tal-persunal kollu, inklużi kwalunkwe eżaminazzjoni medika u test rikjest sussegwentement.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 59 tiegħu u l-Artikolu 8 tal-Anness II għalihom.

1 6 5 2 Ristoranti u kantins

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
130 000	125 000	122 926,21

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa operazzjonali tar-ristoranti u l-kafetteriji.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-konverżjoni u t-tiġdid tat-tagħmir fir-ristorant u l-kafetteriji sabiex jikkonformaw mal-istandards nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà attwalment fis-seħħ.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 6 5 4 Ċentru għat-Tfal Żgħar

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 417 000	1 596 000	1 514 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Qorti tal-Awdituri għaċ-Ċentru għat-Tfal Żgħar u għaċ-ċentru ta' studji fil-Lussemburgu.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 1 6 — NEFQA OĦRA RELATATA MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)**1 6 5** (ikompli)

1 6 5 5 Nefqa tal-PMO għall-amministrazzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-persunal tal-Qorti tal-Awdituri

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
380 000	331 000	325 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa mġarrba taħt il-ftehimiet ta' servizz bejn il-Kummissjoni (PMO) u l-Qorti tal-Awdituri.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

TITOLU 2

BINJIET, BENI MOBBLI, APPARAT U NEFQA OPERATORJA MIXXELLANJA

KAPITOLU 2 0 — BINJIET U KOSTIJET RELATATI

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TA' DATA, APPARAT U BENI MOBBLI: XIRI, KERA U MANUTENZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	Binjiet				
2 0 0 0	Kiri				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	100 000	107 000	97 843,—	97,84
2 0 0 1	Lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 3	Akkwiżizzjoni ta' beni immobbli				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 5	Kostruzzjoni ta' binjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 7	Sistemazzjoni tal-bini				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	220 000	219 518	339 618,—	154,37
2 0 0 8	Studji u assistenza teknika b'rabta ma' proġetti ta' bini				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	210 000	210 000	87 259,88	41,55
	<i>Artikolu 2 0 0 — Total</i>	530 000	536 518	524 720,88	99,00
2 0 2	Nefqa fuq binjiet				
2 0 2 2	Tindif u manutenzjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 571 000	1 297 000	1 263 909,37	80,45
2 0 2 4	Konsum ta' enerġija				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	850 000	850 000	695 570,06	81,83
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-binjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	168 000	165 000	380 150,92	226,28
2 0 2 8	Assigurazzjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	96 000	96 000	41 279,02	43,00
2 0 2 9	Nefqa oħra fuq binjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	40 000	40 000	38 918,40	97,30
	<i>Artikolu 2 0 2 — Total</i>	2 725 000	2 448 000	2 419 827,77	88,80
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	3 255 000	2 984 518	2 944 548,65	90,46
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	Apparat, kostijiet operatorji u servizzi relatati mal-ipproċessar tad-data u mat-telekomunikazzjoni				
2 1 0 0	Xiri, xogħol fuq u manutenzjoni tal-apparat u tas-software				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	2 378 000	2 175 000	2 365 000,—	99,45

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TA' DATA, APPARAT U BENI MOBBLI: XIRI, KERA U MANUTENZJONI (ikompli)
KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
2 1 0	<i>(ikompli)</i>				
2 1 0 2	Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tas-software u s-sistemi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 000 000	5 077 000	6 083 000,—	121,66
2 1 0 3	Telekomunikazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	340 000	353 000	259 190,—	76,23
	<i>Artikolu 2 1 0 — Total</i>	7 718 000	7 605 000	8 707 190,—	112,82
2 1 2	Għamara				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	100 000	100 000	249 985,25	249,99
2 1 4	Apparat tekniku u installazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	300 000	300 000	281 998,60	94,00
2 1 6	Vejikoli				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	563 000	598 000	534 387,28	94,92
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	8 681 000	8 603 000	9 773 561,13	112,59
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	Kartolerija, fornimenti tal-uffiċċju u affarijiet mixxellanji konsumabbli				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	80 000	90 000	51 988,71	64,99
2 3 1	Imposti finanzjarji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 000	18 000	8 500,—	56,67
2 3 2	Spejjeż ġuridiċi u danni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	37 000,—	18,50
2 3 6	Posta u debiti ta' konsenja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 000	22 000	22 595,46	112,98
2 3 8	Nefqa amministrattiva oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	248 000	218 000	232 553,08	93,77
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	563 000	548 000	352 637,25	62,64

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI

KAPITOLU 2 7 — INFORMAZZJONI: AKKWIŻIZZJONI, ARKIVJAZZJONI, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 2 5				
2 5 2	Spejjeż għar-Rappreżentanza				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	213 000	227 000	230 966,92	108,44
2 5 4	Laqgħat, kungressi u konferenzi				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	141 000	131 000	113 159,25	80,25
2 5 6	Nefqa fuq id-disseminazzjoni ta' informazzjoni u fuq il-parteeċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	17 000	17 000	16 992,50	99,96
2 5 7	Servizz Konġunt ta' Interpretazzjoni tal-Konferenzi				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	325 000	325 000	220 000,—	67,69
	KAPITOLU 2 5 — TOTAL	696 000	700 000	581 118,67	83,49
	KAPITOLU 2 7				
2 7 0	Konsultazzjonijiet, studji u sħarriġiet limitati; awditjar tal-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni				
2 7 0 0	Konsultazzjonijiet, studji u sħarriġiet limitati				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	513 000	566 000	276 919,61	53,98
2 7 0 1	Awditjar tal-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	900 000			
	Artikolu 2 7 0 — Total	1 413 000	566 000	276 919,61	19,60
2 7 2	Nefqa għad-dokumentazzjoni, għal-librerija u għall-arkivjazzjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	425 000	405 000	415 000,—	97,65
2 7 4	Produzzjoni u distribuzzjoni				
2 7 4 0	Ġurnal Uffiċjali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	140 000	47 885,37	
2 7 4 1	Pubblikazzjonijiet ta' natura ġenerali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	775 000	875 000	457 258,68	59,00
	Artikolu 2 7 4 — Total	775 000	1 015 000	505 144,05	65,18
	KAPITOLU 2 7 — TOTAL	2 613 000	1 986 000	1 197 063,66	45,81
	Titolu 2 — Total	15 808 000	14 821 518	14 848 929,36	93,93

TITOLU 2

BINJIET, BENI MOBBLI, APPARAT U NEFQA OPERATORJA MIXXELLANJA

KAPITOLU 2 0 — BINJIET U KOSTIJET RELATATI

2 0 0 **Binjiet**

2 0 0 0 Kiri

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
100 000	107 000	97 843,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa fuq kirjiet fil-Lussemburgu u fi Strasburgu.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 1 Lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri tariffi ta' kuntratti ta' kera fit-tul u nefqa oħra simili dovuta mill-istituzzjoni taħt kuntratti ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 3 Akkwiżizzjoni ta' beni immobbli

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-finanzjament, permezz ta' pagamenti annwali, tax-xogħol ta' estensjoni tal-bini tal-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu (Kirchberg).

2 0 0 5 Kostruzzjoni ta' binjiet

Approprijazzjonijiet 2020	Approprijazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija intenzjonata għal kwalunkwe dħul ta' approprijazzjonijiet għall-kostruzzjoni ta' binjiet.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 0 — BINJIET U KOSTIJET RELATATI (ikompli)**2 0 0** (ikompli)

2 0 0 7 Sistemazzjoni tal-bini

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
220 000	219 518	339 618,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- diversi tipi ta' xogħol ta' sistemazzjoni, inklużi b'mod partikolari l-installazzjoni ta' diviżjonijiet, purtieri, kejbils, żbigħ, kisi tal-hitana, kisi tal-art, soqfa mdendlin u l-installazzjonijiet tekniċi relatati,
- nefqa relatata ma' xogħol li jirriżulta minn studji u minn assistenza teknika fir-rigward ta' proġetti ta' bini fuq skala kbira.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 8 Studji u assistenza teknika b'rabta ma' proġetti ta' bini

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
210 000	210 000	87 259,88

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa relatata ma' studji u ma' assistenza teknika b'rabta mal-binjiet.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 2 Nefqa fuq binjiet

2 0 2 2 Tindif u manutenzjoni

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
1 571 000	1 297 000	1 263 909,37

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata prinċipalment biex tkopri:

- kostijiet ta' manutenzjoni u ta' tindif tal-bini, lifts, tisħin ċentrali, tagħmir għall-kondizzjonar tal-arja, installazzjonijiet elettriċi u alterazzjonijiet u tiswijiet għalihom,
- ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, tal-ħasil, tal-ħasil tal-ħwejjeġ, tal-ħasil fix-xott, u ta' kwalunkwe provvista meħtieġa għall-manutenzjoni.

KAPITOLU 2 0 — BINJIET U KOSTIJET RELATATI (*ikompli*)**2 0 2** (*ikompli*)**2 0 2 2** (*ikompli*)

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 2 4 Konsum ta' enerġija

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
850 000	850 000	695 570,06

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri kostijiet tal-konsum tal-ilma, tal-gass u tal-elettriku, u tat-tisħin.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza tal-binjiet

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
168 000	165 000	380 150,92

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata prinċipalment biex tkopri nefqa mixxellanja relatata mas-sigurtà tal-bini, speċjalment kuntratti għas-sorveljanza ta' binjiet u x-xiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar u ta' tagħmir għall-uffiċjali għas-sigurtà.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 2 8 Assigurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
96 000	96 000	41 279,02

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-primjums pagabbli fuq il-poloż ta' assigurazzjoni relatati mal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni, inklużi l-koperturi għall-beni mobbli u għax-xogħlijiet tal-arti.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 2 9 Nefqa oħra fuq binjiet

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
40 000	40 000	38 918,40

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 0 — BINJET U KOSTIJET RELATATI (ikompli)**2 0 2** (ikompli)

2 0 2 9 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri nefqa oħra attwali fuq binjet li mhijiex inkluża fl-artikoli l-oħra ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari d-drenaġġ, il-ġbir tal-iskart, taxxi tat-triq u sinjali.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TA' DATA, APPARAT U BENI MOBBLI: XIRI, KERA U MANUTENZJONI**2 1 0** ***Apparat, kostijiet operatorji u servizzi relatati mal-ipproċessar tad-data u mat-telekomunikazzjoni***

2 1 0 0 Xiri, xogħol fuq u manutenzjoni tal-apparat u tas-software

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
2 378 000	2 175 000	2 365 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa operazzjonali li ġejja:

— xiri, kiri u manutenzjoni ta' apparat u software tal-kompjuters u ta' provvisti u dokumentazzjoni oħra,

— kejbils tal-kompjuters.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 2 Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tas-software u s-sistemi

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
5 000 000	5 077 000	6 083 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa fuq persunal estern u għal xogħol esternalizzat, inklużi s-servizzi tal-“helpdesk”.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TA' DATA, APPARAT U BENI MOBBLI: XIRI, KERA U MANUTENZJONI (ikompli)**2 1 0** (ikompli)**2 1 0 3** Telekomunikazzjoni

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
340 000	353 000	259 190,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa kollha relatata mat-telekomunikazzjoni bħal tariffi ta' abbonament, linji tat-telefown, tariffi ta' komunikazzjoni, tariffi ta' manutenzjoni u x-xiri, tiġdid, tiswija u manutenzjoni ta' installazzjonijiet u ta' apparat tat-telefown.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 2 **Għamara**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
100 000	100 000	249 985,25

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri x-xiri jew il-kiri ta' għamara addizzjonali, il-manutenzjoni jew it-tiswija tagħha u s-sostituzzjoni ta' għamara qadima jew b'xi ħsara.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 4 **Apparat tekniku u installazzjonijiet**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
300 000	300 000	281 998,60

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri nefqa fuq ix-xiri, is-sostituzzjoni, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswijiet ta' apparat tekniku u ta' makkinarju tal-uffiċċji.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 6 **Vejikoli**

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
563 000	598 000	534 387,28

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TA' DATA, APPARAT U BENI MOBBLI: XIRI, KERA U MANUTENZJONI (ikompli)

2 1 6 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri x-xiri jew il-kiri ta' vejikoli bix-xufiera jew mingħajr xufiera, (inklużi taksis) u l-kostijiet operazzjonali li jirriżultaw mill-użu tagħhom.

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni għall-abbonamenti għat-trasport pubbliku.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

2 3 0 **Kartolerija, fornimenti tal-uffiċċju u affarijiet mixxellanji konsumabbli**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
80 000	90 000	51 988,71

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa fuq kartolerija u fornimenti tal-uffiċċju.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 3 1 **Imposti finanzjarji**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
15 000	18 000	8 500,—

2 3 2 **Spejjeż ġuridiċi u danni**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
200 000	200 000	37 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri kwalunkwe nefqa u tariffa li l-Qorti tal-Awdituri jista' jkollha ggarra.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 3 6 **Posta u debiti ta' konsenja**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
20 000	22 000	22 595,46

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)**2 3 6** (ikompli)*Kummenti*

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 3 8 *Nefqa amministrattiva oħra*

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
248 000	218 000	232 553,08

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- il-kost ta' assigurazzjoni fuq il-bagalji tal-persunal fuq missjoni,
- ix-xiri ta' uniformijiet tas-servizz għall-messaġġiera u għax-xufiera, u lbies tax-xogħol ieħor,
- l-ispiża ta' trattamenti (għall-ikel u x-xorb) u ta' xi affarijiet żgħar tal-ikel serviti okkażjonalment waqt laqgħat interni,
- l-ispejjeż tal-ġarr u tat-trattament ta' tagħmir u ta' għamara,
- nefqa operazzjonali oħra li mhijiex imsemmija b'mod speċifiku fit-titoli preċedenti u kostijiet relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir,
- spejjeż żgħar,
- attivitajiet tal-EMAS, inkluża l-promozzjoni, u l-iskema tal-Qorti tal-Awdituri ta' kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI**2 5 2** *Spejjeż għar-Rappreżentanza*

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
213 000	227 000	230 966,92

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri spejjeż tal-obbligi tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tar-rappreżentanza.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI (ikompli)

2 5 4 **Laqgħat, kungressi u konferenzi**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
141 000	131 000	113 159,25

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri spejjeż tal-ivvjaġġar, tas-sussistenza u spejjeż inċidentali ta' esperti li jieħdu sehem fil-gruppi ta' studju u fi gruppi ta' ħidma, u l-kost tal-organizzazzjoni ta' tali laqgħat bħal dawn sakemm dawn ma jkunux koperti mill-infrastruttura eżistenti.

Hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-kost tal-organizzazzjoni u tal-parteċipazzjoni f'konferenzi, f'kungressi u f'laqgħat.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 5 6 **Nefqa fuq id-disseminazzjoni ta' informazzjoni u fuq il-parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
17 000	17 000	16 992,50

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost tal-organizzazzjoni ta' ġranet għall-istudju fuq l-attivitajiet tal-Qorti tal-Awdituri, għall-benefiċċju ta' għalliema universitarji, edituri ta' ġurnali speċjalizzati jew ta' viżitaturi speċjalisti oħra mill-Istati Membri. Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri nefqa mixxellanja relatata mal-politika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 5 7 **Servizz Konġunt ta' Interpretazzjoni tal-Konferenzi**

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
325 000	325 000	220 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-ħlas tal-kostijiet tal-interpretazzjoni.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 7 — INFORMAZZJONI: AKKWIŻIZZJONI, ARKIVJAZZJONI, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI**2 7 0 Konsultazzjonijiet, studji u sħarriġiet limitati; awditjar tal-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni****2 7 0 0** Konsultazzjonijiet, studji u sħarriġiet limitati

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
513 000	566 000	276 919,61

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tippermetti li studji jiġu kuntrattati lill-esperti kkwalifikati fil-qasam tal-awditjar u kif ukoll fl-oqsma ta' natura amministrattiva.

Fil-qafas tal-awditi tagħha, il-Qorti tal-Awdituri teħtieġ li tikkuntratta studji u analiżijiet tekniċi (pereżempju analiżijiet kimiċi, fiżiċi, stastistiċi) lil esperti esterni.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri minn awditur indipendenti li r-rapport tiegħu huwa ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 7 0 1 Awditjar tal-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
900 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost tal-awditjar tal-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni skont l-Artikolu 287(1) TFUE, u l-Artikolu 70(6) u (7) tar-Regolament Finanzjarju.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 7 2 *Nefqa għad-dokumentazzjoni, għal-librerija u għall-arkivjazzjoni*

Approprjazzjonijiet 2020	Approprjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
425 000	405 000	415 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- l-akkwiżizzjoni ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi u aġġornamenti għal volumi eżistenti,
- apparat speċjali għal-librerija,
- il-kost ta' abbonamenti għal ġurnali, perjodiċi u diversi bullettini,
- il-kost ta' abbonamenti għal aġenziji tal-istampa jew għal databases informattivi esterni,

IL-QORTI TAL-AWDITURI

KAPITOLU 2 7 — INFORMAZZJONI: AKKWIŻIZZJONI, ARKIVJAZZJONI, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI (ikompli)

2 7 2 (ikompli)

- tariffi ta' aċċess għal ċerti databases esterni,
- il-kost tal-legatura u taż-żamma f'kondizzjoni tajba tal-kotba tal-librerija,
- il-kost tas-servizzi tal-arkivjazzjoni u l-akkwiżizzjoni ta' riżorsi tal-arkivjazzjoni fuq midja ta' sostituzzjoni.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 7 4 **Produzzjoni u distribuzzjoni**

2 7 4 0 Ġurnal Uffiċjali

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	140 000	47 885,37

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-kost tal-pubblikazzjonijiet mill-Qorti tal-Awdituri f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 7 4 1 Pubblikazzjonijiet ta' natura ġenerali

Appropriazzjonijiet 2020	Appropriazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
775 000	875 000	457 258,68

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija intenzjonata biex tkopri:

- il-kostijiet tal-pubblikazzjoni u tad-distribuzzjoni tar-rapporti u tal-opinjoni adottati mill-Qorti tal-Awdituri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) u l-Artikolu 325(4) TFUE,
- il-kostijiet ta' attivitajiet tal-komunikazzjoni li jikkonċernaw xogħol tal-awditjar u l-attivitajiet tal-Qorti tal-Awdituri (b'mod partikolari l-websajt, materjal awdjoviżiv, dokumentazzjoni), inklużi l-kostijiet tar-relazzjonijiet mal-istampa u ma' partijiet interessati oħra.

Ammont tad-dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

TITOLU 10

NEFQA OĦRA

KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Appropjazzjonijiet 2020	Appropjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	GRAN TOTAL	153 137 000	146 890 518	140 484 380,69	91,74

IL-QORTI TAL-AWDITURI

TITOLU 10**NEFQA OĦRA****KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI**

Appropjazzjonijiet 2020	Appropjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Appropjazzjonijiet 2020	Appropjazzjonijiet 2019	Eżitu 2018
p.m.	p.m.	0,—

PERSUNAL

Taqsim V — Il-Qorti tal-Awdituri

Grupp ta' funzjoni u grad	Il-Qorti tal-Awdituri			
	Postijiet permanenti		Postijiet temporanji ⁽¹⁾	
	2020	2019	2020	2019
Li mhumiex kategoriji			1	1
AD 16				
AD 15	11	11		
AD 14	40 ⁽²⁾	40 ⁽²⁾	31 ⁽⁵⁾	30
AD 13	37 ⁽³⁾ ⁽⁵⁾	38 ⁽³⁾	2	2
AD 12	66 ⁽⁴⁾	67	6 ⁽⁴⁾	5
AD 11	48 ⁽⁴⁾	50	33 ⁽⁴⁾	31
AD 10	39 ⁽⁵⁾	38	2	2
AD 9	112 ⁽⁵⁾	82		
AD 8	69 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	89	2 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	
AD 7	56 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	58	6 ⁽⁵⁾	
AD 6	43 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	58	1 ⁽⁴⁾	
AD 5	9 ⁽⁴⁾	9	1 ⁽⁴⁾	
Total AD	530	540	85	71
AST 11	7	7	1 ⁽⁵⁾	
AST 10	6	6	⁽⁵⁾	1
AST 9	22 ⁽⁴⁾	23	1	1
AST 8	16 ⁽⁵⁾	14	1	1
AST 7	19 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	18	26	26
AST 6	29 ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	27		
AST 5	40 ⁽⁵⁾	41	5 ⁽⁵⁾	2
AST 4	9 ⁽⁵⁾	15	16 ⁽⁵⁾	23
AST 3	7 ⁽⁵⁾	11	⁽⁵⁾	5
AST 2	2	2		
AST 1				
Total AST	157	164	509	59
AST/SC 6			9 ⁽⁵⁾	
AST/SC 5			2 ⁽⁵⁾	7 ⁽⁴⁾
AST/SC 4			12 ⁽⁵⁾	2
AST/SC 3			5 ⁽⁵⁾	2

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Grupp ta' funzjoni u grad	Il-Qorti tal-Awdituri			
	Postijiet permanenti		Postijiet temporanji ⁽¹⁾	
	2020	2019	2020	2019
AST/SC 2	2	2	1 ⁽²⁾	6 ⁽⁴⁾
AST/SC 1				
Total AST/SC	2	2	29	17
Total kumplessiv	689 ⁽⁶⁾	706 ⁽⁶⁾	164	147

⁽¹⁾ Il-grad reali li fih huma okkupati l-postijiet assenjati lill-kabinetti se jsegwi l-istess kriterji tal-iggradar bħal dawk għall-uffiċjali rekrutati qabel l-1 ta' Mejju 2004.

⁽²⁾ Li minnhom wieħed AD 15 *ad personam*.

⁽³⁾ Li minnhom wieħed AD 14 *ad personam*.

⁽⁴⁾ Trasformazzjoni ta' postijiet fl-2018 u fl-2019.

⁽⁵⁾ Rivalutazzjonijiet u trasformazzjoni ta' postijiet (2020).

⁽⁶⁾ Mhux inkluża r-riżerva virtwali, mingħajr allokazzjoni ta' approprijazzjonijiet, għal uffiċjali sekondati fil-Kabinetti.

TAQSIMA VI

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

DĦUL**Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tan-nefqa tal-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali għas-sena finanzjarja 2020**

Intestatura	Ammont
Nefqa	142 539 393
Riżorsi proprji	- 12 503 421
Kontribuzzjoni dovuta	130 035 972

RIŻORSI PROPRI

TITOLU 4

DĦUL MINN PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TAXXI U TNAQQIS VARJI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSIJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	Rikavat minn tassazzjoni fuq is-salarji, pagi u allowances tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali, aġenti oħra u persuni li jirċievu pensjoni	5 614 334	5 493 185	5 674 881,—	101,08
4 0 3	Rikavat mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u aġenti oħra fis-servizz	0,—	p.m.	0,—	
4 0 4	Rikavat mill-imposta speċjali fuq is-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u aġenti oħra fis-servizz	1 108 828	1 084 901		
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	6 723 162	6 578 086	5 674 881,—	84,41
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet	5 780 259	5 830 442		
4 1 1	Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-persunal	p.m.	p.m.		
4 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-uffiċjali u mill-persunal temporanju fuq liv għal raġunijiet personali	0,—	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	5 780 259	5 830 442	0,—	0
	Titolu 4 — Total	12 503 421	12 408 528	5 674 881,—	45,39

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 4

DĦUL MINN PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TAXXI U TNAQQIS VARJI

4 0 0 Rikavat minn tassazzjoni fuq is-salarji, pagi u allowances tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali, aġenti oħra u persuni li jirċievu pensjoni

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
5 614 334	5 493 185	5 674 881,—

Bażi ġuridika

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistipula l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

4 0 3 Rikavat mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u aġenti oħra fis-servizz

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
0,—	p.m.	0,—

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

4 0 4 Rikavat mill-imposta speċjali fuq is-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u aġenti oħra fis-servizz

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
1 108 828	1 084 901	

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSIJONIJIET

4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
5 780 259	5 830 442	

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSIJONIJIET (ikompli)**4 1 0** (ikompli)*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tagħhom.

4 1 1 **Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-persunal**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 11(2) u (3) u l-Artikolu 48 tal-Anness VIII tagħhom.

4 1 2 **Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-uffiċjali u mill-persunal temporanju fuq liv għal raġunijiet personali**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
0,—	p.m.	0,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 5

DĦUL DOVUT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVAT MILL-BEJGĦ TA' PROPRJETÀ MOBBLI (FORNIMENT TA' PRODOTTI) U PROPRJETÀ IMMOBBLI

KAPITOLU 5 1 — RIKAVAT MINN KIRI

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELF MOGĦTI, INTERESSI TAL-BANK JEW OĦRAJN

KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	% 2018/2020
	KAPITOLU 5 0				
5 0 0	Rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli (forniment ta' prodotti)				
5 0 0 0	Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 0 1	Rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli oħra — Dħul assenjat	p.m.	p.m.		
	Artikolu 5 0 0 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 1	Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 2	Rikavat mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 1				
5 1 0	Rikavat mill-kiri ta' għamara u ta' tagħmir — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
5 1 1	Rikavat minn kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà immobbli u ħlasijiet marbuta mal-kirjiet				
5 1 1 0	Rikavat mill-kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà mobbli — Dħul assenjat	p.m.	p.m.		
5 1 1 1	Rimbors ta' ħlasijiet marbuta mal-kirjiet — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 5 1 1 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 2				
5 2 0	Dħul minn investiment jew self mogħti, interessi tal-bank jew oħrajn fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 5				
5 5 0	Rikavat mill-forniment ta' servizzi u xogħlijiet għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inklużi r-restituzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għal missjonijiet imħallsa f'isimhom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.		
5 5 1	Dħul minn partijiet terzi minħabba servizzi jew xogħol provdut fuq it-talba tagħhom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 5 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RESTITUZZJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONIJI**KAPITOLU 5 8 — KUMPENS VARJU****KAPITOLU 5 9 — DĦUL IEĦOR MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV**

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018	% 2018/2020
5 7 0	KAPITOLU 5 7 <i>Dħul li ġej mill-ħlas lura ta' ammonti mħallsa ħażin — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.		
5 7 1	<i>Dħul allokat għal skop speċifiku, bħal dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u laxxitu, inkluż id-dħul speċifiku allokat għal kull istituzzjoni — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 3	<i>Kontribuzzjonijiet u restituzzjonijiet oħra marbuta mal-operat amministrattiv tal-istituzzjoni — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 5 7 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
5 8 0	KAPITOLU 5 8 <i>Dħul li ġej minn indennizzi konnessi mal-kiri — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
5 8 1	<i>Dħul minn ħlasijiet ta' assigurazzjoni riċevuti — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 5 8 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
5 9 0	KAPITOLU 5 9 <i>Dħul ieħor mill-operat amministrattiv</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 5 9 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 5 — Total	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 5

DĦUL DOVUT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVAT MILL-BEJGĦ TA' PROPRJETÀ MOBBLI (FORNIMENT TA' PRODOTTI) U PROPRJETÀ IMMOBBLI

5 0 0 **Rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli (forniment ta' prodotti)**

5 0 0 0 Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-entrata hija maħsuba biex jiġi reġistrat dħul li ġej mill-bejgħ jew tpartit parzjali ta' vetturi li huma proprjetà tal-istituzzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

5 0 0 1 Rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-entrata hija maħsuba biex jiġi reġistrat dħul li ġej mill-bejgħ jew tpartit parzjali ta' proprjetà mobbli, minbarra vetturi, li huma proprjetà tal-istituzzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

5 0 1 **Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

5 0 2 **Rikavat mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 1 — RIKAVAT MINN KIRI**5 1 0 Rikavat mill-kiri ta' għamara u ta' tagħmir — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

5 1 1 Rikavat minn kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà immobbli u ħlasijiet marbuta mal-kirjiet**5 1 1 0 Rikavat mill-kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà mobbli — Dħul assenjat**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

5 1 1 1 Rimbors ta' ħlasijiet marbuta mal-kirjiet — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELF MOGĦTI, INTERESSI TAL-BANK JEW OĦRAJN**5 2 0 Dħul minn investiment jew self mogħti, interessi tal-bank jew oħrajn fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni**

Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	Sena finanzjarja 2018
p.m.	p.m.	0,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJET

5 5 0 Rikavat mill-forniment ta' servizzi u xogħlijiet għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inklużi r-restituzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għal missjonijiet imħallsa f'isimhom — Dħul assenjat

